# CONGREGATIO DE CAUSIS SANCTORUM
**P. N. 1544**

---

**GAUDISIENSIS**

BEATIFICATIONIS ET CANONIZATIONIS
SERVÆ DEI

# MARGARITÆ A S. CORDE IESU
(in saeculo: VIRGINIÆ DE BRINCAT)

FUNDATRICIS
SORORUM FRANCISCALIUM A SACRATISSIMO CORDE IESU
(1862-1952)

---

**RELATIO ET VOTA**
**CONGRESSUS PECULIARIS SUPER VIRTUTIBUS**
**DIE 12 APRILIS AN. 2013 HABITI**

ROMA
Tipografia NOVA RES s.r.l.
Piazza di Porta Maggiore, 2
2013

# CONGREGATIO DE CAUSIS SANCTORUM

**P. N. 1544**

---

**GAUDISIENSIS**

BEATIFICATIONIS ET CANONIZATIONIS
SERVÆ DEI

# MARGARITÆ A S. CORDE IESU

(in saeculo: VIRGINIÆ DE BRINCAT)

FUNDATRICIS
SORORUM FRANCISCALIUM A SACRATISSIMO CORDE IESU
(1862-1952)

---

**RELATIO ET VOTA**
**CONGRESSUS PECULIARIS SUPER VIRTUTIBUS**
**DIE 12 APRILIS AN. 2013 HABITI**

SUPER DUBIO

*An constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe, Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis, in gradu heroico, in casu et ad effectumde quo agitur.*

Maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard
Jannar 2014

## I – PRELIMINARI GĦALL-KUNGRESS

Nhar it-12 ta' April 2013, fid-9.30am, iltaqa' l-Kungress Pekuljari tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, imwaqqaf – skont in-normi tar-Regolament tal-imsemmi Dekasteru – mill-Promutur tal-Fidi, Mons. Carmelo Pellegrino, li hu l-President, mid-Dottoressa Annarita Ragni, li hi l-Attwarju, u mill-Konsulturi Teologi, biex jiddiskuti l-erojċità tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù (li l-isem tal-Magħmudija tagħha kien Virġinja De Brincat), Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù (1862-1952).

Flimkien mal-Promutur tal-Fidi kienu preżenti 7 mill-Konsulturi preskritti; Konsultur li kien assenti kien bagħat minn qabel il-vot tiegħu bil-miktub.

## II – VOTI TAL-KONSULTURI TEOLOGI

### VOT I

*Dwar il-pekuljarità tal-Kawża u dwar il-provi*

Din hi l-Kawża tal-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù (mgħammda Virġinja De Brincat), li twieldet fir-raħal ta' Kerċem, fil-gżira ta' Għawdex, fit-28 ta' Novembru 1852 u li kienet il-kofundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Mietet fil-Belt Victoria (Għawdex) fil-*Casa Madre* tal-Kongregazzjoni tagħha, fit-22 ta' Jannar 1952, fl-età ta' 89 sena. Kienet Superjura Ġenerali għal tletin sena. Fi snin oħra kellha diversi responsabiltajiet f'Għawdex, f'Malta, f'Korfù, eċċ…

Fil-fehma tagħna l-pekuljarità ta' din il-Kawża tinsab fil-kobor spiritwali ta' din il-Qaddejja ta' Alla u fid-dokumentazzjoni b'saħħitha li ġiet ippreżentata dwar ħajjitha u l-virtujiet tagħha.

Fil-fatt, anki jekk l-Inkjesta djoċesana nfetħet fl-1988 (jiġifieri 36 sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla), fiha 85 xhud (anki jekk ix-xhieda 76, 77, 78 u 80 m'għamlu l-ebda dikjarazzjoni; ix-xhieda 77 u 78 kienu *"ex officio"* u ma ddikjarawx). Mill-85 xhud, 70 huma xhieda *"de visu"*. U nistgħu noqogħdu wkoll fuq dikjarazzjonijiet ta' xhieda orali jew miktuba minn persuni li kienu jafu mill-qrib lill-Qaddejja ta' Alla. Xhieda orali nġabret ukoll 15-il sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla (ara dokumentazzjoni ppreżentata mix-xhud VII). U d-dokumentazzjoni miktuba ppreżentata minn dan ix-xhud VII tiġbor fiha wkoll manuskritti ta' konsorelli jew persuni li kienu jafu lill-Qaddejja ta' Alla u niżżlu wkoll xi tagħrif dwar meta l-Qaddejja ta' Alla kienet għadha ħajja. Din id-dokumentazzjoni abbundanti tippermettilna nkunu nafu sewwa l-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla sa mewtha. Kif joħroġ ċar, ix-xhieda ta' 70 xhud *"de visu"* quddiem it-tribunal huma wkoll sorsi b'saħħithom biex insiru nafu lill-Qaddejja ta' Alla.

Id-dokumentazzjoni ppreżentata mix-xhud VII toħroġ mill-inkarigu li kellu li jikteb bijografija tal-Qaddejja ta' Alla 15-il sena wara mewtha. Hu għamel tfittxija profonda ta' dokumenti u konverżazzjonijiet ma' persuni li kienu jafu lill-Qaddejja ta' Alla. Dan ippermetta li nagħmlu użu minn tagħrif importanti biex insiru nafu l-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla.

L-istudju li għamlet il-Kummissjoni Storika joffrilna wkoll materjal importanti biex insiru nifhmu aħjar dak li nsibu fid-dokumentazzjoni studjata mill-Kummissjoni.

Il-pariri dwar il-kitbiet (prattikament huma kollha ittri tal-Qaddejja ta' Alla) jgħinna ħafna biex nagħrfu l-aspetti tal-ħajja spiritwali tagħha.

L-*Informatio,* barra li joffri profil bijografiku qasir u kronoloġija tal-Qaddejja ta' Alla, jagħti preżentazzjoni tajba fuq il-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla u l-fama tagħha ta' qdusija, b'riferenza għax-xhieda u d-dokumenti preżenti fil-Kawża.

Il-*Biographia documentata* hi prattikament (kif jingħad fil-*Positio: Biographia documentata*, p. 2) meħuda mill-Bijografija miktuba minn Patri Paolo Calliari (xhud VII) ippubblikata Ruma, minn *Città Nuova*, fl-1987. Anki jekk hemm xi dokumenti miżjuda wara kull kapitlu, din mhix Bijografija bi kwotazzjonijiet mix-xhieda u d-dokumenti ppreżentati fil-*Positio*.

Kien ikun iżjed loġiku kieku nkitbet *Biographia documentata,* kif isir is-soltu, jiġifieri b'riferiment għas-sorsi miġbura fil-Kawża. U l-Bijografija ta' Patri Calliari setgħet tiġi pprezentata bħala żieda mehmuża, kif kultant isir f'ċerti Kawżi, billi jiġi offrut lill-Konsulturi l-ktieb ippubblikat f'Ruma.

*Dwar il-persuna tal-Qaddejja ta' Alla*
Il-Qaddejja ta' Alla twieldet f'familja Nisranija ħafna. Wara l-iskola primarja, ġiet mgħallma t-Taljan u l-Franċiż. Fl-1871 irċiviet il-Griżma tal-Isqof u għamlet l-Ewwel Tqarbina. Ta' 14-il sena (1876) talbet lill-konfessur tagħha biex setgħet tagħmel il-vot privat tal-kastità. Fl-1877 saret taf bl-għaqda tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", immexxija minn saċerdot żelanti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat. Imbagħad marret għand Dun Ġużepp Diacono. Kien hu li laqa' lill-Qaddejja ta' Alla fil-grupp ta' dawk imsieħba fit-"Tnax-il Stilla". Dun Diacono kien membru tat-Terz'Ordni Franġiskan u sar id-direttur spiritwali tal-Qaddejja ta' Alla. Grazzi għall-eżempju ta' Virġinja, ħafna tfajliet oħra daħlu fl-assoċjazzjoni u Dun Diacono fforma "Kuruna ta' Tnax-il Stilla" oħra. Meta ra l-ġenerożità ta' xi wħud minn dawn ix-xebbiet, bil-ħidma formattiva u karitattiva tagħhom b'riżq il-foqra, iċ-ċkejknin u l-abbandunati, Dun Ġużepp ġietu l-idea li jwaqqaf grupp ta' nisa kkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-proxxmu (ara *Informatio,* pp. 16-17). Għażel tnax u talab lill-Isqof iwaqqaf opra bl-isem ta' "Maestri Terzjarji Franġiskani" u kif kiteb hu stess: "Kongregazzjoni tas-Sorijiet tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk ta' Assisi". Il-grupp ingħaqqad f'Għawdex f'dar fil-Belt Victoria, fit-8 ta' Ottubru 1880. Fil-5 ta' Frar 1881, il-Qaddejja ta' Alla ħalliet id-dar tal-ġenituri tagħha u daħlet f'dak il-kunvent ċkejken imsejjaħ "Dar tal-Karità". Għamlet il-vestizzjoni f'idejn l-istess Dun Diacono fil-15 ta' Awwissu 1881, u ħadet l-isem ta' "Maestra Virġinja tal-Beata Margerita". Bdiet in-novizzjat tagħha. Dak iż-żmien l-Isqof kien għabba lil Dun Diacono, minħabba fiż-żelu appostoliku tiegħu, b'responsabbiltajiet pastorali oħra li kienu joħolqulu xi diffikultajiet biex jingħata kollu kemm hu għall-ħidma tal-"Maestri". Madankollu, bil-permess tal-Isqof, ġew aċċettati l-ewwel dixxipli biex jagħmlu l-professjoni tal-voti reliġjużi. Il-Qaddejja ta' Alla, anki jekk kienet għadha żagħżugħa ħafna, għamlet il-professjoni fil-15 ta' Awwissu 1883. Il-professa l-ġdida ddedikat ħinha biex takkumpanja u ssostni ż-żelu pastorali tad-direttur tagħha. Hekk hu għażilha bħala Segretarja fil-15 ta' Awwissu 1884. Għal tliet snin il-Qaddejja ta' Alla b'żelu kbir ingħatat għal dan is-servizz. Imma kellha tħabbat wiċċha ma' bosta saram – nuqqas ta' finanzi, eċċ. Dawn id-diffikultajiet iktar 'il quddiem kellhom iwasslu lil Dun Diacono biex jieħu deċiżjoni li qanqlet mhux ftit lill-Qaddejja ta' Alla, dik li jxolji l-opra li kien beda u jibgħat lura lir-reliġjużi jgħixu fi djarhom. Il-Qaddejja ta' Alla ħaditha kontra din id-deċiżjoni, u offriet ruħha biex tkompli l-Istitut li kien ġie approvat mill-Isqof. Il-Qaddejja ta' Alla hekk salvat il-Kongregazzjoni milli tingħalaq. Fl-ewwel kapitlu (1889) ġiet maħtura Superjura Ġenerali biex tmexxi l-Kongregazzjoni li sa dak iż-żmien kienet tikkonsisti f'erba' komunitajiet: tnejn f'Għawdex u tnejn f'Malta. Ħlief għal xi waqfiet, il-Qaddejja ta' Alla mexxiet il-Kongregazzjoni għal 30 sena sħaħ bħala Superjura Ġenerali. Fil-Kapitlu Ġenerali tal-1911 ġiet ikkonfermata f'din il-kariga. Imma Madre Margerita – li kienet diġà ġiet innominata f'ħames Kapitli – talbet lill-konsorelli biex jeżonorawha u jaħtru soru oħra. Ġiet eletta Madre Nazzarena. Il-Qaddejja ta' Alla marret taħdem f'Korfù fejn baqgħet sal-1917. Fil-Kapitlu tal-1917 ġiet eletta għas-sitt darba bħala Superjura Ġenerali.

Fl-1923 kellu jitlaqqa' l-Kapitlu l-ġdid. Skont il-*Biographia documentata* (pp. 118-121)

> "tlieta jew erba' konsorelli, fil-fatt, li kienu anki kwalifikati u responsabbli minn komunitajiet, forsi anki huma mqanqla minn intenzjonijiet tajba, urew li ma jaqblux ma' xi punti fil-mod ta' tmexxija li kienet tħaddem Madre Margerita, u akkużawha li ma kellhiex enerġija biżżejjed biex tikkoreġi l-abbużi fil-qasam dixxiplinari, li ma tantx kienet qed iżżomm ordni fl-amministrazzjoni

finanzjarja, li kienet twajba żżejjed meta taċċetta n-novizzi ġodda, u b'nuqqasijiet oħra ċkejknin ta' ordni prattiku, li huma kienu jippreferu li kieku tmexxew b'mod differenti" (*Biographia documentata*, p. 118).

Imma m'għandna l-ebda sorsi għal din l-ispjegazzjoni tal-*Biographia*.

Il-fatt hu li l-Qaddejja ta' Alla sofriet ħafna u l-ilmenti kienu qed jaslulha minn għand l-Isqof, Mons. Camilleri, li, anki jekk kellu stima kbira għall-Qaddejja ta' Alla, ra l-ħtieġa ta' direzzjoni ġdida fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni.

Fil-Kapitlu tal-21 ta' Mejju 1923, l-Isqof, li kien qed imexxih, tkellem dwar il-ħtieġa li tinħatar Superjura oħra (*ibid*, p. 119). Kienet sorpriża għall-parti l-kbira tas-sorijiet.

Effettivament, il-maġġoranza vvutat skont il-kuxjenza tagħha favur il-Qaddejja ta' Alla. L-Isqof ċanfar mhux ftit lis-sorijiet u ġagħalhom jergħu jivvutaw, bl-ordni li jagħżlu Superjura ġdida. Kien hemm klima ta' tensjoni kbira. Ta' min iżomm f'moħħu li l-Qaddejja ta' Alla diġà kellha 61 sena.

Madre Margerita kienet

"l-unika waħda kalma u serana qalb tant konfużjoni; anzi, niżlet għarkupptejha quddiem l-Isqof, u l-ewwel nett riedet titolbu maħfra f'isem is-sorijiet kollha, u mbagħad daret fuq il-membri tal-kapitlu, talbithom biex ma jaħsbux iżjed fiha, u biex minflok jagħżlu bħala superjura lil dik li quddiem Alla kienu jqisu l-iżjed denja ta' kariga bħal din" (*Biographia documentata*, p. 119).

Ġiet maħtura Madre Giovanna tal-Axxensjoni. L-esklużjoni tal-Qaddejja ta' Alla nikktet wisq lill-konsorelli tagħha u anki lil persuni oħra li ma kinux membri tal-Kongregazzjoni. Imma s-Superjura l-ġdida mietet erba' xhur wara b'attakk tal-qalb (*ibid.*, p. 120). Il-Kapitlu tal-1924 innomina bħala Superjura Ġenerali lil Madre Nazzarena ta' Santa Tereża, waħda mill-figuri prinċipali tal-Kongregazzjoni intimament marbuta mal-Qaddejja ta' Alla.

Ix-xhieda u d-dokumentazzjoni jgħarrfuna dwar is-servizz kbir li tat il-Qaddejja ta' Alla bħala Madre Ġenerali, il-ħajja interjuri profonda li għexet u għarfet tittrasmetti ħajja reliġjuża b'saħħitha lill-konsorelli tagħha, b'żelu appostoliku mħeġġeġ. Kienet ukoll formatriċi vera ta' dawk li mbagħad saru Superjuri Ġenerali jew lokali warajha.

Madre Margerita xprunat lill-Kongregazzjoni biex taqdi lill-Knisja anki barra minn Malta: fl-Italja, f'Korfù, fl-Etjopja.

Il-Qaddejja ta' Alla ltaqgħet f'udjenza mal-Qdusija Tiegħu Benedittu XV fl-1921. Fl-1937 il-Kongregazzjoni rċiviet id-*"Decretum laudis"* u fl-1947 l-approvazzjoni definittiva tal-Kostituzzjonijiet min-naħa tas-Santa Sede.

Il-Qaddejja ta' Alla kienet ħadet l-isem ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù fl-1887, meta għamlet il-Professjoni perpetwa skont il-Kostituzzjonijiet il-ġodda.

Il-Qaddejja ta' Alla, li diġà sa mis-snin għoxrin kienet maħkuma minn xi mard, fl-1940, ta' 78 sena, kellha attakk qawwi tal-qalb, l-ewwel wieħed f'serje twila li rrepetiet ruħha tul is-snin, sat-23 ta' Diċembru 1951, meta kellha attakk qawwi ta' puplesija ta' gravità intensa. Mill-1940 il-Qaddejja ta' Alla kienet tgħix il-*Casa Madre*, fejn għaddiet għaxar snin ta' ħajja intensa ta' talb u adorazzjoni quddiem is-Santissmu Sagrament. Kif nafu, il-Qaddejja ta' Alla mietet fit-22 ta' Jannar 1952.

Dawn is-snin fil-*Casa Madre*, mill-1940 sa mewtha, kienu snin ta' ħajja intensa ta' talb quddiem l-Ewkaristija. Il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla kienet iddur mal-Ewkaristija u kienet tiddedika sigħat sħaħ, binhar u billejl, tadura lis-Santissmu fil-kappella li kienet qrib ħafna tal-kamra li fiha mietet.

Kif għad ngħidu aħna u nittrattaw il-virtujiet, il-Qaddejja ta' Alla kienet eżempju ta' fidi fl-Imħabba ta' Alla u fil-Providenza tiegħu. Hi ruħ essenzjalment Ewkaristika. Hekk, barra ż-żelu appostoliku kbir tagħha, iffurmat lill-konsorelli tagħha biex jgħixu ħajja Ewkaristika intensa u jmexxu 'l quddiem id-diversi inizjattivi appostoliċi, għall-formazzjoni Nisranija tal-foqra, il-morda, subien u bniet foqra u abbandunati, b'fidi sħiħa fil-Providenza ta' Alla.

Meta mietet Madre Margerita, il-Kongregazzjoni kellha madwar 260 soru. Sas-sena tal-ġbir tal-*Positio*, l-2003, is-sorijiet kien jilħqu madwar 500, imqassma fi 73 dar, li minnhom 30 qegħdin f'Malta u f'Għawdex, 14 fl-Italja, u oħrajn fl-Etjopja, fil-Brażil, fil-Pakistan u fl-Awstralja (ara *Biographia documentata*, p. 193).

*Dwar il-virtujiet teologali*

Mill-abbundanza ta' xhieda u dokumentazzjoni għandna sorsi biżżejjed biex nistgħu nagħtu parir, biċ-ċertezza morali mitluba, dwar il-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla.

Il-familja tagħha kienet ta' reliġjożità profonda. Hekk il-Qaddejja ta' Alla sa minn ċkunitha kellha trobbija f'ħajja Nisranija mill-aqwa, li kellha twassalha għall-għotja sħiħa lil Alla, kif diġà għidna.

Dwar il-fidi tagħha, ix-xhieda jagħfsu fuq kemm din kienet fidi mill-aktar qawwija fl-Imħabba ta' Alla. Dan l-għarfien tal-Imħabba ta' Alla wassalha biex ikollha fidi l-aktar soda fil-Providenza tal-Mulej, li mexxietha biex taffronta d-diffikultajiet li ħabbtet wiċċha magħhom hi u tmexxi 'l quddiem l-inizjattivi kollha tal-Kongregazzjoni tagħha.

Ix-xhud V tiddikjara:

> "Madre Margerita kellha fidi kbira f'Alla, profondament maħbub minnha. F'kull ittra li kienet tikteb, kienet tiftaħ u tagħlaq b'nota fuq Alla li jħobb. Jekk Alla jħobbna, żgur li jipprovdilna dak li neħtieġu" (*Summarium*, p. 53).

U x-xhud VII jafferma:

> "Madre Margerita kellha fiduċja kbira f'Alla […] Kienet tgħix bil-providenza, għax kienet konvinta li Alla jieħu ħsiebna meta jonqosna l-meħtieġ. Fittxet dejjem li tgħix ir-rieda ta' Alla, anki meta kellha tħabbat wiċċha mat-tiġrib, li aċċettat dejjem bħala parti mir-rieda ta' Alla" (*Summarium*, p. 167).

Manifestazzjoni ċara tal-fidi ta' Madre Margerita nsibuha f'dak li diġà għidna fuq kif il-Qaddejja ta' Alla, meta kienet għadha żagħżugħa ħafna, ħadet fuqha r-responsabbiltà li tmexxi l-Kongregazzjoni, li l-fundatur kien lest li jxolji. Ix-xhud IX fil-fatt tgħid:

> "Kieku ma kellhiex il-fidi f'Alla, aħna llum m'aħniex hawn, għax kienet din il-fidi li tatha l-kuraġġ taffronta l-piż tat-tmexxija ta' din il-komunità. Din il-fidi wrietha b'mod ċar waqt it-talb: meta kienet tasal lura minn Malta u kont immur insellmilha, spiss kont insibha l-Kappella titlob, lanqas kienet tkellimni wisq, kienet tkun mitlufa fit-talb" (*Summarium*, p. 179).

Ix-xhieda jikkummentaw anki fuq kif il-Qaddejja ta' Alla kienet tittrasmetti l-fidi lil ta' madwarha:

> "Kienet titkellem fuq Alla Trinità b'qima kbira; kienet tistagħġeb kif Alla hekk kbir u immens seta' jsir bniedem biex joqrob lejna. Dan kien inissel fiha qima u mħabba kbira lejn l-umanità ta' Kristu, li hi kienet tiġborha fil-mumenti tal-Inkarnazzjoni, tal-Ewkaristija u tal-Mewt" (*Summarium*, p. 226).

Fix-xhieda tagħhom il-konsorelli tal-Qaddejja ta' Alla lkoll jaqblu dwar il-fidi kbira tagħha fil-mod kif kienet taffronta d-diffikultajiet ekonomiċi tal-Kongregazzjoni. Il-Qaddejja ta' Alla

> "kienet tintelaq għal kollox f'idejn Alla, u tintefa' f'riġlejn Ġesù Sagramentat" (*Summarium*, p. 275).

Meta l-ekonoma tal-komunità kienet titlobha l-flus għax ma kellhiex, il-qaddejja ta' Alla kienet tgħidilha: *"Il-Mulej jipprovdi"* (*Summarium*, p. 147).

Ix-xhieda jilmħu din il-fidi qawwija tal-Qaddejja ta' Alla fis-sigħat twal li kienet tqatta' titlob quddiem is-Santissmu Sagrament. Kienet tgħaqqad il-fidi mal-imħabba tagħha lejn il-Mulej preżenti fl-Ewkaristija Mqaddsa u l-fiduċja f'din l-Imħabba ta' Alla (ara *Summarium*, pp. 198, 226, 299, 317, eċċ.). Din iċ-ċentralità tal-Ewkaristija, fil-fehma tax-xhieda, hi l-manifestazzjoni tal-fidi l-iżjed qawwija tal-Qaddejja ta' Alla, magħquda mad-devozzjoni tagħha lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù (ara *Summarium*, p. 161), li kienet ixxerred u tirrikkmanda lil kulħadd, waqt li tħeġġeġ id-devozzjoni ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar (ara *ibid.*).

Il-Qaddejja ta' Alla nisslet din l-istess fidi qawwija fil-konsorelli tagħha u f'dawk li kien ikollha x'taqsam magħhom. Kienet dejjem tistieden għal ħajja ta' talb. Fil-fatt it-talb

> "kellu l-post ċentrali fil-ħajja ta' Madre Margerita. Kienet tgħidilna biex nagħmlu mill-ġurnata tagħna talba waħda li ma taqtax" (*Summarium*, p. 378).

Ix-xhieda jitkellmu wkoll dwar il-fidi u mħabba qawwija tal-Qaddejja ta' Alla lejn il-Verġni Mqaddsa (ara p. 325, 341, eċċ.). Il-Qaddejja ta' Alla kienet tagħmel ħafna pellegrinaġġi Marjani, speċjalment għas-Santwarju Marjan ta' Ta' Pinu, fil-gżira ta' Għawdex. Kienet tissuġġerixxi lill-konsorelli tagħha biex fl-isem reliġjuż tagħhom iġorru kollha l-isem ta' Marija u kienet tistedinhom *"inqiegħdu t-tama kollha f'Marija, Omm il-vokazzjoni tagħna"* (*Summarium*, p. 325).

Bħala manifestazzjoni tal-fidi tal-Qaddejja ta' Alla, ix-xhieda jfaħħru wkoll id-devozzjoni tagħha għall-Knisja, l-ubbidjenza tagħha lejn l-Isqfijiet u lejn il-Qdusija Tiegħu l-Papa u lejn il-Maġisteru tal-Knisja. Ifaħħru wkoll is-sottomissjoni umli u sħiħa tagħha lejn l-awtorità ekkleżjastika (ara *Summarium*, pp. 35, 263, eċċ.).

Frott ta' din il-fidi qawwija ta' Madre Margerita fil-Providenza Divina hi t-tama tagħha quddiem it-tiġrib kollu. Kollox kienet tqiegħed f'idejn Alla, konvinta li qatt ma kienet se tonqos l-għajnuna tiegħu. Bosta huma l-fatti konkreti miġbura fis-*Summarium* fejn ix-xhieda juruna din it-tama soda tagħha.

Jirriferu qabel xejn għal kif il-Qaddejja ta' Alla, meta kienet għadha żagħżugħa ħafna u mingħajr xi esperjenza speċjali ta' tmexxija, aċċettat li ma tħallix il-Kongregazzjoni tispiċċa ħesrem, imma ħasset is-sejħa tal-Mulej li toffri ħajjitha biex tkompli tmexxiha 'l quddiem u hekk għamlet. Fil-fatt, Madre Margerita, għax qiegħdet kollox f'idejn il-Providenza Divina, irnexxielha tagħti ħajja lill-Kongregazzjoni, tifforma novizzi ġodda u tibda għadd ta' inizjattivi u tiftaħ komunitajiet f'diversi mkejjen.

Xhud minnhom tafferma:

> "F'Madre Margerita t-tama kienet tidher fil-fiduċja kbira tagħha f'Alla, sew f'dak li hu materjali, imma fuq kollox f'dak li hu spiritwali, għax kienet tistenna bl-ikbar ħeġġa dak li ġej mis-Sema u mill-għaqda ma' Alla, mhux għall-merti tagħha, imma għax kienet tpoġġi l-fiduċja kollha tagħha fil-merti ta' Ġesù" (*Summarium*, p. 227).

L-*Informatio* jikkwota għadd ta' xhieda fuq ġrajjiet konkreti li juru t-tama li kellha l-Qaddejja ta' Alla (pp. 48-54): b'riferiment għall-mod kif salvat il-Kongregazzjoni (p. 48) u fatti konkreti ta' karattru ekonomiku: darba l-ekonoma qaltilha – hi u taqra ktieb lis-sorijiet – li ma kellhomx flus biżżejjed biex jixtru l-laħam għall-ikel. Il-Qaddejja ta' Alla qaltilha: "Jien m'għandix flus, imma għada l-Mulej jaħseb hu". U dak il-ħin stess, mill-ktieb waqgħet sterlina tad-deheb u hi tatha lis-soru (ara *Informatio,* p. 49; *Summarium,* p. 113). Darba oħra ma kellhomx flus biex jixtru x'jieklu. Il-Qaddejja ta' Alla baqgħet kalma. Ftit wara ħabbat il-bieb wieħed sinjur, u offrielhom somma kbira ta' flus. Ħadd ma kien jaf min kien dan ir-raġel. Il-Qaddejja ta' Alla ħasbitu xi messaġġier ta' San Ġużepp (ara *Informatio,* p. 49; *Summarium,* p. 239). Anki fi żmien il-Gwerra Dinjija, il-Qaddejja ta' Alla wriet fiduċja kontinwa fil-Mulej, bħal meta daqqet is-sirena u kienet tmur dejjem quddiem it-Tabernaklu u tibqa' hemm sa ma jintemm l-attakk. Fiha kien hemm dejjem paċi kbira (ara *Summarium*, pp. 112-113; *Informatio,* p. 50).

Is-sorijiet, xhieda *"de visu"*, huma konvinti mit-tama erojka tal-Qaddejja ta' Alla u minn kif din it-tama kienet tagħti serenità u kalma lill-komunità u lill-persuna li kienu f'diffikultà (ara *Informatio,* p. 53; *Summarium,* pp. 212-213; 294-295, 318).

Meta x-xhieda jitkellmu fuq il-fama tal-qdusija tal-Qaddejja ta' Alla, kollha jinsistu u jqisu l-imħabba lejn Alla bħala ċ-ċentru tal-virtujiet tagħha. Mara nnamrata mill-Mulej, u miegħu kienet iddur ħajjitha kollha. Fil-fatt, kif jikkonferma l-*Informatio* (p. 55), id-dispożizzjonijiet kollha proċesswali jirriferu, qabel xejn, għal din l-Imħabba kbira ta' Madre Margerita lejn Alla u għall-profondità tal-ħajja interjuri tagħha. Il-konsorelli tagħha jfissrulna kif il-Qaddejja ta' Alla kienet titkellem b'mod speċjali fuq l-imħabba lejn Alla u fuq il-fedeltà lejn ir-Regoli bħala wirja ta' din l-imħabba (ara xhieda ta' ittra tal-Qaddejja ta' Alla kkwotata fl-*Informatio* f'p. 55).

> "Id-diskors tagħha kien idur kontinwament mal-imħabba ta' Alla u l-kobor tiegħu. Kienet tħobb tittratta dan l-argument f'kull waqt, anki waqt il-ħin tar-rikreazzjoni. Kellha xewqa kbira u kienet fuq ix-xwiek biex tarana impenjati fi mħabbitna lejn Ġesù. Għal Madre Margerita, t-talb kien jiġi l-ewwel u qabel kollox, u għaliha l-ħin tat-talb qatt ma kien biżżejjed […]. Kienet tħobb il-kontemplazzjoni: qatt ma rajtha taqra ktieb, imma l-ġabra profonda tagħha kienet xhieda li ħsiebha kien mgħaddas f'Alla" (*Summarium*, p. 398, xhieda ta' Swor Lucilla Caruana).

F'xhieda oħra naqraw:

> "Personalment jien tal-fehma li l-imħabba lejn Alla kienet l-ogħla virtù li Madre Margerita ħabirket biex tgħix u tassew irnexxielha […]. Tant kienet magħquda ma' Alla li ma kienet titlef l-ebda okkażjoni biex tħeġġiġna, biex hekk aħna wkoll stajna niggustaw dik il-ħlewwa spiritwali. Anki meta kienet tiltaqa' magħna fil-kurituri kienet tistedinna minn taħt l-ilsien 'biex inħobbuH'" (*Summarium,* pp. 415-416).

Kif għidna aħna u nitkellmu fuq il-fidi tagħha, il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla kienet essenzjalment Ewkaristika. Lejl u nhar kienu jsibuha mixħuta quddiem it-Tabernaklu f'estasi kontemplattiva. Sa mewtha għexet din il-ħajja Ewkaristika, li kienet tħeġġeġ biha lill-konsorelli tagħha u lill-persuni li magħhom kellha x'taqsam.

Anki x-xhieda juruna kif Madre Margerita kienet tgħix imħabbitha b'sens ta' penitenza. Kienet titlob lill-Mulej maħfra għad-dnubiet kollha tad-dinja.

Imħabbitha lejn Alla nsibuha wkoll fiż-żelu appostoliku tagħha. Jiġifieri, kif tgħid xhud minnhom:

> "Kienet xewqa kbira tagħha li Ġesù jkun magħruf u maħbub […]. Kienet teżorta lin-novizzi biex jitħejjew bir-reqqa u jikbru fil-vokazzjoni tagħhom, biex hekk setgħu jmorru mad-dinja kollha ħa jwasslu l-isem ta' Alla hemm fejn għadu mhux magħruf" (*Summarium*, p. 212).

Minn din l-imħabba lejn Alla kienet ġejja l-imħabba kbira tagħha għall-proxxmu, li tidher fil-ħajja personali tagħha u f'dak kollu li għamlet il-Kongregazzjoni tagħha ma' tfal, morda, foqra, persuna li kellhom bżonn tal-edukazzjoni u tal-formazzjoni Nisranija. L-*Informatio* (pp. 59-62) jiġbor xhieda li jispjegaw b'fatti konkreti din l-imħabba ta' Madre Margerita lejn il-proxxmu. Juruna kif il-Qaddejja ta' Alla

> "kienet partikularment attenta għaċ-ċkejknin, il-batuti, il-foqra. Niftakar kemm kienet tinsisti magħna biex ma nagħmlu l-ebda preferenza fost it-tfal. Il-preferenza tagħna kellha tkun għall-ifqar, l-iktar maħmuġa. Il-parir tagħha kien li dejjem inżommu xi ħaġa minn dak li konna nirċievu biex inqassmuha lill-foqra" (*Summarium*, p. 190).

Ix-xhieda jaffermaw ukoll li din l-imħabba lejn il-foqra u dawk fil-bżonn jew morda tgħaddi mill-"bieb id-dejjaq" tal-ħajja fraterna bejn is-sorijiet fil-komunità reliġjuża. Fraternità li l-Qaddejja ta' Alla kienet tgħix b'sens intens sopranaturali u uman, hekk li kienet ixxerred paċi u ferħ fost kulħadd (ara *Summarium*, pp. 168, 358, 417). Il-Qaddejja ta' Alla kienet tħeġġeġ fost is-sorijiet tagħha dik il-ħajja ta' mħabba kbira fraterna. Kienet dejjem strument ta' għaqda fost kulħadd. Tgħidilna xhud ieħor:

> "L-għaqda fil-komunità dejjem kienet ix-xewqa ta' Madre Margerita. Meta kienet teżortana biex ngħixu l-għaqda tagħna ma' Alla, fl-istess ħin kienet tagħfas fuq il-ħtieġa tal-għaqda u l-ftehim bejnietna […]. Kienet attenta biex tkun materna fil-korrezzjonijiet […] biex hekk ma tumilja lil ħadd" (*Summarium*, p. 276).
>
> "Meta kienet tkun trid tagħmel xi korrezzjoni lil xi soru, ma kinitx iċċanfarha waqt xi kapitlu, imma kienet issejħilha fiċ-ċella tagħha u bi kliem li jipperswadi kienet tgħinha tikkoreġi d-difetti tagħha" (*Summarium*, p. 119).

Anki meta kienet Superjura, il-Qaddejja ta' Alla kienet tgħin lis-sorijiet fil-faċendi tad-dar, bħal, ngħidu aħna, taħsel il-ħwejjeġ, tiknes l-art, fix-xogħol tal-ħjata, eċċ. (ara *Summarium*, p. 408).

Din l-imħabba kbira tal-Qaddejja ta' Alla kienet twassal lill-konsorelli u lill-persuni li kien ikollha x'taqsam magħhom biex jersqu lejn Alla b'sens sopranaturali u jilmħu l-kobor tal-imħabba fraterna.

*Dwar il-virtujiet l-oħra*

Minn dak li affermaw fix-xhieda tagħhom il-konsorelli tal-Qaddejja ta' Alla dwar il-prudenza ta' Madre Margerita, jidher li din il-virtù jħossuha marbuta b'mod qawwi mal-imħabba tagħha. Anzi, meta jitkellmu fuq il-prudenza kbira tal-Qaddejja ta' Alla, dejjem tidher marbuta mal-, u riżultat tal-imħabba erojka tal-Qaddejja ta' Alla: l-imħabba għall-proxxmu, ix-xewqa li tgħin lis-sorijiet kollha tagħha jimxu lejn il-qdusija, bil-kliem tagħha, bil-korrezzjonijiet tagħha, bl-eżempju tagħha. Ix-xhud XXX, Swor Luigina Meilak, tiddikjara:

> "M'għandi l-ebda dubju dwar il-prudenza tal-Madre, għax kemm fi kliemha u kemm fl-imġiba tagħha kienet tuża l-imħabba bħala termometru. Għalhekk jien konvinta li fit-twissijiet, fil-pariri

dejjem fittxet li taġixxi bi prudenza […]. Anki l-lajċi kienu jfittxuha biex jitolbuha l-pariri u l-Madre kienet tgħin lil kulħadd" (*Summarium*, p. 295).

Għalhekk ifaħħru l-prudenza anki bħala espressjoni tal-imħabba ta' Franġiskana tajba li kienet turi ruħha bħala persuna kalma u bilanċjata (ara *Summarium*, p. 239). Tgħid xhud oħra:

"Kellha kelma tajba għal kulħadd, kulħadd kien jafda magħha u hi kienet tagħtihom pariri tajbin, direzzjoni spiritwali tajba, u kienet tħalli l-paċi f'qalb kulħadd" (Dikjarazzjoni ta' Madre Paċifika; *Biographia documentata*, p. 102).

L-istess relazzjoni mal-imħabba erojka tagħha nsibuha fis-sens u l-virtù tal-ġustizzja ta' Madre Margerita lejn Alla u lejn il-proxxmu.

Hu mfaħħar il-mod kif il-Qaddejja ta' Alla kienet twettaq id-dmirijiet tagħha ta' reliġjuża, kemm fis-snin tagħha bħala Superjura Ġenerali, u kemm fis-snin tagħha bħala suddita (ara *Summarium*, pp. 180, 190, 191).

Magħrufa hija l-ġustizzja tagħha ma' dawk li kienu jiddependu minnha u mal-benefatturi tal-Kongregazzjoni u ma' tant persuni li kienu jgħinuha fil-mumenti iebsin mil-lat ekonomiku (ara *Summarium*, pp. 52, 359). Ix-xhieda jaraw ukoll il-ġustizzja tal-Qaddejja ta' Alla bħala manifestazzjoni tal-umiltà tagħha u s-sens ta' responsabbiltà fis-servizz lill-komunità, mingħajr ma qatt għamlet preferenzi. Meta kellha tagħmel xi korrezzjoni, għamlitha għall-ġid tas-sorijiet u qatt ma approfittat mill-ministeru tagħha ta' Superjura għal interess personali (ara *Summarium*, pp. 240, 267). Xhieda konsorella oħra tiddikjara:

"Kienet tiggwidana b'għerf u qawwa u wettqet id-dmirijiet tagħha ta' ġustizzja lejn il-Kongregazzjoni u lejna. Minkejja mħabbitha għalina, ma kinitx tibża' tieħu deċiżjonijiet iebsin, bħal, ngħidu aħna, meta bagħtet tliet novizzi d-dar għax ma kinux tajbin għall-ħajja reliġjuża" (*Summarium*, p. 285).

Ix-xhieda, fuq kollox dawk li kienu jafu d-diffikultajiet li kellha ġarrab u tħabbat wiċċha magħhom il-Qaddejja ta' Alla biex twettaq dak kollu li l-Mulej kien jitlob minnha matul is-snin, juruna tajjeb b'liema qawwa Madre Margerita wettqet ir-rieda tal-Mulej, anki jekk konxja mid-dgħufija tagħha.

"Anki quddiem id-diffikultajiet kbar, qatt ma tilfet il-kuraġġ. Fl-istess ħin irrid ngħid li l-Madre kienet konxja mid-dgħufija tagħha, u għalhekk kienet il-ħin kollu għassa biex tirbaħ lilha nfisha. Quddiem it-tiġrib kienet kapaċi tissaporti kollox b'rieda soda. Kienet toffri t-tbatija tagħha bħala att ta' tpattija għad-dnubiet li jweġġgħu lil Ġesù […]. Qatt ma smajtha tgerger minħabba l-mard tagħha, jew ix-xjuħija; pjuttost kienet tagħtik l-impressjoni li kienet persuna rassenjata" (*Summarium*, pp. 343-344).

Anki meta nagħtu ħarsa lejn il-mixja bijografika li tulha l-Qaddejja ta' Alla kompliet tmexxi 'l quddiem il-Kongregazzjoni, ibda mix-xogħol ta' servizz fid-diversi bliet u rħula u – kif diġà spjegajna – kif ħadet ir-responsabiltà, għalkemm kienet għadha żgħira, tat-twaqqif tal-Kongregazzjoni meta l-fundatur ried ixoljiha.

Ix-xhieda jitkellmu wkoll dwar il-qawwa tal-Qaddejja ta' Alla fil-mod kif għexet ħajja ta' sawm, mhux biss fir-Randan jew fl-Avvent. U kif kienet awstera fl-użu taċ-ċilizzju u tad-dixxiplini tal-ħadid (ara *Summarium*, p. 106).

Hu mfaħħar wkoll rażan tagħha kemm f'dak li għandu x'jaqsam mar-rieda tagħha hi u tagħmilha ma' persuni li setgħu kienu ta' fehmiet differenti minn tagħha, u kemm fil-mod

rigoruż kif kienet tiekol jew titlob l-għajnuna ta' oħrajn. Huma ħafna l-fatti konkreti ta' persuni li raw kif il-Qaddejja ta' Alla ma kienet qatt tiekol laħam, u kienet tagħżel li tiekol l-agħar ikel, kienet tiekol il-ħobż niexef li kienu jħallu s-seminaristi, kienet tħalli l-ħelu jibbies, eċċ. (ara *Summarium*, pp. 40, 52, 70, 118, 152, eċċ.). Kienet tħeġġeġ lis-sorijiet imorru kontra l-gosti tagħhom u jħobbu s-sagrifiċċju mis-sodisfazzjon personali (ara *Informatio*, p. 73). Imma din l-awsterità kienet marbuta b'mod intimu ma' spirtu ta' paċi u ta' armonija li kien jidher fl-imġiba esterjuri tagħha mal-konsorelli u ma' persuni oħra li kien ikollha x'taqsam magħhom. Ix-xhieda jfaħħru wkoll il-modestja tagħha fl-ilbies u fil-mod kif kienet tagħti pariri lill-konsorelli dwar hekk.

Kienet tirrikkmanda ħafna lis-sorijiet biex jagħfsu sew taħt riġlejhom l-amor propju u ma jikkuntentawhx (ara *Summarium*, p. 142). Konsorella tagħha tiddikjara:

> "Kienet tittratta lil ġisimha b'mod iebes qisu kellha magħha għadu mqit. Oh! Kemm kienet tafu tajjeb dan l-amor propju u kemm irreżistiet l-attakki tiegħu! Tant li nistgħu ngħidu li tatu daqqa ta' ħarta mortali, għax fl-opri kollha tagħha kienet tispikka biss l-imħabba ta' Alla u qatt ma deher l-amor propju" (*Summarium*, p. 142).

Flimkien ma' dawn il-virtujiet tar-rażan u tal-qawwa, insibu l-kastità sħiħa u l-imħabba lejn is-safa qaddis li l-Qaddejja ta' Alla għexet u rawmet fost il-konsorelli tagħha. Ix-xhieda kollha huma unanimi fuq il-virtù għolja tas-safa mqaddes li għexet il-Qaddejja ta' Alla: minn kif kienet trażżan is-sensi, speċjalment l-għajnejn (ara *Summarium*, p. 297) u minn kif kienet tagħmel atti ta' penitenza. Fil-kitbiet u l-ittri tagħha lid-direttur spiritwali tidher din l-imħabba lejn is-safa mqaddes li kellha l-Qaddejja ta' Alla (ara *Informatio*, p. 77).

Xhud minnhom tafferma:

> "Kienet tħobb is-safa u l-modestja u tfittex li tħeġġeġ dawn il-virtujiet f'dawk kollha li magħhom kien ikollha x'taqsam u kienet tistmerr dak kollu li kien ixekkel l-eżerċizzju ta' din il-virtù. Lil ommi kienet tgħidilha biex tlibbisna b'mod xieraq" (*Summarium*, p. 252).

Huma kotrana u konkreti ħafna x-xhieda fuq l-imħabba li kellha l-Qaddejja ta' Alla għall-faqar. Kien faqar tassew Franġiskan dak li għexet hi u riedet li tgħix il-komunità kollha tagħha, skont ir-regoli ta' San Franġisk. Il-vot tal-faqar kien wieħed mill-akbar imħabbiet tagħha (ara *Summarium*, p. 41). Jekk nimxu mal-*Biographia documentata* tagħha u x-xhieda naraw kif il-Qaddejja ta' Alla għexet faqar sħiħ. Kemm drabi Madre Margerita u l-komunità ma kellhomx x'jieklu, imma l-Qaddejja ta' Alla kienet żgura li l-Mulej kien sa jidħol għalihom. Bosta huma l-okkażjonijiet li nilmħu tul ħajjitha. U kif il-Qaddejja ta' Alla kienet tafda għal kollox fil-Providenza Divina. U naraw wkoll kif tant drabi kienet tagħti lill-foqra jew lil min kien jitlobha l-għajnuna, l-uniku ikel li Madre Margerita kellha dak in-nhar fil-komunità.

Fil-fehma tagħna, dan il-faqar strett li għexet il-Qaddejja ta' Alla hu karatteristika speċjali tal-mixja tagħha ta' twaħħid ma' Kristu u ta' appostolat ma' dawk l-iżjed foqra u fil-ħtieġa ta' għajnuna materjali.

F'xhieda minnhom naqraw:

> "Kienet tħobb il-faqar, imma kienu jdejquha sorijiet traskurati fi lbieshom. L-atteġġjament tal-faqar għaliha kien ifisser li tgħix fi spirtu ta' distakk u ħielsa minn kull ħsieb materjali" (*Summarium*, p. 319).

L-istess xhieda jaffermaw kif il-Qaddejja ta' Alla kienet tixtieq li s-sorijiet kollha tagħha jgħixu fil-faqar (*Summarium*, p. 203). Il-Qaddejja ta' Alla

"kellha fuq is-sodda tagħha liżar wieħed biss, mhux tnejn; fix-xitwa kutra waħda biss tas-suf; imħadda tat-tiben, mhux tas-suf; ftit ħwejjeġ. Fil-vjaġġ kienet tieħu magħha ftit li xejn. Riedet tiċċekken billi jkollha titlob kollox lis-superjura ta' fejn tkun sejra u riedet kollox fqir u żgħir" (*Summarium,* p. 85).

Ix-xhieda jinsistu dwar kif il-Qaddejja ta' Alla, bil-ħajja fqira tagħha u l-kelmiet tagħha, ħabbret il-messaġġ ta' San Franġisk.

Aspett ieħor importanti tal-ħajja virtuża ta' Madre Margerita nsibuh fl-umiltà tagħha u fl-ispirtu ta' ubbidjenza li kellha. Huma wkoll meħtieġa fil-ħajja virtuża ta' din il-Qaddejja ta' Alla.

L-ubbidjenza u s-servizz umli tagħha lejn il-fundatur jidhru fis-sottomissjoni lejh li uriet fl-ewwel snin tat-twaqqif u li tiegħu kienet qaddejja l-iktar umli sakemm Dun Diacono ddeċieda li jxolji l-Kongregazzjoni. Hu x'inhu, għandna prova tajba ħafna li l-Qaddejja ta' Alla qatt ma żammet f'qalbha xi fastidju lejn dan is-saċerdot, anzi kienet tirrispettah ħafna u assistiet għall-mewt tiegħu b'niket kbir. Madre Margerita ma kinitx tieħu gost meta jsejħulha fundatriċi tal-Kongregazzjoni. Kienet tħobb tgħid li *"Il-Fundatur hu dak t'hemm fuq"* (*Summarium,* p. 69).

Tidher ukoll l-ubbidjenza tal-Qaddejja ta' Alla lejn l-Isqof, kien min kien; kemm l-Isqof ta' Malta u kemm ta' Għawdex.

Biex nifhmu l-eroiżmu tal-virtù tal-ubbidjenza u tal-umiltà tal-Qaddejja ta' Alla hu sinifikanti ħafna dak li seħħ fil-Kapitlu Ġenerali tal-1923 (ara *Summarium,* pp. 106-107 e *Biographia documentata,* pp. 118-120), li diġà tkellimna dwaru.

Tgħid xhud oħra:

"Fis-sena 1923 iltaqa' l-Kapitlu Ġenerali. Ippresieda Mons. Isqof Fra Giovanni M. Camilleri, li lejlet l-istess Kapitlu kien ħejja lill-Vokali b'eżortazzjoni mqanqla biex jitħejjew sewwa ħa jagħżlu l-Madre Ġenerali, u bi kliem iebes kien eżortahom b'mod ċar biex ma jagħżlux bħala Superjura ġenerali lil Madre Margerita, għax qal li kien meħtieġ li jkun hemm oħrajn li jitħarrġu fl-uffiċċju ta' Madre Ġenerali, u kompla jgħidilhom: 'Jekk intom tagħżlu lil Madre Margerita, jien ma nikkonfermahiex'. Tistgħu taħsbu x'sorpriża kienet din għall-Vokali. Minkejja li l-Isqof għamel dak kollu possibbli biex ma tintgħażilx din il-Madre, il-Vokali xorta vvotaw skont il-kuxjenza tagħhom u kollha barra xi waħda taw il-vot tagħhom lil Madre Margerita. Meta l-Isqof ħa f'idejh il-voti u sab li Madre Margerita kienet ġiet magħżula bil-maġġoranza tal-voti, beda jċanfar bil-qawwa lill-Vokali u mbagħad ordnalhom jivvotaw mill-ġdid, għax ma riedx japprova dik il-votazzjoni. Madre Margerita, li kienet preżenti għal dak li ġara, niżlet għarkupptejha quddiem l-Isqof u talbitu maħfra f'isem il-Vokali kollha għax ma kinux obdew, u umilment talbitu jistabar bid-dgħufijiet tagħhom. Imbagħad l-Isqof dar fuq il-Vokali u talabhom jivvotaw għal soru oħra li huma kienu jemmnu li kien jistħoqqilha l-iżjed quddiem Alla. Żgur li ġest bħal dan wera kemm il-Madre kienet mimlija bil-virtù tal-Umiltà Mqaddsa" (*Summarium,* pp. 106-107; Manuskritt ta' M. Luisa Busuttil).

Is-saċerdot ta' Korfù Dun A. Galea, li kien ukoll konfessur tal-Qaddejja ta' Alla, jafferma b'mod ċar li l-Qaddejja ta' Alla kienet

"omm li ma fihiex xi tmaqdar, umli fil-modi tagħha, mansweta u ħelwa, imma l-iżjed li kont nammira fiha kienet l-ubbidjenza għamja tagħha" (*Summarium,* p. 121).

Ix-xhieda kollha jitkellmu fuq din l-umiltà profonda tal-Qaddejja ta' Alla u fuq l-ubbidjenza tagħha lejn l-Isqfijiet u s-Superjuri tagħha, anki jekk kienet għal tant snin Superjura Ġenerali

(ara *Summarium*, pp. 203, 296, 253, 299, eċċ.). Anki fl-ittri tagħha nsibu din l-imħabba ċara tagħha għall-virtù tal-umiltà (ara *Informatio*, p. 93).

Xhud oħra tafferma:

> "L-umiltà tagħha ma kinitx tippermettilha bl-ebda mod li tiġbed l-għajn […] kienet ruħ moħbija. Kienet differenti mis-superjuri l-oħra, mhux għax dawn ma kinux tajbin, imma kienu iżjed attivi u kienu jidhru iżjed, waqt li Madre Margerita kienet tippreferi tibqa' wara, mhux għax kienet tibża' minn xi ħaġa jew xi ħadd, imma sempliċiment għall-virtù" (*Summarium*, p. 367).

*Fuq il-fama ta' qdusija*

Il-fama ta' ħajja ta' qdusija hi affermata mix-xhieda kollha. L-ambitu ta' din il-fama, kemm tul ħajjitha stess u kemm wara mewtha, hu fil-lokalitajiet ta' Malta u f'dawk il-bliet fejn kienet magħrufa. Għandna xhieda ta' din il-fama anki minn xi Isqfijiet li saru jafu lill-Qaddejja ta' Alla jew il-Kongregazzjoni tagħha.

Anki jekk minn ottika internazzjonali l-persuna tal-Qaddejja ta' Alla mhix magħrufa ħafna, f'Malta u fil-bliet fejn jaħdmu s-sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha l-persuna ta' Madre Margerita, anki wara x-xandir tal-Bijografija tagħha u tal-ittri tagħha, hi magħrufa bħala qaddisa ħajja. Hemm ittri ta' 19-il Isqof minn bosta pajjiżi (Malta, il-Greċja, il-Brażil, l-Etjopja, il-Kenja, l-Italja, il-Pakistan, l-Awstralja) li jesprimu x-xewqa għall-beatifikazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla u jfaħħru ħajjitha.

Fl-*Informatio* ma sibniex riferimenti għal favuri attribwiti bl-interċessjoni tal-Qaddejja ta' Alla. Ftit xhieda jwieġbu għal nru XXIV tal-Interrogatorju, li hu dak li jistaqsi dwar favuri attribwiti bl-interċessjoni tal-Qaddejja ta' Alla (ara xhud 29, li titkellem fuq favur).

*Konklużjoni*

Fuq il-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla aħna konvinti mill-erjoċità tagħha. Hemm anki l-fama ta' qdusija fl-ambitu fejn kienet magħrufa l-persuna tagħha.

Ma sibniex favuri jew grazzji attribwiti bl-interċessjoni tal-Qaddejja ta' Alla.

Hu x'inhu, jirriżultawlna b'saħħithom il-provi dwar il-qdusija tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla.

Għalhekk, għad-dubju li tressaq quddiemna nwieġbu *affirmative, s.m.i.*

VOT II

1. ĦJIEL BIJOGRAFIKU

Il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, twieledet fit-28 ta' Novembru 1862, f'Kerċem, raħal ċkejken fil-gżira ta' Għawdex, fl-arċipelagu Malti, bint Mikelanġ De Brincat u Katarina Gauci, nies sempliċi, bieżla u ta' fidi profonda.[1]

Is-sitt waħda minn ħdax-il wild, ġiet mgħammda dak in-nhar stess fil-knisja ta' San Ġorġ Martri, ir-Rabat, il-Ġimgħa ta' qabel l-ewwel Ħadd tal-Avvent; tawha l-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppa, Marija u Ġovanna.

Tfulitha għaddietha fi klima ta' serenità u ta' mħabba fil-familja, li fiha, kif hi stess iktar tard tgħid, ġiet edukata fil-valuri Nsara u f'sens ċiviku għoli.

B'mod partikulari, minn ommha ċ-ċkejkna tgħallmet tħobb lil Alla l-ewwel u qabel kollox, u lill-proxmu b'sensibbiltà u ġenerożità kbira. Għalkemm soċjevoli ħafna u ta' karattru miftuħ, kienet riservata: kienet tagħmel bil-qalb il-qadjiet ċkejknin tad-dar, fuq l-eżempju ta' ommha u ta' oħtha l-kbira, Dolora, li lejha kienet miġbuda ħafna. Malajr tgħallmet taħdem il-bizzilla fuq it-trajbu, ħaġa li ppermettitilha tgħin ftit biex issostni l-familja numeruża tagħha.

Mogħnija b'intelliġenza kbira u b'rieda determinata, iffrekwentat b'suċċess l-iskejjel primarji tal-Gvern u, dritt wara, tkissret fl-istudju tat-Taljan u tal-Franċiż, fejn uriet kapaċità li spikkat għal-lingwi.

Ta' disa' snin, fil-15 ta' April 1871, irċiviet il-Griżma tal-Isqof minn idejn l-E.T. Mons. Anton Grech Delicata, Isqof ta' Għawdex, u xi ftit jiem biss wara l-Ewwel Tqarbina. Minn kmieni wriet li kienet miġbuda għall-ħajja devota u l-ġabra: spiss kienet tinġabar titlob fit-tul, fil-kamra ċkejkna tagħha jew fil-knisja ta' Kerċem.

Ta' erbatax-il sena talbet lill-konfessur tagħha biex tagħmel b'mod privat il-vot tal-kastità. Kien l-ewwel pass fil-mixja twila u iebsa ta' perfezzjoni li kellha tterraq.

Is-snin tal-adolexxenza, ikkaratterizzati minn ħajja intensa ta' talb u riflessjoni interjuri, qattgħethom f'tensjoni kontinwa biex tifhem x'kien il-pjan ta' Alla għaliha.[2] Saret taf b'xi xebbiet tal-Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù" u daħlet tagħmel parti minnha b'mod effettiv fit-8 ta' Diċembru 1877, bix-xewqa li tixgħel bħal "Stilla tal-Qalb ta' Ġesù", ċkejkna imma tarmi d-dija. Din l-Assoċjazzjoni, għall-bidu mwaqqfa madwar iż-żagħżugħa M'Carmela Xerri, mill-istess raħal tal-Qaddejja ta' Alla, kienet ispirata mid-devozzjoni riparatriċi tal-Qalb ta' Kristu, skont il-proposta diġà mxerrda sew mis-saċerdot Ġenoviż Gaspare Olmi. Għall-bidu din kienet immexxija minn Dun Feliċ Refalo, Arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, parroċċa li fiha kienet mgħammda wkoll Virġinja; imbagħad minn Dun Ġużepp Diacono, kollaboratur, ta' Dun Feliċ, li ngħata dan l-inkarigu mill-Isqof Mons. Pietru Pace, li kien konvint mill-ġid li setgħet tħalli l-inizjattiva ta' Xerri.

Kien propju Diacono, miktub fit-Terz'Ordni Franġiskan, li laqa' lil Virġinja fil-grupp ta' msieħba. Kien essenzjali l-programm ta' ħajja li hu ssuġġerixxa lil dawn ix-xebbiet: il-virtù

---

[1] Ara *Biographia documentata*, kapitli 1 u 2, pp. 3-13.
[2] Ara *Biographia documentata*, kapitli 3 u 4, pp. 14-23.

tal-umiltà, iċ-ċaħda tagħhom infushom, id-disponibbiltà li jħallu tmexxihom biss l-imħabba ta' Alla, l-imħabba safja lejn il-proxxmu.

Il-Qaddejja ta' Alla impenjat ruħha b'fervur u entużjażmu liema bħalhom biex tgħix skont l-indikazzjonijiet li rċeviet hekk li ma damux ma ssieħbu xebbiet oħra fl-assoċjazzjoni, li għalihom id-direttur waqqaf "Kuruni ta' tnax-il stilla" oħra. L-imseħbin kienu mogħtija b'ġenerożità kbira għall-qadi ta' natura karitattiva u edukattiva, b'riżq it-tfal u ż-żgħażagħ l-iżjed traskurati u abbandunati. Milqut miż-żelu u d-determinazzjoni ta' xi xebbiet partikulari, li kienu qed juru x-xewqa sinċiera li jħallu d-dinja biex jimxu wara Ġesù iżjed mill-qrib, hu qatagħha li jwaqqaf grupp ta' nisa kkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-proxxmu.

Għażel tnax[3] u, inkuraġġit anki mill-Isqof, Mons. Pietru Pace, welled Opra li hu sejħilha "Maestri Terzjarji Franġiskani" jew, kif ħalla miktub hu stess, "Kongregazzjoni tas-Sorijiet tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk ta' Assisi". Ġabarhom f'dar fil-Belt Victoria, fi Triq Għajn Qatet, f'Għawdex, fasslilhom regolament dixxiplinari u ħaseb għaċ-ċerimonja tal-vestizzjoni reliġjuża. Kien it-18 ta' Ottubru 1880.

Virġinja, billi kienet għadha taħt l-età, ma kinitx fost dan l-ewwel grupp, u kellha tistenna sal-5 ta' Frar 1881 biex setgħet tidħol fid-daqsxejn ta' kunvent magħruf bħala "Dar tal-Karità". Fil-15 ta' Awwissu tal-istess sena għamlet il-vestizzjoni reliġjuża f'idejn Dun Diacono nnifsu u ħadet l-isem ta' "Maestra Virġinja tal-Beata Margerita".

Għexet iż-żmien tan-novizzjat f'sempliċità u distakk seren minn kollox. Ingħatat għall-edukazzjoni tat-tfajliet l-iktar foqra. Il-linji li fuqhom mxiet kienu l-imitazzjoni tal-Verġni Marija u mħabba tixgħel għal Alla.

It-Terzjarji ma damux ma bdew jikbru fl-għadd u fil-ħidmiet tagħhom f'servizzi ta' formazzjoni u assistenza lil min kien fil-bżonn. Dun Diacono, dejjem bil-kunsens tal-Isqof, laqa' għall-professjoni tal-voti reliġjużi lill-ewwel dixxipli. Anki Madre Virġinja, għalkemm kienet għadha taħt l-età, setgħet tipprofessa l-voti.

Minnufih il-Qaddejja ta' Alla ġiet imsejħa biex tikkollabora mill-qrib ma' Dun Diacono għall-ġid tal-istituzzjoni li kienet għadha titwieled, minkejja d-diffikultajiet u l-kuntrasti li ssibhom f'kull bidu. Ġie afdat lilha x-xogħol ta' Segretarja. L-għerf u l-fidi qawwija għenuha taffronta kull diffikultà.[4]

Fis-6 ta' Mejju 1886 ġew approvati l-Kostituzzjonijiet, att li ta lill-Istitut identità iktar b'saħħitha u stabilità akbar. L-ewwel grupp ta' reliġjużi għamel il-professjoni perpetwa. Virġinja, li kienet għadha kemm għalqet l-erbgħa u għoxrin sena, kienet l-ewwel waħda li ħadet il-voti minn idejn l-Isqof, waqt ċelebrazzjoni għaliha, fit-8 ta' Diċembru 1887, bħala l-ewwel fost ir-reliġjużi tal-Kongregazzjoni l-ġdida. L-isem ġdid li ħadet kien ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù.

Hi ma damitx ma tat prova ta' kuraġġ, ta' fidi radikali f'Alla u ta' għotja totali għall-imħabba ta' Kristu Msallab, b'mod partikulari meta, aktarx fl-1887, wara diffikultajiet mhux żgħar u nuqqas ta' ftehim, Dun Diacono kien determinat li jagħlaq il-Kongregazzjoni li kienet għadha

[3] Ara *Biographia documentata*, kapitli 5-7, pp. 24-41.
[4] Ara *Biographia documentata*, kapitli 8-11, pp. 42-65.

kemm twieldet. Madre Virġinja ħaditha kontra din id-deċiżjoni b'determinazzjoni qawwija, u ħadet fuqha r-responsabbiltà kollha tal-Opra l-ġdida.

Fuq livell ġuridiku, l-Istitut kiseb iktar awtonomija u indipendenza fil-fażi storika ġdida li bdiet tinkiteb, u Madre Margerita kienet il-fundatriċi tagħha: Dun Ġużepp Diacono baqa' dak li ispiraha, waqt li hi tatha l-identità kariżmatika.

Meta kien għad għandha biss 27 sena, il-Qaddejja ta' Alla, eletta Superjura Ġenerali skont in-normi tal-Liġi Kanonika, sabet ruħha tmexxi legalment il-Kongregazzjoni, li sa dak iż-żmien kienet kibret għal erba' komunitajiet, tnejn miftuħa f'Għawdex u tnejn f'Malta. Bi ftit waqfiet qosra, hi impenjat ruħha f'din il-kariga għal iktar minn tletin sena.[5]

Ir-reliġjużi, imdawla mill-ispirtu tal-Beatitudnijiet, kienu jispikkaw għad-disponibbiltà tagħhom maż-żgħażagħ lokali, fil-knejjes parrokkjali u fil-komunitajiet rispettivi tal-fidili.

Madre Virġinja, bl-għajnuna tal-grazzja divina, ipperfezzjonat il-kwalitajiet umani u spiritwali tagħha, biex setgħet twieġeb bl-aħjar mod possibbli għall-ħtiġijiet tal-Knisja lokali u tat-territorju, speċjalment għall-formazzjoni Nisranija taż-żgħażagħ u t-tisdiq morali tal-familji. Fuq kollox, rawmet fiha dejjem għożża partikulari għas-saċerdoti, b'devozzjoni u rispett filjali. Ġewwa l-Istitut, kienet ixxerred il-maternità spiritwali tagħha, imwaqqfa fuq it-talb u fuq l-offerta ta' tpattija lill-Qalb ta' Ġesù, permezz ta' laqgħat, ittri, konverżazzjonijiet li fihom kienet tagħti indikazzjonijiet lil uliedha, u kienet tħejjihom b'sens kbir ta' responsabbiltà, biex tibgħathom fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej, pellegrini u foqra bħala dixxipli ta' San Franġisk.

Il-vokazzjonijiet bil-mod il-mod bdew joktru, u l-Istitut ma damx biex xtered, hekk li laħaq Korfù u Sqallija, kif ukoll l-Etjopja (f'Sofi, fl-1927).[6]

F'kull post fejn kienet sa tinfetaħ Dar, Madre Margerita kienet tmur hi stess qabel is-sorijiet, biex hi personalment tara b'għajnejha x'kellhom ikunu l-għanijiet u l-ambjent tal-Opra ġdida li kienet qed titwieled, u tħabrek biex twieġeb hi l-ewwel waħda għas-sejħa kariżmatika tal-Kongregazzjoni, dik li tieħu ħsieb lil dawk l-iżjed fil-bżonn tat-tagħlim u tal-promozzjoni umana-Nisranija.

Imqanqla minn spiritwalità qawwija, setgħet tiffaċċja l-inkwiet li ma setax jonqosx, l-antagoniżmi, l-umiljazzjonijiet. Kienet issostniha ħajja kostanti ta' talb, binhar u billejl, li kienet iddewwaqha l-preżenza ta' Alla. L-istil ta' ħajja li kienet tgħaddi lil uliedha kienet dik ta' sempliċità u umiltà Franġiskana.

Tul l-Ewwel Gwerra Dinjija, l-Qaddejja ta' Alla għexet f'Korfù, bħala Superjura tal-komunità t'hemmhekk. Barra l-offerta tat-tbatijiet tagħha għas-salvazzjoni ta' ħutha, impenjat ruħha fil-prattika favur il-foqra tal-gżira, l-emigranti u r-rifuġjati, bil-kliem tagħha ta' faraġ Nisrani u b'ġesti ċkejknin ta' qsim mal-oħrajn. Dak li kien jiġbed kemm lis-sorijiet u kemm lin-nies lejha, kien l-osservanza fidila ta' ħajja ta' talb u ta' għaqda fraterna, dejjem lesta biex umilment tingħata għall-qadi ta' kull għamla, lesta biex tilqa' b'mod ġeneruż kull tbatija li tiġiha. Tagħlim mogħti minn ħajja ta' xhieda, li fih kienet tidher il-ħidma ġewwinija tal-Ispirtu s-Santu, li għaġinha skont il-pjan ta' Alla.

[5] Ara *Biographia documentata*, kapitli 12-13, pp. 66-78.
[6] Ara *Biographia documentata*, kapitli 15-16, pp. 89-99.

Punt ta' riferiment ieħor, li kellha ħafna għal qalbha, kienu l-Kostituzzjonijiet, li l-Knisja approvat b'*Decretum laudis* l-ewwel temporanjament, fl-1937, u mbagħad b'mod definittiv fl-1946, wara t-Tieni Gwerra Dinjija.[7]

Kbira kienet imħabbitha għall-Papa, li lejh kellha qima sinċiera. Fis-17 ta' Settembru 1921 ġiet milqugħa f'udjenza mill-Papa Benedittu XV. Fl-1927 waqqfet f'Ruma d-Dar "Kristu Sultan".

Irsistiet biex tikseb il-permess li f'kull dar ikun hemm preżenti s-Sagrament Imqaddes, biex is-sorijiet tagħha jersqu bla waqfien jixorbu, permezz tat-talb u tal-adorazzjoni Ewkaristika, iż-żelu meħtieġ biex ixerrdu l-għarfien u l-imħabba ta' Alla. Kienet taf li kull attività appostolika, biex tħalli l-frott, trid toħroġ mill-kontemplazzjoni.

Għalhekk laqgħet bil-ferħ it-talba tal-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mawru Caruana, biex is-sorijiet jieħdu f'idejhom il-knisja ta' Ġesù Redentur, f'Malta, fil-qalba tal-Belt Valletta, fejn kien hemm l-adorazzjoni perpetwa. F'April 1924, meta kienet temmet l-uffiċċju tagħha ta' Superjura ġenerali, ġiet magħżula bħala l-ewwel Superjura tal-komunità mwaqqfa fis-sede l-ġdida, imsejħa "Dar tal-Adorazzjoni".

Fl-età ta' 68 sena l-Qaddejja ta' Alla ngħatat r-responsabiltà li tmexxi l-komunità tax-Xagħra li kienet għadha kemm twaqqfet, fid-Dar "Marija Bambina". Għalhekk, lura f'art twelidha, f'Għawdex, baqgħet hemm għal madwar għaxar snin, li fihom prinċipalment ħadet ħsieb tax-xebbiet żgħażagħ. Ħabirket għat-twaqqif tal-assoċjazzjoni lokali ta' Ulied Marija u għall-għaqda tal-Azzjoni Kattolika. Impenjat ruħha b'mod sħiħ ukoll fil-pastorali vokazzjonali li ħalliet il-frott.

Fl-1932, anki jekk kienet avvanzata sew fl-età, ġiet imsejħa biex tieħu post il-Maestra tan-novizzi, f'Ruma.

Fl-1940, intlaqtet minn attakk qawwi ta' puplesija reċidiva, li wassalha sal-għatba tal-qabar u pperikola b'mod serju s-saħħa tagħha. Ġisimha kien dgħajjef wisq frott il-ħafna taħbit u b'konsegwenza tal-penitenzi twal.[8]

Qattgħet il-bqija ta' ħajjitha, kultant taqleb għall-aħjar u kultant għall-agħar, bħala pazjenta stabbli fl-infermerija tal-*Casa Madre*, f'daqsxejn ta' kmajra maġenb il-knisja konventwali. Minn hawn hi kompliet issegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-Istitut maħbub tagħha, u tat quddiem kulħadd prova tal-fidi u l-kuraġġ tagħha.

Grata lejn il-Mulej għal dak kollu li kien taha, serena għax kienet taf li l-Opra tagħha kienet sa taqa' f'idejn bint mill-aħjar, Madre Luisa Busuttil, magħżula Superjura ġenerali fl-1951, ħejjiet ruħha denjament għal-laqgħa tagħha mal-Għarus divin.

Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha rċiviet minn Ruma l-permess li tirċievi l-Ewkaristija anki mingħajr is-sawma mitluba min-normi ta' dak iż-żmien.

---

[7] Ara *Biographia documentata*, kapitli 17-23, pp. 100-137.
[8] Ara *Biographia documentata*, kapitli 24-32, pp. 137-190.

Mietet fl-età ta' 89 sena u tliet xhur, b'fama ta' qdusija, ma' sbiħ il-jum tat-22 ta' Jannar 1952.

Il-funeral ġie ċċelebrat l-għada, 23 ta' Jannar, b'mod solenni, fil-preżenza tal-Isqof ta' Għawdex, Mons. Giuseppe Pace, u bis-sehem ta' għadd ta' saċerdoti u ta' folla enormi ta' fidili.

Ġiet midfuna fil-kripta tal-knisja tal-*Casa Madre*.

Il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù huma l-wirt l-iżjed prezzjuż tal-Qaddejja ta' Alla. Kif josserva tant tajjeb dwar dan l-ewwel Teologu Ċensur *super scriptis*,

> "il-konsorelli dejjem ħabbew u taw qima lil Madre Margerita bħala xhieda awtorevoli u kredibbli tal-kariżma tal-Kongregazzjoni tagħhom. Fiha dejjem lemħu mhux biss l-għalliema mdawla, li taf turihom kif l-aħjar jifhmu x'titlob il-vokazzjoni tagħhom u l-għajnuna għarfa biex jgħixuha fedelment, imma anki l-eżempju kollu ġmiel ta' fedeltà lejn ir-regola, ta' ħajja intensa ta' talb, ta' ħeġġa appostolika, ta' disponibbiltà għal kull servizz, ta' aċċettazzjoni hienja tat-tbatija".[9]

Is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, dan hu l-isem ġdid li l-Istitut kiseb fl-1970, iħabirku biex jibqgħu dejjem fidili għall-wirt li ħallitilhom il-fundatriċi tagħhom. Il-membri, li meta mietet il-Qaddejja ta' Alla kienu jgħoddu xi 260, ma damux ma żdiedu qatigħ fl-għadd u ssoktaw iwessgħu l-ħidma.

Illum ulied Madre Margerita, li jgħoddu aktar minn ħames mitt ruħ, huma preżenti fil-Pakistan (1954), fil-Brażil (1959), fl-Ingilterra (1960), f'Israel (1980), fil-Kenja (1989), biex iwasslu l-mesaġġ qawwi tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba tal-fundatriċi tagħhom.

Fl-14 ta' Mejju 1977, fil-preżenza tal-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u ta' żewġ sorijiet li kienu preżenti għall-funeral f'Jannar 1952, saret ir-rikonjizzjoni tal-fdalijiet tal-Qaddejja ta' Alla u t-trasferiment tagħhom għal ġo niċċa maħduma apposta, fil-kripta tal-*Casa Madre*, f'Għawdex.

Fis-22 ta' Jannar 1994 il-fdalijiet tal-Qaddejja ta' Alla ġew meħuda f'translazzjoni mill-kripta tal-*Casa Madre* għal ġol-knisja tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb Qaddisa, maġenb l-istess kripta.

## 2. Valutazzjoni tal-provi

Fil-Preżentazzjoni tiegħu għall-*Positio*, ir-Relatur Ġenerali, Patri Ambrogio Eszer OP, jiddikjara li

> "il-kawża tal-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat, tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, anki jekk mhux riċenti ħafna, ma tistax tissejjaħ Kawża storika jew antika, meta nqisu li fiha iżjed minn 70 xhud *'de visu'*" (*Preżentazzjoni*, p. I).

L-istorja tal-Kawża telqet mill-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla,

> "'li dehret b'mod ċar diġà fil-funeral tagħha' u mbagħad xterdet 'minnufih u b'mod naturali fiż-żewġ gżejjer ta' Għawdex u ta' Malta, li fihom hi kienet magħrufa mill-parti l-kbira tan-nies'" (*Informatio*, p. 5)

u ssegwi, anki jekk mhux b'ħeffa, il-fażijiet kollha tal-*iter* mitlub għall-istess skop min-normi tal-Liġi Kanonika.

[9] Ara *Super scriptis*, p. 2.

Sal-lum, wara ħidma kbira magħmula minn diversi persuni interessati, għandha parti dokumentarja wiesgħa u artikulata tajjeb, is-*Summarium*, li tistabbilixxi l-istruttura li ssaħħaħ il-bini tal-provi. Dan fih qabel xejn l-istqarrijiet tax-xhieda tal-Inkjesta djoċesana,[10] li għandhom "Nota previa" bħala introduzzjoni għalihom, li fiha storja tal-Kawża,[11] u warajha hemm tliet kategoriji ta' tagħrif: 1. is-smigħ tax-xhieda, il-kitbiet ta' Madre Margerita, 3. ir-rapport tal-Kummissjoni Storika.

L-Inkjesta Djoċesana ġabret tmienja u ħamsin xhieda, il-parti l-kbira tagħha xhieda *de visu*, waqt li ftit huma x-xhieda *de auditu a videntibus*. Mill-85 xhud, 61 ġew ippreżentati mill-Postulazzjoni u 24 [*sic!*] ġew imsejħa *ex officio*. Fil-parti l-kbira tagħhom ix-xhieda huma sorijiet li għexu għal xi żmien mal-Qaddejja ta' Alla; hemm, imma, anki xhieda ta' xi saċerdoti u għadd konsiderevoli ta' lajċi, b'mod partikulari dawk li jgħixu x-Xagħra, fejn il-Qaddejja ta' Alla kienet għal bosta snin Superjura lokali ta' komunità ta' Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li sal-lum għadhom preżenti f'dik iz-zona.[12]

Dettaljata ħafna hi t-*Tabella-Index Testium et Summarii*[13] imħejjija mir-Relatur Ġenerali. Minn din il-ġabra ta' tagħrif, mogħti b'mod preċiż anki f'livelli ta' persentaġġ, joħroġ in-nuqqas ta' mistoqsija dwar il-virtujiet erojċi b'mod ġenerali, aktarx għax dan hi assenti fl-*interrogatori*. Naqraw fil-Preżentazzjoni:

> "Mill-85 xhud, fuq it-'Twelid u l-familja' tkellmu 4 xhieda (4.71%); fuq il-'Ħajja sekulari', 3 (3.53%); fuq il-'Ħajja reliġjuża', 42 (49.42%); fuq l-'Attività bħala Fundatriċi', 21 (24.71%); fuq il-"Fidi erojka", 36 (42.36%); fuq it-'Tama', 16 (18.83%); fuq l-'Imħabba lejn Alla', 36 (42.36%); fuq l-'Imħabba lejn il-proxxmu', 20 (23.53%); fuq il-'Prudenza', 12 (14.12%); fuq il-'Ġustizzja', 10 (11.77%); fuq it-'Temperanza', 14 (16.48%); fuq il-'Qawwa', 4 (4.71%); fuq il-'Faqar', 36 (42.36%); fuq il-'Kastità', 15 (17.65%); fuq l-'Ubbidjenza', 23 (27.06%); fuq l-'Umiltà', 36 (42.36%); fuq id-'Doni sopranaturali', 11 (21.95%); fuq il-'Mard, mewt u funeral', 29 (34.12%); fuq il-'Fama ta' qdusija', 55 (64.71%); fuq 'Grazzji u fejqan', 6 (7.06%). Għalhekk dawk li kienu kapaċi jixhdu ftit jew wisq fuq l-20 mistoqsija kollha tat-*Tabella-Index* kienu 21.45 mill-85 xhud, li jikkorrispondu għal 25.24%".

Billi l-"Erojċità tal-virtujiet b'mod ġenerali" ma tidhirx fit-*Tabella-Index Testium et Summarii*, ir-Relatur Ġenerali jiddikjara li hu bbaża

> "fuq il-kapitlu II tal-*Informatio*, li jitkellem dwar il-'Virtujiet erojċi b'mod ġenerali':[14] jissemmew 13-il xhud (15.20%) li kienu kapaċi jagħtu xhieda fuq din il-mistoqsija, li hi n-numru 21".

Dan it-tagħrif jibdel kemxejn ir-riżultat li ħadna mit-*Tabella-Index*, kif naqraw mill-ġdid fil-Preżentazzjoni ta' Patri Eszer:

> "L-għadd ta' dawk, fost il-85 xhud, li kienu kapaċi jitkellmu ftit jew wisq dwar il-mistoqsijiet kollha jammonta għal 21.0477, li jikkorrispondi għal 24.77%, prattikament xorta kwart. Għalhekk hemm qbil li dan ir-riżultat ifisser li l-għarfien tax-xhieda hu xi ftit limitat".

---

[10] Ara *Positio, Summarium, Nota previa*, p. 6. Il-Proċess Djoċesan ġie magħluq fit-22 ta' Jannar 2000, fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Iċ-ċeleberazzjoni solenni kienet ippreseduta mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Fl-1 ta' Diċembru 2000, il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin approvat il-Proċess b'digriet *de validitate*, li bih iddikjarat il-validità ġuridika tal-Inkjesta Djoċesana, li kienet tawlet madwar tnax-il sena. Fit-2 ta' Frar 2001, fuq talba tal-Postulatur Ġenerali Patri Luca De Rosa OFM, il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin innominat bħala Relatur tal-kawża lil Patri Ambrogio Eszer OP. Iktar tard, Swor Francesca Abela FCJ ġiet maħtura Kollaboratriċi esterna. Ix-xogħol seta' jkompli miexi.

[11] *Positio, Summarium*, pp. 3-6.

[12] Ara *Positio, Summarium*, p. 3.

[13] Ara *Positio, Preżentazzjoni*, pp. II-III.

[14] *Positio, Informatio*, pp. 30-35.

Madankollu hu interessanti ninnotaw li x-xhieda huma tassew ta' min jorbot fuqhom (*jirriżulta li ħames xhieda huma relatati mal-Qaddejja ta' Alla b'parentela*), kemm dawk *de visu* u kemm dawk *de auditu*, kif setgħu jiżguraw ruħhom u jivverifikaw il-membri tat-Tribunal, kif ukoll is-sinċerità tagħhom, li toħroġ mill-fatt li, minn qari sħiħ tax-xhieda, toħroġ koerenza ċara anki fid-dettalji li jagħtu.[15]

Qalb it-tagħrif utli biex minnu wieħed ifittex u jikseb tagħrif fuq il-mod li bih il-Qaddejja ta' Alla għexet b'mod staordinarju l-virtujiet teologali u kardinali, jispikka dak li nsibu fit-*Tabella-Index*, speċjalment dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja reliġjuża tal-Qaddejja ta' Alla:

> "Nisimgħu dwar dawn il-virtujiet fi 42 xhud (49,42%) – jikteb ir-Relatur Ġenerali. L-istess japplika għall-Fidi, b'36 xhud (42.36%), għall-Imħabba lejn Alla, b'36 xhud (42.36%), għall-Faqar, b'daqshekk ieħor xhieda (42.36%), għall-Umiltà, mill-ġdid bi 42.36% u għall-Fama ta' qdusija b'55 xhud (64,71%): konferma kważi unanimi".[16]

Nikkonfermaw l-importanza tal-fatt li l-Qaddejja ta' Alla ħalliet marka hekk qawwija fil-memorja ta' dawk li għexu fi żmienha mhux minħabba għemejjel straordinarji li għamlet jew għal opri ta' barra minn hawn li wettqet, imma għall-imħabba partikulari u esklussiva tagħha lejn Alla.

Jidhrilna xieraq li nirrikonoxxu l-mod tajjeb kif inġabru u ġew organizzati l-istqarrijiet tax-xhieda,[17] imsaħħa wkoll minn introduzzjonijiet u tifsir tajjeb u f'loku tat-termini. Id-dokumentazzjoni inkluża fit-33 kapitlu tal-*Biographia documentata*, volum ta' 194 paġna, hi organika u analizzata b'mod dettaljat, l-istess kif hi l-ġabra tad-*Documenta summario addita*, ta' 157 paġna oħra.

L-ewwel parti hi magħmula minn numru mdaqqas ta' ittri tal-Qaddejja ta' Alla, kull waħda minnhom b'"Introduzzjoni" apposta għaliha qabilha.[18] F'kull ittra tidher *"l-imħabba ta' Alla"* bħala s-sinsla tad-dahar u l-pern tal-ħajja spiritwali tal-Qaddejja ta' Alla. L-ittri fihom ukoll kummenti qosra, miżjuda mill-edituri b'għajnuna għat-tqassim tat-testi.[19] Il-kontenut tal-ittri jittratta kemm il-ħajja interjuri tagħha u kemm ir-relazzjoni li kellha mal-membri tal-Istitut kif ukoll il-Viżti Kanoniċi li kienet tagħmel bħala Superjura Ġenerali.

Għalhekk aħna tal-fehma li huma utli ħafna biex nistgħu nifhmu l-iżvilupp tal-ħajja spiritwali tal-Qaddejja ta' Alla (huma 67 l-ittri indirizzati lill-konfessuri tagħha: 34 lil Mons. Anton Galea u 33 lil Mons. Alfons Agius), imma nistgħu naraw ukoll b'liema mod hi ħadet ħsieb il-formazzjoni u mexxiet l-attività tas-sorijiet tagħha (huma 120 b'kollox l-ittri miktuba lis-sorijiet, individwalment jew bħala komunità, u lil xi lajċi; 11-il ittra ċirkulari u 17-il rapport dwar il-Viżti Kanoniċi), fil-perjodu li fih kienet Superjura ġenerali tal-Kongregazzjoni.

L-esej fuq "L-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat",[20] li nsibu fit-tieni parti, jitfa' dawl ċar, fost l-oħrajn, fuq kif iż-żelu appostoliku tagħha kien ħiereġ mill-imħabba tagħha lejn Alla u mid-devozzjoni Marjana li kellha.

---

[15] Ara *Positio, Summarium, Nota previa*, p. 4.
[16] Ara *Positio, Preżentazzjoni*, p. III.
[17] *Positio, Summarium*, pp. 28-497.
[18] *Positio, Documenta summario addita*, pp. 3-259.
[19] *Positio, Documenta summario addita*, pp. 26-114.
[20] *Positio, Documenta summario addita*, pp. 115-152.

It-III parti hi ddedikata lix-"Xhieda u apprezzament tal-Isqfijiet",[21] miġbura taħt forma ta' ittri, li fihom naqraw b'mod ċar sinċerità kbira min-naħa tal-awturi tagħhom. Ma jidhru l-ebda sforz żejjed jew kontradizzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet imħollija.

Ta' min jinnota, f'kuntest iktar formali u strutturali, li nsibu wkoll il-Voti taż-żewġ Teologi Ċensuri, partijiet awtonomi tal-*Positio* u tas-*Summarium* (li jinkludi wkoll għaxar ritratti) u d-"Dikjarazzjoni tal-assenza tal-kult",[22] u qabilhom ir-"Relatio Commissionis historicæ", ta' 72 paġna, li fiha nsibu tagħrif dwar il-ħidma li saret f'erba' stadji differenti, il-lista tal-arkivji kkonsultati mill-awturi tal-*Positio* u d-dokumenti dwar it-twaqqif ta' kull Dar tal-Kongregazzjoni. Kollox jirriżulta konformi ma' dak li hu mitlub mil-Liġi Kanonika f'dan ir-rigward.

B'mod speċjali, il-Voti taż-żewġ Teologi Ċensuri, fil-fehma tagħna, joffru kwadru orjentattiv biżżejjed tal-ħsieb u l-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla.[23] Mill-kontribut tagħhom toħroġ persuna ta' Madre Margerita sempliċi, evanġelika, qalbha dejjem mgħaddsa f'Alla u dirgħajha dejjem miftuħa għall-proxxmu.

Ir-riflessjonijiet duttrinali u l-analiżijiet testwali preċiżi tad-dokumenti kkonsultati (fuq kollox l-ittri) wasslu lit-Teologi Ċensuri biex jesprimu ġudizzju pożittiv, li aħna naqblu miegħu f'kollox, għax hu mmotivat minn raġunijiet tajba.

L-ewwel parti tal-*Positio*, li fiha tingħata prova tal-virtujiet erojċi u l-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla, hi pjuttost qasira meta mqabbla mas-*Summarium*. F'kapitlu I hi mfissra l-"Istorja tal-Kawża".[24] Imbagħad hemm "Tabella kronoloġika tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla", li fiha għandna l-ewwel orjentament dwar il-ħajja u l-ħidmiet, biż-żieda ta' xi fatti li seħħu wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, u wara din insibu "Sinteżi bijografika qasira".[25] Imbagħad jiġi spjegat l-"Apparat tal-provi".[26]

Il-kapitlu II jiddeskrivi, skont il-prassi, il-"Virtujiet erojċi b'mod ġenerali",[27] u l-kapitlu III, l-"Erojċità tal-virtujiet speċifiċi".[28] Il-kapitlu IV, qasir ħafna, fuq il-"Fama ta' qdusija",[29] jikkonkludi din il-parti tal-*Informatio*, li jidhrilna li saret b'reqqa u preċiżjoni li jixirqilhom l-apprezzament tagħna.

Għalhekk aħna tal-fehma li l-Atti u d-dokumenti kollha ta' din il-Kawża, imħejjija mill-awturi tal-*Positio*, jixhdu għal ħidma storika sħiħa u mirquma, magħmula b'sens kbir ta' responsabbiltà u kompetenza.

### 3. Valutazzjoni teoloġika

Mill-qari u l-analiżi tad-dokumentazzjoni miġbura, speċjalment tax-xhieda u tal-kitbiet, nistgħu naslu b'mod pjuttost preċiż għall-persuna ta' Madre Margerita.

---

[21] *Positio, Documenta summario addita*, pp. 153-172.
[22] Din id-dikjarazzjoni ġġib id-data tad-19 ta' Jannar 1999 u l-firma ta' Dun Mario Grech, *Imħallef Delegat*, ta' Mons. Salvatore Pace, *Promutur tal-Ġustizzja*, ta' Swor Francesca Abela, *Nutar aġġunt*, u ta' Mons. Lawrenz Sciberras, *Nutar Attwarju*.
[23] Ara *Super scriptis*, pp. 3-30.
[24] *Positio, Informatio*, pp. 5-8, 8-14.
[25] *Positio, Informatio*, pp. 14-26.
[26] *Positio, Informatio*, pp. 26-29.
[27] *Positio, Informatio*, pp. 31-35.
[28] *Positio, Informatio*, pp. 36-94.
[29] *Positio, Informatio*, pp. 95-98.

Mal-ewwel daqqa t'għajn donnu jidher li l-Qaddejja ta' Alla hi persuna li, sa minn età ċkejkna, jitfaċċa madwar rasha raġġ ta' "*qdusija*". Bħala eżempju nġibu dak li qal ix-xhud VII fil-*Positio*. F'din ix-xhieda naqraw li, anki l-istess familjari, kienu jinnutaw fiha

> "xeħta qawwija għas-solitudni u biex tinqata' għaliha waħidha. Minn età ċkejkna riedet li jkollha kamra żgħira għaliha, fejn, waħidha ma' Alla, setgħet titlob bil-kalma u tiżvoga mħabbitha lejn l-Għoli […]. L-attitudni tagħha ta' ġabra kienet tagħti l-impressjoni ta' ruħ li mxiet sew 'il quddiem fil-virtù".[30]

Kollox fiha jidher imdaħħal "*b'mod naturali*" f'kuntest ta' tjieba u ta' perfezzjoni: il-familja, il-karattru u t-temperament, l-interessi, l-attivitajiet […]. Kemm f'ħajjitha u kemm wara mewtha tidher imżejna u kważi midluka b'ċerti kwalitajiet partikulari u dispożizzjonijiet morali u spiritwali.

Hekk donnu joħroġ mill-għadd ta' xhieda, anki ta' persuni awtorevoli, bħall-fundatur Dun Ġużepp Diacono, li, wara l-elezzjoni tal-Qaddejja ta' Alla bħala l-ewwel Superjura ġenerali tal-Istitut, jiktbilha hekk:

> "Il-Mulej lil dawk fidili lejh ma jħallashomx lura biss bil-Ġenna, imma anki f'din id-dinja bid-doni u l-ġid tiegħu […] għandu jkattar b'mitt darba iżjed id-dispożizzjonijiet sbieħ tiegħek ta' umiltà, ta' ċaħda tiegħek innifsek, ta' żelu, ta' fedeltà u tant oħrajn".[31]

Stqarrijiet oħra simili nsibuhom fis-*Summarium*, minn xhieda kważi kollha *de visu*:

> "Dawk li kellhom ix-xorti jiltaqgħu magħha, kienu jħossuhom tassew xortihom tajba għax kienu jgħidu li hi kienet qaddisa miexja fl-art mingħajr ma tisfa mtappna mill-ħwejjeġ tad-dinja u kienu jibqgħu milquta mill-ispirtu tagħha ta' għaqda ma' Alla";[32]
>
> "Il-preżenza tagħha waħidha kienet diġà tispirana biex nitħeġġu ħa nagħmlu t-tajjeb […] Dawk kollha li kellhom l-okkażjoni jarawha jew ikellmuha, setgħu jxommu l-fwieħa tal-qdusija tagħha u min kien ikun kellimha xi darba kien ifittex l-okkażjoni biex jerġa' jitkellem magħha drabi oħra".[33]

Bosta huma wkoll l-istqarrijiet marbuta mal-ħajja eżemplari li għexet il-Qaddejja ta' Alla:

> "Hi ħallitilna eżempju ta' virtujiet erojċi, dan jgħiduh is-sorijiet kollha li kellhom ix-xorti li jgħixu magħha u ma jistgħu qatt jinsew l-istruzzjonijiet tajba li ħadu minn għandha għall-perfezzjonament tal-ispirtu reliġjuż tagħhom, li hi kienet tnissel fihom b'tant ħeġġa".[34]

U mill-ġdid:

> "Nista' nafferma li hi għexet dawn il-virtujiet b'mod erojku, għax rajt fiha assidwità, xewqa għall-perfezzjoni, u kienet tagħmel kollox bl-akbar libertà tal-ispirtu".[35]

Tant sorijiet tkellmu, b'sempliċità, dwar l-esperjenza diretta tagħhom:[36]

> "Madre Margerita ħaddmet b'mod erojku ħajja għanja bil-virtù […] kienet disposta li tgħix dejjem il-virtujiet, f'kull ċirkustanza u anki jekk dan kien jitlob minnha sagrifiċċju";
>
> "Jien konvinta li Madre Margerita ħaddmet il-virtujiet insara b'mod erojku: intenni dan li qed ngħid, għax Madre Margerita dejjem fittxet li tgħix f'atteġġjament ta' abbandun totali f'Alla; għalhekk bla

---

[30] *Positio, Summarium*, § 185, 110. Għan-noti qed nużaw l-istess metodoloġija tal-*Positio*: in-numri Rumani jindikaw l-ordni tax-xhieda kkwotati fis-*Summarium*; in-numru Għarbi, bis-sinjal § qablu, jirriferi għan-nota fil-ġenb li għall-kontenut tagħhom tkun ir-riferenza magħmula; waqt li n-numru Għarbi l-ieħor jikkorrispondi għall-paġna ekwivalenti.
[31] *Biographia documentata*, 73-74.
[32] *Positio, Summarium*, II, § 21, 34.
[33] *Positio, Summarium*, VII, § 209, 124.
[34] *Positio, Summarium*, VIII, § 265, 164.
[35] *Positio, Summarium*, XIII, § 328, 195.
[36] *Positio, Summarium*, XV, § 374, 214; XXVI, § 467, 264; XXXI, § 545, 297-98.

dubju ta' xejn hi ħabirket biex tagħti gost lil Alla, f'kollox. Dan l-atteġġjament ma deherx biss f'xi fażi ta' ħajjitha, imma minn dak li stajt nara u nisma' dwarha, jidhirli li l-Madre għexet din il-ħajja ta' għaqda ma' Alla tul ħajjitha kollha";

"Jien konvinta li Madre Margerita ħaddmet fiha l-virtujiet b'mod erojku, għax kienet tixxennaq b'qalbha kollha li tgħix magħquda ma' Alla, u għalhekk kienet dejjem lesta biex tbaxxi lilha nfisha. Iżjed minn hekk, irnexxielha tgħix dawn il-virtujiet b'mod kostanti għax fittxet dejjem li twettaq ir-rieda ta' Alla, u f'dak kollu li kienet tagħmel dejjem imxiet b'intenzjoni retta".

Unanimi hi l-ammirazzjoni għax-xhieda ta' ħerqa għall-qdusija li setgħet tinħass fil-Qaddejja ta' Alla, kif joħroġ mill-kwotazzjonijiet li ġejjin li, billi jixxiebhu ħafna, spiss jidhru repetittivi u "*taċ-ċirkustanza*":[37]

"Jien tal-fehma li l-Qaddejja ta' Alla għexet dawn il-virtujiet fi grad erojku, fis-sens li kienet tingħaraf mill-oħrajn għat-tjieba u l-qdusija ta' ħajjitha. Dawn il-virtujiet kienu b'saħħithom fiha; b'dan irrid ngħid li, wara li ħadmet biex tiksibhom, imbagħad saru l-atteġġjament normali tagħha";

"Minn dak kollu li wieħed seta' josserva u jisma' dwarha, stajt nifhem li Madre Margerita kellha tjieba mhix komuni, għax kellha xi ħaġa li ma kontx soltu tilmaħ fis-sorijiet l-oħra […] Fuq kollox nemmen li l-Qaddejja ta' Alla tista' tiġi proposta bħala mudell eżemplari kemm għalina r-reliġjużi u kemm għal-lajċi, għax ħajjitha kienet impenn kontinwu tal-virtujiet li għexet";

"Meta konna niltaqgħu magħha, konna nħossuna qisna qegħdin quddiem persuna meqjuma, għax it-tjieba tagħha kienet xi ħaġa mhix tas-soltu […] Madre Francesca kellha qima kbira lejha, u kont nismagħha tgħid spiss li kienet tqisha bħala qaddisa […] Konna ntellqu bejnietna biex noqogħdu fil-preżenza tagħha: dejjem kienet tedifikana bi kliemha. Dejjem kellha xi ħaġa x'tissuġġerilna fuq il-ħajja spiritwali u l-ħajja reliġjuża".

L-istess jingħad għax-xhieda li jagħfsu fuq il-perseveranza u l-koerenza eżemplari fil-ħajja qaddisa tal-Qaddejja ta' Alla:[38]

"Nista' biss nistqarr li […] Madre Margerita kienet persuna mogħtija kollha kemm hi għal Alla. Tant kont konvinta minn dan li kont infittex il-mumenti u l-okkażjonijiet kollha biex niltaqa' magħha wiċċ imb'wiċċ, biex hekk stajt nisma' lilha stess tlissen xi kelma għall-ġid […] Dak li kienet tgħid dejjem kien idur madwar l-imħabba tagħna lejn Alla";

"Il-Qaddejja ta' Alla għexet dawn il-virtujiet b'mod erojku […] fil-fehma tiegħi, il-Madre kellha l-ħila tikkopera mal-grazzja ta' Alla u kienet waslet għal grad hekk għoli ta' perfezzjoni".

Imma f'dan kollu nżommu li mhemmx esaġerazzjoni. Fil-fatt, kif faċli wieħed jikkonkludi wara qari iżjed attent, speċjalment tal-kitbiet ta' Madre Margerita, il-mixja umana u spiritwali tagħha tiġbor flimkien l-isferi tal-kreaturalità – fejn tħoss li hi ħolqien ta' Alla li taha l-ħajja bħala don u tiddependi minnu –, dik tad-dixxipulat u dik tal-missjoni; jidhrilna li din hi mixja tassew formattiva u matura, li hi b'impenn kostanti timxi bil-mod il-mod lejn gradi ogħla.

Fuq dan sa niffukaw ir-riflessjoni tagħna, aħna u nagħmlu wkoll użu mill-kontribut tassew siewi taż-żewġ Teologi Ċensuri: Fra Pier Giuseppe Pesce OFM, u Patri Eugenio Cachia OP.

Dawn il-kitbiet, b'mod partikulari l-ittri, b'mod ġenerali jkopru perjodu ta' madwar sittin sena tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, mill-1891 sal-1951, ftit biss qabel mewtha. Fihom ninnutaw punt ċentrali, li madwaru ddur l-esperjenza kollha ta' ħajjitha: il-misteru ta' Alla-Mħabba.

L-ittri m'għandhomx karattru ta' xi espożizzjoni sistematika dwar il-kontenuti tal-fidi, anki għax ma jirriżulta minn imkien li l-Qaddejja ta' Alla għamlet xi studji bibliċi jew teoloġiċi speċifiċi, imma jeħduna lura lejn l-esperjenza personali tagħha u l-pariri li kienet tagħti fuq

[37] *Positio, Summarium,* XXXV, § 583, 319-20; XXXVI, § 663, 353-54; LIII, § 770-71, 435.
[38] *Positio, Summarium,* XXXV, § 594, 329; § 606, 335.

kollox lill-konsorelli tagħha, imma anki lil persuni oħra li kienu jmorru għandha. F'dan il-kuntest sa nużaw xi siltiet biex naslu għall-identità spiritwali tagħha.

Fra Pier Giuseppe Pesce jafferma li Madre Margerita tikteb

> "dwar l-għarfien tagħha ta' Alla u ta' Kristu u r-relazzjoni ta' mħabba li toħroġ minnu; l-abbandun totali għar-rieda ta' Alla; ix-xewqa ma taqta' xejn ta' intimità ma' Alla li hi kienet tfittex fuq kollox bit-talb u billi toffri lilha nfisha; ix-xenqa mħeġġa tagħha li permezz tagħha kulħadd ikun jaf u jħobb lil Alla, billi impenjat ruħha fl-appostolat u offriet ruħha bħala vittma ta' tpattija; il-ġibda qawwija tagħha lejn is-Sema biex isserraħ imħabbitha fuq Alla".[39]

Hi din l-imħabba profonda ta' Alla li timla l-eżistenza tagħha u ddawwalha fil-mixja tal-perfezzjoni personali u fir-rwol ta' gwida tal-erwieħ fdati f'idejha.

Għaliha, Alla, li lejh iddur b'passjoni kbira, hu

> "il-Wieħed u Tlieta, it-tliet darbiet Qaddis, il-Maestà bla tmiem, l-Essri li jista' kollox, l-Oċean immens ta' tjieba, l-Imħabba omnipotenti, il-Ġuf patern, il-Kollox assolut, Dak li jagħti kull ġid".[40]

Dan l-għarfien iqanqal fil-Qaddejja ta' Alla l-ħtieġa qawwija li tikkorrispondi mal-Imħabba bil-qawwa kollha tagħha,[41] u għalhekk, kif jgħidilna Patri Ewġenju Cachia,

> "tesprimi sentimenti ta' ammirazzjoni u ta' adorazzjoni quddiem dan il-misteru profond".[42]

Madre Margerita temmen b'konvinzjoni fil-misteru tat-Trinità Qaddisa, f'"Alla *Wieħed u Tlieta*"[43] u tifhem profondament id-distinzjoni bejn il-Persuni Divini: "*Ġesu u Marija, Għarus u Omm, u Missier u Spirtu s-Santu!*".[44] Imma fuq kollox l-ispiritwalità tagħha hi essenzjalment Kristoċentrika, u għalhekk meta tirriferi għall-Missier u għall-Ispirtu s-Santu (dan tal-aħħar issemmih biss tliet darbiet fl-ittri tagħha), dan tagħmlu dejjem f'rabta mal-missjoni ta' Ġesù Kristu. Tikteb waħda soru li kellha lilha bħala Maestra u Superjura:[45]

> "Id-devozzjoni li kellha lejn Ġesù Ewkaristija kienet ħaġa tal-għaġeb [...] Niftakar meta mietet, kulħadd kien vuċi waħda: 'Mietet il-qaddisa tal-Franġiskani'";
> "Kont nisma' l-maestra u s-superjura tiegħi jsemmu lil Madre Margerita bħala mudell ta' umiltà, ta' kif wieħed jinħeba mid-dinja, ta' sagrifiċċju, insomma, ta' qdusija";
> "Nixtieq li tiġi mweġġħa għall-mod għoli li bih għexet il-virtujiet Insara, speċjalment dawk tal-faqar u tal-umiltà, u għax nemmen li l-ħajja tal-Madre tista' sservi ta' mudell għar-reliġjużi l-lum".

Ġesù, fl-Umanità tiegħu ipostatikament magħquda mad-Divinità, għandu l-post prinċipali u l-iżjed intimu fil-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla. Ġesù hu "l-Għarus" u, iżjed preċiżament, "l-Għarus Mislub". Hi sewwa sew din l-imħabba sponsali li tifforma komponent essenzjali tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita.

Dwar Ġesù u, b'mod partikulari, dwar il-Qalb ta' Ġesù, kitbet ħafna, kemm lill-konfessuri, kemm lis-sorijiet tagħha u kemm lil persuni oħra, kemm fl-ittri ċirkulari u kemm f'dawk marbuta mal-Viżti kanoniċi.

---

[39] *Positio super scriptis*, Vot tal-ewwel Teologu Ċensur, p. 5.
[40] Ara A 3; 7; 11; 15; 18; 26; 31; 33; 36; 44; 45; 47; 50; 51 eċċ.
[41] Ara A 3; 7; 31; 33; 44.
[42] *Positio super scriptis*, Vot tat-tieni Teologu Ċensur, p. 23.
[43] F'dak li għandu x'jaqsam mal-kitbiet, bl-ittra A qed nindikaw l-ittri miktuba lill-konfessuri; bl-ittra B l-ittri miktuba lill-komunitajiet u lis-sorijiet tal-Kongregazzjoni, lis-sorijiet neputijiet, u lil persuni oħra; bl-ittra C l-ittri ċirkulari; u bl-ittra V l-ittri marbuta mal-Viżti kanoniċi. A 7, A 11.
[44] B 79.
[45] *Positio, Summarium,* LXXXV,§ 868, 492; LXXXV, § 875, 496; XLVIII, § 736, 413-14.

Espressjonijiet li kienet tuża ta' spiss dwar l-Iben ta' Alla huma:
"Hu Ġesù Twajjeb tagħna".[46]
"Il-ħelu Ġesù".[47]
u anki
"L-iżjed ħelu".[48]
"Ġesù hu l-Għarus Divin".[49]

Għalhekk, hi l-ħin kollu tistieden lis-sorijiet tagħha biex iħobbu bil-qawwa kollha tagħhom lil Ġesù li, – tgħidilhom – għandu
"Qalb hekk kbira, hekk ħelwa, hekk qaddisa",[50]
"Dik il-qalb li tiġbor fiha n-nar kollu tal-Imħabba Divina",[51]
"Qalb Inkarnata u Ewkaristika".[52]

Madre Margerita hi kollha kemm hi mgħaddsa f'ambjent ħaj Teoċentriku, Trinitarju u Kristoċentriku, tagħmel esperjenza konkreta ta' Alla-Mħabba u tidentifika l-ogħla grad ta' Mħabba ma' Ġesù Kristu. Ġesu hu l-Imħabba u hi kull ma trid hu li tpattilu u ġġiegħel lill-ħlejjaq kollha jpattulu, speċjalment lil uliedha. Għalhekk dan tagħmlu l-programm ta' ħajjitha:
"Inħobbu l-Imħabba",[53]
"Ġesù Tagħna, Maħbub ta' qalbna",[54]
"Il-Maħbub Ġesù",[55]
"Ħobbu l-Imħabba u agħmlu kollox għall-imħabba, bi mħabba u fl-imħabba".[56]

Minn dak kollu li jidher f'ħajjitha joħroġ ċar għarfien intimu u profond tal-misteru Kristoloġiku: l-Inkarnazzjoni, il-fidwa bil-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù, il-preżenza Ewkaristika tiegħu. U dan l-għarfien joħroġ ukoll mill-kitbiet:
"Inħarsu wkoll lejn Ġesù Bambin fil-Grotta, fuq il-Kalvarju, u fl-Ewkaristija";
"Kemm għandna għax nistagħġbu meta naraw lil Alla, tliet darbiet Qaddis, jitwieled f'għar u jmut fuq is-salib fuq il-Kalvarju u li jibqa' kważi mxejjen f'ostja ċkejkna!".[57]

U mill-ġdid, Ġesù hu:
"il-Bambin imqaddes tagħna".
"It-Tarbija mqaddsa, magħmula hekk ċkejkna għal imħabbitna",
"hu wkoll il-Bambin Sultan",
"It-Tarbija Divina li twieldet f'għar bejn żewġ bhejjem",
"biex jgħix bħal wieħed mill-ifqar".[58]

Madre Margerita kienet teżorta lis-sorijiet tagħha:
"Mela ejjew niċċekknu, niċċekknu bħall-Bambin ta' Betlehem fin-nieqa tiegħu";
u b'dan il-mod

---

[46] A 8, 12, 18, 19, 22, 39, 46, 50, 56, 64; B 31, 39, 61, 69, 73, 90, 93, 94; V 6, 15.
[47] A 8, 18, 64, 68; B 12, 14, 31, 34, 45.
[48] A 8,18, 64; B 6, 8, 18, 64, 65.
[49] B 1, 11, 99.
[50] A 50.
[51] A 41.
[52] A 7, A 38, A 40, V 1, V 9.
[53] B 119.
[54] B 5, B 6.
[55] A 20, 39, 55, B 59, 66, V 10.
[56] B 119.
[57] B 9, B 24.
[58] B 25, 71, 93; B 105, B 64, B 87.

"żgur li nsiru għarajjes inqas indenji tat-Tarbija Divina".[59]

Ma kienet tegħja qatt tfakkar li l-Feddej tagħna hu

"dak li għal imħabbitna minn Ħallieq sar ħlejqa, minn Sid qaddej, eċċ."

"F'dawn il-ġranet (tal-Ġimgħa Mqaddsa) nilmħu lill-maħbub tagħna Ġesù, mifni bit-tbatija, ubbidjenti sal-mewt tas-Salib".

"Inħarsu 'l fuq u naraw Alla li […] imbagħad hu mżeblaħ u kkundannat għall-mewt, imut fuq salib, bejn żewġ ħallelin qisu l-agħar wieħed minnhom!".[60]

U tinżel fil-qalba tal-misteru tar-reliġjon tagħna:

"Ġesu hu l-Għarus Msallab".[61]

Ta' spiss niltaqgħu ma' espressjonijiet bħalma hi din:

"Għeżież, inħobbu lill-ħelu Għarus Msallab tagħna. U biex inħobbuh sewwa, jeħtieġ inkunu msallbin miegħU".

"Biżżejjed tħares lejn il-Kurċifiss biex titgħallem l-għerf kollu tal-qaddisin".

"Kuraġġ kbir kbir, magħquda mal-ħelu Għarus Msallab biex inkun jien li nfarrġu, li npattilu".

"X'ħaġa sabiħa nkunu nistgħu ngħidu: jien ħabbejt lill-Għarus tiegħi b'sagrifiċċju li Hu stess ipprovdieli".[62]

Hi stess riedet kieku tmut msallba mal-Għarus Imsallab, bħala prova tal-imħabba vera tagħha.[63]

Imma l-Qaddejja ta' Alla ma tħobbx it-tbatija fiha nfisha, tħobbha għax għażilha Ġesù bħala strument ta' tpattija għal dnubietna. Hi kundizzjoni li riedha l-Missier tas-Sema, fil-pjan divin ħiereġ mill-għerf tiegħu. Fil-fatt, b'konsegwenza tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib u tal-Qawmien tiegħu:

"Wara mewt hekk mistkerrħa, qawmien hekk glorjuż; imbagħad tlugħ fis-Sema fil-kumpanija ta' numru hekk kbir ta' qaddisin Patrijarki u Profeti".

"Tgħallimna wisq tajjeb kif inbatu kull tip ta' tbatija mill-Maħbub wisq ħelu tagħna; issa ngawdu mill-Qawmien tiegħu, konsegwenza tal-umiljazzjonijiet u tal-mewt tiegħu fuq is-salib".[64]

"Jekk immutu mal-Mulej Ġesù, miegħU wkoll għad inqumu. Nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nikkuntentawh u daqshekk".[65]

Pilastru ieħor tal-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla hu l-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Ġesù qam u tela' s-Sema imma, tgħidilna hi,

"għalina baqa' moħbi fil-pissidi".

"Moħbi taħt il-velu Ewkaristiku fit-tabernaklu […] fid-djar reliġjużi kollha tagħna".[66]

Iġġenninha bl-imħabba din il-preżenza reali tal-Iben ta' Alla fl-ostja kkonsagrata, hekk li ma tistax tinfired iżjed minnu:

"Ġesù fit-tabernaklu hu Priġunier tal-Imħabba u Maħbub tagħna".

"Ġesù hu… fjamma taħraq ta' Nar li ma jintefiex […] forn tat-Tabernaklu",

"Vittma Safja".

---

[59] B 7, B 64, B 38, B 7.

[60] B 7, B 24, B 90, B 38.

[61] B 23, 32, 48, 97, 11.

[62] B 32; B 8; B 21, 115; B 13.

[63] A 47.

[64] B 103; B 8.

[65] B 49.

[66] B 69, B 24; B 80.

"Ġesù Ostja għalina hu dejjem ħabib li ma jitteħdilniex".[67]

Tixtieq bil-ħeġġa kollha li wlied l-Ordni tagħha jħobbu bi mħabba immensa lil Ġesù, li hi kienet issejjaħ

"l-Għarus Sagramentat l-iżjed ħelu tagħna",
"l-Għarus Ewkaristiku tagħna",
"l-Għarus Priġunier".[68]

Madre Margerita kienet dejjem tirrikkmanda:

"Fittex kollox mit-Tabernaklu Mqaddes: fih kollox issib moħbi".[69]

Ir-relazzjoni ta' għerusija ma' Ġesù tikber fuq kollox bit-talb. Kif fehem tajjeb l-ewwel Teologu Ċensur, Fra Pier Giuseppe Pesce OFM,

"għaliha titlob kien ifisser ħafna ħwejjeġ: tintilef fl-adorazzjoni fis-skiet, tinħall f'tifħir għoli u tinfexx f'radd ta' ħajr imqanqal (A 2; 41; 57; 60); tintreħa u tintilef fit-taħbita tal-qalb kollha qawwa tal-imħabba (A 38); tibki dnubietha (A 67); terġa' tikseb il-qawwa, il-kuraġġ u t-tama (A 2; 3; 38); u tressaq lil kulħadd quddiem il-Mulej, mid-diretturi spiritwali tagħha sal-midinbin tad-dinja kollha (A 55; 56)…".[70]

Imma Fra Pier Giuseppe Pesce lanqas jiċħad li "it-talb għal Madre Margerita hu ġlieda u turment".[71] Fil-fatt naqraw fil-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla li spiss tilmenta li tħossha "mixruba u niexfa"[72] u xi kultant issib ruħha "f'dalma l-iżjed qawwija".[73]

Spiss terġa' ssib ruħha f'din il-kundizzjoni: kultant tiggosta l-intimità mħeġġa ta' Alla tagħha, u kultant terġa' tispiċċa tħossu "imbiegħed u assenti".[74] Hi konvinta li n-nixfa ġejja mill-imħabba limitata tagħha;[75] tilmenta li Ġesù xi kultant "għandu kotriha", imma tagħraf li għandu raġun;[76] tħossha kif tħossha, imma, hi "tintreħa f'idejn l-għożża paterna tiegħu" (ta' Ġesù).[77]

F'kull każ, anki jekk taf li hi fqira u ma jistħoqqilhiex, l-unika xewqa tagħha hi li tigglorifika u tħobb għal dejjem lil Alla u Għarus tagħha bl-istess Qalb tiegħu.[78] U dan ma jagħlaqhiex fiha nfisha, f'rapport intimistiku ma' Alla, imma jfakkarha fl-oħrajn, fid-dinja kollha.

Timpenja ruħha b'mod attiv fl-appostolat, għax l-għan ewlieni tal-eżistenza tagħha hu li tħobb l-Imħabba, biex din l-Imħabba tagħmilha magħrufa u maħbuba.

Fuq dan Fra Pier Giuseppe Pesce jikteb hekk:

"Dan il-ħsieb ma jħallihiex bi kwietha. Tibki għall-Imħabba mhix maħbuba (A 49) u tħossha titkexkex għall-ħsieb li l-erwieħ swew il-prezz tad-Demm ta' Ġesù (A 14; 61; 64). Għaliha hi motiv ta' stagħġib u ta' dwejjaq l-ingratitudni ta' tant nies li jwarrbu lil Alla (A 7; 14; 48; 54) u ssewwed

[67] B 2, A 18, B 69, B 96; B 75; A 63; B 25.
[68] B 6, B 325, B 117.
[69] B 79.
[70] *Positio super scriptis*, Vot tal-ewwel Teologu Ċensur, p. 8.
[71] *Ibid.*, p. 9.
[72] A 5; 21; 24; 47; 67.
[73] A 30.
[74] A 36; 52.
[75] A 9; 37.
[76] A 53.
[77] A 54.
[78] A 8; 18; 24.

qalbha meta tara li tant persuni m'għandhomx għajnuna spiritwali (A 22), waqt li tifraħ għal tant tajjeb li jagħmlu oħrajn (A 58).[79]

Din hi l-bażi taż-żelu appostoliku tagħha, li jmexxi l-opri u l-attivitajiet esterni kollha tal-Istitut tagħha u li hi twassal b'insistenza lill-konsorelli tagħha. Għalhekk hi titlob u tistieden għat-talb għall-vokazzjonijiet,[80] għandha għatx qawwi għal vokazzjonijiet ġodda: biex twassal tant żgħażagħ għand l-imħabba divina, imma trid li jkunu vokazzjonijiet tajbin, jiġifieri li jkunu żgħażagħ li jridu jsiru sorijiet tassew u li jkunu disposti jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej.[81]

Iżda l-aħħar xewqa tagħha hi li ssir vittma tal-Imħabba safja[82] u tpatti bis-sagrifiċċju tagħha nfisha għal tant offiżi li jsiru lil Alla.

Dan iwassalha biex titlob li fil-Quddiesa ssir offerta flimkien mal-Vittma Divina u tixtieq tmut mal-Vittma bla Tebgħa; trid tissagrifika ruħha f'sagrifiċċju tal-ħruq b'dak kollu li hi. L-imħabba twassalha għas-sagrifiċċju. Għandha ġuħ u għatx għall-umiljazzjonijiet u t-tbatija; lesta tinqered biex issalva l-erwieħ. Xejn ma jidhrilha biżżejjed; taħseb li Ġesù mhux qed iħalliha tbati aktar għax għadu ma jqishiex denja tax-xewk.[83]

Huma espressjonijiet li joħorġu minn kuntest mistiku jew sempliċement appostoliku? Nistgħu niżguraw ruħna, minn min hu kompetenti fil-qasam, li hawn qed nitkellmu fuq xewqa u fuq għarfien teoloġiku eċċezzjonali: ngħixu f'Alla billi mmutu. Hawn ta' min jiftakar fl-esperjenza ta' Patri Piju ta' Pietrelcina! Bħall-qaddis tal-pjagi tal-Gargano, anki Madre Margerita tafferma f'iżjed minn okkażjoni waħda:

"L-imħabba tidher fis-sagrifiċċju",
"tħobb l-Imħabba jfisser tissagrifika ruħek għall-Imħabba"
"fit-tbatija tikber l-imħabba u l-intimità mal-Maħbub ħelu u waħdieni";
"Ġesù jdewwaqna l-kalċi tiegħu biex isaffina";
"jekk inħarsu lejn il-Maħbub kollox isir ħelu u ħafif";
"inbatu billi nħobbu, u nħobbu billi nbatu";
"kemm hu ħelu li noqogħdu fuq is-salib ma' Ġesù".[84]

U din l-imħabba ġeneruża u fidila l-Qaddejja ta' Alla tgħixha hi stess fil-ħajja reliġjuża, li hi riedet li tibniha fuq it-talb, il-ħajja fraterna, l-osservanza tal-voti, l-appostolat, eċċ., fi qbil ma' dak mitlub mill-Kostituzzjonijiet.

Ma nistgħux ma ninnutawx, imbagħad, id-devozzjoni ħelwa ta' Madre Margerita lejn il-Madonna. Hi li kienet tħobb tant lil Ġesù, ma setgħetx ma tħobbx persuna li kienet tant qrib tiegħU, Ommu, li hi ssejħilha:

"l-Omm ħelwa tagħna",
"il-Verġni Mqaddsa",
"l-Omm twajba tagħna",
"l-Omm Immakulata",
"Omm il-Ħallieq",
"Omma l-Għarus".[85]

---

[79] *Positio super scriptis*, Vot tal-ewwel Teologu Ċensur, p. 9.
[80] B 63.
[81] B 10; 48; B 63; B 27; 29.
[82] Ara A 6; 11; 15; 44.
[83] Ara A 11; 44; A 64; A 51; A 22; A 39; A 34; A 41; A 35; 40.
[84] B 67; 83; B 6; B 2; B 61; B 64; 68; B 96; B 13; 33; B 68.

Ninżlu issa iżjed fid-dettal u nieqfu ftit biex naraw kif il-misteru Trinitarju u Kristoloġiku b'mod speċjali, flimkien ma' stil ta' ħajja evanġelika u ma' devozzjoni Marjana sinċiera, wasslu lill-Qaddejja ta' Alla biex teżerċita b'mod erojku l-virtujiet teologali, il-virtujiet kardinali u l-kunsilli evanġeliċi.

*Fidi*

L-Atti tal-*Positio* jiġbru fihom ix-xhieda unanima li, dawk kollha li kienu jafu lill-Qaddejja ta' Alla jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu magħha, baqgħu edifikati mill-fatt li

> "Madre Margerita dejjem kienet persuna mitluqa f'idejn Alla, għax kellha fidi qawwija, li kienet tgħix b'mod sempliċi, imma konvinċenti, hekk li saret għalliema tagħha mhux daqstant bil-kliem, daqskemm b'ħajjitha".[86]

Anki l-bijografu tagħha, Patri Calliari, jafferma li l-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla

> "kienet mibnija kollha fuq il-fidi: hi mhux biss kellha l-fidi, imma kienet taraha, tmissha b'idejha, tgħixha jum wara jum, mument wara mument, fidi sħiħa, serena, mingħajr dellijiet jew xquq. Il-fidi tagħha biss tista' tispjega s-sigħat u l-iljieli twal ta' talb fid-Dar tal-Adorazzjoni. Il-Madre kienet tħeġġeġ din l-istess fidi f'qalb is-sorijiet tagħha".[87]

Ix-xhieda jitkellmu dwar wirja ġenwina ta' fidi vera. Fost l-oħrajn:

> "Madre Margerita kienet temmen bil-qawwa li Alla jħobb lill-bnedmin kollha bi mħabba speċjali u fittxet bi kliemha li tnissel fina din il-fidi [...] meta kienet tiġi xi omm biex iċċanfar lil uliedha u tnissel fihom il-biża', kienet tikkoreġiha dritt, u tispjegalaha li ma kellhiex tbeżżagħhom b'Alla li hu tant twajjeb, ħanin u mimli mħabba...";[88]
> "Madre Margerita kellha fidi kbira f'Alla, li kienet tħobb profondament. F'kull ittra li kienet tikteb, kienet tiftaħ u tagħlaq b'nota fuq Alla li jħobbna. Jekk Alla jħobbna, allura żgur jipprovdilna li neħtieġu".[89]

Timxi ħafna 'l quddiem f'din il-virtù hekk li ssir eżempju ħaj ta' fidi:

> "Kienet tfittex dejjem li tgħix ir-rieda ta' Alla, anki meta kienet tħabbat wiċċha mat-tiġrib, li laqgħet dejjem bħala parti mir-rieda ta' Alla".[90]

Interessanti ninnutaw kif, propju minħabba l-fidi tagħha, il-Qaddejja ta' Alla wriet li

> "f'kull ma jseħħ kienet tara manifestazzjoni misterjuża u providenzjali tal-imħabba ta' Alla u minn kollox kienet tieħu spunt u stimolu biex tfittex li tikkorrispondi magħha b'ġenerożità",[91]

anki meta kienet tgħaddi minn provi partikularment iebsin. U dan, kif naqraw fix-xhieda, "hu iżjed frott il-virtù milli l-karattru".[92] Għalhekk dwarha jiktbu:

> "Madre Margerita kienet mara ta' fidi, mhux tant fit-teorija, imma fil-prattika, għax l-imġiba tagħha ta' kuljum ma kinitx studjata, magħmula biex tidher, imma għexitha fil-preżenza ta' Alla".[93]

*Tama*

Il-ħajja kollha tal-Qaddejja ta' Alla kienet mibnija fuq it-tama Nisranija. Tikteb waħda soru:

---

[85] B 32, 61; B 65; B 80; B 78, 80, 64, 105; A 40; B 1.
[86] Ara *Positio, Summarium*, I, § 3 u 6, 29-30.
[87] *Positio, Summarium*, VII, § 111, 67.
[88] *Positio, Summarium*, IV, § 56, 50.
[89] *Positio, Summarium*, V, § 71, 53.
[90] *Positio, Summarium*, VIII, § 270, 167.
[91] Ara *Amiamo l'Amore*, 7.
[92] *Positio, Summarium*, XXVI, § 493, 275.
[93] *Positio, Summarium*, XVI, § 388, 226.

"F'Madre Margerita t-tama kienet tidher fil-fiduċja kbira tagħha f'Alla, kemm f'dak li hu materjali, imma fuq kollox f'dak li hu spiritwali, għax kienet tafda bil-qawwa kollha fis-Sema u fl-għaqda ma' Alla, mhux għall-merti tagħha, imma għax kienet tqiegħed il-fiduċja kollha tagħha fil-merti ta' Ġesù…".[94]

Din it-tama ħajja Alla kien iseħibha anki b'sinjali partikulari. Xhieda ċara ta' dan huma ċerti episodji li seħħu matul iż-żewġ Gwerer Dinjija, kif jgħidilna x-xhud VII:

"Din il-Madre qatt ma niżlet tistkenn (fix-xelter), imma mad-daqq tas-sirena kienet tmur ħdejn it-Tabernaklu u tibqa' hemm titlob sakemm jintemm l-attakk tal-għadu. U meta xi waħda minna kienet tmur ħdejha kollha mbeżżgħa, hi kienet tgħidilha: 'Għaliex tibża', meta għandna hekk qrib tagħna lill-Priġunier divin tal-Imħabba?'. U kienet tagħmel il-qalb lil kulħadd u tittamana li ma kinux se jaqgħu bombi, kif fil-fatt ġara".[95]

Nistgħu ngħidu li t-tama f'Madre Magerita kienet fiduċjuża u serena.

Kemm hi attwali wkoll il-konvinzjoni tagħha li l-veru twelid mill-ġdid tan-Nisrani, li ġej mill-Qawmien ta' Kristu, jilħaq il-qofol tiegħu fi tmiem mixja twila ta' maturità fi Kristu, u li biss jekk bis-sabar nikbru fl-imħabba tiegħu, li kull wieħed minna jista', wara l-prova fuq din l-art, jiżgura ruħu minn twelid ġdid u jiret il-glorja. Għadd ta' xhieda jaffermaw:

"Jien ċerta li ħajjitha kienet mibnija fuq din il-virtù tat-tama. Il-fidi li kellha fil-providenza divina wasslitha biex tiddistakka ruħha minn kollox […] kienet tirrikkmandalna qatigħ id-distakk mid-dinja u minna nfusna […] il-ħtieġa ta' spirtu ta' mortifikazzjoni […] kellna nħabirku biex insaħħu fina s-sens tal-fiduċja f'Alla u fl-għajnuna tiegħu".[96]

*Mħabba*

Il-mod erojku kif Madre Margerita għexet din il-virtù jieħu f'żewġ direzzjonijiet: lejn Alla u lejn il-proxxmu.

Kif diġà osservajna, l-ewwel waħda tidher sew fil-ħajja kollha tagħha, mgħaddsa f'imħabba lejn Alla li hu waħdani, totali, li tesprimiha fi twaħħid kostanti mar-rieda tiegħu u fix-xewqa għal intimità dejjem iżjed profonda mal-Għarus divin Imsallab tagħha, fit-talba ta' adorazzjoni u ta' kontemplazzjoni quddiem is-Santissmu Sagrament, fil-ħtieġa li toffri ruħha vittma ta' tpattija għad-dnubiet u għas-salvazzjoni tal-aħwa, u għalhekk fil-bżonn qawwi li turi min hu Alla u jkun maħbub.[97] Inġibu biss ftit xhieda, biex nagħtu eżempju:

"Fuqiex kienet tkellimna? Kienet tkellimna fuq l-imħabba ta' Alla, fuq l-imħabba ta' Alla biss kienet tkellimna u fuq l-osservanza tar-Regola, li hi l-espressjoni l-iżjed prattika tal-imħabba ta' Alla"[98];

"Id-diskors tagħha kien idur il-ħin kollha fuq l-imħabba ta' Alla u l-kobor tagħha. Kienet tħobb tittratta dan l-argument f'kull ħin, anki waqt ir-rikreazzjoni. Kellha xewqa kbira li tarana nħabirku biex inħobbu lil Ġesù…".[99]

Sinifikattiva hi l-osservazzjoni li fil-Qaddejja ta' Alla mhemm l-ebda fehma li trid tippenetra l-misteru tal-imħabba ta' Alla fuq livell intellettwali jew teoloġiku, imma kollox jseħħ fiha b'sempliċità u reċiproċità, f'*escalation* gradwali ta' intimità. Dan jikkonfermawh is-sorijiet tagħha:

---

[94] *Positio, Summarium,* XIII, § 313, 187; XVI, § 391, 227.
[95] *Positio, Summarium,* VII, § 207, 121.
[96] *Positio, Summarium,* XXXV, § 598, 331.
[97] Ara *Biographia documentata,* kap. 7, 37. Ara wkoll l-ittri miġbura fit-taqsima *Amiamo l'Amore,* 25-114.
[98] *Positio, Summarium,* VII, § 128, 75.
[99] *Positio, Summarium,* XLIV, § 711, 398.

“Kienet ruħ sensibilissma għall-imħabba ta’ Alla […] Keta kienet titkellem fuq Alla l-mod tagħha kien hekk imħeġġeġ li kienet twassalhulna […] Mill-ħlejqa kienet tgħaddi faċilment għal Alla u f’kollox kienet tara t-tjieba tiegħu […] Kienet turi l-imħabba ta’ Alla fid-delikatezza tagħha mal-proxxmu, speċjalment mal-morda, it-tfal, dawk fil-bżonn”;[100]

“L-impressjoni tiegħi hi li Madre Margerita kienet tilmaħ il-kobor u l-maestà ta’ Alla biss mil-lat tal-imħabba […] Minkejja l-età avvanzata tagħha, kienet tqum kmieni filgħodu, biex tkun l-ewwel waħda fil-kappella. Kienet tgħid: ‘Irridu nistennewh aħna u mhux jistenniena Hu’. Kienet tgħaddi ħin twil fil-kor jew fil-knisja quddiem Ġesù Ewkaristija u, fis-skiet, kienet tikkontempla dan il-misteru ta’ mħabba”.[101]

Mill-ġdid, għandna xhud *de visu* li tiddikjara:

“Personalment inżomm li l-imħabba lejn Alla kienet l-ogħla virtù li Madre Margerita ħabirket biex tgħix, u tassew irnexxielha…”.[102]

Konsegwenza naturali tal-imħabba lejn Alla hi, bla dubju, l-imħabba lejn il-proxxmu, li l-Qaddejja ta’ Alla ħaddmet b’mod li jgħaġġbek fl-għemejjel tagħha ta’ kuljum: kull ġest, kelma u attenzjoni tagħha kienet tagħmilhom f’solidarjetà umli ma’ kull min kienet tiltaqa’, għax riedet twassal kollox u lil kulħadd għand Alla:

“Il-Qaddejja ta’ Alla kienet turi attenzjoni partikulari lejn iż-żgħar, il-batuti, il-foqra...”[103]

“u kienet twegħidhom li se tirrikmanda l-ħtiġijiet tagħhom lil Ġesù Sagramentat, kif fil-fatt kienet tagħmel”;[104]

“Kienet tagħmel minn kollox biex tgħin lill-oħrajn...”.[105]

Iż-żelu tagħha tassew għandu mill-erojku:

“Kienet spiss tmur iżżur il-morda, irġiel u nisa, u nistgħu ngħidu li t-tieni skop wara t-tagħlim fl-iskola riedet li jkun dak li nżuru l-morda; hi kienet toħroġ kważi kuljum biex iżżur il-morda; illum tmur fi triq u għada f’oħra, u kienet tfittex lil kulħadd biex tfarraġhom. Meta kienet tara l-miżerji tagħhom kienet tfarraġhom u tistedinhom ibatu f’għaqda mal-merti tas-Sinjur Tagħna u joffru s-sagrifiċċji tagħhom għall-konverżjoni tal-midinbin u biex ipattu għall-offiżi li jirċievi Ġesù. Ta’ dan huma xhieda l-familji kollha li kellhom ix-xorti li tmur għandhom. Lil kulħadd kienet tħalli xi kelma tajba bħala tifkira…”.[106]

Imma dak li b’mod partikulari jikkonvinċina dwar il-verità ta’ mħabbitha lejn il-proxxmu hu x-xhieda li tat f’ħajjitha ta’ għaqda fraterna, fil-komunità, fost il-konsorelli tagħha:

“Kienet issostni li kull waħda minna kellha trawwem fiha dispożizzjoni għall-maħfra ta’ oħtha li tkun naqsitha mill-imħabba, biex hekk nistgħu tal-inqas infejqu l-ġerħa li tkun ikkawżat tbatija lill-komunità sħiħa…”;

“Anki meta ma kinitx tħaddan l-uffiċċju ta’ superjura, kienet tmur iżżur il-morda u fil-punt tal-mewt kienet tagħmlilhom il-kuraġġ […] Kienet turi din l-imħabba anki mal-lajċi. Kienet tagħmel ħafna karità: kienet tqassam lin-nies dak li l-Mulej kien jipprovdilha […] qatt ma tkellmet ħażin fuq ħadd”.[107]

Kienet tispikka wkoll il-kapaċità tagħha li tiddixxerni, li tisma’, li tgħallem fuq kollox bil-lezzjoni tal-ħajja umli u diskreta tagħha, li tippromwovi l-għaqda bejn is-sorijiet tagħha, kif jaffermaw xi xhieda *de visu*:

---

[100] *Positio, Summarium,* XVI, § 392, 228.
[101] *Positio, Summarium,* XV, § 361-62, 209.
[102] *Positio, Summarium,* XLVIII, § 738; 415.
[103] *Positio, Summarium,* XIII, § 317, 190.
[104] *Positio, Summarium,* II, § 22, 34.
[105] *Positio, Summarium,* XXV, § 482, 270.
[106] *Positio, Summarium,* § 250, 151.
[107] *Positio, Summarium,* XXXVI, § 641, 358; XLVIII, § 742, 417.

"Fostna s-sorijiet kienet dejjem strument ta' għaqda";
"L-għaqda fil-komunità dejjem kienet ix-xewqa ta' Madre Margerita. Meta kienet titlobna biex ngħixu l-għaqda tagħna ma' Alla, fl-istess ħin kienet tagħfas fuq il-ħtieġa tal-komunjoni u l-ftehim bejnietna […]. Kienet attenta li tkun materna fil-korrezzjonijiet li tagħmel […] biex hekk ma tumilja lil ħadd".[108]

*Prudenza*

Il-mod ta' ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, immexxi mill-għerf, il-ħlewwa jew, f'kelma waħda, mill-kriterju tal-imħabba, li jiġbor kollox, hu xhieda tal-ħakma sħiħa li kellha ta' din il-virtù kardinali. Dan joħroġ ukoll mix-xhieda unanimi, li hawn qed nagħtu siltiet qosra minnhom:
"Kienet persuna bilanċjata fil-kliem u fl-atteġġjamenti tagħha. Ta' mara għarfa li kienet, kienet tagħmel kollox bi prudenza kbira […] kienet taġixxi b'kalma u b'serenità…",
"Ilkoll, kemm sorijiet u kemm lajċi, kellhom ammirazzjoni kbira lejha […] għax kienet timxi b'għerf kbir".[109]

Il-prudenza perfetta hi dejjem għas-servizz tal-imħabba u twassalna biex nikbsu l-ħajja eterna, għalina u għall-oħrajn. Waqt li ngħaqdet ma' Ġesù Kristu fl-osservanza tal-Kmandamenti u terfa' s-salib tagħha, spiss tqil, il-Qaddejja ta' Alla ħadmet id f'id mal-opra ta' salvazzjoni ta' Kristu. Żgur li dan kien don li hi rċiviet għax bil-ħlewwa kollha ħalliet lill-Ispirtu s-Santu jaħdem fiha.

Naqraw fis-*Summarium*:
"M'għandix dubju dwar il-prudenza tal-Madre, għax kemm fil-kliem u kemm fl-atteġġjament tagħha kienet tuża bħala termometru l-imħabba Nisranija. Għalhekk jien konvinta li fit-twissijiet tagħha, fil-pariri dejjem fittxet li taġixxi bi prudenza […]. Anki l-lajċi kienu jfittxuha biex jitolbuha l-pariri u l-Madre kienet tgħin lil kulħadd…".[110]

F'fedeltà l-iżjed ġenwina għall-ispirtu Franġiskan, Madre Margerita tħaddem b'mod eċċellenti l-virtù tal-prudenza qabel xejn fost is-sorijiet tagħha: tieħu ħsieb il-formazzjoni umana, professjonali u reliġjuża tagħhom, tħeġġiġhom kollha mħabba biex jimxu 'l quddiem fil-mixja tal-konsagrazzjoni speċjali tagħhom, tqawwilhom qalbhom u twissihom b'eżortazzjoni fraterna u b'fiduċja:
"Il-kliem tagħha kien dejjem ftit u ħelu […] Qatt ma ppretendiet minna ħwejjeġ li ma stajniex inqegħduhom fil-prattika…";
"Ma kinitx timponi lilha nfisha, imma kienet fittex li tgħin il-persuna tagħraf u tammetti l-iżbalji tagħha, mingħajr ma tumiljaha";
"Kienet meqjusa u bbilanċjata f'kollox. Dwar iċ-ċilizzju kienet turini li ċ-ċilizzju hu forma ta' penitenza tal-ġisem, waqt li l-forma ta' penitenza li l-aktar tħalli frott hi meta nħabirku biex nosservaw is-silenzju, ngħinu lil min hu fil-bżonn, eċċ".[111]

*Ġustizzja*

Il-virtù tal-ġustizzja, fil-ħajja ta' Madre Margerita, għandu l-bażi tiegħu fil-fatt li hi kellha għarfien sħiħ ta' dik id-dimensjoni kreaturali tal-eżistenza tagħha, jiġifieri li kienet tagħmel minnha nfisha ħlejqa dipendenti minn Alla. Dejjem ħassitha "*bint*", ħlejqa ta' Alla, u għalhekk kienet kapaċi tagħraf il-post xieraq ta' kulħadd u, minħabba dan, għarfet tagħti lil kull wieħed dak li hu tiegħu, f'dawk li huma tjieba, rispett, imħabba, servizz awtentiku. Fix-xhieda naqraw:

[108] *Positio, Summarium*, XXV, § 482; XXVI, § 495-96, 276.
[109] *Positio, Summarium*, XXXVI, § 643, 359; XIII, § 318, 190.
[110] *Positio, Summarium*, XXX, § 540, 295.
[111] *Positio, Summarium*, XIX, § 435, 250; XVIII, § 418, 239; XVIII, § 420, 240.

“Uriet sens ta’ ġustizzja ma’ kulħadd…”;
“Wettqet id-dmirijiet tagħha lejn Alla u lejn il-komunità, minkejja l-età, bl-akbar eżattezza possibbli. Kienet tosserva r-Regola bl-akbar puntwalità u mill-qalb […] Imma ma kinitx legalista. Kienet taf tiddixxerni l-valuri…”.[112]

Sabiħ u nobbli hu l-isforz biex teduka liż-żgħażagħ lejn id-dmir ta’ ġustizzja morali u spiritwali lejn il-benefatturi:
“Kienet rikonoxxenti ħafna lejn il-benefatturi u kienet twegħidhom it-talb tagħha u dak tas-sorijiet”;
“Kellha rikonoxxenza kbira lejn dawk kollha li b’xi mod kienu jgħinu lill-komunità. Spiss kienet tfakkarna li konna obbligati fil-kuxjenza li nitolbu għall-benefatturi tagħna, billi hekk biss tajna nħallsuhom lura […] Fil-fehma tagħha, kull waħda minna għandha tħossha responsabbli fit-twettiq tal-uffiċċju assenjat lilha mill-komunità, mhux biss għall-imħabba ta’ Alla, imma anki bħala rispett lejn il-komunità, fis-sens li d-dmir kien doppju: reliġjuż u komunitarju…”.[113]

Żgur li l-kapaċità ta’ din il-virtù f’Madre Margerita kienet ġejja mill-fatt li, kif jaqblu unanimament is-sorijiet tagħha,
“kienet tmexxina bl-għerf u bil-qawwa u wettqet id-dmirijiet tagħha ta’ ġustizzja lejn il-Kongregazzjoni u lejna. Minkejja li kienet tħobbna, ma kinitx tibża’ tieħu deċiżjonijiet iebsin, bħal ngħidu aħna meta bagħtet id-dar tliet novizzi li ma kinux tajbin għall-ħajja reliġjuża”.[114]

Dan sinjal li ħalliet l-Ispirtu ta’ Alla jaħdem fiha.

*Qawwa*
Min jagħżel li jimxi wara Kristu jrid iħejji ruħu biex jissielet. Dan Madre Margerita tafu tajjeb, u turi li hi lesta għal kollox basta twassal l-opra ta’ Alla sa tmiemha. Ta’ dixxiplu veru tal-Imgħallem, tagħti prova sabiħa ta’ qawwa fiċ-ċirkustanzi kollha, anki l-iżjed kumplessi u, spiss kuntrarji, tal-ħajja.

Id-dokumentazzjoni wiesgħa tippreżentalna lill-Qaddejja ta’ Alla tassew qawwija u kuraġġjuża:
“X’għandi nagħmel jekk mhux nabbanduna ruħi kollni kemm jien f’idejn l-għożża paterna tal-providenza divina? Għandi bżonn l-għajnuna, il-kuraġġ, biex minnufih nintefa f’dak l-oċean tal-Imħabba divina […] fil-ħdan tal-Missier, fejn nista’ nsib l-enerġija, id-dawl u l-faraġ biex nista’ nimxi dejjem iżjed ’il quddiem, ’il quddiem, sakemm nasal sal-quċċata u nniżżel il-kalċi qares sal-aħħar qatra…”.[115]

Il-Qaddejja ta’ Alla tagħti prova ta’ qawwa tul ħajjitha kollha, f’kull rwol li twettaq u f’kull kundizzjoni li fiha jqegħidha l-Mulej, ta’ saħħa jew ta’ mard, bħal fl-aħħar snin li għexet, anzjana u marida, fil-*Casa Madre*. Uliedha jiftakru b’ammirazzjoni u qima l-ħeġġa li kienet timbuttaha anki jekk issa l-forzi fiżiċi kienu ħallewha.[116]

L-awgurju li kienet tagħmel lil uliedha kien:
“Ma nixteqilkom u ma nista’ nawguralkom l-ebda ġid ieħor ħlief imħabba ġeneruża, imħabba qawwija u qalb safja”,[117]
“Biss taqtgħux qalbkom; imma, imsaħħa mill-qawwa divina, taslu għal dak li tixtiequ”.[118]

[112] *Positio, Summarium,* XIII, §§ 318-19, 190-91.
[113] *Positio, Summarium,* IV, § 64; XXXVI, § 643, 359.
[114] *Positio, Summarium*, XVII, § 409, 235.
[115] Ittra 25, f’*Amiamo l’Amore*, 34.
[116] Ara *Biographia documentata*, kap. 31, 179ss.
[117] B 27.
[118] B 48.

*Temperanza*

Il-moderazzjoni erojka ta' kull pjaċir uman u l-użu bilanċjat tal-ġid ta' din l-art juru li l-Qaddejja ta' Alla ħaddmet anki din il-virtù sal-ogħla livell, sakemm għamlet minnha prattika abitwali f'ħajjitha.

Naqraw fid-diversi xhieda:

> "Kellha ħakma fuqha nfisha. Ma kienet tħalli jidher l-ebda għemil ta' nuqqas ta' sabar jew xi rabja mqar żgħira, imma kienet iġġib ruħha ma' kulħadd l-istess, kemm mas-sorijiet li kienu jqimuha, u kemm ma' dawk kollha li kienu jippersegwitawha...".[119]

Hawn naraw l-eżempju tagħha fil-ħajja ta' kuljum, sempliċi u jittieħed. Madre Margerita hi konvinta li l-għerf veru jitlob konverżjoni kontinwa tal-qalb, stil konkret ta' penitenza, don lil Alla li dejjem jiġġedded, jissaffa, mewt sinċiera għal Kristu, għaliex l-għotja totali tagħna nfusna hi l-bidu tal-ħajja vera. L-eżortazzjonijiet li tagħmel lis-sorijiet għandhom dan it-ton:

> "Jeħtieġ dejjem niġġieldu kontra n-natura mħassra tagħna; jeħtieġ dejjem nissagrifikaw lilna nfusna, immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna [...] għall-ġibdiet ħżiena tagħna. Ma nċedu qatt għar-raġunamenti umani, lanqas għall-pretensjonijiet ta' ġisimna...".[120]

Bosta huma x-xhieda *de visu* li nnotaw fiha l-orjentament għal kull forma ta' mortifikazzjoni u t-tħaddim ta' kull tip ta' temperanza Nisranija:

> "Qatt ma kienet tiġri wara ħwejjeġ partikulari, kienet taċċetta kollox, u qatt ma ppretendiet xi trattament speċjali [...] Kienet mara ta' penitenza. Intenni li rajtha liebsa d-dixxiplina. Kienet iebsa ħafna magħha nfisha, kemm fl-osservanza tar-regola, u kemm fis-sawm obbligatorju; min-naħa l-oħra, ma kinitx riġida magħna".[121]

Il-Qaddejja ta' Alla kienet tqim lil Alla u tpatti għall-imħabba divina b'atteġġjament ta' konverżjoni permanenti, u għalhekk mill-persuna tagħha stajt tħoss sens ta' bilanċ u ta' ordni 'l fuq minn kull norma:

> "Il-paċi interjuri li kienet tgawdi l-Qaddejja ta' Alla kienet tidher f'kull atteġġjament esterjuri tagħha. Kienet miġbura u trankwilla, qatt ma kont taraha miexja tgħaġġel, id-diskors tagħha kien pjuttost meqjus [...] qatt ma kont tismagħha tgħolli leħinha. Dan il-mod ta' mġiba tagħha ma kienx ġej assolutament minn xi sens ta' timidezza jew biża', imma pjuttost kien il-frott ta' eżerċizzju spiritwali...".[122]

Aspett ieħor tat-temperenza mħaddma minnha hi l-modestja, regola tal-imġiba esterjuri tagħha u tat-tagħlim tagħha:

> "Dejjem tatni l-impressjoni li kienet persuna moderata u meqjusa f'dak kollu li kienet tagħmel [...] kienet tagħmel kollox fil-waqt it-tajjeb [...] anki fil-ħin tar-rikreazzjoni".[123]

*Kastità*

Għal Madre Margerita l-kastità kienet l-għażla tal-imħabba universali. B'din l-għażla hi setgħet tiftaħ qalbha biex tgħannaq magħha d-dinja kollha, għax straħet biss fuq Alla, li saħħarha għal warajH. Ħabbet bl-ikbar ħlewwa u b'mod konkret mingħajr rabta ma' xejn, għax ħabbet bl-istess imħabba li biha Alla għex f'qalbha:

> "Spiss kienet tinsisti biex napprezzaw din il-virtù għax Ġesù, l-Għarus, hu għajjur ħafna. Kienet tirrikkmanda ħafna t-trażżin tas-sensi, speċjalment tal-għajnejn, u li nagħmlu atti ta' penitenza".[124]

---

[119] *Positio, Summarium,* VII, § 259.
[120] Ittra 71, f'*Amiamo l'Amore,* 66.
[121] *Positio, Summarium,* XXXII, § 563, 305.
[122] *Positio, Summarium,* VII, § 106, 66.
[123] *Positio, Summarium,* XXXIII, § 580, 318; XXXV, § 601.
[124] *Positio, Summarium,* XXX, § 543, 297.

Prattikament il-kastità kienet għaliha t-triq li wasslitha għal-libertà tal-ispirtu. Spiss kienet titkellem fuq il-valur tal-kastità u turi lis-sorijiet tagħha l-aħjar mezzi biex jipprattikawha u jikkonservawha, billi jaħarbu ċerti ħbiberiji u jkunu modesti fil-mod kif jilbsu. Xhud lajka tgħid hekk dwarha:

"Kienet tħobb is-safa u l-modestja u tfittex li tqanqal dawn il-virtujiet f'dawk kollha li magħhom kien ikollha x'taqsam, u kienet tistmerr dak kollu li kien ifixkel it-tħaddim ta' dawn il-virtujiet. Għalkemm konna għadna biss tfajliet, kienet teżortana biex inkunu modesti fil-mod kif nilbsu. Lil ommi kienet tgħidilha biex tlibbisna b'mod diċenti".[125]

Nistgħu naffermaw li hi segwiet b'mod sħiħ l-ispiritwalità Franġiskana fit-tħaddim ta' din il-virtù u oħrajn:

"Nistgħu naffermaw li l-mod tagħha ta' mġiba esterna kien jirrifletti s-safa ġewwieni tagħha".[126]

*Faqar*

Il-faqar, fuq l-eżempju ta' San Franġisk, jikkostitwixxi l-programm ta' ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, fejn ġiet ippruvata l-fedeltà tagħha lejn Kristu, fqir u Msallab, ir-ruħ tax-xhieda tagħha u tal-evanġelizzazzjoni tagħha. Kollox fiha hu mmarkat mill-faqar, kemm fir-relazzjoni tagħha ma' Alla u kemm fir-relazzjoni mal-proxxmu. Fil-fatt, il-faqar hu l-għażla biex wieħed jikseb is-Saltna sa minn hawn isfel: hi kienet fqira għax kellha l-ħila tagħti u tirċievi mingħajr ma żżomm xejn għaliha, għax min hu fqir fil-Mulej jirċievi kollox minn għandU; jaf igawdi, jaf jitħeġġeġ, jaf jistagħġeb quddiem kollox. Dan naqrawh ukoll fix-xhieda:

"Il-voti kienu ħafna għal qalbha. Imma l-aktar wieħed li kienet tħobb minnhom kollha kien il-vot tal-faqar, għax għaliha kienet tagħżel dejjem l-ifqar ħwejjeġ; u dan kienet tagħmlu b'tant imħabba u ferħ",

"Madre Margerita kienet ruħ tassew Franġiskana, għax fiha l-virtù tal-faqar kien għoli ħafna. Ma kienx moħħha fil-ħwejjeġ, la kellha u lanqas riedet li jkollha ħwejjeġ żejda",

"kull meta setgħet kienet tħeġġeġ fil-konsorelli dan l-ispirtu ta' faqar Franġiskan".[127]

Inqisu bħala erojku l-mod kif il-Qaddejja ta' Alla ħaddmet il-faqar għax hu libbes l-espressjonijiet kollha ta' ħajjitha u ta' dak li għamlet: l-essenzjalità tal-ilbies, il-prekarjetà u l-modestja fil-postijiet fejn għexet, iċ-ċaħda hienja minn kull sigurtà materjali. U dan kienet tgħallem lis-sorijiet:

"Kienet teżortana biex ngħixu f'dan l-ispirtu ta' faqar, anki jekk ma kienet tħallina qatt nieqsa minn dak li kien meħtieġ…".

"Kemm għarfet timitah tajjeb lill-Missier Serafiku tagħna! Kienet tgħix ta' fqira tassew: qatt ma riedet dak li hu żejjed, kienet tipprattika l-faqar imqaddes sal-ogħla livell…".[128]

L-atteġġjament eżemplari u ta' ċaħda ma kienx biss fil-konfront tal-pussess u l-użu tal-ħwejjeġ materjali, imma anki tar-relazzjonijiet mal-persuni, hekk li mġibitha kienet għal kulħadd okkażjoni ta' riflessjoni.

Ix-xhieda marbuta mat-tħaddim tal-faqar, wisq iktar fl-għadd minn dawk marbuta ma' virtujiet oħrajn, jikkonvinċuna bla ebda dubju li l-Qaddejja ta' Alla mxiet fuq l-eżempju tar-raħeb qaddis ta' Assisi. Minħabba f'hekk hi setgħet iġġarrab

"sens ta' dipendenza fuq il-providenza divina",[129]

---

[125] *Positio, Summarium*, XIX, § 438, 252.
[126] *Positio, Summarium*, XIV, § 346, 201.
[127] *Positio, Summarium*, XIV, § 346, 203; II, § 17, 33; VII, § 116, 68.
[128] *Positio, Summarium*, VII, § 156, 93; VII, § 175, 104.
[129] *Positio, Summarium*, XIV, § 345, 203.

b'mod li żammet ruħha dejjem modesta, mansweta u umli. Fi kliem ieħor:

> "Skont Madre Margerita, tgħix il-preżent u tħalli l-futur f'idejn Alla hu spirtu ta' faqar".[130]

*Ubbidjenza*

Għal Madre Margerita l-prattika tal-kunsill evanġeliku tal-ubbidjenza kienet il-konsegwenza meħtieġa tal-aċċettazzjoni li Kristu hu s-sid ta' ħajjitha. Il-kriterju u l-kejl tal-ubbidjenza tagħha lejn Alla kien li ssir ħaġa waħda ma' Kristu. Il-vot tal-ubbidjenza ħeles ir-rieda tagħha minn proġetti personali, biex setgħet isservi b'mod sħiħ il-proġett ta' Alla; poġġieha fil-kuntest sħiħ tas-servizz tas-Saltna u f'dan id-dawl hi għamlet anki l-għażliet l-iżjed personali u inċidentali.

Jafferma xhud *de visu*:

> "Fl-ubbidjenza kienet tara r-rieda ta' Alla u kienet tipprova tħeġġeġ fina wkoll sens ta' stima, rispett u prontezza f'li nkunu ubbidjenti".[131]

Ubbidjenza bħal din fiha ssir profezija, għax tgħallem il-ġmiel li jeħles ta' esperjenza ta' wlied, mhux servili, għanja b'sens ta' responsabbiltà u mdawla minn fiduċja reċiproka, kemm mas-sorelli u kemm mas-Superjuri.

Dwar dan naqraw hekk f'waħda mix-xhieda:

> "M'għandix dubju dwar l-ispirtu tagħha ta' ubbidejenza fil-konfront tal-awtorità ekkleżjastika u tal-konfessur tagħha…".[132]

U oħra tgħid hekk:

> "L-ubbidjenza lejn is-superjuri ekkleżjastiċi tagħha kienet fi qbil sħiħ mal-ispirtu ekkleżjali profond li kellha. Qatt ma riedet tmur kontra xi ordni taż-żewġ Isqfijiet ta' Għawdex u Malta u rat dejjem kif twettaq ix-xewqat tagħhom, anki jekk xi drabi b'sagrifiċċji kbar għaliha u għall-konsorelli. Kellha stima l-iżjed baxxa tagħha nfisha u kienet kuntenta li ma kellhiex, kif tgħid hi stess, l-ebda minn dawk il-kwalitajiet esterjuri li jiġbdu lejhom tifħir u unuri quddiem il-bnedmin. Kienet tiffirma 'Swor miżerja u midinba'…".[133]

Unanimi fix-xhieda hi l-affermazzjoni li:

> "Kienet tgħallem l-ubbidjenza mhux biss bil-kliem imma wkoll bil-fatti, bl-eżempju. Fil-fatt kellha qima kbira lejn is-superjuri fil-komunità u kienet toqgħod għalihom…".[134]

Anki din ix-xhieda hi ta' min jagħti kasha:

> "Il-konfessur u direttur tagħha, Dun A. Galea, li kien Korfù bħala kappillan, jgħid li Madre Margerita kienet omm li ma kien hemm xejn x'tgħid fiha, umli fil-manjieri tagħha, mansweta u ħelwa, imma dak li l-iżjed ammirajt fiha kien l-ubbidjenza għamja tagħha; hi kienet attentissma għal dak li kont nordnalha, għax kienet tobdi sal-inqas ittra […]. Hu jgħid li bla dubju jista' jsejħilha qaddisa…".[135]

*Umiltà*

Din il-virtù tiġbor fiha l-għotja u l-kundizzjoni radikali tal-Qaddejja ta' Alla biex titwaħħad b'mod dejjem iżjed perfett ma' Kristu. Nisimgħu lix-xhieda:

---

[130] *Positio, Summarium,* XXVII, § 499, 278.
[131] *Positio, Summarium,* XVII, § 397, 230.
[132] *Positio, Summarium,* XIV, § 347, 203.
[133] *Positio, Summarium,* VII, § 118, 69.
[134] *Positio, Summarium,* V, § 82, 57.
[135] *Positio, Summarium,* VII, § 206, 121.

> "F'kull okkażjoni kienet tfittex kif sa tinħeba: waħda kienet ix-xewqa tagħha, li tixbah f'kollox lill-Bniedem Alla…".[136]

B'mod partikulari mill-ittri tal-Qaddejja ta' Alla joħroġ kemm kellha għal qalbha, bl-umiltà tagħha, li turi biss u f'kull ċirkustanza l-imħabba salvifika ta' Alla. Kitbet hekk:

> "Jeħtieġ dejjem nissieltu, dejjem immutu, dejjem inxejnu lilna nfusna […] sakemm naslu biex neqirdu l-Jien uman, u hekk naslu biex niksbu l-Imħabba divina. Oh, għażiża tiegħi, kemm inħossni mbiegħda, imbiegħda, imbiegħda…".[137]

Tagħraf li mhi xejn quddiem Alla u fil-bżonn li tikseb ħajja ġdida fi Kristu. Naqraw mill-ġdid:

> "Il-persuna tagħha waħidha kienet titkellem dwar l-umiltà tagħha. Niftakar sewwa li qatt ma smajtha tlissen kliem ta' tifħir fuqha nfisha jew fuq dak li kienet tagħmel. Anzi, kellha kliem ta' disprezz lejha nfisha".[138]

Xhieda oħra sabiħa ta' waħda soru:

> "Tatna l-eżempju ta' kif tkun persuna umli. Fl-aħħar snin ta' ħajjitha, il-Madre għexet ħajja moħbija; imwarrba, waħedha […]. Fittxet dejjem li tirtira lura, mhux għax kellha karattru timidu, imma għax ħadmet tant fuqha nfisha biex setgħet tgħix it-triq tal-umiltà. Kienet teżortana biex immewtu fina l-amor propju tagħna u hi stess kienet ta' eżempju fit-tħaddim tal-umiltà. Jidhirli li l-Madre kienet mietet għaliha nfisha qabel ma mietet fiżikament".[139]

Lil waħda soru żagħżugħa kitbitilha hekk:

> "Intennilek biss il-kliem li għidtlek, jiġifieri biex tkun ċkejkna f'kollox u dejjem, u żgur li ssib il-paċi u l-hena f'din il-ħajja fqajra u mbagħad, fl-oħra, l-imħabba eterna mal-Maħbub divin".[140]

U mill-ġdid:

> "Ejjew ninħallu mill-Jien u noħolqu l-vojt fina, biex Ġesù jista' jsaltan fina bil-libertà […]. Nagħmlu kuraġġ u naħdmu bil-qalb fl-abbandun tagħna nfusna biex infittxu li ninħbew għal kollox minn quddiem il-ħolqien, billi nitbaxxew dejjem aktar fil-fond tax-xejn tagħna, billi nimxu fit-triq tas-sempliċità, tal-abbandun…".[141]

## 4. Konklużjoni

Id-dokumentazzjoni analizzata tirriżulta konformi mad-duttrina sana u mal-Maġisteru tal-Knisja Kattolika. Ma jirriżulta l-ebda żball dwar il-fidi Kattolika. Il-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla, anki jekk m'għandhomx karattru sistematiku, imma biss l-għan prattiku li jiggwidaw lill-konsorelli tagħha u jagħtu parir lil dawk li jfittxuha, huma mibnija fis-sod fuq il-veritajiet tar-reliġjon tagħna. L-oġġetti lingwistiċi (nomi, verbi, metafori, eċċ.) li bihom tesprimi ruħha huma fi qbil sħiħ mat-terminoloġija teoloġika.

Anki jekk il-*Positio* hu pjuttost fqir bħala dokumentazzjoni dwar l-erojċità tal-virtujiet b'mod ġenerali, xorta jitfa dawl tajjeb fuq il-persuna tal-Qaddejja ta' Alla: persuna sempliċi, friska u ċara li tingasta tajjeb fil-kullana tal-ispiritwalità Franġiskana. Iżidu fil-preġju tagħha l-ispiritwalità tabilħaqq evanġelika tagħha, iċċentrata totalment fuq Alla-Mħabba, u s-sempliċità ta' xhieda ta' ħajja li tikkomunika dinja interjuri l-ġmiel tagħha, frott ta' grazzja

---

[136] *Positio, Summarium,* VII, § 195, 117.
[137] Ittri 80, 88 f'*Amiamo l'Amore,* pp. 75, 78.
[138] *Positio, Summarium,* XIX, § 440, 253.
[139] *Positio, Summarium,* II, § 11, 31; ara XV, § 373, 214; XXXV, § 605, 335.
[140] Ittra 128, f'*Amiamo l'Amore,* 96.
[141] Ittra 148, f'*Amiamo l'Amore,* 111.

partikulari li hi kkorrispondiet magħha bi prontezza, ġenerożità u perseveranza, fit-tħaddim erojku tal-virtujiet.

Insostnu li joqogħdulha tajjeb xi versi mill-kantiku ta' oħtna x-xemx, miktub minn San Franġisk: *"Laudato si' mi' Signore, per sor'Acqua, la quale è multo utile et humile et pretiosa et casta"*. Hekk jidhrilna li hi l-esperjenza ta' Madre Margerita: għajn safja ta' ilma ħaj li "urietna" l-wiċċ ta' Alla-Mħabba, li tilħaq il-qofol tagħha fil-misteru ta' Kristu msallab; nixxiegħa ta' ilma ċar daqs il-kristall li, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, inbidlet fi fjamma tixgħel bl-imħabba għall-Missier tas-Sema, għal Ġesù, għall-Madonna, għall-Knisja u għad-dinja.

Nemmnu li x-xhieda tagħha hi attwali u kapaċi twieġeb għall-isfidi ta' żmienna.

Għalhekk, għall-mistoqsija *an constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe et Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis, in gradu heroico, in casu et ad effectum de quo agitur,* inwieġebu *affirmative, s.m.j.*

## VOT III

*Super virtutibus*

Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-Kawża tal-kanonizzazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla żviluppa pjuttost malajr, imma l-Kawża mxiet bil-mod. Il-*Positio* ta' hawn hu ħidma li saret b'kompetenza u diliġenza. Iktar milli biżżejjed huma r-riżultati tal-ħidma tal-istoriċi u l-ġudizzju tat-Teologi Ċensuri hu pożittiv qatigħ. Is-*Summarium* fih il-qari tax-xhieda tal-Inkjesta Djoċesana: hu l-pilastru li jwieżen il-binja kollha. Ħmistax-il sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla inkitbet bijografija ta' Madre Margerita mħejjija minn Patri Paolo Calliari fuq talba ta' Madre Paċifika Xuereb. Il-ftuħ uffiċjali tal-Inkjesta Djoċesana jmur lura għall-4 ta' Lulju 1988. Il-proċess dam tnax-il sena, jiġifieri sat-22 ta' Jannar 2000, il-48 anniversarju mill-mewt tal-Qaddejja ta' Alla.

Fil-proċess taw ix-xhieda tagħhom 85 ruħ, kważi kollha *de visu*. Minn dawn, 61 ġew ippreżentati mill-postulazzjoni, 24 ġew imsejħa *ex officio* [*sic!*]. Fil-parti l-kbira tagħhom huma sorijiet; u magħhom xi saċerdoti u grupp ta' lajċi.

Il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin approvat il-proċess b'digriet *de validitate* li jġib id-data tal-1 ta' Diċembru 2000.

*Ħjiel bijografiku*

Virġinja De Brincat twieldet Kerċem (Għawdex) fit-28 ta' Novembru 1862, f'familja bieżla u reliġjuża. Fl-età ta' 14-il sena, bil-kunsens tad-direttur spiritwali tagħha, għamlet privatament il-vot ta' kastità; kienet għadha kemm għalqet il-ħmistax-il sena meta ngħaqdet mal-Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù" taħt it-tmexxija spiritwali ta' Dun Ġużepp Diacono. Din l-"assoċjazzjoni" kienet l-ewwel nukleu ta' dawk li fil-futur kellhom isiru l-"Maestri Terzjarji Franġiskani", iktar tard il-"Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù". Il-Qaddejja ta' Alla laħqet Segretarja Ġenerali tal-Kunsill u mbagħad Superjura Ġenerali. Kien għad kellha inqas minn 25 sena. Fit-8 ta' Ottubru 1887 ħadet fuqha r-responsabbiltà sħiħa tal-Kongregazzjoni mill-mument li fih Dun Ġużepp Diacono, minħabba għadd ta' diffikultajiet, ried ixolji l-Għaqda. Minn dak il-mument 'il quddiem ġiet meqjusa f'kull sens bħala *fundatriċi* (jew kofundatriċi) tal-Kongregazzjoni. F'din iċ-ċirkustanza l-Qaddejja ta' Alla ħadet l-isem ġdid ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù u għamlet il-voti tal-professjoni perpetwa. Fl-ewwel Kapitlu Ġenerali ġiet magħżula Superjura Ġenerali. Kienet għadha kemm għalqet 27 sena!

Fis-snin ta' wara ġiet maħtura mill-ġdid għal sitt darbiet oħra. Fis-7 ta' Awwissu 1933, il-Qaddejja ta' Alla ċċelebrat il-ħamsin anniversarju mill-Professjoni Reliġjuża tagħha. Kellha 71 sena u kienet għadha għal kollox attiva, imma fl-età ta' 78 sena (14 ta' Jannar 1940) kellha l-ewwel attakk tal-qalb. Fl-1947 fakkret is-sittin anniversarju ta' Professjoni. Bdiet tħejji ruħha għal-laqgħa tagħha mal-Għarus: fl-età ta' 89 sena u tliet xhur hi wieġbet għall-aħħar sejħa divina. Kien sbiħ il-jum tat-22 ta' Jannar 1952 (ara *Biographia documentata,* p. 188).

*Tħaddim tal-virtujiet*

Meta tqalleb il-85 xhud tintebaħ li l-Qaddejja ta' Alla kienet tgawdi fama mxerrda ta' ħajja ta' qdusija. Ma kellha xejn ta' barra minn hawn, imma kienet bniedma ta' Alla. Sa minn tfulitha, bil-ġabra tal-karattru tagħha, kienet tagħti l-impressjoni ta' ruħ li mxiet sew 'il quddiem fil-virtujiet (ara *Biographia documentata*, kap. 33, pp. 192-194; *Summarium*, VII, 185, 110). Nisimgħu xi xhieda jew tnejn.

Hekk fis-*Summarium*, XV, 374, 214; XXVI, 467, 264; XXXI, 545, 297-298:

> "Madre Margerita ħaddmet b'mod erojku ħajja għanja fil-virtù […]. Ipprattikat il-virtujiet Insara fi grad erojku".

Dan il-ġudizzju hu komuni qalb is-sorijiet, fil-bijografija miktuba minn Patri Calliari, f'dak li għandhom x'jgħidu dwarha l-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Pietru Pace, u l-Isqfijiet ta' Malta l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi u l-E.T. Mons. Mawru Caruana. Waħda mis-sorijiet tawgura li l-Qaddejja ta' Alla tiġi proposta bħala mudell eżemplari kemm għar-reliġjużi u kemm għal-lajċi (ara *Summarium*, XXXVI, 634, 354).

*Il-virtujiet teologali*

Il-Qaddejja ta' Alla fil-familja tagħha xorbot mir-reliġjożità u l-*fidi*. Sa mill-adolexxenza, bħala żagħżugħa u mbagħad bħala persuna adulta, laqgħet lil Kristu bħala ċ-ċentru ta' ħajjitha. Il-bijografu Calliari hekk jesprimi ruħu:

> "Fidi ċara daqs il-kristall, ma titħarrikx, bla ebda dell jew konsenturi" (ara *Biographia documentata*, 37, 48, 54, 66, eċċ.).

Fis-*Summarium*, V, 71, 53 naqraw: "Kellha fidi kbira f'Alla, li lilu kienet tħobb profondament". Testi oħra jippreżentaw lill-Qaddejja ta' Alla bħala eżempju koerenti u ta' kuljum ta' fidi kuraġġjuża f'Alla (ara *Summarium*, VIII, 270, 167). F'*Amiamo l'Amore*, 7 tissemma "fidi purissima". Madre Margerita hi mfakkra minn kulħadd bħala dik li għexet u ħabbret il-fidi, mara ta' fidi, mhux tant fit-teorija, imma fil-prattika (ara *Summarium*, XVI, 388, 226). It-Teologu Ċensur jgħidilna li l-vokabularju li użat mhux akkademiku, xi kultant mhux eżatt. Hi mistika li qed titkellem. Għaliha Kristu hu fuq kollox l-Għarus Imsallab wisq ħelu u ta' min iħobbu. L-ittri tagħha huma l-prova tad-devozzjoni qawwija tagħha lejn il-Qalb ta' Ġesù, ta' kemm kienet tħobb il-misteru tal-fidwa ta' Kristu, il-pjagi mqaddsa, l-Ewkaristija (ara *Biographia documentata*, kap. 27, 156-160; *Summarium*, VII, 179, 105; 193; 115; 239, 142). Għandna dokumentazzjoni ta' devozzjoni eżemplari lejn Marija (ara *Summarium*, XXXV, 613, 341). Prova oħra ta' fidi nsibuha fid-devozzjoni partikulari lejn il-Knisja, fis-sottomissjoni ġeneruża u umli lejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi (ara *Summarium*, IV, 57).

Ix-xhud VII, Patri Paolo Calliari, u miegħu xhieda oħra, jitkellmu fuq il-virtù tat-*tama* u jistqarru li din il-virtù kienet karatteristika ta' Madre Margerita: tama serena, kalma, fiduċjuża u pazjenti; tama li tiġi mill-fidi u li tnixxi fi mħabba l-iżjed ġenwina (ara *Summarium*, XVI, 391, 227). Fil-*Biographia documentata*, 29, 171 insibu riferimenti għal bosta episodji li minnhom joħroġ li l-Qaddejja ta' Alla kellha fiduċja estrema fil-paternità ta' Alla. Fost dawn naraw meta ddeċidiet li terfa' fuqha r-responsabbiltà tal-Kongregazzjoni (ara *Summarium*, V, 76, 55). L-abbandun fiduċjuż tagħha f'Alla hu kostanti u sħiħ (ara *Amiamo l'Amore*, 7). Fil-*Biographia documentata*, kap. 18, pp. 104-106 naqraw li din il-fiduċja kbira fl-għajnuna ta' Alla kienet karatteristika tal-Qaddejja ta' Alla (ara *Summarium*, XXXII, 571, 311).

Ix-xhud XXX tgħid:

> "Spiss kienu jisimgħuha titkellem dwar ix-xewqa tagħha li tmut biex tmur tingħaqad ma' Kristu".

Il-Qaddejja ta' Alla kienet tħares lejn il-mewt bħala mument ta' ferħ u ta' faraġ.

L-istudji ta' Patri Pier Giuseppe Pesce u Patri George Aquilina jgħarrfuna li Madre Margerita "uriet li kellha għarfien għoli ta' mħabbtu" (*Amiamo*, 4). Il-Qaddejja ta' Alla hi "mara nnamrata minn Alla" (*Spiritualità*, 8) li spiss titkellem dwar l-imħabba ta' Alla u l-osservanza tar-Regola (ara *Summarium*, VII, 128, 75). L-imħabba li kellha lejn Ġesù kienet imħabba safja, diżinteressata u sinċiera (ara *Summarium*, VII, 194, 197).

Xi xhieda jgħidulna li meta kienet tiltaqa' ma' konsorella, kienet issellmilha b'din il-frażi: "Inħobbu l-Imħabba" (*Summarium*, VIII, 270-167).

Fi ftit kliem, l-imħabba ta' Alla għal Madre Margerita kienet il-kriterju waħdieni ta' għerf.

Kellha esperjenzi ta' estasi. Xhud partikulari tiddikjara:

> "Naħseb li l-imħabba lejn Alla kienet l-ogħla virtù li Madre Margerita ħabirket biex tgħix" (*Summarium*, XLVIII, 738-41, 415-16).

Ix-xhieda jgħidulna li l-Madre kien jiddispjaċiha ħafna għall-offiżi li l-bnedmin jagħmlu lil Alla bid-dnub, u kienet iddur fuq is-sorijiet u tgħidilhom: "Hu dmir tagħna nħobbuh biex inpattu għan-nuqqas ta' mħabba tal-oħrajn" (*Summarium*, XV, 367, 212).

L-imħabba "vertikali" (lejn Alla) hi wkoll imħabba "orizzontali" lejn l-aħwa. Fil-fatt, il-Qaddejja ta' Alla kienet turi attenzjoni kbira għall-proxxmu u kienet tfittex kif tgħinu. Tgħidilna xhud: "Il-foqra kienu l-għożża tagħha" (*Summarium*, XXXV, 602, 334).

Fil-*Biographia documentata*, kap. 16-19, naqraw:

> "Imħabbitha għal Alla kienet hekk kbira, li daqshekk ieħor kellu jkun kbir iż-żelu appostoliku, ix-xewqa li tikkollabora għall-bini tas-Saltna u s-salvazzjoni tal-erwieħ".

Kienet mistika, imma b'saqajha mal-art: hekk milquta mill-imħabba ta' Alla li ma setgħetx ma tgħaddihiex lill-oħrajn.

Kienet tagħmel minn kollox biex tgħin lill-oħrajn (ara *Summarium*, XXV, 482, 270). Hi u twettaq dmirha ta' superjura, kienet toqgħod attenta li tkun materna fil-korrezzjonijiet tagħha biex ma tumilja lil ħadd (ara *Summarium*, XXVI, 495-496, 276).

Biex nagħlaq din il-parti nista' hekk niġbor kollox flimkien: l-imħabba lejn Alla, l-għaqda intima miegħU qatt ma kienet relazzjoni individwali, imma kienet tesprimi ruħha fir-relazzjoni komunitarja ta' kuljum, f'dik l-attitudni kordjali, materna, diskreta, dejjem moħħha kif ħa tgħin lill-ieħor jikber u ddaħħlu fl-istess esperjenza ta' mħabba.

*Il-virtujiet kardinali*

Mill-bijografija nifhmu li Madre Margerita, sa minn età tassew żagħżugħa, kienet tispikka għall-maturità partikulari ta' ġudizzju. Hawn xi ġudizzji tax-xhieda nfushom. Fis-*Summarium*, XXXVI, 643, 359 naqraw: "Kienet persuna bilanċjata […] u kienet tagħmel kollox bi *prudenza* kbira". Fil-kwalità tagħha ta' superjura kellha r-responsabbiltà l-iktar għolja ta' tmexxija. Xi drabi xogħolha kien li ċċanfar, imma "kienet tagħmel it-twissijiet meħtieġa bi prudenza u mħabba" (*Summarium*, XII, 299, 180). Kienet "persuna prudenti ħafna" (*Summarium*, XIV, 342, 201) kkonsultata anki mil-lajċi. Ta' Franġiskana twajba, "kienet moderata u bilanċjata f'kollox" (*Summarium*, XVIII, 420, 240) attenta li tmexxi bil-metodu ta' inkuraġġiment (ara *Spiritualità*, 28, kif ukoll l-ittri lill-konsorelli, f'*Amiamo l'Amore*, 60-114).

Il-Qaddejja ta' Alla kienet kapaċi tibni ma' kulħadd relazzjonijiet ta' tjieba, ta' rispett, ta' mħabba, ta' servizz awtentiku. Ix-xhud XII, 299, 180 tafferma: "Uriet sens ta' *ġustizzja* ma' kulħadd". Fil-*Biographia documentata,* naqraw: "Hi kienet l-ewwel waħda li tara kif ħa tpatti b'ġustizzja u puntwalità lil dawk li kienu taħtha" (171). Konsorella tafferma: "Dejjem kienet ġusta ma' kulħadd" (*Summarium,* XVIII, 419, 240). Soru oħra, fuq l-istess linji, tistqarr:

> "Magħna dejjem imxiet b'sens ta' ġustizzja […]. Ma kinitx tagħmel preferenzi, għax lil kulħadd kienet tistma l-istess" (*Summarium,* XVII, 409, 235).

Il-Qaddejja ta' Alla ċertament kienet il-*mara qawwija* msemmija fil-Bibbja, lesta li taffronta kull għawġ b'paċenzja erojka. Hekk hi deskritta: "Anki quddiem id-diffikultajiet kbar, qatt ma qatgħet qalbha" (*Summarium,* XXXV, 619, 343). Ġarrbet u ltaqgħet ma' mumenti diffiċli, imma qatt ma qatgħet qalbha. Mix-xhieda fil-proċess joħroġ dan l-ispirtu ċar ta' qawwa, imsejjes fuq il-qawwa u l-verità tal-fidi tagħha. Biżżejjed niftakru f'meta ħadet fuqha, b'kuraġġ erojku, ir-responsabbiltà tal-istitut fil-jiem li fihom Dun Ġużepp Diacono kien wasal biex iċedi u jżarma kollox. Mal-virtù tal-qawwa ngħaqdet il-virtù tat-*temperanza.* Nafu li kienet "issum […], tilbes iċ-ċilizzju u l-ktajjen żgħar" (*Summarium,* VII, 180, 106). Għarfet tkun moderata, b'impenn erojku, f'kull ġibda lejn il-pjaċir uman jew xewqa personali. Hekk jgħidulna x-xhieda:

> "Spirtu ta' mortifikazzjoni […]. Kienet tiekol ftit li xejn u qatt laħam, imma biss ħxejjex u ħut ordinarju" (*Summarium,*VII, 119, 118).

Fi ftit kliem, kienet mara ta' penitenza, iebsa ħafna magħha nfisha (ara *Summarium,* V, 88, 59). Għandna xhieda li tippreżentaha hekk lill-Qaddejja ta' Alla: "Persuna moderata u meqjusa f'kulma kienet tagħmel" (*Summarium,* XXXIII, 580, 318). Hi l-prattika kontinwa tal-axxeżi u tas-sahra f'sens evanġeliku.

*Il-virtujiet tal-istat propju*

Sa minn età tassew żagħżugħa, il-Qaddejja ta' Alla ħasset qawwija s-sejħa biex tikkonsagra ruħha bħala għarusa verġni ta' Kristu. F'ħajjitha wieġbet għall-imħabba ta' għerusija ta' Ġesù b'safa sħiħ tal-ħsieb u tal-għemil. Ma nafux b'esperjenzi partikulari ta' taħbit u ta' diffikultajiet f'dik li hi *kastità.* Hemm xhud li qaltilna:

> "Kienet distakkata mill-persuni u mill-ħwejjeġ tad-dinja u dan id-distakk kienet tħossu ħafna" (*Summarium,* V, 79, 56).

Il-konsorelli jgħidu li l-Madre

> "mhux biss kienet tosserva l-virtù tas-safa, imma kienet tħeġġeġ lilna wkoll biex inkunu safja" (*Summarium,* XIII, 325, 194).

Waħda soru, li kienet qrib ħafna tas-Superjura, tgħidilna:

> "L-atteġġjament kollu tagħha kien juri kemm kellha għal qalbha din il-virtù" (*Summarium,* XIV, 346; 203).

Fuq il-passi tal-Fqajjar ta' Assisi, għamlet mill-faqar hieni u ġeneruż il-*"magna carta"* ta' ħajjitha, tax-xhieda tagħha u tal-evanġelizzazzjoni tagħha. Bosta huma l-episodji rrakkontati fil-*Biographia documentata,* 75 u 107. Ix-xhieda miġbura jitfgħu dawl kbir (ara *Summarium,* II, 31, 41).

Patri Calliari, li kkwotajna kemm-il darba, jgħidilna:

> “Il-Qaddejja ta’ Alla kellha l-akbar stima lejn il-faqar reliġjuż u d-distakk mill-ħwejjeġ tal-art” (*Summarium*, VII, 116, 68).

U dejjem l-istess Patri Calliari: “Kienet tipprattika l-faqar imqaddes fl-ogħla livell tiegħu” (*Summarium*, VII, 175, 104). Fost is-sorijiet, hemm waħda li tiftakar: “Kienet fqira b’mod erojku, affettivament u effettivament”.

Fil-*Biographia documentata*, 67 naqraw li “fl-*ubbidjenza* kienet tilmaħ ir-rieda ta’ Alla”. Obdiet lil Dun Ġużepp Diacono, lir-Regola, lir-rappreżentanti tal-Knisja (ara *Summarium*, VII, 118, 69; *Biographia documentata*, 85). Għall-Qaddejja ta’ Alla l-ubbidjenza kienet sinjal ta’ mħabba. Ir-rispett u s-sottomissjoni li wriet fil-konfronti tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu xi ħaġa ta’ barra minn hawn (ara *Summarium*, XIII, 326, 194).

Dwar il-virtù tal-*umiltà* għandna għadd ta’ xhieda, fuq kollox minn fomm il-konsorelli. Xi kwotazzjoni:

> “Ma kellha l-ebda pretensjoni, anzi kienet tfittex li toqgħod lura u dan kienet tagħmlu biex titħarreġ fl-umiltà u mhux biex taħrab mir-responsabbiltà” (*Summarium*, XIV, 348, 203).

Fil-*Biographia documentata*, naqraw l-episodju tal-umiljazzjoni tagħha quddiem l-Isqof li jċanfar lis-sorijiet talli reġgħu ħattruha mill-ġdid bħala superjura ġenerali (ara *Biographia documentata*, 119). Xhud *di visu* tiddikjara: “Il-virtù tal-umiltà kienet imlaħħma f’Madre Margerita” (*Summarium*, XXXIII, 583, 319). Minkejja li kienet il-fundatriċi u s-superjura, “kienet umli ħafna […], ma kellha fiha l-ebda sinjal ta’ vanità” (*Summarium*, XVII, 408, 235).

*Fama ta’ qdusija*

Meta tikkonsulta l-Bijografija u taqra mill-ġdid ix-xhieda ta’ dawk imsejħa għall-proċess, tikkonvinċi ruħek li l-Qaddejja ta’ Alla kienet qaddisa. Nirriferi għall-kap. 32 tal-Bijografija. Il-fama ta’ qdusija *in vita* jixhdu għaliha l-għadd ta’ xhieda. Dritt wara mewtha, l-espressjoni popolari fuq fomm kulħadd kienet din: “Mietet qaddisa! Mietet il-qaddisa tas-sorijiet Franġiskani tagħna”. Il-funeral kienet tabilħaqq ċelebrazzjoni ta’ tifħir. Fis-snin ta’ wara t-tifkira ta’ din is-soru “qaddisa” baqgħet ħajja u kompliet xterdet (ara *Biographia documentata*, 192). Fil-25 anniversarju ta’ mewtha seħħ ir-rikonoxximent uffiċjali tal-fdalijiet tagħha. Il-fama ta’ qdusitha kompliet tikber u tinxtered. Nistgħu nirriferu għar-*Relatio Commissionis Historicæ* fejn insibu serje ta’ dokumentazzjonijiet. Ġew ippreżentati bosta teżijiet f’Istituti u Universitajiet f’Ruma, f’Katanja u f’Malta. Saru wkoll dikjarazzjonijiet ta’ tifħir minn Isqfijiet. Fost dawn, l-Isqof ta’ Korfù, prelati mill-Kenja, il-Brażil, l-Awstralja, l-Etjopja, l-Italja, il-Pakistan. Insomma, il-fama ta’ qdusija tal-Qaddejja ta’ Alla ma naqsitx, anzi kibret.

*Konklużjoni*

Wara li qrajt b’attenzjoni l-partijiet kollha tal-*Positio* u wara riflessjoni matura, nista’ nifformula l-vot tiegħi. Għall-mistoqsija: *An constet…* inwieġeb b’konvinzjoni: *affirmative*.

## Vot IV

1. *Profil bijografiku*

Il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Virġinja De Brincat, twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 f'Kerċem, fil-gżira ta' Għawdex, waħda miż-żewġ gżejjer tal-Arċipelagu Malti. Is-sitt waħda minn ħdax-il wild, kibret f'familja profondament reliġjuża, umli imma mhix nieqsa mill-meħtieġ: Virġinja ffrekwentat l-iskola primarja u mbagħad kompliet titgħallem l-Ingliż u t-Taljan fir-Rabat.

Sa minn snin tfulitha spikkat għall-interess tagħha fil-ħajja reliġjuża: meta kellha biss 14-il sena, bil-permess tal-konfessur tagħha, għamlet il-vot tal-kastità perpetwa,[1] waqt li s-sena ta' wara, fit-8 ta' Diċembru 1877, daħlet tagħmel parti mill-assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", immexxija minn Dun Ġużepp Diacono, li kellha s-sede tagħha fir-Rabat. It-tixrid malajr ta' din l-assoċjazzjoni, li fi ftit snin diġà kienet tgħodd mijiet ta' membri miktuba, u l-entużjażmu tal-membri tagħha, wasslu lil Dun Diacono biex jagħti bidu għal attività karitattiva iktar strutturata, imsejħa "Dar tal-Karità" għall-edukazzjoni tax-xbejbiet foqra. Għażel 12 fost il-membri miktuba l-iżjed motivati u sejħilhom "Maestri Terzjarji Franġiskani": hekk ta bidu għal Kongregrazzjoni reliġjuża ġdida.

F'Settembru 1880 l-Maestri Terzjarji Franġiskani kisbu minn għand l-Isqof, Mons. Pace, id-digriet ta' approvazzjoni, u fit-18 ta' Ottubru tal-istess sena setgħu jagħmlu l-vestizzjoni. Fosthom ma kienx hemm Virġinja De Brincat li, minkejja d-disponibbiltà sħiħa tagħha, ma ġietx aċċettata minn Dun Diacono kemm minħabba li kienet għadha wisq żgħira, u kemm biex ma jaqbiżx in-numru ta' 12-il membru. Imma meta, fi Frar tas-sena ta' wara, waħda mill-maestri rtirat, Dun Diacono sejħilha għax ra li kienet l-aktar waħda li jixirqilha tidħol fil-grupp ta' 12-il Maestra. Aċċettata għall-vestizzjoni fil-15 ta' Awwissu 1881, ħadet l-isem ta' Maestra Virġinja tal-Beata Margerita u għamlet il-professjoni sentejn wara, fil-15 ta' Awwissu 1883.

L-ewwel snin tal-ħajja tal-Kongregazzjoni ġdida kienu mmarkati minn diffikultajiet sinifikattivi: Dun Diacono, maħtur Kappillan tal-Qala, kellu jitbiegħed mir-Rabat; ġiet magħżula bħala responsabbli ġenerali Madre Gertrude Darmanin, li qabel kienet tagħmel parti minn Istitut ieħor tal-Franġiskani u li ma kienx fadlilha ħafna żmien biex tispiċċa; u fl-aħħar nett, l-Isqof, anki jekk fl-1886 kien fassal ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet tal-familja reliġjuża l-ġdida, baqa' jipposponi l-approvazzjoni. Ir-raġuni għaliex l-Isqof kien qed jeħodha daqshekk fit-tul kellha x'taqsam mar-rieda ta' Dun Diacono li jillimita l-Istitut biss għall-gżira ta' Għawdex, mingħajr ma jaċċetta vokazzjonijiet minn barra u mingħajr ma jippermetti t-twessigħ tagħha lill hemm mill-gżira – idea, din, li Mons. Pace ma tantx kien jaqbel magħha.[2]

Kien hawn li Dun Diacono interviena bil-qawwa kollha biex jikseb b'kull mod possibbli l-approvazzjoni tal-Isqof: billi kien hu li offra lis-sorijiet l-użu ta' dar li kienet propjetà tiegħu, uriehom li kien ikollhom iħallu d-dar jekk itawlu iżjed biex jiksbu l-approvazzjoni tal-Kongregazzjoni tagħhom. L-Isqof għalhekk kellu jċedi: fis-6 ta' Mejju 1886 ta l-approvazzjoni li grazzi għaliha mbagħad Dun Diacono ċeda l-propjetajiet tiegħu lill-Kongregazzjoni.

---

[1] *Biographia documentata*, 11.
[2] *Biographia documentata*, 52.

Imma mhux id-diffikultajiet kollha ġew megħluba bl-approvazzjoni tal-Isqof: baqgħu fuq kollox dawk ta' natura ekonomika.

Kienet f'din is-sitwazzjoni li l-preżenza tal-Qaddejja ta' Alla kisbet rwol deċiżiv. Fl-1887 kienet fl-ewwel dar miftuħa f'Malta, f'Birkirkara, bħala superjura. Barra minn hekk, mill-1884, bħala segretarja ġenerali kienet tagħmel parti mill-Kunsill tal-Istitut, speċi ta' organu ta' tmexxija li kien jgħin fir-rwol ta' direzzjoni li kien għad kellu f'idejh Dun Diacono. Jum wieħed fix-xahar ta' Ottubru 1887, skont kif jgħidulna x-xhieda, il-Qaddejja ta' Alla ħasset f'salt l-ispirazzjoni li terġa' lura Għawdex u telqet immedjatament. Meta waslet fil-*Casa Madre*, sabet sitwazzjoni preokkupanti: Dun Diacono, inkurlat u mħasseb dwar id-djun li s-sorijiet ma setgħux ilaħħqu magħhom, kien iddeċieda li jibgħathom lura d-dar u li jerġa' jieħu lura f'idejh il-propjetà tiegħu. Xi sorijiet kienu diġà lestew ħwejjiġhom u kienu waslu biex jitilqu. Madre Margerita, minkejja t-tensjoni qawwija tal-mument u minkejja li l-preżenza mhux mistennija tagħha mill-ewwel dehret li ma kinitx milqugħa minn Dun Diacono, offriet li tieħu fuqha r-responsabbiltà li tkompli tmexxi 'l quddiem ix-xogħol u li tagħmel tajjeb hi għad-djun. L-indħil tagħha, li għall-bidu qanqal l-ironija ta' Dun Diacono li bilkemm ried jemmen, billi ma għarafx fiha l-ħila tat-tmexxija, mill-ewwel ipperswada lil xi sorijiet biex ma jabbandunawx l-Istitut u fis-snin ta' wara ġie magħruf bħala providenzjali, bħala l-ġest li fil-fatt kien salva l-Kongregazzjoni.[3]

Fit-8 ta' Diċembru 1887 Maestra Virġinja kienet l-ewwel waħda li ħadet il-voti perpetwi, li saru possibbli grazzi għall-approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet: ħadet l-isem ta' Margerita tal-Qalb Qaddisa.

Fl-1889 ġie ċċelebrat l-ewwel Kapitlu Ġenerali u Madre Margerita ġiet magħżula b'maġġoranza kbira bħala superjura ġenerali: kellha biss 27 sena.

Mal-bidu tas-superjorat tagħha, li b'diversi intervalli dam b'kollox għal 6 mandati, bdiet tidentifika l-identità kariżmatika tal-Kongregazzjoni u żgurat li din tkompli tikber. Kienet Madre Margerita li fetħet l-ewwel djar barra mill-Arċipelagu Malti, biex b'hekk ġiet megħluba darba għal dejjem il-viżjoni ta' Dun Diacono: waqqfet komunitajiet f'Korfù, fl-Italja, u bħala Kunsilliera Ġenerali inkuraġġiet il-ftuħ fl-Afrika. Kienet hi li diġà fl-1921 talbet l-approvazzjoni Pontifiċja, li ngħata fl-1946.

Mument ta' tbatija partikulari għaliha kien il-Kapitlu tal-1923, meta ntemm is-sitt mandat tagħha: xi sorijiet kienu xewxu kontriha b'xi tgergir, fuq kollox b'riferenza għat-tjubija żejda tagħha u li ma kinitx kapaċi tmexxi biżżejjed ekonomikament il-Kongregazzjoni.[4] Fil-Kapitlu l-Isqof talab lill-vokali biex ma jerġgħux jaħtruha, imma Madre Margerita reġgħet ġiet magħżula mill-ġdid, ħaġa li l-Isqof ma ħa gost xejn biha. Ma aċċettatx il-ħatra u talbet umilment li tintgħażel soru oħra.

Fl-1940 l-kundizzjonijiet ta' saħħitha qalbu għall-agħar b'mod li jħassbek: bdew jibżgħu għal ħajjitha. Għalhekk ġiet ittrasferita lejn ir-Rabat, fil-*Casa Madre*, fejn għexet għal għaxar snin oħra. Mietet serenament fit-22 ta' Jannar 1952.

[3] Ara *Biographia documentata*, 70.
[4] Ara *Biographia documentata*, 118.

2. *Storja tal-Kawża*
Il-fama ta' qdusija li biha kienu mdawrin il-ħajja u, fuq kollox, il-mewt tal-Qaddejja ta' Alla wasslet spontanjament lil għadd ta' sorijiet, kważi dritt wara l-mewt tagħha, biex jiġbru l-oġġetti u l-kitbiet tagħha u jniżżlu t-tifkiriet li kellhom tagħha. Dan il-materjal fl-1967 ġie mgħoddi lil Patri Paolo Calliari OMV, imqabbad mis-Superjura Ġenerali ta' dak iż-żmien, Madre Luisa Busuttil, biex ifassal bijografija tal-Qaddejja ta' Alla anki fid-dawl tal-possibbiltà li tinfetaħ il-kawża tal-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni. Hu u jikteb il-bijografija l-awtur seta' jiġbor xhieda u rakkonti oħra dwar Madre Margerita.

Ħamsa u għoxrin sena wara l-mewt ta' Madre Margerita, fl-1977, saret ir-rikonjizzjoni tal-fdalijiet ta' ġisimha, li ġew ittrasferiti fiċ-ċentru tal-Kripta fil-*Casa Madre* tal-Kongregazzjoni: fl-1994 imbagħad ġew meħuda għal kollox fil-Knisja tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù.

Wara n-nomina tal-postulatur fil-persuna ta' Patri Folquera OFM, li saret f'Ottubru 1986, fil-25 ta' Jannar 1987, 35 sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, ġie ppreżentat is-*supplex libellus* lill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Cauchi, biex ikun jista' jiftaħ l-Inkjesta Djoċesana, li ġiet uffiċjalment inawgurata f'Lulju tas-sena ta' wara, l-1988. L-Inkjesta Djoċesana damet iżjed minn għaxar snin għaddejja: fil-fatt, ingħalqet solennement fit-22 ta' Jannar 2000, fit-48 anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita.

Ir-Relatur, b'mod tassew opportun, fil-preżentazzjoni tiegħu jippreċiża li l-kawża propjament ma tistax tissejjaħ "storika jew antika", għax fiha iktar minn 70 xhud *de visu*.[5] Mill-bqija, l-istorja tal-kawża turi b'mod ċar li sa mill-ewwel snin wara l-mewt ta' Madre Margerita, il-Kongregazzjoni kienet orjentata lejn il-proċess u li, għalhekk, ma jidhirx li kien hemm xi dewmien li għandu jiġi ġġustifikat.

Nistgħu nżidu biss, kważi b'mod ta' suġġeriment, li forsi kien ikun opportun li wieħed idaħħal nota ċkejkna biex jiċċara ċerti stqarrijiet, li nsibu fis-*Summarium*, li jgħidu kif Madre Paċifika, fost l-ewwel reliġjużi li ġabret it-tifkiriet dwar il-Qaddejja ta' Alla u waħda mill-iżjed sostenituri konvinti tal-fama ta' qdusija tagħha, "kienet iddispjaċuta għall-fatt li s-superjuri ma tawx bidu għall-proċess tal-beatifikazzjoni".[6]

3. *Il-materjal tal-provi*
Il-*Positio* hu maqsum fi 11-il parti, kull waħda b'numerazzjoni ta' paġni għaliha. B'introduzzjoni mdaqqsa tal-*Preżentazzjoni* mir-Relatur Ġenerali, ir-Rev.mu Patri Ambrogio Eszer (1), l-ewwel insibu l-*Informatio* (2) u warajh is-*Summarium* u l-*Biographia documentata*.

Qabel is-*Summarium* (5) hemm id-*Digriet* fuq il-validità tal-Inkjesta Djoċesana (3) u t-*Tabella-Index Testium et Summarii* (4). Wara s-*Summarium* jiġi ppreżentat xi tagħrif fuq il-kitbiet u fuq l-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla u serje ta' xhieda tal-Isqfijiet li fid-djoċesijiet tagħhom hemm id-djar tal-Kongregazzjoni (6: *Documenta summario addita*).

Il-*Biographia documentata* (7) għandha warajha r-*Relazzjoni tal-Kummissjoni Storika* (8), il-*Vot* tat-Teologi Ċensuri fuq il-Kitbiet (9) u fl-aħħar nett id-*Dikjarazzjoni* dwar il-kult (10).

---

[5] Ara *Preżentazzjoni*, I.
[6] Ara *Summarium*, 413; 415.

Fi tmiem il-volum ġew mehmuża xi ritratti (11).

Żgur li nistgħu naqblu mar-Relatur u nagħrfu s-*Summarium* bħala l-*pilastru li jżomm* il-binja kollha tal-provi.[7] Ix-xhieda analizzati waqt l-Inkjesta Djoċesana huma 85, li minnhom 71 huma *de visu*, 9 *de auditu* u 5 *ex officio* [*sic!*]. Il-parti l-kbira tax-xhieda huma reliġjużi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla, imma jidhru wkoll 21 lajċi u 7 saċerdoti; 5 xhieda huma qraba tal-Qaddejja ta' Alla. Il-parti l-kbira tax-xhieda ma rnexxilhomx iwieġbu għall-mistoqsijiet kollha, imma t-tagħrif miġbur fuq kif Madre Margerita għexet il-virtujiet u fuq il-fama tagħha ta' qdusija huma importanti u partikularment prezzjużi minħabba l-fatt li ġejjin minn min kien jaf direttament lill-Qaddejja ta' Alla. Nistagħġbu ftit kemm hi xotta x-xhieda tas-Superjura Ġenerali li kien hemm fi żmien l-inkjesta u n-nuqqas fost ix-xhieda ta' dawk responsabbli mill-formazzjoni.

Max-xhieda nżidu għadd ta' dikjarazzjonijiet miktuba barra mill-proċess, fosthom dawk li għamlu d-diretturi spiritwali tagħha, u l-kitbiet ta' Madre Margerita.

L-*Informatio* hu qasir meta mqabbel mas-*Summarium*: wara li fl-ewwel kapitlu jagħti xi tagħrif dwar l-istorja tal-kawża, il-bijografija tal-Qaddejja ta' Alla u l-apparat tal-provi, fit-tliet kapitli ta' wara jippreżenta l-virtujiet erojċi u l-fama ta' qdusija. Anki jekk konċiża, din il-preżentazzjoni tidher artikulata tajjeb.

Dwar il-*Biographia documentata*, insibu li din hi mibnija fuq il-kitba ta' Patri Calliari, riveduta u sustanzjata, fi tmiem kull kapitlu, b'dokumenti kkwotati 'l hawn u 'l hemm fir-rakkont.

4. *Il-fama ta' qdusija*

Il-fama ta' qdusija jagħtu xhieda b'saħħitha tagħha għadd konsiderevoli ta' xhieda (55), hekk li minn dawn ix-xhieda tirrizulta "konvinzjoni kostanti u li taqbel".[8] L-*Informatio* jagħfas qabel xejn fuq l-istima u qima kbira li bihom kienet ġa mdawra f'ħajjitha l-Qaddejja ta' Alla, apprezzata għas-sempliċità tagħha u ammirata għall-ħajja tat-talb tagħha. Kważi x-xhieda kollha jikkonfermaw li baqgħu impressjonati bil-mod li bih kienet tieqaf titlob u mir-riferenza kostanti għal Alla fi kliemha. Anki jekk kienet tgħix b'mod normali ħajja ta' ġabra, kull min b'xi mod sar jafha, baqa' juri rispett partikulari lejha: f'dan ir-rigward, hi sinifikattiva l-qima li kellhom lejha xi saċerdoti u saħansitra xi Ortodossi.[9] Il-fama ta' qdusija li kibret madwar il-persuna tagħha meta kienet għadha ħajja ssib, imbagħad, konferma partikolari fir-reżistenza li l-Kappillan u n-nies tax-Xagħra wrew meta fl-1940 ġiet meħuda fil-*Casa Madre* tal-Kongregazzjoni, minħabba li saħħitha kienet dejjem sejra għall-agħar: il-preżenza tagħha kienu jqisuha bħala don li n-nies ma riditx tiċċaħħad minnu.[10]

Ir-rakkont tal-fatti marbuta ma' mewtha u l-funeral ikomplu jikkonfermaw l-eżistenza ta' din il-fama ta' qdusija: l-aħħar jiem ta' ħajjitha kienu mmarkati minn xmajjar ta' nies li riedu jerġgħu jiltaqgħu magħha u jisimgħu kliemha, fuq kollox il-konsorelli tagħha imma anki xi saċerdoti. Biex tingħata tislima lill-ġisem mejjet tagħha ntużat spiss din l-espressjoni: "Mietet qaddisa" u ħafna riedu jmissu xi oġġett magħha. Il-funeral ġie ċċelebrat solennement mill-Isqof u kien hemm parteċipazzjoni kbira fih.[11] B'eċċezzjoni tal-konsorelli, mhumiex

[7] Ara *Preżentazzjoni*, I.
[8] *Informatio,* 30.
[9] Ara *Informatio,* 95.
[10] Ara *Informatio,* 95-96.
[11] Ara *Informatio,* 96.

ħafna l-persuni li jixhdu li nġabru jitolbu qrib il-qabar tagħha, imma dan minħabba l-fatt li l-qabar kien jinsab fil-kappella tas-sorijiet u wieħed ried bilfors jitlob lilhom biex jidħol.

Xi reliġjużi jsemmu wkoll li t-tifkira ta' Madre Margerita, fl-istess Kongregazzjoni, intfiet xi ftit snin wara mewtha.[12] Fir-realtà, mill-ġabra tax-xhieda nistgħu nikkonfermaw li baqgħu ħajjin l-istima lejha u l-ammirazzjoni għal ħajjitha, imma hu minnu li l-personalità u l-ispiritwalità tagħha ma baqgħux magħrufin direttament, u ġew mikxufa mill-ġdid biss wara xi studji li ppromwova l-Istitut: hu għalhekk li bosta reliġjużi jgħidu li l-fama tal-qdusija kibret dejjem iżjed u xterdet fi żminijiet riċenti.

F'dan ir-rigward, irrid nagħfas fuq aspett, fil-fehma tiegħi partikularment sinifikattiv, tal-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla, jiġifieri r-riferiment kostanti għall-persuna tagħha fil-formazzjoni tan-novizzi, tappa fundamentali biex tiġi ggarantita l-identità kariżmatika tal-Istitut. Ħafna reliġjużi jixhdu li l-maestri tagħhom, Swor Francesca, Swor Ġuditta, Swor Djonisja, kienu jindikawlhom lil Madre Margerita bħala mudell ta' spiritwalità għall-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u spiss kienu jistednuha tmur tkellem lin-novizzi. Billi x-xhieda huma kollha *de visu* u għalhekk qed jirreferu għall-formazzjoni li rċivew meta l-Qaddejja ta' Alla kienet għadha ħajja, m'għandniex elementi biex inkunu nafu jekk dan ir-riferiment hux sa jibqa' fil-formazzjoni li ġiet wara, imma jibqa' fundamentali anki biex nifhmu l-konsistenza effettiva tal-fama tagħha ta' qdusija.

Hi wkoll spissa x-xhieda tat-talb lill-Qaddejja ta' Alla biex tinkiseb l-interċessjoni tagħha; rigward dan, irridu ngħidu li t-Tribunal Djoċesan talab lill-Postulazzjoni rapport miktub tal-grazzji miksuba bl-interċessjoni tal-Qaddejja ta' Alla: fi żmien l-Inkjesta Djoċesana kienu daħlu 113-il każ.[13]

Nistgħu għalhekk naffermaw b'mod defenittiv li l-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla hi b'saħħitha u qed tinxtered dejjem iżjed mal-medda tas-snin.

5. *Il-virtujiet erojċi*

Madre Margerita ħalliet it-tifkira ħajja ta' persuna ta' spiritwalità qawwija u awtentika, li nsibuha preżenti u torjenta ħajjitha kollha.

Tolqotna qabel xejn il-profondità tal-ħajja tagħha ta' *fidi*: ir-riferiment kostanti tagħha għall-Mulej Ġesù, fuq kollox fl-Ewkaristija. L-Ewkaristija hi ċ-ċentru tal-eżistenza tagħha: tqatta' sigħat twal fl-adorazzjoni, b'attenzjoni kbira tħejji ruħha għall-Quddiesa, tgħix f'atteġġjament kontinwu ta' radd il-ħajr, tul il-ġurnata, quddiem il-Mulej.

Il-profondità tal-fidi tagħha tidher anki fil-fiduċja kbira li għandha f'Alla u li trieġi l-eżistenza kollha tagħha. L-episodju li għexet ta' 25 sena ma' Dun Diacono, iktar tard interpretat mill-konsorelli tagħha bħala l-ġest li bih salvat il-Kongregazzjoni, effettivament jikxef il-fiduċja intensa tagħha f'Alla, l-abbandun għar-rieda tiegħu li jagħmilha kuraġġjuża u ta' inizjattiva. Ħajjitha kollha hi mmarkata mill-kapaċità li tafda ruħha f'idejn il-Mulej, ħaġa li tesprimi ruħha fil-fiduċja kbira li għandha fil-providenza divina. Bosta huma l-episodji li nsibu rrakkuntati dwar dan, fuq kollox f'rabta mad-diffikultajiet ekonomiċi li spiss il-Kongregazzjoni kellha tħabbat wiċċha magħhom fl-ewwel snin tal-ħajja tagħha. L-awtentiċità tal-fiduċja tagħha f'Alla joħroġ b'mod partikulari mis-serenità tagħha: ix-xhieda

[12] Ara, ngħidu aħna, *Summarium*, 59-60, 290, 307, 321.
[13] Ara *Summarium,* 5.

kważi kollha jaqblu dwar il-kapaċità li jaraw f'Madre Margerita li taffronta d-diffikultajiet u l-inkwiet bil-kuraġġ, b'mod seren, mingħajr ma titlef il-kalma u l-fiduċja f'Alla.

Minn dan l-atteġġjament nistgħu nifhmu wkoll kemm kienet kbira t-*tama* tagħha. Il-Qaddejja ta' Alla kienet issejjes it-tama tagħha fuq iċ-ċertezza tal-preżenza kollha mħabba ta' Alla. Għalhekk, meta kienu jinqalgħu l-problemi, kienet tagħraf ixxerred madwarha l-kuraġġ bil-konvinzjoni li kellha: "Alla jagħraf jipprovdilna hu".[14] Kienet ċerta li l-Mulej jieħu ħsieb kollox, tant li kultant kienet tistqarr kollha stagħġib: "Donnu Alla għandu biss lilna".[15] Il-ħajja tagħha kollha tama narawha wkoll minn żewġ atteġġjamenti mimlija tifsir: qabel xejn, mid-disponibbiltà tagħha li taċċetta ripetutament, anki jekk kull darba b'iżjed tbatija, ir-responsabbiltà tat-tmexxija ġenerali tal-Istitut u, it-tieni, mill-kuraġġ u l-viżjoni fil-bogħod li bihom ħadet il-Kongregazzjoni barra minn Malta, fetħet fondazzjonijiet ġodda f'Korfù, l-Italja u, imbagħad, fl-Afrika. It-tkabbir barra minn Malta, fil-fatt, iggarantixxa ż-żieda fl-għadd ta' vokazzjonijiet u ppermetta li l-Kongregazzjoni tikkonfronta ruħha ma' realtajiet ekkleżjali ġodda.

Fl-aħħar nett, hu importanti għalina biex nistgħu nifhmu l-awtentiċità tal-virtù tat-tama, li nħarsu lejn l-atteġġjament tagħha seren u matur quddiem il-mewt, hekk mixtieqa għax kienet se tlaqqagħha ma' Kristu.

Dwar il-virtù tal-*imħabba*, diġà r-Relatur Ġenerali jinnota l-impressjoni qawwija li ħalliet fix-xhieda kollha l-imħabba tagħha lejn Alla, li toħroġ anki fid-diskorsi tagħha u ssir stedina kontinwa, għall-konsorelli tagħha u anki għal dawk kollha li kienu jersqu lejha, biex iħobbu lil Alla. *Amiamo l'Amore*: bir-raġun kollu l-*Positio* jara f'din l-espressjoni rikorrenti tagħha s-sintesi tal-ispiritwalità tagħha u, f'ċertu sens, anki tal-appostolat tagħha. Madankollu, flimkien ma' dan il-primat indiskutibbli tal-imħabba ta' Alla, ma jonqsux xhieda sinifikanti tal-imħabba lejn l-aħwa. Kważi r-reliġjużi kollha tal-Kongregazzjoni jixhdu għall-għożża personali li Madre Margerita kellha lejhom: mara ta' umanità kbira, li anki jekk kienet iebsa u esiġenti fil-ħajja tal-faqar u tal-penitenza, kienet kapaċi tifhem il-bżonn ta' kull waħda; dawk li għexu magħha jixhdu li, anki jekk kienet soda ħafna fil-konvinzjonijiet tagħha, kienet taf tindaħal biex twissi mingħajr ma tumilja lil ħadd. Kellha l-kuraġġ tal-kreattività propja tal-imħabba: riedet tiftaħ dar tal-villeġġjatura għall-mistrieħ ħdejn il-baħar għas-sorijiet tagħha, kienet taf tindirizza x-xewqat tal-ġenituri, speċjalment meta kienu jeħduha fit-tul biex jaċċettaw il-vokazzjoni ta' wliedhom, kienet tibgħat ittri jew iżżur sorijiet li kienet tkun taf li jinsabu f'diffikultà, kellha kapaċità kbira li tisma' lil kulħadd. B'mod partikulari, kienet taf toqgħod qrib min qed ibati: kienet iżżur ta' spiss lill-morda u kellha preferenza għas-sorijiet anzjani u morda.

Aktarx li l-ħajja tagħha ta' karità kienet toħroġ iżjed ċar kieku nżilna aktar fil-fond tal-kuntrarjitajiet u t-tbatijiet marbuta mal-emarġinazzjoni tagħha fl-aħħar snin li spiss issir riferenza għaliha imma mingħajr kjarifikazzjonijiet.[16]

Anki dwar il-*virtujiet kardinali*, ix-xhieda jippermettulna nidentifikaw ħajja serja u kostanti, fejn jixraq li nagħfsu fuq ċerti kwalitajiet:

- F'riferiment għall-*prudenza* tagħha, jolqotna fuq kollox l-atteġġjament ta' smigħ attent li kellha waqt is-seduti tal-Kunsill, meta kienet tiġi biex tieħu deċiżjonijiet,[17] kif ukoll il-bilanċ

---

[14] *Informatio,* 48.
[15] *Informatio,* 51.
[16] Ara *Informatio,* 71; *Summarium,* 58, 114, 148-149, 160.

li kienet turi fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni: "Qatt ma ppretendiet minna ħwejjeġ li ma stajniex inpoġġu fil-prattika".[18]

- Il-*ġustizzja* tagħha tidher fuq kollox fl-eżattezza li biha osservat ir-Regola, tul ħajjitha kollha, kif ukoll fil-kapaċità li żżomm ma' kulħadd relazzjoni personali mingħajr qatt tagħmel preferenzi. Barra dan, kienet tħoss u xxerred sens profond ta' rikonoxxenza, fuq kollox lejn il-benefatturi.

- Dwar il-*qawwa* tagħha, bla dubju din tidher l-iktar f'xi episodji, bħal meta ħadet fuqha r-responsabbiltà tal-Istitut fl-1887, imma tidher il-ħin kollu fil-mod kif affrontat id-diffikultajiet u, b'mod partikulari, meta xi għażliet tagħha kienu esponewha għal inkomprensjoni u fis-solitudni tal-aħħar snin, meta ntebħet li kienu telquha waħidha, imwarrba mill-ħajja tal-Istitut: qatt ma talbet xejn lura.

- Dwar it-*temperenza*, fl-aħħar nett, ix-xhieda huma ħafna fl-għadd u kollha jaqblu u jagħfsu fuq id-distakk sħiħ tagħha fl-użu tal-ħwejjeġ u fuq kollox fl-ikel.

Fl-aħħar nett, fost il-virtujiet l-oħra ppreżentati fl-*Informatio,* irrid insemmi dik tal-*umiltà,* li dwarha x-xhieda huma ħafna; fosthom kollha, nemmen li jimmerita aċċenn partikulari l-fatt li qatt ma ppretendiet xejn lura bħala fundatriċi, u baqgħet lura milli tippreżenta ruħha u saħansitra milli taħseb dwarha nfisha bħala tali biex hekk l-opra kollha tiġi attribwita lil Dun Diacono.

*Konklużjoni*

Il-persuna tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù tippreżenta quddiemna qdusija sempliċi u awtentika, li fiha tidher partikularment viżibbli r-rabta bejn ħajja profonda ta' talb u appostolat ġeneruż u attent lejn il-ħtiġijiet veri tal-oħrajn. Il-Qaddejja ta' Alla għarfet f'ħajjitha kollha l-valur tal-edukazzjoni, tal-iskejjel, bħala possibbiltà konkreta biex jintrebħu l-kundizzjonijiet ta' faqar fi żmienha. Flimkien mal-edukazzjoni, riedet, imma, li dawk kollha fdati f'idejn is-sorijiet ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu lil Alla mhux b'mod ġeneriku, imma bħala *Misteru ta' Mħabba,* u jduru lejh mhux *b'biża', imma bi mħabba*, għax jagħrfu u jduqu l-ħniena infinita tiegħu. Nemmen li dan il-messaġġ ta' fiduċja fl-imħabba ta' Alla jiftaħ prospettivi ta' evanġelizzazzjoni attwali ħafna.

Fid-dawl ta' dan it-tagħrif, għalhekk, għall-mistoqsija dwar l-erjoċità tal-virtujiet u dwar il-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, inwieġeb: *affirmative, s.m.i.*

---

[17] Ara *Informatio,* 64.
[18] *Informatio,* 65.

VOT V

*Ħjiel bijografiku*
Il-Qaddejja ta' Alla twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 f'Kerċem, fil-gżira ta' Għawdex, minn Mikelanġ De Brincat u Katarina Gauci. Fl-istess jum, fil-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat, irċiviet il-Magħmudija, bl-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppa, Marija, Giovanna. Il-koppja De Brincat kellhom għaxart ulied oħra. Bdiet il-primarja fl-iskola tal-gvern, u fil-15 ta' April 1871, ta' disa' snin, irċiviet il-Griżma. Billi kienet tgħallmet ix-xogħol tal-bizzilla, tat il-kontribut tagħha għall-manteniment tal-familja kbira.

Fit-8 ta' Diċembru 1877, billi kienet ilha sena li għamlet vot privat ta' kastità, ingħaqdet mal-Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", imwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono. Fit-5 ta' Frar 1881 daħlet membru tal-Maestri Terzjarji Franġiskani tad-Dar tal-Karità mwaqqfa xi xahar qabel f'Għawdex mill-istess Dun Diacono: meta bdiet in-Novizzjat tagħha, bil-Vestizzjoni fil-15 ta' Awwissu 1881, saret Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Għamlet l-Ewwel Professjoni fil-15 ta' Awwissu 1883, u s-sena ta' wara, fil-15 ta' Awwissu 1884, inħatret Segretarja Ġenerali tal-Istitut, meta kienet "Vigarja ta' Dun Ġużepp Diacono" s-Superjura Maria Geltrude Darmanin. Fit-22 ta' Marzu 1885 ġiet mibgħuta fl-ewwel Dar miftuħa Malta, iddedikata lill-Qalb Qaddisa, bħala Primarja (Viċi Superjura), waqt li baqgħet fl-istess ħin Segretarja Ġenerali. Fis-6 ta' Mejju 1886, Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex, approva l-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni l-ġdida, il-Maestri Terzjarji Regolari ta' San Franġisk ta' Assisi.

Fis-6 ta' Marzu 1887, meta bilkemm kien għad kellha ħamsa u għoxrin sena, ġiet imsejħa biex tmexxi l-Kongregazzjoni bħala Superjura Prinċipali. Meta warrab Dun Diacono, li ried ixolji l-Kongregazzjoni, fit-8 ta' Ottubru tal-istess sena Maestra Virġinja ħadet f'idejha r-responsabbiltà tal-Istitut, u għalhekk hi meqjusa Kofundatriċi jew Fundatriċi. Fit-8 ta' Diċembru għamlet il-Professjoni Perpetwa u ħadet l-isem ta' Margerita, biex hekk saret l-ewwel Reliġjuża Professa tat-Terzjarji Franġiskani ta' Malta. Waqt l-Ewwel Kapitlu Ġenerali, fl-10 ta' Ġunju 1889, ġiet maħtura Superjura Ġenerali: kienet għadha kemm għalqet is-27 sena; Dun Ġużepp Diacono jinkuraġġiha f'ittra u jifirħilha. Ġiet magħżula mill-ġdid Superjura Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 1892 u fit-3 ta' Ġunju 1895, u baqgħet fil-kariga sas-27 ta' Mejju 1901: f'dan l-aħħar mandat, fit-28 ta' Awwissu 1900, ippreżentat lill-Papa Ljun XIII petizzjoni biex tikseb għall-Istitut id-*Decretum Laudis*. Il-mandat ta' Madre Rosalia Vella għalaq qabel, u fil-5 ta' Marzu 1904 ġiet magħżula mill-ġdid għar-raba' darba bħala Superjura Ġenerali u, fit-28 ta' Jannar ta' wara, maħtura mill-ġdid Superjura Ġenerali mill-Kapitlu: kienet il-ħames darba tagħha. Fl-1 ta' April 1907, qalb mhux ftit diffikultajiet imma bil-kunsens tal-Kunsill tagħha, tat bidu għat-twaqqif ta' Dar fil-Greċja, fil-gżira ta' Korfù.

Fit-3 ta' Ġunju 1911 il-Kapitlu eleġġa bħala Superjura Ġenerali lil Madre Nazarena Gouder, u l-Qaddejja ta' Alla ġiet mibgħuta bħala Superjura tad-Dar "Qalb Qaddisa" f'Korfù; hemm kienet meta, fit-22 ta' Lulju 1917, ġiet magħżula għas-sitt darba Superjura Ġenerali mill-Kapitlu li fih ma setgħetx tieħu sehem minħabba fil-gwerra. Lura f'Għawdex, titlob lill-Isqof, Monsinjur Giovanni Maria Camilleri OSA, biex is-Santa Sede tagħtiha l-permezz li żżomm is-Sagrament tal-Ewkaristija fil-knejjes u l-kappelli tal-Istitut. Fid-29 ta' Ġunju tagħmel it-tieni talba tad-*Decretum Laudis* għall-Kongregazzjoni tagħha lill-Papa Benedettu XV; fit-8 ta' Settembru tmur Ruma għaċ-ċelebrazzjoni tas-VII Ċentinarju tat-Terz'Ordni Franġiskan u fis-17 tax-xahar ikollha Udjenza mal-Papa. Fl-1922, l-Istitut seta' jiftaħ, bla diffikultà, fil-Provinċja ta' Enna, fi Sqallija: id-Dar ta' San Ġużepp f'Regalbuto u dik ta' Marija Addolorata fi Troina.

Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Mejju 1923, fuq xewqa tal-Isqof Camilleri, ġiet magħżula Superjura Ġenerali Madre Giovanna Fenech, li flokha tidħol, minħabba fil-mewt għall-għarrieda tagħha, wara erba' xhur, Madre Nazarena Gouder. Fis-6 ta' April 1924 ġiet maħtura Superjura tad-Dar ġdida *Ġesù Redentur* (jew tal-Adorazzjoni) fil-Belt Valletta. Tiehu f'idejha l-proġett ta' twaqqif ta' dar fl-Afrika, fi ħdan il-Patrijiet Kapuċċini. Fil-21 ta' Novembru 1930 ġiet nominata Superjura tad-Dar ta' Marija Bambina fix-Xagħra, Għawdex. Minn tmien Awwissu 1932 sa Frar tas-sena ta' wara ġiet imsejħa Ruma, fid-Dar Kristu Re, imwaqqfa fl-1927, biex tieħu post il-Maestra tan-Novizzi.

Wara li fl-1933 il-Qaddejja ta' Alla ċċelebrat il-ħamsin sena tagħha, l-Istitut seta' jifraħ bl-aħbar tad-*Decretum Laudis*, mogħti *ad experimentum* għal seba' snin, fl-10 ta' Settembru 1937, u hekk kompla jintrabat iżjed mal-persuna ta' Madre Margerita. Fl-ewwel jiem tal-1940, il-Qaddejja ta' Alla kellha attakk tal-qalb, li mbagħad kellha oħrajn bħalu fis-snin ta' wara; qalbet għall-agħar u kellha tiġi ttrasferita lejn il-*Casa Madre* ta' Għawdex. Hawn, qalb it-talb, l-adorazzjoni tal-Ewkaristija b'mod speċjali, it-tbatijiet fiżiċi, tqatta l-aħħar snin tal-ħajja tagħha. Jirnexxilha tiċċelebra mal-konsorelli l-approvazzjoni definittiva tal-Kostituzzjonijiet min-naħa tas-Santa Sede, li waslet fit-23 ta' Diċembru 1946, kif ukoll is-60 anniversarju tal-Professjoni tagħha, fit-8 ta' Diċembru 1947, b'Ċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace. Fit-22 ta' Jannar 1952, Madre Margerita De Brincat mietet fl-età ta' 89 sena.

Il-manifestazzjoni tanġibbli tal-*fama sanctitatis* li gawdiet f'ħajjitha De Brincat dehret qabel xejn fiċ-ċelebrazzjoni tal-funeral tagħha. Fir-rit, ippresedut minn Monsinjur Pace, jieħdu sehem għadd kbir ta' saċerdoti, sorijiet u reliġjużi, b'attendenza kbira ta' fidili, li qasmu anki mill-gżira ta' Malta, għadd li qabeż sew dak li kien mistenni, meta wieħed iżomm f'moħħu wkoll is-solitudni li fih għexet il-Qaddejja ta' Alla fl-aħħar snin tagħha, minħabba fil-mard. Madre Margerita ġiet midfuna fil-Kripta tal-Knisja tal-*Casa Madre*, fil-qabar nru 2 (u spostata fin-nru 1 is-sena ta' wara). Il-qabar tagħha sar lok ta' pellegrinaġġ għal fidili sempliċi u għas-Sorijiet tal-Istitut imwaqqaf minnha. Diġà fil-21 ta' Mejju tal-istess sena, fil-25 anniversarju mill-ftuħ tad-Dar ta' Ruma, saret tifkira devota tal-Qaddejja ta' Alla; f'Mejju 1967, ħmistax-il sena wara mewtha, Madre Luisa Busuttil, Superjura Ġenerali, stiednet lil Patri Paolo Calliari OMV biex jieħu ħsieb il-Bijografija tal-Qaddejja ta' Alla, biex din tkun iżjed magħrufa fil-Kongregazzjoni u fost il-fidili.

Fl-14 ta' Mejju 1977, fil-25 sena minn mewtha, l-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Nikol Ġużepp Cauchi, mexxa r-rikonoxximent uffiċjali tal-fdalijiet tal-Qaddejja ta' Alla, li tqiegħdu f'urna, ġew issiġillati u mqiegħda fiċ-ċentru tal-Kripta. Il-*fama sanctitatis* kompliet tikber u tixtered b'mod ġenwin. Imbagħad hemm għadd ta' grazzji attribwiti lill-interċessjoni tagħha (fil-Proċess djoċesan il-Postulazzjoni ppreżentat 113-il każ reġistrat).

*Il-provi*

Fil-21 ta' Ottubru 1986, 34 sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, fuq proposta tas-Superjura Ġenerali, Madre Bertilla Bartolo, u tal-Kunsill tagħha, ġie maħtur Postulatur tal-Kawża Patri Giovanni Folguera OFM, li fil-25 ta' Jannar tas-sena ta' wara ppreżenta s-*Supplex Libellus* lill-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Cauchi. Dan, wara li kien bagħat it-talba, irċieva n-*nihil obstat* tal-Kongregazzjoni fl-1 ta' Lulju 1988, u fl-istess jum waqqaf it-Tribunal Ekkleżjastiku fil-persuna ta' Dun Mario Grech (Mħallef), Monsinjur Salv Pace (Promutur tal-Ġustizzja), Monsinjur Lawrenz Sciberras (Nutar Attwarju) u Swor Francesca Abela FCJ (Nutar Aġġunt). Fl-4 ta' Lulju ta' wara, fil-Bażilika Ta' Pinu f'Għawdex, l-Isqof iċċelebra l-

ftuħ uffiċjali tal-Inkjesta Djoċesana. Fit-18 ta' Diċembru 1994 ġew maħtura ż-żewġ Teologi Ċensuri: Patri Pier Giuseppe Pesce OFM, u Patri Eugenio Cachia OP; fl-10 ta' Ottubru 1996 inħatret il-Kummissjoni Storika: il-Professur Monsinjur Viċenz Borg, in-Nutar Dr Eugenio Montanaro, l-Istoriku Winston L. Zammit u l-Professur Dun Ġużepp Bezzina, bħala President. Fl-1 ta' Novembru 1999, il-Kummissjoni Storika ppreżentat ix-xogħol tagħha lill-Postulatur, Patri Luca De Rosa OFM, li sadattant kien ħa r-rwol ta' Postulatur Ġenerali tal-Ordni wara l-mejjet Patri Folguera.

Il-Proċess Djoċesan dam għaddej mill-4 ta' Lulju 1988 sat-22 ta' Jannar 2000. F'dawn it-12-il sena t-Tribunal seta' jirċievi l-materjal kollu ta' provi abbundanti u ta' kwalità. Ix-xhieda li dehru kienu 85, li minnhom 3 ġew imsejħa *ex officio* (LXII, LXXVII, LXXVIII): dawn kienu Monsinjur Apap, Monsinjur Mercieca u Monsinjur Grech, rispettivament ta' 83, 88 u 81 sena, residenti Għawdex, li jiftakru ftit li xejn il-Qaddejja ta' Alla u l-funeral tagħha; dan jista' jitfa dubju fuq is-saħħa tal-*fama sanctitatis*; il-Postulazzjoni ssemmi 24 xhud imsejħa *ex officio*, biex tindika dawk imsejħa mit-Tribunal. Iktar minn 70 xhud huma, fil-kwalità tagħhom, *de visu*, raġuni għaliex il-Kawża ma tistax tissejjaħ storika jew antika. Nafu wkoll li 56 mix-xhieda huma membri tal-Istitut imwaqqaf mill-Qaddejja ta' Alla: mela 65.88% tax-xhieda, biex nużaw il-perċentwali għeżież għal Patri Eszer. Impressjonanti dan l-għadd ta' xhieda *"di parte"*: jekk inqisu, imma, kif mill-ewwel attakk tal-qalb, fl-1940, il-Qaddejja ta' Alla għexet għal 12-il sena marida magħluqa fil-*Casa Madre*, jiġifieri esposta biss għall-konsorelli; 34 sena fuq mewtha, meta nfetaħ il-Proċess Djoċesan, ma setgħux ikunu ħlief minn dan iċ-ċirku x-xhieda tat-tħaddim tal-virtujiet ta' Madre Margerita. It-Tribunal interroga wkoll 7 xhieda marbuta mal-Qaddejja ta' Alla b'parentela (IX, XI, IL, LI, LII, LXX, LXXV). Xi xhieda ppreżentaw ukoll dikjarazzjonijiet miktuba bit-tifkiriet tagħhom: ix-xhud II (b'2 manuskritti), it-III, ir-IV, il-V u d-LIX. Xi xhieda ppreżentaw dikjarazzjonijiet ta' xi ħadd li kien jafha, bħax-xhud L, li ppreżentat id-dikjarazzjonijiet ta' Ġużeppa Galea u ta' Marija Ċeċilja Vella, neputijiet tal-Qaddejja ta' Alla li ltaqgħet magħhom fl-Awstralja (li mbagħad jagħtu x-xhieda tagħhom bħala xhieda LI u LII, f'Melbourne, fis-Sessjonijiet $83_a$ u $84_a$); ix-xhud LXI tippreżenta dikjarazzjoni ta' Swor Umberta De Giovanni; ix- xhud LXXXV tippreżenta dikjarazzjoni ta' Swor Ermanna Cutuli. Fl-aħħar nett, ix-xhud IX tippreżenta "Talba miktuba mill-Qaddejja ta' Alla". Każ għalih hi x-xhieda tas-VII xhud, Patri Calliari OMV, hawn fuq imfakkar bħala awtur ta' Bijografija fuq il-Qaddejja ta' Alla: hu ppreżenta 30 sinteżi ta' dikjarazzjonijiet ta' xhieda oħrajn.

Madre Margerita qatt ma ppubblikat xejn; il-Postulazzjoni għalhekk għaddiet lit-Tribunal dawn il-kitbiet: 67 Ittri indirizzata lill-Konfessuri tagħha (34 lil Monsinjur Anton Galea u 32 lil Monsinjur Alfons Maria Agius); 120 Ittra mibgħuta lid-diversi Komunitajiet jew lil xi Soru partikulari; 11-il Ittra Ċirkulari; 17-il Rapport ta' Viżti Kanoniċi li għamlet.

Il-Kongregazzjoni ħarġet id-*Decretum super validitate Inquisitionis Dioecesanæ* fil-Kungress Ordinarju tal-1 ta' Diċembru 2000. Fit-2 ta' Frar ta' wara ġie maħtur Relatur tal-Kawża r-Reverendissmu Patri Ambrogio Eszer OP, Relatur Ġenerali fil-Kongregazzjoni.

Il-*Positio* tikkonsisti f'madwar 1,100 paġna u hi maqsuma fi tliet partijiet kbar: l-*Informatio*, is-*Summarium* u l-*Biographia documentata*. Tinfetaħ b'*Positionis Index* u bi *Prænotatio Relatoris* (pp. IV) li tippreżentalna l-*iter* tal-Kawża (I.), il-*Positio* (II.) u l-ġudizzju sħiħ fuq il-provi miġbura (III.), miżmuma b'"iktar milli biżżejjed".

L-*Informatio*, ta' 98 paġna, hu maqsum f'4 kapitli. L-I kapitlu jservi ta' Introduzzjoni Ġenerali, u jippreżenta l-Istorja tal-Kawża, Ħarsa lejn il-ħajja ta' Madre Margerita, Sinteżi

qasira bijografika u l-Apparat tal-provi. Il-kapitli l-oħra, kif hi l-prassi, jippreżentaw il-Virtujiet erojċi b'mod ġenerali (II), it-Tħaddim tal-virtujiet erojċi b'mod speċifiku (III) u l-Fama tal-qdusija (IV). Jagħlaq l-*Informatio*, bil-firma tal-Postulatur u tal-Kollaboratriċi Esterna, Swor Antonietta Pozzebon FMSC, id-Digriet *super validitate*.

Is-*Summarium*, ta' 497 paġna, jippreżenta biss ix-xhieda ta' 85 xhud – għal dawk li ma ridux jew ma setgħux jixhdu hemm nota tat-Tribunal li tispjega r-raġuni – u tad-dikjarazzjonijiet hemm mgħoddija u milqugħa mit-Tribunal, kważi *ne pereant probationes*. Id-dokumenti, min-naħa l-oħra, huma ppreżentati fil-*Biographia documentata*. Insibu bl-Ingliż id-dikjarazzjonijiet ta' Ġużeppa Galea u ta' Marija Ċeċilja Vella, kif ukoll ix-xhieda tagħhom (xhieda LI u LII) quddiem it-Tribunal ta' Melbourne (pp. 422-433). Għal kull xhieda l-Postulazzjoni tiddedika ftit linji biex tikklassifika x-xhud interessat u l-mument tax-xhieda. Qabel ix-xhieda nsibu: it-*Tabella-Index Testium et Summarii* (pp. I-XVII), fejn hemm nieqsa kolonna ddedikata lit-tħaddim tal-virtujiet erojċi b'mod ġenerali waqt li, ġustament, hemm dawk dwar id-doni sopranaturali u l-grazzji u l-fejqan; Nota fuq il-provi (pp. 3-6); u l-Interrogaturi (pp. 7-27). Anki s-*Summarium* iġorr il-firma tal-Kollaboratriċi Pozzebon.

Il-*Biographia documentata*, bil-firma tal-Kollaboratriċi Swor Francesca Abela FCJ, tikkonsisti f'194 paġna u 33 kapitlu, spiss qosra ħafna, li flimkien jiffurmaw ġabra mdaqqsa ta' 32 dokument, hemm ippreżentati, kważi biex inħallu lilhom jirrakkuntawlna l-ħajja u l-ġrajjiet spiritwali ta' Madre Margerita. Jonqos Werrej tal-kapitli u tad-diversi dokumenti ppubblikati.

Bejn is-*Summarium* u l-*Biographia documentata*, il-*Positio* tippreżenta taqsima ta' *Documenta summario addita*, ta' 172 paġna. Dawn huma żewġ Esejs fuq il-Qaddejja ta' Alla (I u II) u ta' ġabra ta' Xhieda ta' apprezzament minn 20 Isqof (III). L-ewwel Esej hu ta' Patri Pesce, Teologu Ċensur tal-Kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla, bit-titlu: *Amiamo l'Amore* (*La Serva di Dio attraverso l'analisi di alcune sue lettere*) [Inħobbu l-Imħabba (Il-Qaddejja ta' Alla mill-analiżi ta' xi ittri tagħha)]; wara t-trattament tiegħu, b'attenzjoni anki għall-Bibljografija fuq Madre Margerita, kif juru n-noti t'isfel ta' kull paġna, Patri Pesce jagħti wkoll Antoloġija mdaqqsa ta' Ittri, 72 b'kollox, 11 lil Monsinjur Galea, 19 lil Monsinjur Agius u 42 lill-konsorelli; ma' kull Ittra hemm preżentazzjoni qasira. It-tieni Esej hu ta' Patri George Aquilina OFM, miktub fl-1988 għall-użu intern tal-Kongregazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla.

Wara l-*Biographia documentata* hemm ir-*Relatio Commissionis Historicæ*, imdaqqsa u preċiża, ta' 72 paġna, u l-*Positio super scriptis*, biż-żewġ Voti taż-żewġ Teologi Ċensuri. Jagħlqu l-*Positio* d-*Declaratio de non cultu* tad-19 ta' Jannar 1999, u t-*Tabulæ* bi 11-il ritratt, ir-riproduzzjoni ta' kwadru tal-Fundatur u mappa tal-arċipelagu Malti.

*Erojċità tal-virtujiet*

Il-misteru ineffabbli ta' Alla-Mħabba hu, għal Madre Margerita, iċ-ċentru li madwaru jdur kollox f'ħajjitha: tgħix mgħaddsa kollha kemm hi fih, f'abbandun totali għar-rieda divina u fiduċja bla qies fil-providenza tiegħu ta' Missier. Hi nnamrata ma' Alla, ir-relazzjoni tagħha mal-Mulej hi intima u bħal ta' bejn żewġ għarajjes. Għalhekk tħares lejh bħala "Imħabba eterna, li tista' kollox, dejjiema", "Oċean immens ta' tjieba", "Abbiss infinit ta' tjieba", "Ġuf patern u etern", "Dak li minnu jiġina kull ġid", "Ħniena divina u bla tmiem". Bil-kontemplazzjoni ta' kuljum u kontinwa, fl-Ewkaristija ċċelebrata u meqjuma, bħal fit-talb personali, id-*Deus caritas* Trinitarju li sar bniedem, tibqa' kważi bla nifs quddiem in-nuqqas ta' fidi jew fidi tal-qoxra. U biex tista' twieġeb għall-"Imħabba tal-ġenn ta' Alla għal tliet darbiet qaddis" hi tfittex li tasal għall-"imħabba pura". Sa minn età żagħżugħa ħafna,

tagħmel f'moħħha li tingħata kollha kemm hi għall-"Imħabba safja u divina", u ta' 14-il sena tagħmel il-vot privat tal-kastità; iktar minn darba tħabbat il-bieb tat-Terzjarji tad-Dar tal-Karità fir-Rabat, biex tkun tista' tikkonsagra ruħha kompletament lill-Mulej. Il-ħajja reliġjuża mħaddna minnha b'entużjażmu u b'impenn deċiż hi għaliha tweġiba għall-Imħabba, xenqa għall-imħabba tal-Mulej dejjem iżjed safja, jiġifieri dejjem iżjed sħiħa. Il-fidi tal-Magħmudija, li hi għexet fir-radikalità tal-Kunsilli Evanġeliċi, issir għaliha t-triq biex tasal għall-imħabba perfetta (*Perfectæ caritatis,* n. 1) li hi sinjal eċċellenti tas-Saltna tas-Smewwiet. Din is-Saltna hi tħossha qrib tagħha u diġà qed isseħħ f'ħajjitha, permezz tat-talb personali u komunitarju l-jum kollu u bla waqfien, ħajja mgħajxa bis-Sagramenti, fuq kollox bl-Ewkaristija, li għaliha titħejja bit-talb personali sa minn ħafna ħin qabel iċ-Ċelebrazzjoni, u li tħobb ittawwal b'mument twil ta' radd il-ħajr. Id-doni straordinarji ta' estasi – waqt li tkun mixħuta fis-sigħat twal tagħha ta' adorazzjoni Ewkaristika jew ta' kontemplazzjoni ta' Ġesù Bambin jew Kurċifiss, hi u tirċievi t-Tqarbin Imqaddes jew hi u titkellem fuq l-imħabba ta' Alla –, li tagħhom għandna ħafna xhieda, jiġu milqugħa mill-konsorelli kważi bħala ħaġa naturali: bħal donnu, lil ruħ hekk kontemplattiva, ma setax jonqosha dan l-inkurunament ta' intimità mal-Għarus, ta' unjoni mistika.

Fil-ħlejjaq kollha Madre Margerita tilmaħ mera tal-ġmiel divin li jfakkruha fil-wegħda tal-Ġenna. Anki fil-ġrajjiet tal-ħajja ta' kuljum hi tara u dduq il-Providenza kontinwa tal-Missier; f'ħajja li ttuq bis-Sagramenti hi ma tistax ma tilmaħx antiċipata t-tgawdija eterna mwiegħda, li tidher fil-ħtiġijiet anki l-iżjed ċkejkna u ta' kuljum li hi tqiegħed taħt il-ħarsa kollha mħabba tal-Missier. Ċerta mill-ħniena tal-Mulej, kienet tħobb tistieden lil kulħadd: *Sursum corda!* Hekk meta wasal il-mard, l-attakki tal-qalb li baqgħu għaddejjin snin, dawn saru għaliha sinjal ta' eżilju li wasal biex jagħlaq, tama li "ttir" lejn il-Mulej. Madre Margerita tgħix ħajjitha fuq din l-art bit-tama ħajja li tiltaqa' ma' Alla: l-eżistenza fuq din il-art mhix għajr "passaport għall-ħajja ta' dejjem"; is-snin ta' tbatija u mard hi tarahom bħala siġill ta' tbatijiet fiżiċi u morali li bihom Kristu jagħfasha miegħu, isaffiha u jagħmilha tiegħu. U f'dan l-istat li ssib ruħha fih, hi ma tonqosx li twissi lill-konsorelli biex iżommu ħarsithom fissa fuq is-Sema pajjiżhom, fejn il-fraternità u l-komunjoni bejniethom jum wieħed għad ikunu sħaħ. Il-ħajja kkonsagrata kollha tagħha għexitha mdawla minn din it-tama: jeħtieġ nikkorrispondu għall-vokazzjoni sa ma naslu għall-perfezzjoni, tfakkar lis-Sorijiet, biex nistgħu nidħlu minnufih fil-festa eterna tat-tieġ mal-Għarus.

L-espressjoni "l-Imħabba mhix maħbuba", li nafuha lil San Franġisk ta' Assisi jokrob fil-bosk, hi l-muftieħ biex nistgħu nifhmu s-sens kollu tal-attività ta' Madre Margerita: l-appostolat kollu tagħha, kulma hi tagħmel għall-oħrajn, il-ħidmiet kollha tagħha fl-Istitut u favur il-konsorelli, għandhom l-intenzjoni ewlenija li l-Imħabba tkun maħbuba. L-akbar don u l-ogħla ġid li hi tagħmel mal-proxxmu hu l-istess wieħed li hi rċiviet: il-fidi. Li nħobbu lill-Mulej ifisser ninfetħu kollha kemm aħna għal dan id-don, u naċċettaw *toto corde* li niġu maħbuba mill-Imħabba, nagħrfu bil-ħeġġa kollha li *Deus caritas est*; *et, qui manet in caritate, in Deo manet, et Deus in eo manet* (1 Io 4,16). Il-mudell ta' din il-milja tal-qalb, mogħtija minn Alla nnifsu lill-bnedmin, il-Qaddejja ta' Alla tilmħu fil-Qalb ta' Ġesù. Fih Alla wera mħabbtu għall-bniedem u l-akbar eżempju tal-imħabba tal-bniedem lejn Sidu. L-impenn appostoliku kollu ta' Madre Margerita, kif ukoll kull għemil tagħha ta' tmexxija fl-Istitut saru bl-iskop biex issir tixbhu, biex tidħol fil-komunjoni miegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u fl-adorazzjoni tagħha, bħal fit-talb. Taf li l-erwieħ swew id-demm ta' Ġesù Kristu, u għalhekk ħabirket il-ħin kollu biex twassalhom għandu. Li turi min hi l-Imħabba u kif din tiġi maħbuba hu ħsieb li jixprunaha l-ħin kollu: *caritas enim Christi urget nos* (2 Kor 5,14). Biex din l-Imħabba tiġi maħbuba, Madre Margerita tingħaqad, meta kienet għadha żgħira, max-"xebbiet żgħażagħ ta' ħajja tajba" li, mas-Sinjorina Ġużeppa Pace u taħt it-tmexxija ta'

Dun Ġużepp Diacono, saru t-Terzjarji Franġiskani "tad-Dar tal-Karità" fil-Belt Victoria, ir-Rabat (Għawdex), mogħtija għall-edukazzjoni tat-tfajliet foqra u fil-bżonn tal-għajnuna. Il-Kongregazzjoni li twieldet minn Dun Diacono u Madre Margerita għandha qabel xejn għan reliġjuż, ta' talb u ta' tpattija, u mbagħad, kważi bħala riżultat naturali, soċjali u ekonomiku, ta' promozzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ l-aktar abbandunati. Bħala Fundatriċi, Superjura Ġenerali għal kemm-il darba, u anki bħala sempliċi Soru tal-Istitut, De Brincat wieġbet b'mod eċċellenti għas-sejħa ta' Alla għall-imħabba lejn il-proxxmu, lejn dawk l-iżjed fil-bżonn. In-normalità li biha tilqa' u tgħix il-fatt li ma reġgħetx ġiet magħżula Superjura Ġeneral tal-Istitut, minnha mwaqqaf, jitkellem mhux biss għall-umiltà, il-libertà interjuri u l-ubbidjenza staordinarja tagħha, imma anki għal kif hi tħares lejn kulma għamlet favur il-Kongregazzjoni f'termini ta' servizz, ta' karità. L-attenzjoni għall-ħwejjeġ iż-żgħar u għall-ġesti ż-żgħar, fil-konfront ta' kulħadd, ibda mill-konsorelli, turi kemm ir-ruħ tagħha pperfezzjonatha biex tmur tiltaqa' mal-oħrajn, biex tilqa' lill-oħrajn, biex mill-ewwel tindirizzahom għall-Qalb kollha mħabba ta' Ġesù Kristu.

Anki fil-virtujiet kardinali u tal-istat għandna xhieda tal-eżerċizzju erojku ta' De Brincat. Fid-dmir tagħha ta' Fundatriċi u Superjura Ġenerali, bħal fil-bosta snin ta' mard u moħbija fit-talb, il-qawwa tagħha kienet ta' eżempju u xprun għal kulħadd. Fit-temperanza teċċella b'mod speċjali għall-mortifikazzjoni tal-pjaċir, fit-taħriġ tagħha: hi dejjem estremament meqjusa f'kollox. L-istess fil-faqar tagħha: kamritha dejjem votja, ħwejjiġha, dejjem nodfa imma qatt ġodda. B'sempliċità u abbandun totali f'Alla taċċetta, ta' 21 sena biss, it-tmexxija tal-Istitut, li kien wasal biex jagħlaq:

"Iva, Missier [Ġużeppi Diacono], bl-għajnuna ta' Alla nħoss li nista' ngħannaq kollox kollox";[1]

u b'daqstant ieħor umiltà, sempliċità, spirtu ta' ubbidjenza u ta' servizz lejn il-Komunità, taċċetta darbtejn li xi ħadd jeħdilha postha fit-tmexxija tal-Istitut, li tiġi ttrasferita lejn Djar partikularment foqra, li tieħu għal xi xhur il-post tal-Maestra tan-Novizzi, biex imbagħad terġa' lura moħbija, fis-servizz tas-Superjuri tagħha, bħal kull Soru oħra, donnha lanqas kienet il-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni.

*Konklużjoni*

Il-ħeġġa biex tħobb l-Imħabba, spiss mhix maħbuba u mhix magħrufa, hi l-*leitmotiv* tal-ħajja u l-ispiritwalità ta' Margerita De Brincat. Il-konsagrazzjoni lill-Mulej fil-ħajja reliġjuża, l-għixien b'mod sħiħ tal-Kunsilli Evanġeliċi, is-sehem tagħha fit-Twaqqif tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, it-tmexxija tagħhom għal snin sħaħ, il-ħajja kontemplattiva, essenzjali u mortifikata, fiha ma jidhrux qishom kienu xi biċċa xogħol iebsa, imma, pjuttost, tweġiba appassjonata u mixgħula bl-imħabba ta' waħda nnamrata. Il-persuna tagħha tista' tirrappreżenta għall-fidili kollha u għall-persuni kkonsagrati b'mod għal kollox speċjali, sejħa mill-ġdid għad-dixxipulat ta' Kristu, essenzjali, hieni u li jwassal għall-maturità sħiħa tal-persuna umana.

B'ċertezza morali, għad-dubju mressaq, *an constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe, Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis, in gradu heroico, in casu et ad effectum de quo agitur,* nista' nwieġeb: *affirmative, salvo meliore iudicio.*

---

[1] *Summarium,* p. 135.

Eżempju mill-isbaħ ta' fedeltà lejn ir-Regola, ta' ħajja intensa ta' talb, il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, immexxija minn żelu appostoliku veru, tat impronta ekkleżjali lil grupp ċkejken ta' xebbiet żelatriċi tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, b'konnotazzjoni Franġiskana.

Imxiet fuq il-binarju doppju tal-Franġiskaniżmu u tad-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa; ħalliet b'wirt is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, familja reliġjuża, sa mill-1903 aggregata mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri u rikonoxxuta kanonikament mis-Santa Sede. Mal-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, l-Istitut kien fih 260 membru, illum il-ġurnata jgħoddu fuq ħames mija, bi djar preżenti fil-kontinenti kollha[1].

1 – PROFIL BIJOGRAFIKU

Il-Qaddejja ta' Alla Virġinja De Brincat twieldet Kerċem, daqsxejn ta' raħal fil-gżira ta' Għawdex (arċipelagu Malti), fit-28 ta' Novembru 1862, minn Mikelanġ u Katerina Gauci, Insara ta' fidi kbira, propjetarji ta' xi biċċiet żgħar tal-art.[2] Iċ-ċkejkna, is-sitt waħda fost ħdax-il tifel u tifla, ġiet mgħammda dakinhar stess fil-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat u tawha l-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppa, Marija u Giovanna.[3]

Fl-età ta' sitt snin iċ-ċkejkna bdiet tattendi l-iskola primarja tal-Gvern u, ta' disa' snin, irċiviet mill-Isqof ta' Għawdex is-sagrament tal-Griżma, aktarx wara li xi jiem qabel kienet irċiviet l-Ewwel Tqarbina.[4] Wara li spiċċat l-iskola primarja tal-Gvern, il-Qaddejja ta' Alla ntbagħet biex tkompli titgħallem l-ilsna Taljani u Franċiżi għand għalliem ir-Rabat. Fi żmien qasir tgħallmet tikkomunika biż-żewġ lingwi. Kienet tħobb il-ħajja kwieta u mogħtija għall-faċendi tad-dar, tgħallmet taħdem il-bizzilla, u hekk setgħet tgħin fil-manteniment tal-familja kbira tagħha.

Sadattant it-tfajla kompliet turi l-inklinazzjoni tagħha għall-qdusija u l-ġabra, tant li kienet tgħaddi ħin twil fil-knisja ta' Kerċem, jew anki miġbura għall-kwiet fil-kamra ċkejkna tagħha.[5] Fit-8 ta' Settembru 1877, issa ta' ħmistax-il sena, il-Qaddejja ta' Alla, wara li s-sena ta' qabel, bil-permezz tal-konfessur, kienet għamlet il-vot tal-kastità, issieħbet mal-Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", l-ewwel nukleu tal-Kongregazzjoni reliġjuża li twaqqfet taħt it-tmexxija tas-saċerdot Dun Ġużepp Diacono (1847-1924).[6] L-Assoċjazzjoni, li ġiet iffurmata madwar ix-xebba Maria Carmela Xerri u li kellha bħala ispirazzjoni d-devozzjoni riparatriċi tal-Qalb ta' Ġesù, f'dak iż-żmien kienet immexxija minn Dun Ġużepp Diacono, koadjutur żagħżugħ ta' Dun Feliċ Refalo, kappillan ta' San Ġorġ fir-Rabat, parroċċa li minnha kienet tagħmel l-istess Virġinja. Kien Dun Diacono, li kien miktub fit-Terz'Ordni Franġiskan, li laqa' lil Virġinja fil-grupp tal-imseħbin li kienu jiddedikaw ħajjithom għal servizzi ta' natura karitatevoli u edukattiva mat-tfal u ż-żgħażagħ traskurati jew abbandunati. Kien l-istess Dun Diacono li ra l-possibbiltà li b'xi wħud minn dawn ix-xebbiet jiġma' grupp ta' nisa kkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-proxxmu. U hekk, f'ġieħ il-Verġni Marija, għażel tnax u mħeġġeġ mill-Isqof, ta bidu għall-grupp imsejjaħ "Kongregazzjoni ta' Sorijiet tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk", jew fi kliem iżjed

[1] *Biographia documentata*, 193.
[2] *Biographia documentata*, 8.
[3] *Biographia documentata*, 12, doc. 2.
[4] *Biographia documentata*, 13, doc. 3.
[5] *Biographia documentata*, 9.
[6] *Biographia documentata*, 14s.

sempliċi, "Maestri Terzjarji Franġiskani", u tahom dar, regolamenti u libsa.[7] Għall-manteniment Dun Diacono ra li jwaqqaf fid-Dar speċi ta' ħanut artiġjanali tal-famuża bizzilla ta' Malta.[8] Kienu t-18 ta' Ottubru 1880 meta nfetħet l-ewwel "Dar tal-Karità" fejn, bl-approvazzjoni tal-Isqof, bdew jagħtu s-servizz tagħhom il-"Maestri Terzjarji Franġiskani" (15 ta' Awwissu 1880), li fil-futur kellhom isiru s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa.[9] L-għanijiet tal-Assoċjazzjoni kienu: li jimxu wara Ġesù skont il-Kunsilli Evanġeliċi, u jieħdu t-tliet voti; jagħmlu kollox bi tpattija għad-dnubiet kontra l-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u jigglorifikaw il-privileġġi ta' Marija; jieħdu ħsieb tal-assoċjazzjoni "Tnax-il Stilla" u jiddedikaw ruħhom għall-bniet foqra u li kellhom bżonn l-għajnuna.[10] L-ewwel nukleu kien iffurmat minn ħdax-il tfajla, billi Ġużeppa Pace kellha tħalli minħabba raġunijiet ta' età u saħħa, li imma baqgħet qrib tal-komunità billi kompliet issostniha b'ġidha sal-punt li spiċċat ftaqret hi.[11] Il-fundatur tagħha kien Dun Ġużepp Diacono (1847-1924), vigarju ta' San Ġorġ bejn l-1875 u l-1881, imbagħad kappillan fil-Qala, fejn baqa' għal 10 snin qabel mar joqgħod qrib id-"Dar tal-Karità": saċerdot mogħti għad-disinn arkitettoniku, li ħafna binjiet sagri jġibu d-disinn tiegħu; minnu wkoll twaqqaf, qrib id-"Dar tal-Karità", il-laboratorju għax-xogħol tal-bizzilla.[12] Minkejja l-kapaċitajiet tiegħu, il-mewt sabitu verament fqir.

Virġinja daħlet fil-Kongregazzjoni fil-5 ta' Frar 1881. Sitt xhur wara, il-Qaddejja ta' Alla għamlet il-vestizzjoni reliġjuża, ħadet l-isem ta' Virġinja tal-Beata Margerita, u bdiet in-novizzjat.[13] Eżattament sentejn wara, il-Qaddejja ta' Alla, meta kienet għadha taħt l-età, għamlet il-professjoni sempliċi temporanja (15 ta' Awwissu 1883).[14]

Sadattant id-"Dar tal-Karità", li kienet ġiet ittrasferita lejn Triq Palma,[15] kellha t-tieni approvazzjoni mill-Isqof, bid-digriet *"Attentis expositis"*.[16] Is-sena ta' wara, dejjem fil-15 ta' Awwissu, ġiet maħtura Segretarja Ġenerali tal-familja ċkejkna reliġjuża, li kellha bħala Superjura lil Maria Geltrude Darmanin (1882-1885), li imma Dun Ġużepp Diacono kien isejħilha uffiċjalment Vigarja.

F'Marzu 1885, fuq talba ta' mart is-segretarju tal-Gvernatur ta' Malta, infetħet l-ewwel dar fil-gżira ta' Malta, f'Birkirkara, iddedikata lill-Qalb Qaddisa, biex titmexxa skola "għal tfajliet mill-klassijiet il-foqra", u l-Qaddejja ta' Alla ngħatat l-inkarigu ta' Primarja, wara s-Superjura lokali.[17] Dun Ġużepp Diacono kien kontra li tinfetaħ din id-dar: hu ried komunità magħmula biss minn 12-il membru, kollha Għawdxin biss, biex jeżerċitaw il-ministeru tagħhom fil-gżira ta' Għawdex.[18] Bla sabar li jistenna l-approvazzjoni tal-Isqof, b'ittra tal-20 ta' April 1886 hu ordna lit-terzjarji jħallu d-"Dar tal-Karità" fi Triq Palma, u hekk formalment kien qed jordna li tingħalaq. Kien hawn li Mons. Pace, Isqof ta' Għawdex, sitt snin wara t-twaqqif, fis-6 ta' Mejju 1886, approva l-ewwel Kostituzzjonijiet.[19] Min-naħa tiegħu Dun Diacono ċeda lis-sorijiet il-propjetà kollha tiegħu ta' Triq Palma, fejn kienu

[7] *Biographia documentata,* 19s.
[8] *Biographia documentata,* 21.
[9] *Biographia documentata,* 24s.
[10] *Biographia documentata,* 26.
[11] *Biographia documentata,* 28s.
[12] *Biographia documentata,* 32ss.
[13] *Biographia documentata,* 37ss.
[14] *Biographia documentata,* 40s.
[15] *Biographia documentata,* 42.
[16] *Biographia documentata,* 45.
[17] *Biographia documentata,* 48.
[18] *Biographia documentata,* 49.
[19] *Biographia documentata,* 57s.

joqogħdu t-terzjarji: din l-għotja imma kien fiha djun u ħlasijiet, u hekk il-Kongregazzjoni kellha tħallas kull sena l-ispiża ta' 528 skud, li ma kinitx waħda żgħira.[20] Iffirmaw il-kuntratt, barra Dun Diaconi u żewġ xhieda, dsatax-il soru: għaxra poġġew il-firma tagħhom, disgħa, is-salib biss, għax ma kinux jafu jiktbu.[21]

Il-Qaddejja ta' Alla kienet għadha m'għalqitx il-25 sena u ġiet imsejħa tmexxi l-Istitut, sbatax b'kollox, bir-rwol ta' Superjura Prinċipali.[22] Billi kienet għadha ma ħaditx il-voti solenni, xahrejn wara, l-Qaddejja ta' Alla għamlet il-Professjoni Solenni skont il-Kostituzzjonijiet approvati minn Mons. Pietru Pace u hawn tieħu l-isem ta' Madre Margerita tal-Qalb Qaddisa: tkun l-ewwel reliġjuża professa tat-Terzjarji Franġiskani ta' Malta.[23]

Kien wasal biex jintemm il-kuntratt tal-iskola ta' Birkirkara u, billi d-dar ma kienet komda xejn, Madre Margerita iddeċidiet li titrasferiha lejn post iżjed qrib fejn kienu jgħixu n-nies. F'din id-Dar il-ġdida s-sorijiet baqgħu sal-1909, meta nbena l-kunvent il-ġdid.[24] Kienet ġejja minn Malta bl-aħbar, meta sabet il-*Casa Madre* f'Għawdex fi stat ta' konfużjoni kbira. Dun Diacono, minħabba għadd ta' diffikultajiet ekonomiċi, ried ixolji l-Kongregazzjoni, u kien diġà beda jagħmel l-inventarju tal-oġġetti kollha li kienu tiegħu biex ibiegħhom fi rkant. Anzi, ried jerġa' jieħu f'idejh l-istess dar ta' Triq Palma.[25] Kien hawn li l-Qaddejja ta' Alla ħadet fuq spallejha r-responsabbiltajiet, u ħejjiet ruħha biex tkompli hi l-opra; bosta, imma, qalbhom maqtugħa, reġgħu lura d-dar. Hekk mit-8 ta' Ottubnru 1887 l-Istitut beda fażi ġdida u, minn dan il-mument, il-Qaddejja ta' Alla saret kofundatriċi, waqt li Dun Diacono ħareġ mix-xena u Mons. Pietru Pace, minn Għawdex, ġie ttrasferit bħala Arċisqof ta' Malta, hekk li s-sorijiet issa setgħu jserrħu fuq missier u benefattur kbir tagħhom.[26]

Fil-Kapitlu Ġenerali tal-1889 il-Qaddejja ta' Alla, li kienet għadha kemm għalqet 27 sena, ġiet eletta, bi 13-il vot kontra wieħed, Superjura Ġenerali.[27] Dun Ġużepp Diacono dakinhar bagħtilha ittra biex jifirħilha, u żguraha mir-rispett tiegħu u li kien sa jibqa' magħqud magħha fit-talb:

> "La tiddubitax, il-ħatra tiegħek hi kollha ġejja mis-Sema. Il-Mulej ħatrek biex tmexxi mill-ġdid il-Komunità tiegħek. Il-prova ta' dan li qed ngħid ma nagħtihielekx jien, imma tagħtiha, bl-akbar ċertezza possibbli, l-uniformità tal-konsorelli li vvutaw, meta tawk il-voti tagħhom".[28]

Tliet xhur wara, Madre Margerita fetħer Dar ġdida f'Malta u ddedikata lil "Sidtna Marija tar-Rużarju Mqaddes" (1889).[29]

Il-ħatra ta' Superjura kienet għal tliet snin. Fl-1892, inżamm it-tieni Kapitlu Ġenerali u l-Qaddejja ta' Alla reġgħet ġiet maħtura Superjura Ġenerali. Għaddiet sena u Madre Margerita fetħet Dar oħra, f'Malta, fil-Belt Valletta, li ddedikatha lill-"Madonna tal-Pilar".[30] Fl-1895, il-Qaddejja ta' Alla ġiet magħżula mill-ġdid għat-tielet darba Superjura Ġenerali, u baqgħet bejn wieħed u ieħor sal-1901. Il-Kongregazzjoni issa kien fiha erba' Komunitajiet: tnejn

---

[20] *Biographia documentata*, 56.
[21] *Biographia documentata*, 57.
[22] *Biographia documentata*, 60ss.
[23] *Biographia documentata*, 64, doc. 2.
[24] *Biographia documentata*, 66s.
[25] *Biographia documentata*, 68s.
[26] *Biographia documentata*, 70.
[27] *Biographia documentata*, 71s.
[28] *Biographia documentata*, 76s.
[29] *Biographia documentata*, 90.
[30] *Biographia documentata*, 90.

f'Għawdex u tnejn f'Malta, għas-servizz taż-żgħażagħ lokali. It-terzjarji kienu foqra, imma kienu mmexxija minn żelu pastorali kbir. Għalhekk, qabel temmet l-inkarigu tagħha, il-Qaddejja ta' Alla bagħtet petizzjoni lill-Papa Ljun XIII, biex tikseb id-*Decretum Laudis*.

Is-superjura l-ġdida kienet Madre Rosalia Vella, imma meta għaddew it-tliet snin, il-Qaddejja ta' Alla reġgħet ġiet magħżula Superjura Ġenerali. Fl-1905 ġiet maħtura għall-ħames darba u fl-1907, mhux mingħajr tbatija, fetħet dar fil-gżira ta' Korfù, li kienet l-ewwel waħda mwaqqfa fil-Greċja, u li l-Qaddejja ta' Alla semmietha għall-"Qalb Qaddisa".[31] Fl-1911, meta ntemm il-mandat tagħha, talbet lill-konsorelli biex ma jerġgħux jagħmluha Superjura Ġenerali u għażlet li tmur Korfù, flok Madre Nazzarena Gouder ta' Santa Tereża, is-Superjura Ġenerali l-ġdida. Imma fil-Kapitlu tal-1917, il-Qaddejja ta' Alla, minkejja li minħabba fil-gwerra kienet baqgħet Korfù, ġiet magħżula mill-ġdid Superjura Ġenerali, u għalhekk reġgħet lura Għawdex.[32] F'dak iż-żmien l-Istitut kellu iżjed minn mitt ruħ, b'reliġjużi mxerrda f'għaxart idjar, bejn Għawdex, Malta u Korfù.[33]

Ma kinitx ilha li reġgħet bdiet tmexxi l-Kongregazzjoni meta bagħtet talba lill-Isqof biex iressaq quddiem is-Santa Sede x-xewqa tagħha li fil-knejjes u l-kappelli kollha tal-Istitut ikun jista' jinżamm is-Santissmu Sagrament.[34] It-tieni talba għad-*Decretum Laudis* saret fl-1921. It-talba hi indirizzata lil Benedittu XV. Bilkemm xahar wara, l-Isqof ta' Għawdex, fuq talba tas-Santa Sede, wara li għamel il-bidliet meħtieġa, bid-digriet *Culli Constitutiones* iddikjara l-konformità sħiħa tar-Regoli tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani mal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika.[35] Fit-tentattiv tagħha li taqla' d-*Decretum Laudis*, Madre Margerita, f'Settembru tal-istess 1921, marret personalment Ruma u ġiet milqugħa f'udjenza mill-Papa Benedittu XV.[36]

Fl-ewwel xhur tal-1922, minkejja diffikultajiet kbar, fetħet l-ewwel żewġt idjar fl-Italja, it-tnejn fi Sqallija, fid-Djoċesi ta' Nicosia.[37] Fl-istess waqt bdiet tieħu ħsieb il-knisja tar-Redentur, fil-Belt Valletta, fejn issir l-adorazzjoni ta' kuljum.[38]

Fil-Kapitlu tal-1923 tispikka d-direttiva mogħtija mill-Isqof Camilleri li, meta introduċa s-sessjoni tal-elezzjoni, hekk wissa lir-reliġjużi:

> "Hemm bżonn tibdlu l-Madre Ġenerali. Dejjem Madre Margerita! M'għandkomx tivvutawlha iżjed! U anki l-Kunsilliera tridu tibdluhom kollha. It-tmexxija kollha għandha tinbidel".[39]

Dawn huma r-raġunijiet li għalihom il-Qaddejja ta' Alla ma reġgħetx ġiet magħżula; imma xorta vvutawlha bħala Kunsilliera Ġenerali. Imma s-Superjura l-ġdida baqgħet fil-kariga biss għal erba' xhur, għax taha attakk tal-qalb.[40] Madre Margerita kienet Sqallija meta ltaqa' l-Kapitlu Straordinarju għall-elezzjoni tas-Superjura l-ġdida. Bl-iskuża ta' raġunijiet ta' saħħa, il-Qaddejja ta' Alla talbet li ma tkunx preżenti: fil-21 ta' Jannar 1924 ġiet maħtura Superjura Ġenerali Madre Nazarena Gouder ta' Santa Tereża († 21 ta' Ottubru 1951), li kienet qrib

[31] *Biographia documentata*, 98.
[32] *Biographia documentata*, 100s.
[33] *Biographia documentata*, 102.
[34] *Biographia documentata*, 164, doc. 1.
[35] *Biographia documentata*, 85, doc. 1.
[36] *Biographia documentata*, 103.
[37] *Biographia documentata*, 113s.
[38] *Biographia documentata*, 112.
[39] *Biographia documentata*, 119.
[40] *Biographia documentata*, 119s.

ħafna ta' Madre Margerita, li ngħatalha l-mandat ta' Superjura lokali għad-dar il-ġdida "Ġesù Redentur" jew tal-Adorazzjoni fil-Belt Valletta.[41] Dwarha hekk kellu xi jgħid Mons. Gonzi:

> "Madre Nazarena kienet organizzatriċi minn twelidha, li kienet taf tikkmanda bil-ħlewwa. Madre Nazarena ma tistax tissejjaħ fundatriċi, imma ċertament 'Dik li saħħet il-Kongregazzjoni'".[42]

F'Lulju tal-istess 1924, il-Qaddejja ta' Alla reġgħet lura Għawdex biex tassisti għall-agunija u l-mewt tal-fundatur, Dun Ġużepp Diacono: miet fl-età ta' 77 sena, b'ħafna merti quddiem Alla imma hekk fqir li fil-gwardarobba tiegħu lanqas instab liżar tajjeb biex ikeffnu l-katavru fih.[43]

F'Mejju 1927, Madre Nazarena fetħet Dar f'Ruma; iddedikatha lil "Kristu Re".[44] Fl-istess waqt Madre Margerita sostniet il-proposta tagħha li tiftaħ dar f'Sofi, fl-Etjopja, qrib il-Patrijiet Kapuċċini, ħaġa li seħħet fl-1929.[45]

Fl-1930, Madre Margerita ġiet maħtura Superjura lokali fid-dar ġdida "Sidtna Marija Bambina", f'Għawdex. Kellha tkun is-sede tagħha għal għaxar snin; fl-istess żmien, iżda, wettqet ħidmiet oħra.[46] Hekk, minkejja d-diffikultajiet ta' saħħitha, fl-1932 marret Ruma biex tieħu post il-Maestra tan-Novizzi. Is-sena ta' wara ċċelebrat għeluq il-50 sena ta' professjoni reliġjuża. Partikulari tassew kienu l-festi li sarulha fix-Xagħra, fejn tawha ċavetta tad-deheb għat-Tabernaklu.[47]

Fl-1937 sa fl-aħħar wasal id-*Decretum Laudis* bl-approvazzjoni pontifiċja *ad experimentum* għal seba' snin.[48]

Is-saħħa tal-Qaddejja ta' Alla bdiet tqanqal tħassib. Fl-14 ta' Jannar 1940 kellha l-ewwel attakk tal-qalb; xahrejn wara, issa dgħajfa ħafna minħabba l-mard, mix-Xagħra niżlet il-*Casa Madre*.[49] Fost mewġa ta' mard u fejqan mhux mistenni, l-uniku faraġ tal-Qaddejja ta' Alla, tul is-snin tal-gwerra, kien li tintasab quddiem it-Tabernaklu.[50]

Fit-23 ta' Diċembru 1946 ġiet iffirmata l-approvazzjoni definittiva tal-Kostituzzjonijiet min-naħa tas-Santa Sede. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha l-Qaddejja ta' Alla rċiviet ittra li farrġitha, il-permess li titqarben anki mingħajr is-sawma mitluba mil-liġijiet li kienu għadhom jgħoddu dak iż-żmien. Madre Margerita mietet fit-22 ta' Jannar 1952, fl-età ta' 89 sena u tliet xhur.[51]

Fl-1970, is-Sorijiet, anki fid-dawl tad-devozzjoni li l-Madre tagħhom kellha lejn il-Qalb ta' Ġesù, kisbu l-permess li jissejħu mhux iżjed Sorijiet Terzjarji Franġiskani ta' Malta, imma "tal-Qalb ta' Ġesù". Fl-1977, meta saret ir-rikonjizzjoni, il-ġisem tal-Qaddejja ta' Alla ttieħed fiċ-ċentru tal-kripta tal-*Casa Madre* f'Għawdex.[52] Imbagħad, fl-1994, il-fdalijiet tal-

---

[41] *Biographia documentata*, 121.
[42] *Biographia documentata*, 123.
[43] *Biographia documentata*, 35.
[44] *Biographia documentata*, 127s.
[45] *Biographia documentata*, 124.
[46] *Biographia documentata*, 132s.
[47] *Biographia documentata*, 138s.
[48] *Biographia documentata*, 86, doc. 2.
[49] *Biographia documentata*, 173ss.
[50] *Biographia documentata*, 179ss.
[51] *Biographia documentata*, 184s.
[52] *Biographia documentata*, 192s.

Qaddejja ta' Alla ttellgħu mill-kripta tal-*Casa Madre* għall-knisja tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb Qaddisa, maġenb l-istess kunvent.

2 – KONTENUT TAL-*POSITIO*

Il-*Positio*, stampat f'Ruma fl-2004, jikkonsisti f'volum, fi ħdax-il taqsima, kull waħda bl-impaġinazzjoni tagħha. Tiftaħ bil-preżentazzjoni ta' Patri Ambrogio Eszer, Relatur Ġenerali (I-V).

Wara l-*Index generalis,* insibu
- l-*Informatio* (1-98).
- *Decretum super validitate Inquisitionis Dioecesanæ.*
- *Tabella Index Testium et Summarii* (1-XVII).
- *Summarium* (1-497).
- *Documenta summario addita*:

a) "Inħobbu l-Imħabba": esej fuq il-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla (1-114).
b) Spiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla (115-152).
ċ) Xhieda tal-Isqfijiet (153-172).

- *Biographia documentata* (1-194),
- *Relatio Commissionis Historicæ* (1-72),
- *Positio super scriptis* (1-30),
- *Declaratio de non cultu* (1-2),
- *Tabulæ.*

3 – STORJA TAL-KAWŻA

Fl-1967, 15-il sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla, ġiet ikkummisjonata bijografija tal-Qaddejja ta' Alla lil Patri Paolo Calliari, saċerdot tal-Oblati tal-Verġni Marija, fid-dawl tal-possibbiltà li 'l quddiem tinfetaħ il-Kawża tal-Kanonizzazzjoni, li fil-fatt bdew jaħsbu fiha fl-1977, bir-rieżumazzjoni tal-ġisem u r-rikonjizzjoni uffiċjali tal-fdalijiet tagħha. Imma l-ħatra tal-postulatur tmur lura għall-1986. Dan ippreżenta s-*Supplex libellus* fil-25 ta' Jannar 1987; waqt li n-*"Nulla Osta"* għall-bidu tal-Inkjesta Djoċesana ġġib id-data tal-1 ta' Lulju 1988. Tlitt ijiem wara ġie ċċelebrat il-ftuħ uffiċjali tal-Inkjesta Djoċesana. Il-ħatra taż-żewġ Teologi Ċensuri tmur lura għall-1994 u dik tal-Kummissjoni Storika għall-1996. Waqt li l-Inkjesta Djoċesana għalqet fit-22 ta' Jannar 2000, il-validità tagħha nkisbet fl-1 ta' Diċembru tal-istess sena.

L-apparat tal-provi hu magħmul minn:

a) fonti ta' xhieda

Matul l-inkjesta t-Tribunal Ekkleżjastiku eżamina 85 xhud: 71 kienu *de visu*: minn dawn, 53 reliġjużi tal-istess Kongregazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla. 9 biss ix-xhieda *de auditu a videntibus*: 2 saċerdoti, 4 sorijiet u 3 lajċi. Xhieda *ex officio*, 5, kollha saċerdoti.

b) fonti dokumentarji

Dawn huma d-dokumenti miġbura fis-*Summarium* eżaminati b'reqqa mill-Kummissjoni Storika.

ċ) rapport tal-Kummissjoni Storika.

4 – DIFFIKULTAJIET

Barra n-nuqqas tal-*index nominum personarum et locorum*, li kien jiffranka ftit mix-xogħol tal-konsultur, il-*Positio* jidher li hu magħmul tajjeb.

Wara l-elementi bijografiċi, ngħaddu issa biex neżaminaw l-erojċità tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla li fuqhom xehdu 85 xhud, fil-verità ħafna, u, kif joħroġ mit-*Tabella-Index Testium et Summarii*, hu ċar li ftit għandhom għarfien dwar it-"twelid u l-familja", fuq il-"ħajja sekulari", eċċ. Jolqotna l-fatt li 57 xhud jixhdu fuq il-"fama ta' qdusija", imma 10 biss fuq id-"doni sopranaturali" u 6 fuq "grazzji u fejqan". Min-naħa l-oħra, 40 xhud kienu jafu jwieġbu fuq il-Fidi, 36 fuq l-Imħabba lejn Alla, 31 fuq il-Faqar, imma biss 21 fuq il-Karità mal-proxxmu. Dan ma jfissirx li l-Qaddejja ta' Alla naqset mill-karità lejn il-proxxmu, li hi l-istess raġuni wara l-Istitut tagħha, imma biss li fil-memorja tan-nies ta' żmienha l-iżjed li baqgħet stampata kienet l-imħabba tagħha lejn Alla. Dan fil-fatt joħroġ mid-*Documenta summario addita*, fejn insibu riferenza għal għadd ta' ittri tal-Qaddejja ta' Alla li għandhom bħala *leit-motiv* tagħhom l-imħabba ta' Alla. Fl-istess waqt il-kitba *L-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat* tagħfas fuq kif iż-żelu appostoliku tal-Qaddejja ta' Alla kien frott tal-imħabba tagħha lejn Alla u tad-devozzjoni Marjana tagħha.

5 – EROJĊITÀ TAL-VIRTUJIET

L-aħjar xhieda fuq l-erjoċità fit-tħaddim tal-virtujiet ġejjin minn dawk li kienu qrib il-Qaddejja ta' Alla. Waħda minn dawn, ix-xhud XV, li għexet fil-*Casa Madre* fejn fl-aħħar snin irtirat il-Qaddejja ta' Alla, tiddikjara li

> "Madre Margerita pprattikat b'mod erojku ħajja għanja fil-virtù, u nifhem li kienet disposta li tgħix dejjem il-virtujiet, minkejja kull sagrifiċċju, u f'kull ċirkustanza. L-imħabba kienet il-virtù ewlenija li wasslet lil Madre Margerita biex tirbaħ kull xkiel biex tilħaq gradd ogħla ta' maturità".[53]

Min-naħa tagħha, ix-xhud XIII, li mal-Qaddejja ta' Alla kellha biss ftit laqgħat qosra, sakemm fl-1939 qattgħet magħha sena u nofs, tista' tafferma li

> "fil-ħajja reliġjuża tiegħi ltqajt ma' sorijiet oħra ta' ċertu livell ta' perfezzjoni spiritwali, imma ħadd minnhom, fil-fehma tiegħi, ma wasal għall-perfezzjoni bħal Madre Margerita. Nista' nikkonferma li Madre Margerita għexet dawn il-virtujiet b'mod erojku għax rajt fiha l-assidwità, ix-xewqa għall-perfezzjoni u kienet tagħmel kollox bl-akbar libertà tal-ispirtu".[54]

Waqt li Swor Ermanna Catuli ddikjarat:

> "Ċertament, Madre Margerita kienet ruħ moħbija għal għajnejn dawk kollha li kienu jfittxu biss dak li jidher minn barra, għax il-preżenza tagħha fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni kienet magħmula mit-talb, is-sagrifiċċji, offerta kontinwa tagħha nfisha; hawn hu għaliex il-Kongregazzjoni mxiet 'il quddiem u tat lill-Knisja tant sorijiet li tassew jedifikawk u qaddisa, kif xehdet Madre Margerita nfisha, meta tkellmet dwar Madre Nazarena Gouder, nhar mewtha, meta qalet: 'Tlabt lill-Mulej li jeħodni wara li nkun rajt il-mewt qaddisa ta' binti. Issa ftit fadalli hawn magħkom; fi żmien qasir Ġesù jsejjaħli għandu, għax illum sirt naf li l-Kongregazzjoni tagħna ġiet approvata minn Alla'. Fil-fatt Madre Nazarena mietet fis-26 ta' Ottubru 1951 u Madre Margerita fit-22 ta' Jannar 1952".[55]

Billi kienet ta' ftit kliem, kienet tħobb tfittex spazji ta' skiet biex tinġabar fihom:

> "Is-skiet, kienet tgħid hi, hu mezz biex inġennu lil Alla biex iħobbna […] kienet imħeġġa bl-imħabba lejn Alla".[56]

---

[53] Xhud XV, *Summarium*, 214, § 374.
[54] Xhud XIII, *Summarium*, 195, § 328.
[55] *Summarium*, 497, § 876.
[56] Xhud XIII, *Summarium*, 184, § 308.

Madankollu x-xhud I tħoss li għandha tippreċiża:

"Anki jekk il-Madre kienet ta' ftit kliem, dejjem kienet tgħinna nikbru fil-fidi".[57]

5.1. *Erojċità tal-virtujiet speċifiċi. Il-virtujiet teologali*

Il-Qaddejja ta' Alla pprattikat il-virtujiet teologali b'mod u fi grad mhux komuni. Għall-Qaddejja ta' Alla l-fidi kienet realtà li kienet tidħol f'kulma tagħmel:

"Madre Margerita – tgħid ix-xhud I – kienet persuna dejjem miġbura f'Alla, għax kellha fidi qawwija. Għexet din il-fidi b'mod sempliċi, imma fl-istess waqt b'ċerta serjetà: tant li din il-ġabra f'Alla kienet turiha partikularment meta kienet tkun fil-kappella u anki fi bnadi oħra, bħal ngħidu aħna fil-kuritur jew fit-terrazzin hi u taħdem il-kurduni. Kont nilmaħha fil-kappella mhux biss waqt l-atti komuni, imma anki f'ħinijiet oħra. Kellha fidi kbira fil-Providenza Divina".[58]

Min-naħa tagħha x-xhud XXII tippreċiża:

"Madre Margerita kellha fiduċja kbira f'Alla, mhux biss fiduċja fil-Providenza ta' Alla, imma kienet tgħidilna li fil-problemi tagħna ma kellniex għax naqtgħu qalbna, għax Alla kien magħna u kien jieħu ħsiebna".[59]

Il-Qaddejja ta' Alla – kif insibu mfisser f'*Amiamo l'amore* – kellha sewwa sew dik il-kapaċità li tara f'dak kollu li kien iseħħ madwarha l-manifestazzjoni misterjuża u providenzjali tal-imħabba ta' Alla; minn hawn ġej "l-abbandun totali għar-rieda ta' Alla u fiduċja filjali fil-providenza tiegħu ta' Missier".[60]

Jikkonferma l-ewwel Teologu Ċensur:

"Madre Margerita f'kollox tilmaħ manifestazzjoni tal-Imħabba ta' Alla u minn kollox tieħu spunt u tħossha mqanqla biex tikkorrispondi b'ġenerożità: mill-ħwejjeġ sempliċi, bħala daqsxejn ta' ittra lid-direttur spiritwali tagħha, sal-istess diżastru kkawżat mill-gwerra, li hi tara kemm bħala manifestazzjoni tal-'ġustizzja' ta' Alla, imma wkoll bħala sejħa kollha mħabba tiegħu għall-konverżjoni. F'kuntest simili ta' fidi, għaliha hu naturali tadura fi skiet umli s-sigrieti tat-Tjieba Divina".[61]

Tiddikjara x-xhud XI:

"Fil-Madre ammirajt il-fiduċja kbira li kellha fl-għajnuna ta' Alla. Qatt ma kellha l-iċken dubju jekk Alla jħobbhiex, minkejja li kienet midinba [...] kienet tgħid: 'Għad fadalli d-djun xi nħallas', għax hi kienet tqis ruħha midinba".[62]

Il-fiduċja fil-Providenza Divina kienet timbuttaha biex tqatta' sigħat twal quddiem Ġesù Sagramentat. Kif tiddikjara x-xhud XVI, il-Qaddejja ta' Alla

"kienet ruħ Ewkaristika, qalbha dejjem qrib ta' Ġesù Ewkaristija 'priġunier tal-imħabba'. Dan kienet turih kemm bil-ġabra tagħha u kemm bil-mod kif kienet titkellem. Spiss kienet tmur il-kappella biex iżżomm kumpanija lil Ġesù mingħajr ma tittraskura l-uffiċċju tagħha ta' Maestra, u kienet tħeġġeġ fina wkoll din il-prattika li 'immorru qrib ta' Ġesù', frażi u prattika li baqgħu ħajja fil-komunità anki llum".[63]

---

[57] Xhud I, *Summarium*, 30, § 6.
[58] Xhud I, *Summarium*, 29, § 3.
[59] Xhud XXII, *Summarium*, 262, § 461.
[60] *Documenta Summario addita*, I, 5.
[61] *Vot tal-ewwel Teologu Ċensur*, 7.
[62] Xhud XI, *Summarium*, 179, § 296.
[63] Xhud XVI, *Summarium*, 262, § 389.

Imma anki fil-ħajja ta' kuljum il-Qaddejja ta' Alla kienet taf kif tinqata' għaliha waħidha u tinġabar f'meditazzjoni profonda għaliex

"il-Qaddejja ta' Alla kienet soru li taf timmedita. Kollox kien iwassalha għand Alla, sal-iktar ħlejjaq baxxi. Kienet kapaċi tieqaf u tirrifletti fuq Alla meta kienet tara sempliċi fjura, jew il-kobor bla qies tal-baħar. Dan kollu kien ġej mis-serenità li kellha. Kienet tieħu gost tgħaddi mill-Ħlejjaq għall-Ħallieq […] kienet mara ta' talb: ħajjitha kienet talba kontinwa u anki l-persuna tagħha kienet saret talba".[64]

Bla għadd kienu d-devozzjonijiet li kellha; xi wħud ifakkruna fil-formazzjoni Franġiskana tagħha:

"Barra d-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija, il-Madre kellha devozzjoni partikulari lejn il-misteri tal-Inkarnazzjoni u tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej […] kienet spiss timmedita fuq il-Passjoni tal-Mulej […] fil-kamra ċkejkna tagħha kellha xbieha żgħira tad-Duluri […] Kellha devozzjoni lejn il-Madonna, speċjalment taħt it-titli tal-Immakulata Kunċizzjoni u tad-Duluri. Anki lejn San Ġużepp kellha devozzjoni kbira. Kienet intimament Franġiskana. Kienet tħobb lil San Franġisk ta' Assisi u minna kienet titlob li nimitaw il-virtujiet tiegħu, b'mod partikulari l-faqar u l-umiltà".[65]

Il-Qaddejja ta' Alla riedet tixbah lil San Franġisk anki fl-awsterità tal-ħajja. Minn manuskritt ta' Madre Paċifika Xuereb nifhmu li Madre Margerita

"qatt ma kienet tiekol laħam, bajd jew ħalib, imma biss ħxejjex u ħut ordinarju u dan ftit li xejn. L-iskutella ċkejkna tagħha ma kinitx tkun tridha mimlija, nofsha biss. Kienet tfittex dejjem li tiekol ħobż iebes u mmuffat, u wara l-iskola tal-bniet, kienet tinżel isfel fl-iskola u kienet tmur tfittex taħt il-bankijiet għall-biċċiet tal-ħobż li kienu jħallu warajhom it-tfal u mbagħad kienet tpoġġih fil-kexxun biex tieklu fl-ikla ta' nofs in-nhar, u mbagħad meta dan il-ħobż kien jibbies jew jimmoffa, kienet tpoġġih fl-iskutella biex ixxarrbu bl-ilma sħun u mbagħad tieklu. Kienet issum kważi l-ġimgħa kollha u barra r-Randan tal-Knisja kienet issum ukoll l-Avvent kollu u fin-noveni tal-festi li kienu jiġu qabel is-seba' festi prinċipali ta' Marija Santissma, kif ukoll fil-vġili tal-festi solenni tal-Mulej. Kienet iżżomm fuqha ċ-ċilizzju u l-ktajjen, kważi l-jum kollu kienet issawwat lilha nfisha sakemm tnixxi d-demm, kellha s-sawt tagħha tal-ħadid u fit-truf kien jispiċċa bi stilel tal-ħadid bil-ponot. Kienet iebsa ħafna ma' ġisimha, u xi drabi meta riedet tagħmel xi riparazzjoni għal xi difett tagħha jew ta' ħaddieħor, kienet issawwat lilha nfisha iktar minn darba kuljum".[66]

Imma hu fl-eżerċizzju tal-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu li tispikka l-iżjed il-Qaddejja ta' Alla.

Qalbha kienet mixgħula bl-imħabba ta' Alla u kienet tfittex li tittrasmettiha fil-persuni qrib tagħha. Dan hu li tiddikjara Swor Fortunata Vella hija u tiftakar fiż-żmien li għexet qrib il-Qaddejja ta' Alla:

"Madre Margerita kienet mimlija b'Alla: meta kienet titkellem jew tisma' min jitkellem fuq it-tbatijiet ta' Kristu, kienet tħoss sens hekk kbir ta' ħniena li kienet tinfaqa' tibki. Hekk kienet kbira l-imħabba tagħha lejn Alla li spiss kienet titlobna nagħmlu kollox għal imħabbtu […] Kienet tħossha ddispjaċuta bil-kbir jekk toffendi lil Alla bid-dnub; mhux biss, imma mqar bl-iċken nuqqas. Kienet tħeġġiġna spiss biex nitolbu u npattu għad-dnubiet tagħna u tal-oħrajn. Madre Margerita kienet maħbuba minn kulħadd għax dejjem fittxet li taqsam din l-esperjenza ta' mħabba mal-proxxmu. Kellha attenzjoni partikulari lejn il-morda".[67]

### 5.2. *Il-virtujiet kardinali*

F'dik li hi prattika tal-virtujiet kardinali, il-Qaddejja ta' Alla, tiddikjara x-xhud XIX:

---

[64] Xhud XVI, *Summarium,* 199, § 336.
[65] Xhud XVI, *Summarium,* 199, § 338.
[66] Xhud VII, *Summarium,* 118, § 199.
[67] Xhud XI, *Summarium,* 179, § 297.

"kienet tipprova tgħix b'eżattezza l-faqar kif għexu San Franġisk. Kienet tinsisti li bħala Sorijiet Franġiskani ma setgħux jippermettu l-lussu, anzi kienet tistmerr dak kollu li kien żejjed".[68]

Tikkonferma x-xhud XXVII li

"kienet twissina biex napprezzaw il-faqar fis-sens li jeħtieġ noqogħdu dejjem attenti li ma jkollniex iż-żejjed; aħjar par żarbun milli żewġ pari. Skont Madre Margerita, l-ispirtu tal-faqar jikkonsisti f'li tgħix il-mument ta' issa u tħalli l-futur f'idejn Alla".[69]

Il-Qaddejja ta' Alla nfisha kienet tagħti eżempju elokwenti ta' dan:

"Minn kif Madre Margerita kienet iżżomm kamritha, stajt tinnota kemm kellha għal qalbha l-vot tal-faqar. Kellha kamra għal kollox sempliċi u nista' nikkonferma li ma kellha l-ebda partikolarità speċjali f'konfront mal-oħrajn, minkejja l-fatt li Madre Margerita kienet il-fundatriċi u kienet għexet għal snin twal bħala Superjura Ġenerali".[70]

"Propjament ma kellha xejn tagħha ħlief dak li kien purament neċessarju, ilbiesha kien imraqqa', imma ordnat. Anki fil-kamra ċkejkna tagħha kellha biss il-meħtieġ".[71]

It-tmexxija tal-Kongregazzjoni kienet titlob prudenza u diskrezzjoni. Jafferma Patri Paolo Calliari li

"meta riedet twissi lil xi soru ma kinitx twissiha waqt il-Kapitlu, imma kienet issejħilha fiċ-ċella tagħha u bi kliem persważiv kienet twassalha biex tikkoreġi ruħha mid-difetti tagħha u ħafna sorijiet jiddikjaraw li l-korrezzjoni tagħha għenuhom ħafna".[72]

Fil-fatt, dan l-atteġġjament ta' prudenza hu kkonfermat mis-sorijiet stess:

"Ma jistax jiġina f'moħħna mument wieħed meta l-Madre ma ġabitx ruħha bi prudenza kbira […] Tul il-perjodu li għaddejt magħha, nista' ngħid li l-Madre mxiet b'għerf kbir. L-istess twissija kienet tagħmilha bi spirtu li tgħin il-komunità, ngħidu aħna dwar l-osservanza tar-Regola, u mhux b'sens awtoritarju, qatt ma kienet timponi".[73]

"Fl-eżortazzjonijiet tagħha u fit-twissijiet li kienet tagħmel kienet bilanċjata ħafna. Qatt ma kienu jitilgħulha, għax kienet taf tissaporti u tifhem id-dgħufijiet tagħna li konna għadna fil-bidu u ma kinitx tippretendi minna iktar minn dak li stajna nagħtu. Ma jidhirlix li xi ħadd qatt bata minħabba fiha".[74]

Meta mbagħad minn Superjura reġgħet saret soru, kienet tirrispetta l-awtorità:

"Ma kont qatt tismagħha titkellem kontra s-Superjuri tagħha, u kienet sottomessa lejn l-awtorità ekkleżjastika".[75]

"Wettqet dmirijietha b'eżattezza kbira, u dan, mhux biss bħala Superjura lokali, imma anki bħala suddita, għax f'dak iż-żmien Madre Margerita kienet Kunsilliera u meta l-Madre Ġenerali kienet issejħilha, kienet tħalli kollox minnufih u tmur il-*Casa Madre*".[76]

Ħajja straordinarja, din tal-Qaddejja ta' Alla, li hi għexet, imma, f'kuntest ta' umiltà profonda u ġenwina. Tifhem għaliex ix-xhud XXXI iddikjarat li:

"il-Madre kienet tixxennaq bil-kbir li aħna nkunu erwieħ riparatriċi biex inpattu għall-offiżi li jsiru lil Alla. Hi stess kienet offerta kontinwa ta' tpattija […] Ma nafx ngħid jekk il-Qaddejja ta' Alla kellhiex doni spiritwali jew le. Darba kont smajt lil waħda mill-konsorelli tiegħi tirrakkonta li l-

[68] Xhud XIX, *Summarium*, 251, § 437.
[69] Xhud XXVII, *Summarium*, 278, § 499.
[70] Xhud XXII, *Summarium*, 263, § 465.
[71] Xhud XVI, *Summarium*, 229, § 395.
[72] Xhud VII, *Summarium*, 119, § 202.
[73] Xhud XIII, *Summarium*, 190, § 318.
[74] Xhud XVI, *Summarium*, 228, § 392.
[75] Xhud XIII, *Summarium*, 191, § 320.
[76] Xhud XII, *Summarium*, 180, § 299.

> Madre kellha mumenti ta' estasi, imma biex ngħid il-verità, ma nafx ngħid fiex kienu jikkonsistu mumenti bħal dawn".[77]

Min-naħa tiegħu l-ewwel Teologu Ċensur jagħfas fuq il-fatt li

> "il-Quddiesa hi għaliha stimolu qawwi biex toffri lilha nfisha lil Alla f'għaqda mal-Ostja safja. Tgħix b'tant intensità dawn il-laqgħat mistiċi li titnikket u tbati biex terġa' lura għall-ħidmiet tagħha ta' kuljum, anzi spiss tħossha maqsuma bejn ix-xewqa għall-kontemplazzjoni u l-obbligi tad-dmir tagħha".[78]

Min-naħa tiegħu l-Arċisqof ta' Malta jistqarr li

> "Madre Margerita hi mfakkra minn ħafna bħala soru li tibqa' tispikka għad-devozzjoni kbira tagħha lejn il-Mulej u l-interess tagħha fil-foqra".[79]

KONKLUŻJONI

Mara ta' ħajja interjuri l-iżjed profonda, Madre Margerita għamlet tagħha l-ispirtu Franġiskan, u għexitu fil-ħajja ta' kuljum, permezz ta' spiritwalità Kristoċentrika li wasslitha biex tara f'kollox u f'kulħadd il-mera ta' Alla nnifsu u s-sinjal ta' mħabbtu. Imxiet fuq il-mudelli evanġeliċi ta' Marta u Marija, u f'ħajjitha l-Qaddejja ta' Alla inkarnat l-ispirtu ta' servizz, ta' sempliċità u ta' faqar Franġiskan, iżda li riedet issieħeb mal-ispirtu ta' tpattija għal kemm nies ma jafux, jittraskuraw u jiċħdu d-doni l-iżjed kbar li Kristu ta lill-bnedmin. Hi tiddi għall-imħabba tagħha lejn Alla li, flimkien mad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, huma fil-bażi taż-żelu appostoliku tagħha.

Il-Qaddejja ta' Alla, għas-sorijiet tagħha, kienet għalliema mdawla, li kellha l-ħila turihom kif l-aħjar jifhmu d-don komuni tas-sejħa tagħhom, il-gwida għarfa li għenithom jgħixuha fedelment. Fl-istess waqt l-ulied spiritwali tagħha jkomplu jaraw fiha xhud kredibbli tal-kariżma kongregazzjonali tagħhom.

Għalhekk l-awgurju tagħna hu li ma ndumux ma narawha tasal għall-beatifikazzjoni lil din il-mara, innamrata mill-Ewkaristija, li l-istil ta' ħajja tagħha kien dejjem immarkat minn umiltà, sempliċità, servizz u tpattija.

Fid-dawl ta' dan kollu, għas-*"Super dubio": an constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe, Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis in gradu heroico, in caso et ad effectum de quo agitur?* Inwieġeb: *affirmative, s.m.i.*

---

[77] Xhud XXXI, *Summarium,* 301, 555.
[78] *Positio super scriptis,* 8.
[79] *Documenta Summario addita,* 154.

VOT VII

PREMESSA

Il-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat tal-Qalb ta' Ġesù (1862-1952) hi persuna mistika Franġiskana u kariżmatika mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Għall-profondità tal-kitbiet spiritwali tagħha, għall-qawwa tal-personalità tagħha, għall-kobor tal-kontemplazzjoni tagħha, hi meqjusa mudell ta' fedeltà sal-aħħar.

Iktar minn hekk, matul l-istorja, inħass il-bżonn tal-bniedem li jsib fil-ħajja u fid-dinja din l-għajn ta' dawl.

Il-Qaddejja ta' Alla hi xhud fis-soċjetà tal-lum fil-Punent, ikkritikata għall-materjaliżmu u s-sekularizzazzjoni estremi tagħha, tat-tiftix personali konstanti li jorbotna mat-traxxendenza.

Għandna quddiemna *Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis* tal-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, persuna importantissma fil-ħajja tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

Fl-4 ta' Lulju 1988 infetħet l-Inkjesta Djoċesana fit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta. Ġew mismugħa 85 xhud.

Taħt it-tmexxija tar-Relatur Ġenerali Patri Ambrogio Eszer OP, u bl-għajnuna tal-kollaboraturi esterni tal-Kawża, Patri Luca De Rosa u Swor Antonietta Pozzebon FMSC, kollaboratriċi, ġiet miġbura l-*Positio* tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.[1]

Il-*Positio* bi Preżentazzjoni tar-Relatur Ġenerali Patri Ambrogio Eszer OP tat kontribuzzjoni prezzjuża fil-qari u l-ġbir tad-dokumenti u fl-istess waqt għenitna niċċaraw xi osservazzjonijiet fundamentali u diffikultajiet fil-kawża tal-Qaddejja ta' Alla. It-tweġibiet għal dawn id-dubji nsibuhom kemm fil-*Biographia documentata* u kemm fil-ġabra tal-virtujiet.

Il-*Biographia documentata* tal-Qaddejja ta' Alla fiha 33 kapitlu u madwar 194 paġna. Fir-rakkont tal-ewwel deċennji ta' ħajjitha, fl-ewwel tliet kapitli, barra minn xi reġistri, tieħu wkoll minn ġabra ta' *Documenta summario addita* tal-Qaddejja ta' Alla li fiha 157 paġna.

Jidher konċiż ħafna r-rakkont u x-*Xhieda u apprezzamenti tal-Isqfijiet* f'rabta mal-attivitajiet tagħha.

Fid-*Documenta summario addita* il-Qaddejja ta' Alla hi ppreżentata fl-analiżi ta' xi ittri tagħha. Hawn għandna vjaġġ mal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, biex fuq kollox nippruvaw ninkwadraw u nsiru nafu tabilħaqq il-persuna tagħha.

1. IL-MATERJAL TAL-PROVI

Il-*Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis* jitfa' dawl importanti fuq il-persuna tal-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat tal-Qalb ta' Ġesù.

---

[1] CONGREGATIO DE CAUSIS SANCTORUM, *Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis,* Romæ 2004.

Il-materjal tal-provi li jagħti l-*Positio* jipprovdi għadd ta' elementi u xhieda biex nistgħu nsiru nafu mill-qrib il-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat tal-Qalb ta' Ġesù.

Ibda mill-provi tal-kitbiet, l-ewwel tagħrif li dritt u b'mod pożittiv ħafna jiġbed l-attenzjoni tagħna hu l-għadd ta' xhieda (85), kollha *de visu* [*sic!*]. Ix-xhieda kapaċi jagħtu vuċi lill-fama tal-qdusija.

Il-provi fis-sustanza tagħhom huma biżżejjed biex jistgħu jesprimu ġudizzju tal-fonti illustrattivi u evidenzjali li hu sħiħ, awtentiku u li nistgħu noqogħdu għal kollox fuqu.

Ta' min jinnota b'mod partikulari li fil-*Positio* nsibu ġabra ta' dokumenti dwar il-Qaddejja ta' Alla, li ħafna minnhom ġew ippubblikati.

It-tiftix personali jippermettilna li naslu għal konklużjonijiet pożittivi li, b'ċertezza morali, il-Qaddejja ta' Alla ħaddmet b'mod erojku l-virtujiet teologali u kardinali.

Id-dokumenti miġbura jippreżentaw b'mod voluminuż il-ħajja u l-opri tal-Qaddejja ta' Alla. Id-dokumentazzjoni li twieżen ir-rakkont tidher iktar artikolata.

"Il-Voti taż-żewġ Teologi Ċensuri jidhru kompetenti u fil-fond sewwa, kif ukoll estremament pożittivi".

Bla dubju ġie miġbur ħafna materjal, kemm editjat, u kemm mhux editjat: hemm ukoll lista tal-arkivji kkonsultati. Intużaw għadd ta' sorsi oħra li spiss ġew eżaminati u inkwadrati adegwatament.

Il-materjal disponibbli ġie utilizzat, kif għadna kemm innutajna, biex tissawwar kemm il-*Biographia documentata*, kemm il-kitba finali, kemm l-istudji l-oħra mdaħħlin 'l hemm u 'l hawn. Mill-analiżi ta' dawn l-istudji kollha nistgħu naslu għal idea oġġettiva tal-mixja tal-Qaddejja ta' Alla tul ħajjitha fuq din l-art.

Id-dokumentazzjoni utilizzata tidher kredibbli skont il-ġeneru letterarju ta' kull dokument.

Għaldaqstant, nemmnu li f'din il-*Positio* nġabar biżżejjed materjal, ġie ttrattat b'mod adegwat għall-ġeneru letterarju ta' kull sors, u li għalhekk għandna f'idejna tabilħaqq ġabra li tippermettilna nesprimu ġudizzju serju fuq il-ħajja, l-għemejjel u l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla, kif ukoll fuq l-istima li gawdiet fost in-nies ta' żmienha u li ġew warajha.

## 2. Ħjiel bijografiku

Il-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Virġinja De Brincat, twieldet Kerċem, fil-gżira ċkejna ta' Għawdex, fit-28 ta' Novembru 1862, is-sitt waħda fost ħdax-il wild, u sa minn ċkunitha wriet ġibda qawwija lejn ħajja fis-solitudni, talbet li jkollha kamra żgħira għaliha waħedha, biex setgħet tinġabar aktar, u bil-qalb kollha kienet tmur ma' ommha u oħtha l-knisja għall-funzjonijiet reliġjużi.

Wara li temmet l-iskola primarja b'riżultati tajbin, billi l-kundizzjonijeit tal-familja kienu jippermettulha, kompliet tmur għall-privat tat-Taljan u l-Franċiż, fejn kisbet riżultat tajjeb ħafna, u l-ħila li titkellem tajjeb iż-żewġ lingwi.

Tgħallmet taħdem il-bizzilla, li bih setgħet taqla' xi ħaġa tal-flus; u privatament, fl-1876, ta' 14-il sena, għamlet il-vot tal-kastità fuq parir tad-direttur spiritwali tagħha.

Fit-8 ta' Diċembru 1877 daħlet tagħmel parti mill-Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù". L-Assoċjazzjoni kienet bdiet fl-1876 minn grupp ta' xebbiet mir-Rabat, taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Diacono, wara li dawn kienu qraw il-ktieb ta' Dun Gaspare Olmi *La sposa del Sacro Cuore*.

Fi żmien qasir, xi wħud minn dawn it-tfajliet, fosthom Virġinja, iddeċidew li jikkonsagraw ruħhom kompletament lill-Mulej, taħt it-tmexxija ta' Dun Diacono, li kien il-moħħ wara l-bidu tal-Assoċjazzjoni f'Kongregazzjoni, li bdiet uffiċjalment fit-18 ta' Diċembru 1880, bl-isem ta' "Dar tal-Karità".

Virġinja, wara ħafna talbiet, fil-5 ta' Frar 1881 ġiet milqugħa fil-grupp, u fl-20 tal-istess xahar ħadet il-velu; wara sentejn, fl-1883, għamlet l-ewwel professjoni tagħha, u meta fit-8 ta' Diċembru 1887 ipprofessat il-voti perpetwi, bidlet isimha għal Margerita tal-Qalb ta' Ġesù.

F'dak il-perjodu kompliet tkabbar il-preparazzjoni kulturali tagħha, u barra l-Malti, il-Franċiż u t-Taljan, tgħallmet ukoll il-Grieg modern u l-Ingliż; mill-ewwel ġiet maħtura Segretarja Ġenerali tal-fundatur; sadanittant, fit-13 ta' Ottubru, il-Kongregazzjoni kellha l-approvazzjoni djoċesana, u ġiet mgħammda bl-isem ta' "Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù".

Fl-1888, il-Kongregazzjoni żagħżugħa kienet fil-periklu li xxolji minħabba ħafna djun li kienet għamlet biex inbniet il-*Casa Madre* u minħabba xi nuqqas ta' qbil li nqala' bejn l-Isqof tal-post u Dun Diacono. Ispirata mis-Sema, Madre Margerita ħalliet Birkirkara, fil-gżira ta' Malta, fejn kienet qiegħda, u marret fil-*Casa Madre* tar-Rabat, fil-gżira ta' Għawdex, propju fl-istess ħin li fih kienet qed tittieħed id-deċiżjoni ta' qsim il-qalb.

Il-wasla tagħha ssorprendiet lill-komunità, u qanqlet iċ-ċanfir ta' Dun Diacono, li fl-aħħar spiċċa biex staqsieha jekk riditx tieħu f'idejha r-responsabbiltà tal-Opra. "Iva, bl-għajnuna ta' Alla nħoss li nista' nieħu fuqi kollox, assolutament kollox", weġbitu; minn mindu kienet waslet, ma kinitx ħlief ittenni: "Il-Kongregazzjoni hi opra ta' Alla", b'għoġba ta' dawk kollha li kienu jafuha għall-umiltà u l-modestja tagħha, u ta' 27 sena bdiet tmexxi lis-"Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", fejn kienet Superjura Ġenerali għal żminijiet twal u mbagħad vigarja, għal total ta' 50 sena.

Bil-kollaborazzjoni tal-Isqof djoċesan għarfet tissupera dak il-mument iebes, u n-numru ta' sorijiet baqa' jiżdied, infetħu djar ġodda u bdew attivitajiet appostoliċi ġodda: istituti, skejjel, djar ta' kenn għaż-żgħażagħ. Il-Kongregazzjoni ma damitx ma ħarġet 'il barra minn xtut Malta u Għawdex u waslet sa Korfù fil-Greċja, biex tgħin il-Maltin ta' hemm; iktar tard waslet Sqallija u Ruma u anki l-Etjopja.

Is-sigriet ta' qawwet ruħ Madre Margerita kien f'li riedet tgħix f'atteġġjament Ewkaristiku, bħal Ġesù li jiltaqa' mal-Missier u magħna f'xejra Ewkaristika: sieket, moħbi, ġeneruż, kollu kemm hu.

Fl-Ewkaristija hemm il-ġewwieni tal-Qalb ta' Ġesù; hu għalhekk li t-tliet pilastri tal-ispiritwalità tal-Franġiskani tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù huma: l-adorazzjoni, l-immolazzjoni,

ir-riparazzjoni. Huma dawn it-tliet aspetti li għaġnu lil dik it-"tifla ċkejkna, ċkejkna", kif kienet tħobb tiddeskrivi ruħha Madre Margerita, f'mara b'qawwa eċċezzjonali ta' karattru.

Kbar u ta' wġigħ il-qalb kienu t-tbatijiet fiżiċi u morali li sieħbu lil ħajjitha, speċjalment fl-aħħar għaxar snin. Mietet fit-22 ta' Janar 1952 fil-*Casa Madre* tal-Belt Victoria, Għawdex, b'fama kbira ta' qdusija. Il-kawża għall-beatifikazzjoni tagħha nfetħet Għawdex fl-1988 u għaddejja f'Ruma.

Illum il-Kongregazzjoni tgħodd 122 sena u nsibuha fil-ħames kontinenti, speċjalment fil-Kenja, l-Art Imqaddsa, il-Brażil u l-Pakistan, barra l-pajjiżi diġà msemmija.

3. L-EROĊJITÀ TAL-VIRTUJIET *IN SPECIE*
EROJIŻMU TAL-FIDI, TAT-TAMA U TAL-IMĦABBA

3.1. *Il-virtujiet teologali*
3.1.1. *Fidi*
Min għandu fidi qawwija u soda, jemmen fil-verità ta' Alla personali; jaċċetta l-misteru tat-toroq tiegħu; hu intimament konvint mill-għerf u t-tjieba infiniti tiegħu; jafda ruħu f'kollox fiH u f'dak kollu li jgħaddi minnu f'ħajtu; fiH iqiegħed it-tama tiegħu; jerħi ruħu f'idejn il-ħniena tiegħu; jaf li hu maħbub bi mħabba ikbar mill-mewt u, imqanqal u kollu gratitudni, jixxennaq biex iħobb lil Alla u dak kollu li hu tiegħu bi mħabba ġenwina u ġeneruża.

Il-Qaddejja ta' Alla kienet tħobb ħafna t-talb, u kienet tgħaddi ħin fit-tul f'riġlejn Ġesù Sagramentat.

Il-Qaddejja ta' Alla f'ħajjitha kollha kellha fidi kbira u profonda. Kienet reliġjuża b'fidi ħajja li tgħallmet sa minn ċkunitha u għexet dejjem skont din il-virtù. Il-fidi għaliha kienet il-pedament tal-ħajja kollha u ta' kull attività. Fiċ-ċentru tal-ħajja interjuri tagħha kien hemm dejjem Kristu: "Irrid dak kollu li jrid Ġesù".

Ninnotaw li ħafna u ħafna drabi fil-ħidmiet tagħha titkellem dwar dan is-safa tal-essri ta' Alla, li hi stess ġarrbet, bla kliem.

Forsi hawn għandna biss intuwizzjonijiet ta' intelliġenza superjuri? Żgur li din is-superjorità kienet teżisti fiha, imma kif nispjegaw l-eżattezza u l-oriġinalità tal-veritajiet profondi li hi ssemmi u din l-għamla ta' komunikazzjoni fis-safa tal-essri, li hu daqshekk diffiċli għat-teologi biex jintuwixxu u jfissru? U hi tgħidilna: diffiċli tifhmu, "u safrattant iġġarrbu". Ma jirriżultax li segwiet xi skejjel partikulari ta' spiritwalità.

Id-direttur spiritwali tagħha llimita ruħu biss filli jikkontrolla l-konvenzjoni tal-ħajja li għaliha Alla sejħilha.

Mill-Ewkartistija ġabet il-qawwa.

Hi għexet il-ħajja normali tagħha mmexxija minn spirtu ta' fidi. Il-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù rat fil-fidi l-mezz indispensabbli biex tikseb is-salvazzjoni u l-ħajja sopranaturali tar-ruħ. Għalhekk hi kienet dejjem lesta biex tħares lejn kull ġrajja bl-għajnejn tal-fidi ta' min kapaċi jara fil-ħwejjeġ u fil-ġrajjiet l-id providenzjali u paterna ta' Alla.

Mhux biss b'żelu kbir riedet tgħallem lill-oħrajn il-veritajiet Insara, imma użat l-enerġija kollha tagħha, u dan qisietu bħala l-għan ewlieni ta' ħajjitha, li għalih iddedikat l-isforzi kollha tagħha.

Il-Qaddejja ta' Alla, mal-medda tad-diversi perjodi ta' ħajjitha, dejjem rawha bħala persuna eċċezzjonali, 'il fuq min-normal f'dak li hu tħaddim tal-virtujiet. Ħabirket b'koerenza biex tikseb il-perfezzjoni u tat lil kulħadd eżempju ta' devozzjoni profonda.

Il-fidi hi ħajja axxetika organizzata u pprogrammata tajjeb fuq l-eżempju ta' Kristu. Il-fidi tagħha kienet imsejsa sewwa fuq bażi soda ta' talb.

Il-fidi li għexet il-Qaddejja ta' Alla tidher fil-qima inkondizzjonata tagħha lejn il-Knisja Mqaddsa.

Il-fidi, li hi għexet b'mod profond u sħiħ, toħroġ trasparenti għall-aħħar, fil-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla. Jekk inqallbu l-paġni tal-ittri mibgħutin minnha, nosservaw kif bil-mod il-mod l-ispirtu ta' fidi ssokta joktor fiha, f'axxeżi li qatt ma hediet jew qagħdet titlajja.

Kienet fidi inkarnata fil-ħajja ta' kuljum.

Il-fidi tal-Qaddejja ta' Alla kienet tħares lejn din il-laqgħa ta' mħabba mal-Mulej li hi kienet tarah bħala l-Ogħla Tmiem Waħdieni.

Il-Qaddejja ta' Alla ħabirket biex ixxerred id-devozzjoni Ewkaristika li hi fil-qalba tal-ispiritwalità ta' Madre Margerita.

Fidi li tesprimi ruħha fit-talb liturġiku. Il-Qaddejja ta' Alla mhux biss kienet taċċetta l-veritajiet tal-fidi, imma fuq kollox għexet l-implikazzjonijiet kollha tagħhom. U qabel dan kollu, kienet tgħix u tmantni l-fidi tagħha b'devozzjoni profonda lejn is-Sagrament tal-Ewkaristija. Minn dan il-misteru, li quddiemu kienet tieqaf għal ħinijiet twil ta' talb, kienet tixrob il-qawwa għal ħajjitha.

3.1.2. *Tama*
Il-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù kellha tama kbira f'Alla u din il-virtù kienet turiha dejjem fix-xewqa li trid togħġob biss lil Alla u tikseb il-ħajja ta' dejjem. Mitluqa f'idejn ir-rieda ta' Alla, kienet tistenna minn għand il-Mulej, b'sottomissjoni serena, kull għajnuna għall-ħajja ta' issa u għall-kisba ta' dik futura. Il-qdusija tal-ħajja li dehret fiha, kompliet tispikka iżjed mal-medda tas-snin. Kienet tħeġġeġ fl-oħrajn din il-virtù.

Fil-Qaddejja ta' Alla t-tama kienet tidher fid-distakk kbir mill-ġid tad-dinja, f'abbandun u fiduċja bla qies fiH li jista' kollox. Meta kienet tħabbat wiċċha ma' xi prova, minnufih kienet tirrassenja ruħha għar-rieda ta' Alla.

L-għemejjel kollha tagħha kienu orjentati lejn għan suprem. Kienet tissaporti minn qalbha l-piżijiet tal-uffiċċju tagħha u kienet tgħix dejjem taħt il-ħarsa ta' Alla u l-ħarsien tal-Verġni Mqaddsa li lejha kellha mħabba speċjali. Kienet tqiegħed dejjem it-tama tagħha f'Alla.

Il-Qaddejja ta' Alla tul ħajjitha kollha dejjem fdat lilha nfisha f'idejn Alla u fih qiegħdet il-fiduċja tagħha. It-tama sħiħa tagħha ma kinitx marbuta mal-azzjoni umana tagħha, imma mal-għajnuna li kienet titlob mingħand Alla. Kienet dejjem tittama fiH u fil-premju etern

tiegħu. Il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla jidhrilna li għexitha fl-abbandun sħiħ tal-Providenza Divina, mhux abbandun passiv, imma attiv, fis-sens li, billi kienet tħossha sempliċi strument tal-qawwa divina, lilU kienet tindirizza kull għemil tagħha, u qatt ma waqfet issejjaħ u xxerred l-isem ta' Alla.

Ħassitha msejħa għall-ħajja kkonsagrata, u għalhekk obdiet għal din is-sejħa billi għexet kontinwament ħajja reliġjuża eżemplari. Fis-saram u l-inkwiet kollu kienet iżżomm is-serenità tal-ispirtu tas-soltu. It-tama tal-Qaddejja ta' Alla hi mwieżna mill-ħsieb tas-Sema u hi f'din l-ottika li hi taċċetta t-tbatijiet kollha bi spirtu sopranaturali, b'sempliċità, b'serenità u kunfidenza.

Kienet tittama bil-qawwa kollha fil-ħajja ta' dejjem għall-merti ta' Ġesù Kristu. Kienet tħeġġeġ dan is-sentiment fl-oħrajn. Kellha tama qawwija fil-ħajja ta' dejjem għall-merti tas-Sinjur Tagħna u kollox kienet tagħmel fid-dawl tal-Premju Etern.

It-tama tal-Qaddejja ta' Alla tidher fuq kollox fit-tmexxija tal-Istitut. F'dawn iċ-ċirkustanzi t-tama tagħha kienet tassumi karattru sublimi quddiem dawk kollha li kienu jafuha. It-tama tal-Qaddejja ta' Alla mhix mifruda mid-determinazzjoni li min-naħa tagħha tistrieħ fuq il-fidi.

Iċ-ċertezza li kellha Madre Margerita li ħa tmur il-Ġenna għall-merti ta' Kristu, wasslitha biex it-talb tagħha jiffoka prinċipalment fuq id-destin etern tal-bniedem, u għalhekk wieħed mill-ewwel kien jieħu l-impressjoni li hi kienet tgħix għal kollox is-sejħa li kellha minn għand Alla. Dan it-tħaddim tat-tama b'mod erojku kien iġagħilha xxerred madwarha paċi u serenità anki fis-sitwazzjonijiet l-iżjed diffiċli, u dan f'koerenza mal-fatt li d-destinazzjoni tagħha ma kinitx issib għaxqa fl-iskopijiet tal-bnedmin. Barra minn hekk, b'din l-imġiba kienet tagħmel kuraġġ lill-oħrajn.

L-interjorità tal-Qaddejja ta' Alla tidher fuq kollox fil-kitbiet tagħha: dawn mhumiex biss elaborazzjoni teoretika ta' ideat li l-aktar li jirriflettu intelliġenza kbira, imma wkoll u fuq kollox espressjoni ċerta ta' veritajiet li hi għexet, u għalhekk għandhom valur bijografiku.

Li dawn huma kitbiet li fil-parti l-kbira tagħhom jesprimu esperjenzi li hi tassew għexet joħroġ mill-fatt li hi, speċjalment fid-djalogu tar-ruħ mal-għarus tagħha Ġesù u fil-waqtiet tat-talb, tiddeskrivi rivelazzjonijiet li seħħu kważi dejjem wara t-Tqarbin. Kienu rivelazzjonijiet mhux ta' karattru viżiv ta' forom umani, anki jekk interjuri biss, imma kienu esperjenza ħajja tal-preżenza ta' Alla, ta' Kristu li jdawwal l-intelliġenza, imma li jinvolvu fuq kollox ir-rieda tagħha. Din l-esperjenza ispiratha lejn prinċipji ta' axxetika tal-virtujiet u anki rieda li twettaq opri tajba.

3.1.3. *Mħabba*

Il-Qaddejja ta' Alla għexet l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu b'mod erojku. Kienet tħobb lil Kristu fuq kollox u dejjem għexet fil-preżenza tiegħu. Fil-fażijiet differenti tal-ħajja reliġjuża tagħha żammet dejjem dan l-atteġġjament. It-talb magħmul b'serjetà, ħlewwa u devozzjoni; il-meditazzjoni mqaddsa, iż-żjajjar lil Ġesù Sagramentat, jirrappreżentaw l-erba' punti fundamentali li fuqhom għexet il-ġurnata tagħha magħmula minn talb u ħidma.

L-ewwel prova li jsemmu x-xhieda u d-dokumenti biex juru kif ħaddmet b'mod erojku l-imħabba tagħha lejn il-proxxmu, hi l-kapaċità li kellha l-Qaddejja ta' Alla li titwaħħad max-

xewqat u t-tbatijiet tal-oħrajn, tant li hi stess kienet tħoss il-bżonn veru u propju li tgħinhom. Kellha qalb li tħoss ħafna għall-oħrajn.

Ħabbet lil Alla b'qawwa u din l-imħabba wrietha fil-ħajja reliġjuża tagħha fejn hi għexet b'integrità. Bagħdet id-dnub b'delikatezza hekk kbira ta' kuxjenza li għal ftit ma waqgħetx fl-iskruplu. Issieltet bil-qawwa mad-difetti tagħha, anki l-iċken fosthom.

Madre Margerita, innamrata minn Ġesù, l-Għarus ħelu Msallab tagħha, għarfet tibni ħajjitha u dik tal-Kongregazzjoni fuq il-Vanġelu. Dan il-proġett evanġeliku ta' ħajja kien imdawwal u mwieżen minn punt speċifiku ta' riferiment: li tqiegħed fiċ-ċentru ta' ħajjitha ħajja ta' mħabba mħeġġa lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù fl-Ewkaristija f'atteġġjament ta' adorazzjoni, ta' ġieħ, ta' radd il-ħajr, ta' immolazzjoni u ta' riparazzjoni.

Fil-korrispondenza tagħha, b'mod partikulari fl-ittri lill-konfessuri u lill-konsorelli, kif ukoll fit-tifkira tal-konsorelli li kellhom ix-xorti li jgħixu magħha u li xorbu mid-dawl li kien joħroġ mill-eżempju tagħha u minn kliemha, hemm frażi li tiġbor fiha l-intensità u l-awtentiċità tal-ħajja spiritwali tagħha: "Inħobbu l-Imħabba!".

Bosta huma l-effetti tal-imħabba ta' Alla, imma skont it-tagħlim ta' Kristu jeħtieġ nosservaw il-kmandamenti tiegħu. Issa x-xhieda kollha huma unanimi fl-affermazzjoni li l-Qaddejja ta' Alla dejjem qagħdet f'kollox għar-rieda divina.

Din l-innoċenza tal-Qaddejja ta' Alla kienet ġejja mill-istmerrija qawwija tagħha għad-dnub anki jekk biss venjali, u dan kien iwassalha biex il-ħin kollu ssaffi l-kuxjenza tagħha permezz tal-frekwenza diliġenti tas-sagramenti, speċjalment dak tal-Penitenza, u titħeġġeġ fl-ispirtu ta' riparazzjoni.

L-imħabba, prinċipju li jwettaq b'mod sħiħ il-qawwa tal-komunjoni tal-grazzja, tagħmel lill-Qaddejja ta' Alla kapaċi taġixxi fi qbil ma' Alla, fi mħabba reċiproka, f'ħidma ta' armonija miegħu, f'familjarità miegħu, li tgħix fi ħbiberija miegħu.

L-imħabba ta' Alla tfittex l-għaqda tal-ħsieb u tal-qalb miegħU; fil-fatt, min jisma' minn Alla jsir ruħ waħda miegħu. Imħabbitha lejn il-proxxmu kienet qawwija daqs l-imħabba li kellha lejn Alla.

Bint devota u dixxiplu fidila tal-Missier Serafiku li kellu qalbu tħeġġeġ bl-imħabba u kien jitlob lil Alla biex "imut bl-imħabba", inkarnat fiha għal kollox l-ispirtu tiegħu, u f'dik il-frażi tagħha m'għamlet xejn ħlief tenniet l-istess karba tal-Missier Serafiku: "Inħobbu l-Imħabba!". L-Imħabba li għaliha kienet qiegħda tirriferi Madre Margerita u li magħha riedet li jdur kollox, fiha u f'uliedha u ħutha, ma kinitx xi ħaġa astratta, ta' din l-art jew sentimentali: kien Alla nnifsu, it-Trinità Qaddisa, il-bidu u t-tmiem tal-essri kollha, l-għan suprem tax-xewaqt u l-ideali, Dak li Missierna San Franġisk t'Assisi kien issejaħlu "l-ogħla Ġid, kull Ġid, il-Ġid kollu" u li għalih kien jgħid: "Int waħdek tjieba! Int karità, imħabba!". Madre Margerita kienet ittenni:

> "Il-frott tal-Imħabba hu li spiss jidhirli li qed naqbad […] Oh, nintefgħu f'dak l-oċean ta' Mħabba bla tmiem, ta' Mħabba eterna! […] Inħobbuh sal-bluha! U meta se nkunu nistgħu ninħabbu hemm fuq? U meta sa nsiru mħabba waħda? Nar wieħed? Dawl wieħed? Ħaġa waħda? […] Oh, kemm tħossha għajjiena, sfinita, imdewba l-qalb fqajra tal-bint ċkejkna tiegħu!".

Dawn huma biss ftit minn tant frażijiet li spiss jidhru fl-ittri tagħha. L-għajn li minnha kienet tnixxi din l-imħabba kienet: fidi profonda, sempliċi, bla dellijiet u bla problemi, ħajja u mgħixa; tama assoluta u bla tnikkir, anki fil-mumenti l-iżjed kritiċi tal-ħajja. Fuq pedament ta' fidi u ta' tama bħal dan kienet wieqfa umiltà profonda u konvinta, imsieħba ma' ġlieda kontinwa kontra l-imħabba tagħha nfisha, bi spirtu ta' faqar ikbar minn dak li seta' jġarrab bniedem, b'ubbidjenza li xi drabi donnha kienet tidher qed tmiss l-assurd, bi mħabba lejn ir-Regola u l-Kongregazzjoni li kienet tiġbor fiha anki sal-iċken irqaqat; fl-istess waqt, minnha kienet toħroġ karità, immensa daqs il-baħar, lejn il-proxxmu, speċjalment lejn iż-żgħażagħ foqra u abbandunati, ħeġġa missjunarja li wasslitha biex tikseb il-kontinenti, imħabba mixgħula lejn il-Knisja u lejn il-Papa, imħabba, li b'mod speċjali fl-aħħar snin ta' ħajjitha, dehret ikbar u iżjed mqanqla. Kienet tħobb ittenni ta' spiss:

> "Inħobbu l-Imħabba; l-Imħabba mhix maħbuba għax mhix magħrufa; nagħmlu li l-Imħabba tkun magħrufa u żgur li tkun maħbuba".

Madre Margerita kienet imħeġġa bix-xewqa li ssalva l-erwieħ.

"Inħobbu l-Imħabba!": hi din il-quċċata li lejha kienu jimxu u fiha kienu jinġabru l-movimenti kollha ta' ruħha u l-axxeżi spiritwali ta' Madre Margerita.

L-imħabba tal-proxxmu li kellha l-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù għandha bħala nota essenzjali l-fatt li ma kinitx tħobb bil-kliem biss imma bil-fatti, u għalhekk tat ruħha għal servizz umli u ħaj, fuq l-eżempju ta' Kristu, u fiha ġabret flimkien imħabba affabbli u sagrifiċċju personali, lesta li taħfer bla limiti, lesta biex tiċħad għad-drittijiet tagħha, taħfer u tistabar dejjem bil-proxxmu.

Fir-relazzjonijiet tagħha mas-sorijiet kellha mġiba li tedifikak bil-kbir, li kienet tagħżilha għall-finezza ta' mħabbitha u l-umiltà tagħha f'li taqdi, billi żżomm għaliha l-ħidmiet l-iżjed baxxi.

Il-Qaddejja ta' Alla ħabbet lil Alla fl-oħrajn, u hekk waslet biex tħobbu iżjed fl-intimu tal-jien tagħha. L-imħabba lejn il-proxxmu dehret f'atteġġjament ta' tjieba. Ħalliet effett kbir fuq is-sorijiet tal-Istitut.

Il-personalità ta' Madre Margerita u l-ispiritwalità tagħha huma t-tnejn messaġġi ta' mħabba. Ħajjitha kollha hi wirja prattika ta' mħabba, qawwija daqs il-mewt, li mexxietha biex telgħet, dejjem bi tbissima, fuq il-Kalvarju tagħha u dewqitha, sal-qiegħ, il-kalċi morr tat-tbatija, biex hekk ġiet ikkunsmata l-għotja sħiħa tagħha nfisha, lil Alla u għall-ġid tal-erwieħ, li tant kienet tħeġġeġ fil-qalb tagħha.

Hu fuq dan il-pedament tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba, li tibda u sseħħ il-bidla radikali fil-Qaddejja ta' Alla.

### 4. *Il-virtujiet kardinali*

#### 4.1. *Prudenza*

Il-virtù tal-prudenza tal-Qaddejja ta' Alla rebbħitilha l-fiduċja tas-sorijiet.

Jekk naqraw b'attenzjoni x-xhieda u d-dokumenti, dawn iwassluna biex nikkonkludu li Madre Margerita kienet kapaċi xxidd il-libsa tal-prudenza, virtù li ħaddmet b'perseveranza

singulari tul ħajjitha kollha. Il-Qaddejja ta' Alla kienet kapaċi tiġġudika x'kien l-aħjar li tagħmel f'kull mument.

Prudenza fil-ħajja personali tagħha.

L-għan ta' ħajjitha kien il-glorja ta' Alla u li tikseb għaliha u għall-oħrajn il-frott tal-ħajja eterna. Biex tilħaq dan l-aħħar għan, il-Qaddejja ta' Alla indirizzat il-ħsibijiet, is-sentimenti, ix-xewqat u l-għemejjel kollha tagħha. Fuq dan l-għan fasslet ħajjitha u ħaddmet il-mezzi kollha ta' mortifikazzjoni, ħarset is-safa tal-kuxjenza tagħha, l-intenzjoni retta, id-distakk mid-dinja u r-rażan tas-sensi.

Il-Qaddejja ta' Alla wriet il-prudenza erojka tagħha billi baqgħet dejjem fidila lejn dmirha.

Prudenza fir-relazzjonijiet mal-persuni l-oħra.
Il-prudenza twassal lill-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù biex tħobb is-solitudni u l-ġabra.

Il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla u l-kitbiet tagħha jixhdu b'mod elokwenti għall-imħabba li kellha lejn is-solitudni, fejn tfittex lil Alla u tikseb qawwa ġdida biex dejjem taffronta l-provi ġodda li jinqalgħu.

4.2. *Ġustizzja*
Mix-xhieda u mid-dokumenti jirriżulta li Margerita tal-Qalb ta' Ġesù tat lil Alla dak li hu ta' Alla u lill-proxxmu dak li hu tal-proxxmu. Ikkultivat b'attenzjoni kbira u kura r-relazzjoni tagħha ma' Alla: kienet tfittex dejjem li tagħti lil Alla l-qima li tixraqlu […] kienet tfittex dejjem li tkaxkar l-erwieħ lejn il-Qalb ta' Ġesù u fi ħdan Alla, Missier il-ħniena. Dejjem kienet ġusta, u kienet tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex ixxerred spirtu ta' paċi.

Ġustizzja ma' Alla.

Il-ġustizzja reċiproka kellha għeruq sodi f'ruħ il-Qaddejja ta' Alla, u jidher li din kienet ġejja minn għajn li ma tinxifx. Tul ħajjitha kollha ħaddmitha b'kura u delikatezza mill-akbar, dejjem ħsiebha kif ħa tagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu.

Il-Qaddejja ta' Alla kienet dejjem attenta biex ma taħrab qatt minn dmirijietha, u għalhekk, b'dik il-puntwalità li tikkaratterizza l-eżerċizzju erojku, kienet twettaq fil-pront il-kmandamenti divini.

4.3. *Qawwa*
Fil-ħajja tagħha, l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù għaddiet minn diversi provi u f'kollox instabet qawwija. Salvat lill-Kongregazzjoni meta kienet waslet biex tiġi xolta; għarfet tissupera d-diffikultajiet l-iżjed gravi, interni u esterni, tal-ewwel snin; ħalliet effett tajjeb u kostanti fuq is-sorijiet tagħha permezz tal-personalità tagħha, ħajjitha, it-tagħlim tagħha.

Il-qawwa hi waħda mill-erba' virtujiet kardinali, qabel ma hi virtù speċjali, hi dispożizzjoni ġenerali ta' karattru sod, kundizzjoni meħtieġa għat-tħaddim ta' kull virtù oħra. Issir virtù speċifika jekk ir-ruħ ikollha bħala għan tagħha dak li titqawwa biex tirbaħ id-dgħufija tas-sensi. Għalhekk, hi tikkontrolla l-passjonijiet tal-biża' u tal-preżunzzjoni, u bejniethom issib l-aħjar triq tan-nofs. Kontra l-qawwa nsibu d-difett tal-mistħija, u agħar u agħar l-injoranza u

l-biża'. Jekk l-għemejjel tagħha jitħaddmu bla heda, faċilment, kostantement, pjaċevolment skont l-ispirtu, tkun qawwa erojka.

Nagħrfu l-qawwa li kellha fiha l-Qaddejja ta' Alla jfisser: nuru l-virtù l-iżjed karatteristika tagħha, li ma damitx ma saret gwida għall-oħrajn, u għalhekk din tista' tissejjaħ il-virtù-omm, li kapaċi tinkwadra fiha s-sens l-iżjed intimu tal-ispiritwalità tagħha.

Qawwa fil-provi mġarrba.

Il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla hi kostellazzjoni ta' għemejjel li talbu minnha tweġiba ta' aċċettazzjoni u ta' konformità. Il-qawwa mħaddma minnha tista' tissejjaħ għolja, għax dejjem issieltet billi qiegħdet flimkien imġibiet differenti, imma dejjem perfetti, minn darba għall-oħra.

Biex tikseb din il-qawwa mqaddsa, il-Qaddejja ta' Alla kient ħejjiet ruħha f'mixja ta' distakk mill-ħwejjeġ tad-dinja. Fil-Qaddejja ta' Alla għalhekk kien preżenti u operattiv id-don tal-qawwa, li permezz tiegħu ruħha għexet b'kalma permanenti u abitwali, żgura minna nfisha, sinċiera, rebbieħa, u minħabba f'dan, quddiem id-diffikultajiet kienet tibqa' serena u fiduċjuża f'Alla, tafda ruħha f'idejh bla ebda limiti.

Normalment inklinata lejn it-tjieba u l-qalb tajba, il-Qaddejja ta' Alla applikat għall-Istitut tagħha regola ta' ħlewwa imma mhux mifruda mill-qawwa. Kellha ħafna enerġija, fuq kollox fit-tmexxija tas-sorijiet li lilhom kienet tagħti normi preċiżi ta' mġiba u tafdalhom f'idejhom ħidmiet diversi.

4.4. *Temperanza*
Il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù għarfet tgħaqqad mal-eżerċizzju ta' ħajja qaddisa ħidma organizzata tajjeb. Kienet perseveranti fit-talb u trażżan lilha nfisha f'dak li kienet tiekol. Ix-xhieda jagħfsu fuq l-ispirtu kbir ta' mortifikazzjoni, faqar u temperanza erojka.

It-temperanza kellha r-rwol ta' virtù morali li rregolat b'għerf kbir u bilanċ il-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla.

Li Madre Margerita pprattikat it-temperanza fi grad għoli nafuh mix-xhieda li spiss ifaħħru l-ispirtu kbir tagħha ta' mortifikazzjoni kemm intern u kemm estern, u dan miż-żgħożija sa tmiem il-ħajja tagħha fuq din l-art. Minkejja t-taħbit u l-ħidma kontinwa, iż-żjajjar u l-kuntatti li ma setax ma jkollhiex, u l-impenji ta' kuljum, il-Qaddejja ta' Alla dejjem baqgħet dik li kienet, bla ma bidlet xejn mill-ħakma tas-sensi u tar-rieda tagħha.

Ma kinitx taf b'kumditajiet tal-ħajja, il-pass tagħha kien serju u modest, u kienet meqjusa fi kliemha u f'għemilha.

Kienet meqjusa u attenta fi kliemha u qatt ma tilfet żmien fi kliem vojt li jiddistratta r-ruħ. Kienet tħobb is-skiet u l-ġabra.

Il-ħajja estremament awstera li kienet tgħix hi l-ogħla prova tat-tħaddim erojku tagħha tat-temperanza. Dan l-istil ta' ħajja tagħha estremament mortifikat iqanqal f'min qed jaqra ammirazzjoni ħajja.

5. UBBIDJENZA

Meqjusa bħala l-pedament tal-perfezzjoni Nisranija, l-virtù tal-ubbidjenza tfisser li tissottometti r-rieda tiegħek kollha kemm hi għal dik tas-superjuri, fuq l-eżempju ta' Kristu li ġie fid-dinja biex jagħti glorja lill-Missier, sar ubbidjenti sal-mewt u sal-mewt tas-salib.

Ubbidjenza inkundizzjonata.

Il-virtù tal-ubbidjenza u tal-umiltà, magħqudin mal-fidi, isenslu tripied li ma jistax jinqasam fil-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla. Kienet reliġjuża eżatta fl-osservanza fidila u diliġenti fil-ħidmiet kollha fdati lilha.

Bħala Superjura kienet teżerċita l-kariga tagħha b'mod delikat, bħal omm mas-sorijiet kollha. Atteġġjament, dan tal-Qaddejja ta' Alla, li kien tul ħajjitha kollha. Imġiba li ma tinbidilx u li lejha tibqa' fidila sa mewtha.

F'ħajjitha kollha Madre Margerita wriet spirtu kbir ta' sottomissjoni, imħabba straordinarja għal din il-virtù: fil-fatt kienet twettaq bi prontezza u perfezzjoni l-ordnijiet kollha li kienet tirċievi, għax f'dawn kienet tara l-istess leħen ta' Alla.

6. KASTITÀ

L-imħabba għal Kristu Kurċifiss, interpretata mill-Qaddejja ta' Alla b'mod esklussiv u totali, tikxef l-għamla wisq delikata ta' kastità li hi għexet. L-atti tal-proċess ipoġġulna quddiem għajnejna provi mill-aqwa li juru kif, anki fit-tħaddim ta' din il-virtù, il-Qaddejja ta' Alla tidher quddiemna bħala ruħ partikularment disposta għall-grazzja divina.

Bl-osservanza erojka tal-vot tal-kastità sa minn età ċkejkna, hi wriet sinjali li kienet tgħożż il-kastità, il-ħarba mid-dinja, il-frekwenza tas-Sagramenti, devozzjoni qawwija lejn il-Verġni Mqaddsa Marija.

Tweġiba ta' mħabba għas-sejħa ta' Alla: Il-Qaddejja ta' Alla wriet imħabba partikulari lejn il-kastità. Użat iż-żelu kollu tagħha biex iżżomm fiha safa kbir tal-ħsieb u tal-ġisem.

7. FAQAR

Mill-għadd ta' xhieda li jaqblu bejniethom, naraw li d-distakk mill-vanità u mit-tlellix tad-dinja kien karatteristika oħra tal-Qaddejja ta' Alla li, mitlufa fil-mixja kontinwa tagħha 'l fuq lejn il-perfezzjoni, baqgħet barranija għall-ġid tad-dinja, jiġifieri għal dak il-ġid li m'għandux bħala għan tiegħu l-glorja ta' Alla. Dawk li kienu jgħixu ma' Madre Margerita kellhom l-impressjoni li hi ma kellha l-ebda pretensjoni ta' xejn f'dak li hu użu tal-ħwejjeġ tad-dinja.

Minn dan l-aspett, il-persuna tal-Qaddejja ta' Alla tispikka qabel xejn bħala mudell evanġeliku, li ddisprezzat forma medjokri u t-tamiet kollha ta' futur brillanti, biex imxiet wara Kristu, fqir, umli u ubbidjenti, u hekk ħaddnet il-ħajja reliġjuża.

Jekk nanalizzaw il-profondità tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, ninnutaw minnufih kif fiha hemm il-premessi kollha biex naffermaw li hi għexet b'radikalità l-kmand ta' Kristu:

> "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-Sema; imbagħad ejja u imxi warajja".

Il-ġudizzju fuq il-faqar tal-Qaddejja ta' Alla joħroġ mill-imġiba koerenti tagħha kkaratterizzata minn ġesti ċari, imma li hi għexet moħbija u fis-sempliċità. Id-distakk tagħha

mill-ġid tad-dinja u l-interessi ta' żmienha, jixhdu għalih, b'mod evidenti, l-għadd ta' inizjattivi ta' tiġdid fil-ħajja kkonsagrata li ħadet il-Qaddejja ta' Alla.

Madre Margerita, anki jekk għexet qalb il-ġid tad-dinja, ratu, messitu, ħaddmitu u bidlitu, imma qatt għal vantaġġ personali.

8. UMILTÀ

Il-virtù Nisranija tal-umiltà hi l-pedament żgur tal-binja spiritwali tar-ruħ tagħna. F'din l-ottika għexitha anki l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, hekk li x-xhieda jiżgurawna li din kienet fiha l-aktar virtù ċara, dik li ħalliet l-iżjed impressjoni fuq is-sorijiet.

Għal din il-modestja tagħha, donnha ħaġa li twieldet magħha, li kienet tagħmilha mistħija u timida anki fit-tħaddim tal-awtorità tagħha, għall-ħajja ta' skiet tagħha li kien ġej minn interjorità profonda u minn dinamiżmu meraviljuż, għall-intensità ta' mħabba li mexxiet il-ħajja twila tagħha u l-appostolat kollu frott tagħha.

Kienet umli tassew fis-sentimenti tagħha. Kienet tqis ruħha midinba, u kienet taħrab l-istima u t-tifħir tal-bnedmin.

Ma' kulħadd kienet twajba u ħelwa, u kienet anki taċċetta l-osservazzjonijiet u l-pariri tal-oħrajn. Fl-imġiba kollha tagħha dehret b'mod ċar l-umiltà tagħha.

Hu umli min ma jafdax iżżejjed fih innifsu u jafda kollox f'idejn Alla, u dan hu li l-Qaddejja ta' Alla għamlet b'mod eċċellenti, għax it-tama tagħha kienet imqiegħda fl-għajnuna ta' Alla u kellha stima baxxa tagħha nfisha. L-umiltà tagħha kienet tipprattikaha wkoll billi tqis lilha nfisha bħala midinba, u għalhekk dejjem fil-bżonn li tikkoreġi d-difetti tagħha.

L-umiltà tal-Qaddejja ta' Alla hi mlibbsa bil-qima lejn il-proxxmu tagħha: anki l-iżjed foqra kienet persuni li kellhom jiġu ttrattati bl-ogħla kunsiderazzjoni u rispett.

9. KONKLUŻJONI

Il-*Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis* tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù tippreżentalna biżżejjed materjal ta' provi, li nsibuh prinċipalment fix-xhieda, fil-kitbiet u fid-dokumenti dwar il-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla, li ġew studjati u awtorevolment ippreżentati mir-Relatur Ġenerali Patri Ambrogio Eszer OP, li nħoss li huma biżżejjed biex nista' nagħti tweġiba affermattiva fuq l-erojċità tal-virtujiet.

Mix-xhieda, mill-kitbiet u mid-dokumenti joħroġ li l-persuna tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù tista' tiġi proposta anki llum bħala mudell u eżempju ta' reliġjuża li tingħata kollha kemm hi għas-servizz umli ta' Alla u tal-proxxmu.

Tul il-ħajja twila tagħha Madre Margerita kellha s-sodisfazzjon li tara l-Kongregazzjoni tikber fl-għadd ta' vokazzjonijiet tajba u tixtered fid-diversi kontinenti, u hekk tassumi iżjed dimensjoni internazzjonali u karattru missjunarju.

Lill-Qaddejja ta' Alla nsibuha propju f'dan l-ambjent u għadha mfakkra anke llum mill-komunitajiet tal-Istitut bħala mudell ta' qdusija: "Inħobbu l-Imħabba!".

Fid-dawl tal-materjal kollu tal-provi, għad-dubju dwar l-erojċità tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, inwieġeb: *affirmative, salvo meliore iudicio*.

## VOT VIII

### 1. ĦJIEL BIJOGRAFIKU

Il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 f'Kerċem, daqsxejn ta' raħal ċkejken fil-gżira ta' Għawdex, fl-arċipelagu Malti. Fl-istess jum irċiviet il-Magħmudija u tawha l-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppa, Marija u Giovanna.

Twieldet minn Mikelanġ De Brincat u Katarina Gauci. Kienet is-sitt waħda fost ħdax-il wild. Il-Familja De Brincat setgħet tqis ruħha fil-klassi ta' dawk li kienu jistgħu, fil-fatt kellha xi raba' barra mir-raħal, li bihom setgħet tiżgura l-għajxien tal-familja numeruża. Madankollu, kienet familja sempliċi u profondament reliġjuża. Missierha jibqa' mfakkar bħala raġel onest, bieżel, sieket, mogħti għall-familja u fuq kollox reliġjuż ħafna. L-omm kienet mara li ħajjitha kienet "mid-dar għall-knisja" u ħadet ħsieb l-edukazzjoni tal-ulied li, għalhekk, kellhom ix-xorti li jikbru f'ambjent seren, imdawwar bl-għożża u l-imħabba tal-qraba. Għalhekk il-membri kollha tal-familja, inkluża l-ġenerazzjoni ta' wara, impenjaw ruħhom biex jgħixu ħajja ta' Nsara tajbin, dejjem fidili għall-impenji reliġjużi. Barra minn hekk, twieldu għadd ta' vokazzjonijiet anke qalb in-neputijiet tal-Qaddejja ta' Alla.

Sa minn età żgħira wriet ġibda qawwija għas-solitudni u l-ġabra: għalkemm kienet ta' man-nies u ferreħija, kienet tippreferi l-ħidmiet ċkejknin ta' kuljum ma' ommha mil-logħob storbjuż ma' sħabha. Tgħallmet taħdem il-bizzilla, xogħol li, anki jekk kien jippermettilha qligħ ċkejken, għen ħafna fis-sosteniment tal-familja. Anki hi u tagħmel xogħlijiet bħal dawn, il-Qaddejja ta' Alla kellha dejjem qalbha u ħsiebha ffissati f'Alla. Kienet taħdem f'parapett ċkejken, wara l-knisja ta' San Girgor il-Kbir, f'pożizzjoni li fiha setgħet tħares lejn l-altar tal-knisja. Dan iġagħilna naħsbu li l-Qaddejja ta' Alla riedet toffri ħidmietha lil Alla.

Ma nafuhiex id-data tal-Ewwel Tqarbina tagħha, imma nistgħu nikkalkulawha minħabba li, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, dik kienet tiġi xi jiem qabel is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni, li nafu li rċivietu fil-15 ta' April 1871, fl-età ta' disa' snin. Minn dawn is-snin 'il quddiem il-Qaddejja ta' Alla bdiet turi iżjed id-devozzjoni profonda tagħha billi kienet tqatta' sigħat twal titlob fil-knisja ta' Kerċem jew f'kamritha.

Grazzi għall-qagħda ekonomika tajba tal-familja, l-ulied kollha setgħu jirċievu edukazzjoni tajba, possibbiltà li f'dak iż-żmien ftit kellhom. Wara li temmet l-edukazzjoni primarja, Virġija attendiet għal xi lezzjonijiet privati tat-Taljan (dak iż-żmien il-lingwa uffiċjali ta' Malta) u tal-Franċiż, lingwi li tgħallmet titkellem u tikteb tajjeb fi żmien qasir.

Fl-1876, fl-età ta' erbatax-il sena, il-Qaddejja ta' Alla, wara li kisbet il-permess tal-konfessur u direttur spiritwali tagħha, għamlet privatament il-vot tal-kastità. It-twettiq ta' din ix-xewqa kienet tappa deċiżiva għall-ħajja spiritwali tagħha, għax hekk setgħet timxi 'l quddiem iżjed malajr fil-mixja tal-perfezzjoni. Waqt it-talb, kienet taħseb bejnha u bejn ruħha x'seta' kien il-pjan li Alla fassal għaliha. It-tweġiba ta' Alla ma damitx ma waslet. Il-Qaddejja ta' Alla saret taf b'xi tfajliet tal-assoċjazzjoni "Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù" immexxija minn Dun Ġużepp Diacono. Fl-assoċjazzjoni sabet dak li kienet qiegħda tfittex u din il-laqgħa rat fiha r-rivelazzjoni tar-rieda ta' Alla. Fit-8 ta' Diċembru 1877 daħlet membru u Dun Ġużepp sar il-gwida spiritwali tagħha. Hu kien imexxiha fil-prattika kostanti tal-virtujiet: umiltà, ċaħda tagħha nfisha, disponibbiltà biex tħalli l-imħabba ta' Alla tmexxiha u mħabba safja. Iż-żelu u l-entużjażmu tal-Qaddejja ta' Alla kienu ta' eżempju għal ħafna xebbiet oħra li ddeċidew li jissieħbu fl-għaqda, u għalhekk ġew iffurmati kuruni oħra ta' "Tnax-il stilla". Huma kienu jiddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ u t-tfal. Xi

wħud minnhom kienu jispikkaw għaż-żelu, il-karattru sod u l-ġenerożità li bihom kienu jwieġbu għall-proposti ta' Alla: kollha kienu jġorru f'qalbhom ix-xewqa li jingħataw kollhom kemm huma lilU. Għalhekk, Dun Ġużepp Diacono ried jgħaqqad grupp ta' xebbiet ikkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-proxxmu. L-opra ġiet imsejħa "Maestri Terzjarji Franġiskani" jew "Kongregazzjoni tas-sorijiet tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk ta' Assisi" u kienet timxi skont regola dixxiplinari ta' orjentament Franġiskan. Meta saret l-ewwel vestizzjoni reliġjuża, f'Ottubru 1880, il-Qaddejja ta' Alla ma setgħetx tieħu sehem għax kienet għadha żgħira wisq. Imma l-Providenza divina riedet li ftit xhur wara, fil-15 ta' Awwissu 1881, anki hi tagħmel il-vestizzjoni reliġjuża. Tawha l-isem ta' "Maestra Virġinja tal-Beata Margerita". Għexet in-novizzjat b'sempliċità u distakk seren minn kollox u kienet ferħana ħafna li setgħet tingħata għal Alla, tiddedika ruħha għall-edukazzjoni ta' dawk l-iktar fil-bżonn. Sentejn wara, Madre Virġinja, għadha taħt l-età, għamlet il-voti reliġjużi. Il-Qaddejja ta' Alla kienet tispikka għall-ħeġġa u l-fedeltà tagħha. Għalhekk ġiet magħżula bħala segretarja – anki jekk, fil-fatt, kienet qed twettaq ir-rwol ta' vigarja – mill-fundatur Dun Ġużepp Diacono. Kellha tħabbat wiċċha mad-diffikultajiet u l-problemi kollha tipiċi ta' istituzzjonijiet li għadhom jitwaqqfu, imma qatt ma ħalliet xejn iħawwadha jew jaqtgħalha qalbha. Fil-5 ta' Mejju 1886 kien hemm il-promulgazzjoni tal-Kostituzzjonijiet, li taw identità u stabbilità akbar lill-Istitut. Maestra Virġinja kienet l-ewwel waħda li ħadet il-voti perpetwi, fit-8 ta' Diċembru 1887, fl-età ta' 24 sena. Ingħatat l-isem ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù.

Il-fundatur tal-Kongregazzjoni sab ruħu wiċċ imb'wiċċ ma' serje ta' diffikultajiet u nuqqas ta' qbil u ftehim pjuttost serju, tant li wasal sal-punt li ried iżarma l-Kongregazzjoni u jibgħat lir-reliġjużi lura f'darhom. Madre Margerita, b'ispirazzjoni purament divina, opponiet bil-qawwa (dejjem b'rispett assolut) lid-direttur u, mitluqa għal kollox b'fiduċja sħiħa f'Alla, ħadet fuqha r-responsabbiltà tal-opra. Għalhekk ġiet meqjusa bħala l-għodda li salvat l-Istitut u fundatriċi li żammet ħajja l-Kongregazzjoni, bla dubju bla qatt naqset lill-missier u l-ewwel fundatur li minnu kienet mnebbħa, Dun Ġużepp Diacono.

Ħabirket biex tirbaħ id-diffikultajiet kollha tal-Istitut, li tatu l-identità kariżmatika u għenitu jikber u jixtered anki 'l barra mill-arċipelagu. Dan kollu kien possibbli għax ta' 27 sena biss Madre Margerita laħqet is-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni li kienet tgħodd diġà erba' komunitajiet (tnejn f'Għawdex u tnejn f'Malta). Bla kliem quddiem il-possibbiltajiet li kellha quddiemha, aċċettat il-mandat b'umiltà sħiħa, u fdat ruħha u ħalliet imexxiha lil Dak li lilu kienet offriet ħajjitha. Il-Qaddejja ta' Alla kienet taġixxi b'għerf u viżjoni; dejjem attenta għas-sitwazzjoni kulturali u soċjali, biex tkun kapaċi twieġeb bl-aħjar mod possibbli għall-bżonnijiet tal-Knisja lokali, li kienet fi bżonn urġenti, b'mod partikulari, tal-formazzjoni Nisranija taż-żgħażagħ. Kienet attenta ħafna għat-tħejjija tal-ulied spiritwali tagħha permezz ta' laqgħat, ittri u kollokji personali biex imbagħad tibgħathom jaħdmu fid-diversi opri, bħala dixxipli ta' San Franġisk.

Il-Qaddejja ta' Alla ħasbet ukoll għat-tkabbir tal-Kongregazzjoni 'l barra mill-arċipelagu Malti: infetħu xi komunitajiet anki fil-gżira ta' Korfù (fil-Greċja), fi Sqallija u fl-Etjopja (l-Afrika). Madre Margerita kienet tinteressa ruħha hi stess fl-opri ġodda fl-artijiet tal-missjoni, fejn kienet tmur hi personalment biex taċċerta ruħha li l-għanijiet tal-opri kienu qed iwieġbu għall-kariżma proprja tal-Istitut: li jieħdu ħsieb ta' dawk l-iżjed fil-bżonn tat-tagħlim u l-promozzjoni umana-Kristjana.

Il-Qaddejja ta' Alla kellha taffronta bosta taħbit, ostilità, inkwiet, imma xejn ma kien iwaqqafha, għax kienet dejjem tħalli jmexxiha l-Ispirtu ta' Alla, fuq kollox fis-sitwazzjonijiet

l-iżjed diffiċli. Kienet tqatta' sigħat twal fl-adorazzjoni quddiem it-Tabernaklu u kienet tħeġġeġ lil uliedha jagħmlu l-istess. F'kull komunità ġdida li tinfetaħ qatt ma kien jonqos is-Santissmu Sagrament, hekk li s-sorijiet setgħu jfittxu bla waqfien l-adorazzjoni Ewkaristika.

Anki tul l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Qaddejja ta' Alla, li kienet qiegħda Korfù bħala superjura tal-komunità, kienet ta' faraġ Nisrani u uman għan-nies tal-gżira, emigranti u refuġjati.

Għamlet bosta modifiki fil-Kostituzzjonijiet u fit-23 ta' Diċembru 1946 l-Istitut ġab l-approvazzjoni pontifiċja. Fl-età ta' 68 sena waqqfet l-assoċjazzjoni lokali tal-Ulied ta' Marija u ċ-ċirkli tal-Azzjoni Kattolika. Hekk twieldu vokazzjonijiet ġodda li ħadet ħsieb b'rispett u diskrezzjoni. Sentejn wara ntbagħtet l-Italja biex isserraħ lill-Maestra responsabbli min-Novizzjat ta' Ruma.

Fl-1940 il-Qaddejja ta' Alla kellha puplesija li kagħbritha ħafna fiżikament. Batiet minn ħafna tlajja' u nżul f'saħħitha. Tawha ċella maġenb il-knisja konventwali. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha, kisbet minn Ruma l-permess li titqarben mingħajr ma tagħmel is-sawma. Fit-tbatija kbira tagħha kienet toffri ruħha lil Ġesù, l-Għarus Imsallab tagħha. Fit-22 ta' Jannar 1952, wara ħajja ddedikata għall-Kongregazzjoni tagħha, fit-talb u fl-offerta ta' tpattija biex tfarraġ il-Qalb ta' Ġesù, il-Qaddejja ta' Alla mietet, fl-età ta' 89 sena u 3 xhur. L-għada ġie ċċelebrat il-funeral solenni, li fih ħadu sehem l-Isqof Pietru Pace, ħafna saċerdoti u folla numeruża ta' devoti.

2. VALUTAZZJONI TAL-PROVI

Il-*Positio* ppreżentat għall-valutazzjoni teoloġika tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat jiġbor fih l-preżentazzjoni tar-Relatur, l-*Informatio,* id-digriet ta' Validità tal-Inkjesta Djoċesana mogħti fl-1 ta' Diċembru 2000 *"sanatis de iure sanandis"*, it-*Tabella-Index Testium* bis-*Summarium, Summario addita* bid-dokumenti, il-*Biographia documentata*, ir-rapport tal-Kummissjoni Storika, il-*Positio super scriptis,* id-dikjarazzjoni tal-assenza tal-kult tad-19 ta' Jannar 1999, u fl-aħħar nett xi ritratti marbuta mal-Qaddejja ta' Alla. Il-*Positio* għalhekk għandu fih l-elementi formali kollha biex iservi ta' għodda valida għall-istudju tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla.

Ir-Relatur tal-Kawża, il-mibki Patri Ambrogio Eszer OP, jiddefinixxi l-Kawża bħala riċenti, minkejja li l-Qaddejja ta' Alla ilha mejta mill-1952, u jagħfas fuq il-fatt li hemm iktar minn 70 xhud *de visu*.

Il-Kawża waslet kemm kemm tard: infetħet fl-1988, jiġifieri 36 sena wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla. Ma nsibux spjegazzjonijiet għaliex tħalla dan iż-żmien. Il-Postulazzjoni tagħfas biss fuq il-fatt li, sa mill-funeral, li fost l-oħrajn kien ppparteċipat ħafna, tqanqlet il-fama kbira ta' qdusija. Fl-1967 inkitbet l-ewwel bijografija u ġiet stampata santa tal-Qaddejja ta' Alla. Imbagħad fl-1977 il-fdalijiet tal-Qaddejja ta' Alla ġew ittrasportati miċ-ċimiterju ta' Għawdex għall-*Casa Madre* fir-Rabat, Għawdex. Fl-1986 ġie magħżul bħala Postulatur tal-Kawża Patri Giovanni Folguera OFM, li fl-1987 ippreżenta s-*Supplex libellus* lill-Isqof ta' Għawdex għall-ftuħ uffiċjali tal-Kawża (ara *Informatio,* pp. 5-6).

Fil-fehma tagħna l-Postulazzjoni għandha tispjega għaliex ma nfetħitx il-kawża fl-1967, meta nkitbet l-ewwel bijografija.

L-*Informatio* hu mfassal fuq l-istruttura tas-soltu, fejn jiġu ppreżentati l-virtujiet *in genere*, il-virtujiet teologali, il-virtujiet kardinali u l-virtujiet tal-istat proprju, u mbagħad il-fama ta' qdusija (pp. 30-100).

Qabel din il-valutazzjoni, il-Postulazzjoni tippreżenta l-istorja tal-Kawża, ġabra kronoloġika tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, sinteżi bijografika u l-preżentazzjoni tal-apparat tal-provi (pp. 5-29).

L-Inkjesta Djoċesana fuq il-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù saret bejn l-4 ta' Lulju 1988 u l-20 ta' Jannar 1999, 11-il sena sħaħ!

Ġew imsejħa 85 xhud, 24 minnhom *ex officio* [*sic!*]. Il-parti l-kbira ta' dawn ix-xhieda huma *de visu*, ftit biss minnhom *de auditu a videntibus*.

Meta wieħed jistudja sew it-*Tabella-Index Testium* ta' dawn il-85 li ġew imsejħa, jinnota li dwar 4 xhieda jingħad li m'għandhom "Xejn x'jiddikjaraw" (xhieda 76, 77, 78, 80; li tnejn minnhom huma Rev. Monsinjuri, sinjur u sinjura) Il-qraba tal-Qaddejja ta' Alla (xhieda 11, 49, 51, 70, 75; tliet neputijiet, proneputi, u waħda mill-qraba li mhux ċar kif tiġi minnha) ma jagħtu l-ebda xhieda jew ftit li xejn dwar il-virtujiet teologali u kardinali tal-Qaddejja ta' Alla.

Ta' min jinnota l-partikularità tax-xhud 7, Patri Paolo Calliari OMV (ara *Informatio,* p. 27), li lir-Reliġjużi Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù jafhom sa mill-1967 u, imbagħad, ġie inkarigat mis-Superjura tar-reliġjużi biex jiġbor il-materjal għall-ewwel bijografija tal-Qaddejja ta' Alla. Patri Calliari kkonsulta arkivji, tkellem ma' għadd ta' persuni u ġabar sa minn qabel l-Inkjesta ħafna materjal dwar il-Qaddejja ta' Alla. Ħafna minn dan il-materjal miġbur minnu ġie ppreżentat lit-Tribunal waqt ix-xhieda tiegħu. Għalhekk ix-xhieda tiegħu tkopri ftit iżjed minn 100 paġna tas-*Summarium* (ara *Summarium,* pp. 64-165). Ix-xhieda 50, 51, 52 huma mogħtija bl-Ingliż, u mhux tradotti għat-Taljan.

L-interrogatorju ppreżentat (*Summarium,* pp. 7-27) hu twil ħafna, kważi 140 mistoqsija, li sfortunatament mhumiex innumerati b'mod konsekuttiv, imma kull paragrafu jibda b'mistoqsija li hi mmarkata nru 1. Minħabba f'hekk mhix ċara l-korrispondenza bejn il-mistoqsijiet tal-interrogatorju u t-tweġibiet tax-xhieda.

Id-dokumenti preżenti fil-parti *Documenta summario addita* huma 148 ittra tal-Qaddejja ta' Alla lil bosta persuni (pp. 26-114; l-ewwel ittra tibda bin-numerazzjoni nru 7) li jdaħħluna fil-mod ta' kif kienet taħseb, tesprimi ruħha, u tgħix il-fidi tagħha. L-ittri huma ppreżentati b'introduzzjoni ta' riflessjoni artikulata fuq il-kontenut tagħhom u l-imħabba li l-Qaddejja ta' Alla kellha lejn Alla (pp. 3-25). It-tieni parti tas-*Summario Addita* fiha riflessjoni fuq l-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla (pp. 115-152) u tintemm b'diversi ittri riċenti ta' Isqfijiet li tkellmu favur il-Qaddejja ta' Alla (pp. 153-172). L-ittri huma bit-Taljan u lingwi oħra, mhux maqluba għat-Taljan.

Ir-Rapport tal-Kummissjoni Storika (pp. 1-72) hu xogħol dettaljat ħafna b'lista tal-arkivji kollha kkonsultati u lista tad-dokumenti kollha li nstabu, b'tifsira ta' kull dokument.

Wara nsibu l-*Positio super scriptis* (pp. 1-30) li jippreżenta l-istudju u l-valutazzjoni tal-materjal arkivistiku li nstab. L-ewwel Teologu Ċensur, Fra Pier Giuseppe Pesce OFM, fi tmiem il-ġudizzju tiegħu ta' 20 paġna, jiddikjara li l-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla ma fihom

xejn li jmur kontra l-fidi jew il-morali, "imma huma espressjoni elokwenti u kommoventi ta' mħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin fis-sens l-iżjed evanġeliku tal-kelma" (p. 20). It-tieni Teologu Ċensur, Patri Eugenio Cachia OP, wara l-valutazzjoni tiegħu ta' 10 paġni, jikkonkludi li l-kitbiet ta' Madre Margerita jirriflettu duttrina sana u jistqarru bla dubju ta' xejn il-Maġisteru tal-Knisja Kattolika (p. 30).

Il-*Biographia documentata* fiha 194 paġna, imqassma fi 33 kapitlu, li wħud minnhom fi tmiemhom fihom dokumenti li jispjegaw l-istess kapitlu.

Ninnuntaw li hemm nieqes werrej ta' din il-bijografija u r-riferenzi fuq in-naħa ta' isfel ta' kull paġna huma pjuttost skarsi: hekk ma nistgħux inkunu nafu liema kienu s-sorsi għat-tifsil ta' dan ix-xogħol.

3. VALUTAZZJONI TEOLOĠIKA

Nitilqu minn premessa: ix-xhieda ppreżentati fis-*Summarium* huma fil-parti l-kbira persuni li kellhom bejn is-17 u l-40 sena meta mietet il-Qaddejja ta' Alla. Għalhekk huma xhieda okulari tal-aħħar 10 jew 15-il sena tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, meta din ma kellhiex iżjed ir-rwol ta' Superjura Ġenerali, imma kienet responsabbli lokali jew sempliċi soru fi ħdan il-Kongregazzjoni minnha mwaqqfa. Xhieda minnhom tgħid hekk fuq dan l-aħħar perjodu tal-Qaddejja ta' Alla:

> "Inżid ngħid li Madre Margerita kienet hekk umli li riedet tintesa minn kulħadd. U tassew kien hemm perjodu ta' żmien meta Madre Margerita ma kienet xejn meqjusa, anzi donnha ma kinitx teżisti. Minkejja dan kollu, kont ninnota li dejjem kienet kuntenta. Riedet tgħix ħajja moħbija" (*Summarium*, p. 242).

Inżommu f'moħħna li l-Qaddejja ta' Alla kellha l-ewwel attakk tal-qalb fl-1940, u wara dan kellha ħafna problemi oħra tal-qalb. Dan żammha milli tieħu iżjed responsabbiltajiet partikulari fil-komunità, sewwa sew minħabba raġunijiet ta' saħħa, sa mewtha fl-1952.

Ix-xhieda ppreżentati fis-*Summarium* għalhekk huma validi ħafna *"di merito"*, għax, skont il-prassi, wieħed għandu jivvaluta l-imġiba erojka tal-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla matul l-aħħar 10 snin ta' ħajjitha. Dawn ix-xhieda, imma, juru lil Madre Margerita bħala soru moħbija, umli, sempliċi, ta' servizz, ta' talb profond, u ma juruniex il-persuna tal-Fundatriċi li jkollha tiġġieled kontra elf problema u trid iġġorr is-salib ta' komunità li għadha titwieled, trid tikber u tixtered f'diversi postijiet b'għadd ta' djar u ħidma ta' amministrazzjoni.

*Fidi*

Ix-xhieda jaffermaw li l-fidi tal-Qaddejja ta' Alla stajt tmissha b'idejk, għax kulħadd seta' jara li kienet tħalli lil Alla u r-Rieda Divina jmexxuha f'kollox. Kienet konvinta mill-imħabba ta' Alla lejha personalment, lejn il-familja reliġjuża li kienet għadha kemm rat id-dawl, u lejn kull bniedem. Għalhekk ix-xhieda jiddeskrivu l-fidi tagħha bħala "inkrollabbli" (ara *Summarium*, p. 397 u oħrajn).

Espressjoni tal-fidi tagħha kienet li tgħix dejjem fid-dawl tal-ħajja eterna, tal-laqgħa tagħha mal-Mulej Alla. Għalhekk il-Qaddejja ta' Alla kienet tħeġġeġ lill-persuni li kienet tiltaqa' magħhom biex ma jibżgħux mill-mewt, għax dan hu l-mument li fih jistgħu imorru jgawdu lill-Mulej, pjuttost milli jibżgħu mid-dnub jew li jmutu fid-dnub li jbegħidna għal dejjem mill-Mulej (ara *Summarium*, p. 474 u oħrajn).

Il-fidi ta' Madre Margerita kienet tesprimi ruħha b'mod partikulari fil-ħajja hekk intensa tagħha ta' talb. Kienet tħobbu t-talb, b'mod partikulari l-adorazzjoni, bħala l-għajn meħtieġa għall-ħajja kkonsagrata tagħha. Spiss u minn qalbha kienet timmedita l-Passjoni tal-Mulej, tgħix il-liturġija tabilħaqq b'parteċipazzjoni spiritwali partikulari u avvanzata ħafna. Is-Sinjura Mangion tgħidilna:

> "Għadni sal-lum inħossni impressjonata bil-ġabra tagħha: tant kienet tgħatti wiċċha bil-velu, li ma stajtx tarah sew. Għalkemm m'iniex ċerta għal kollox, imma xi drabi waqt il-Quddiesa kienet tinfexx tibki, għax kont naraha toħroġ il-maktur mill-but u tixxotta d-dmugħ. Il-ġabra tagħha fil-knisja kienet xi ħaġa ta' barra minn hawn" (*Summarium,* p. 491).

Ix-xhieda kollha, b'mod partikulari s-sorijiet li kienu jgħixu magħha, jgħidulna kemm il-Qaddejja ta' Alla kienet devota lejn l-Ewkaristija Mqaddsa, kemm ħin kienet tgħaddi quddiem Ġesù Sagramentat. Jirrakkuntaw li Madre Margerita quddiem is-Santissmu kienet qisha tifla żgħira, kollha umli, ċkejkna, tadura u tħobb lill-Mulej tagħha (ara *Summarium,* p. 472, 447 eċċ.).

Ix-xhieda kollha huma tal-fehma li l-Qaddejja ta' Alla kellha qima partikulari lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u kienet tħeġġeġ kemm lit-tfal u kemm lill-kbar biex jitolbu spiss lill-Qalb ta' Ġesù (ara *Summarium,* p. 478 u oħrajn). Hu għalhekk li l-isem tal-Kongregazzjoni mwaqqfa minnha jirriferi għall-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.

Kellha qima profonda lejn il-Verġni Mbierka u din kienet tnissilha fl-ulied spiritwali tagħha. Swor Gejtana Xerri tirrakkonta:

> "Iċ-ċella ta' Madre Margerita kellha daqsxejn ta' tieqa li kienet tagħti għal fuq il-bitħa, fejn kien hemm statwa tal-Madonna. Kull darba li kont immur biex nagħlaq it-tieqa, il-Madre kienet tgħidli: 'Sellem lill-Madonna qabel tagħlaqha'" (*Summarium,* p. 449).

*Tama*

It-tama tal-Qaddejja ta' Alla tidher fil-fiduċja profonda li kellha fil-providenza divina. Ix-xhieda jirrakkuntaw li, b'mod partikulari għall-bidu tat-twaqqif tal-familja reliġjuża l-ġdida, kien hemm ħafna diffikultajiet u faqar kbir. Imma daqshekk ieħor kbar kienu d-doni tal-providenza divina minħabba fit-tama sħiħa tal-Qaddejja ta' Alla (ara *Summarium,* p. 399).

Swor Colomba Sultana tixhed:

> "L-atteġġjament tal-Madre kien jixhed għall-fiduċja kbira tagħha f'Alla. Kienet tinsisti li ma kellniex għax naqtgħu qalbna, għax il-providenza divina tasal dejjem. Qatt ma rajtha mifxula jew imħassba, imma kellha ċerta kalma fuqha, ċertament mhux naturali, imma frott tal-fiduċja kbira tagħha f'Alla" (*Summarium,* p. 270).

*Imħabba*

Ix-xhied kollha jispjegaw l-imħabba tal-Qaddejja ta' Alla bħala delikata ħafna, diżinteressata, żelanti. Uriet imħabbitha *in primis* mal-konsorelli tagħha, imma anki ma' kull persuna li kellha bżonn: foqra, morda, tfal, familji, eċċ. Isimgħu x-xhieda ta' Patri Paolo Calliari:

> "L-imħabba tagħha mal-konsorelli dehret fil-mod kif indirizzat il-vokazzjoni reliġjuża tagħhom, ħadet ħsieb il-mard tagħhom u begħdithom minn kull periklu li bla ma jindunaw kienu jersqu lejh. Lejn il-lajċi l-imħabba tagħha kienet kbira, u tat kas b'mod partikulari taż-żgħażagħ abbandunati, irġiel u nisa, billi pprovditilhom tagħlim u għajnuna materjali. Lanqas insiet lill-omm tal-familji" (*Summarium,* p. 68).

L-imħabba tal-Qaddejja ta' Alla kienet tesprimi ruħha meta bis-sabar kollu kienet tisma' lil kull min kien ifittex l-għajnuna u l-pariri tagħha, meta b'mod prattiku kienet tgħin lill-morda u l-foqra u tagħtihom dak li kellhom bżonn. Waħda konsorella tfakkarna:

> "Ilkoll kellna stima kbira lejn il-Madre, proprju għax hi kellha mħabba kbira lejn il-proxxmu. Xejn ma kien iżommha milli tmur għand in-nies, lanqas kienet tagħti kas tal-ħmieġ li jkollha fuqha persuna jew inkella tal-preżenza tal-annimali fid-dar, tal-intiena li dawn jagħmlu. Kienet tmur għand kulħadd, anki jekk kellha timxi jew, aħjar ngħidu, tkaxkar saqajha għal distanzi twal. Ma kienx hemm marid jew marida li hi ma kinitx tmur iżżur flimkien ma' xi konsorella oħra" (*Summarium,* p. 469).

Interessanti l-affirmazzjoni ta' Swor Petrina Grech, konsorella tal-Qaddejja ta' Alla, dwar il-*karità spiritwali* tal-Qaddejja ta' Alla. Swor Petrina tgħid li, meta kienet tiltaqa' mal-Qaddejja ta' Alla, huma u jsellmu lil xulxin, Madre Margerita ma kinitx tieqaf biex tistaqsi dwar saħħitha jew xi informazzojni oħra, imma d-diskors tagħha dejjem kien jaqa' dritt fuq Alla, jiġifieri kienet tistaqsihom jekk kinux qed iħobbu lil Alla, x'kienu qed jagħmlu għalih, eċċ., u hekk kienet tagħti xhieda li Alla kellu jkollu l-ewwel post fil-ħajja ta' soru (ara *Summarium,* p. 472 eċċ.). F'dan is-sens titkellem ukoll is-Sinjura Sultana, li tgħid li l-Qaddejja ta' Alla kellha mod delikat ħafna kif tesprimi ruħha, kienet tfittex li tiltaqa' man-nies u fid-djalogu magħha, xi ħin jew ieħor, id-diskors dejjem kien se jaqa' fuq Ġesù (ara *Summarium,* p. 459).

Għadd ta' xhieda jiddikjaraw li fil-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita kienu jilmħu tjieba li tissupera s-sorijiet l-oħra. Ngħidu aħna, ix-xhieda tas-Sinjura Ġina Pace li kienet tmur għal lezzjonijiet tal-ħjata għand is-sorijiet:

> "Spiss il-Ħadd filgħaxija, wara li jispiċċaw il-funzjonijiet fil-parroċċa, aħna t-tfajliet konna ninġabru fil-bitħa tas-sorijiet għal ftit tar-rikreazzjoni. Madre Margerita kultant kienet tiġi ħdejna għal ftit rikreazzjoni, u nistqarr li kollha konna nkunu nistennewha. Kienet tispikka fil-persuna tagħha tjieba hekk kbira li kienet tagħżilha mis-sorijiet l-oħra" (*Summarium,* p. 489).

*Prudenza*

Bosta konsorelli, li kienu xhieda u skoprew il-vokazzjoni tagħhom anki grazzi għal kollokju li kellhom mal-Qaddejja ta' Alla, jirrakkuntaw li Madre Margerita kienet ċerta ħafna fid-dixxerniment tagħha. Din iċ-ċertezza kienet iġġibha minn ħajja intensa ta' talb. Swor Ġużeppa Galea tirrakkonta:

> "Fost ħuti s-sorijiet, għax kelli tliet oħra ikbar minni, kien hemm min ried isir soru Franġiskana bħalna. Imma waħda biss irnexxielha, u din hi Swor Massimina. Oħti Ernesta tirrakkonta li meta wasal il-mument li tiddeċiedi dwar il-vokazzjoni tagħha, marret għand il-Qaddejja ta' Alla biex ittafrilha bix-xewqa tagħha. Sabitha titlob fil-kappella, u tkompli tgħid oħti, li Madre Margerita tant kienet mitlufa fit-talb li għall-bidu ma ntebħitx bil-preżenza tagħha, hekk li Ernesta kellha tmissha kemm-il darba. Meta wrietha bix-xewqa tagħha li tidħol soru Franġiskana, Madre Margerita ppruvat tfehimha li Ġesù ma sejħilhiex għal mas-sorijiet Franġiskani, imma għal mas-sorijiet tal-Karità. Fil-fatt oħti daħlet ma' dawk is-sorijiet! Oħti l-oħra, illum mejta, ukoll riedet tidħol soru Franġiskana, imma meta marret għand il-Qaddejja ta' Alla titlobha parir, Madre Margerita weġbitha li Alla ma kienx qed isejħilha għal din il-ħajja. Fil-fatt maż-żmien iżżewġet u ffurmat familja" (*Summarium,* pp. 437-438).

Minkejja l-imħabba tixgħel li l-Qaddejja ta' Alla kienet iġġorr f'qalbha lejn Ġesù u x-xewqa li tgħidlu b'kollox, kienet bilanċjata u prudenti fi kliemha mal-oħrajn: prudenti fir-rispett tal-libertà tal-persuna l-oħra, u ma kinitx tfittex li tindaħħal fl-għalqa tal-oħrajn. Swor Guglielmina Zerafa tirrakkonta:

> "F'kull laqgħa li kien ikollna flimkien, il-Qaddejja ta' Alla kienet tfittex dejjem li tittrasmettilna messaġġ spiritwali. Kliemha kien ta' ġid kbir spiritwali: karità, umiltà, sens ta' sagrifiċċju, ċaħda

tal-'Jien' tagħna, eċċ. Għalkemm l-argumenti tagħna kienu jduru dejjem ma' ħsibijiet simili, nista' ngħid li l-Qaddejja ta' Alla qatt u bl-ebda mod ma kkundizzjonatna. Hekk kbira kienet il-prudenza tagħha, li kienet tirrispetta l-fehmiet ta' kulħadd" (*Summarium*, p. 394).

Dan jikkonfermawh tant xhieda li ddikjaraw li l-Qaddejja ta' Alla kellha mod kif titkellem bilanċjat ħafna, prudenti, għaref, umli, sewwa sew il-kelma li tgħodd għal kull persuna. Kienet tiżen kull kelma li tgħid (ara *Summarium*, p. 359 u oħrajn).

*Ġustizzja*

Ix-xhieda kollha josservawlna kif il-Qaddejja ta' Alla kellha relazzjoni imparzjali mal-persuni ta' madwarha. Ma kellhiex preferenzi għal ħadd, imma kienet tfittex li tiltaqa' ma' kulħadd skont il-bżonn tiegħu u l-istat tiegħu. Konsorella tirrakkonta:

"Qatt ma smajt lil xi waħda mill-konsorelli tiegħi tilmenta li sofriet xi tip ta' inġustizzja minħabba f'Madre Margerita. Dejjem kliem ta' tifħir smajthom jgħidu għal Madre Margerita, speċjalment għall-mod imparzjali li bih kienet iġġib ruħha magħna s-sorijiet. Kienet tħobbna kollha ndaqs" (*Summarium*, p. 296).

Il-Qaddejja ta' Alla kienet ġusta mal-persuni u kienet tgħix din il-ġustizzja fil-verità. Swor Ugolina Mizzi tirrakkonta:

"Kienet tmexxina b'tant għerf u qawwa, u wettqet dmirijietha b'sens ta' ġustizzja lejn il-Kongregazzjoni u lejna. Anki jekk kienet tħobbna, ma kinitx tibża' tieħu deċiżjonijiet iebsin, bħal ngħidu aħna meta bagħtet id-dar tliet novizzi għax ma kinux tajbin għall-ħajja reliġjuża" (*Summarium*, p. 285).

*Temperanza*

Il-Qaddejja ta' Alla kellha stil ta' ħajja modest ħafna, imrażżan għall-imħabba tal-Mulej. Ix-xhieda jirrakkuntaw li Madre Margerita kienet issum f'xi okkażjonijiet u tieħu biss ħobż u ilma, kienet tosserva l-preċetti kollha tal-Knisja f'dan ir-rigward, u b'mod ġenerali kienet meqjusa ħafna u sempliċi fl-ikel li kienet tiekol, u kienet tippreferi ħxejjex minn laħam (*Summarium*, p. 419 ed altri). Swor Arsenia Calleja tirrakkonta:

"Il-Qaddejja ta' Alla qaltli biex innewlilha l-ftira li kien hemm fil-kexxun tal-komodina tagħha. Malli ftaħt il-kexxun, sibt li l-ftira kienet sħiħa, imma tant kienet iebsa li fil-fehma tiegħi ma kellhiex tikolha. Imma hi insistiet li teħodha hekk" (*Summarium*, p. 445).

Kienet taf tgħaqqad il-penitenza tal-ġisem ma' dik spiritwali. Swor Amadea Agius tixhed hekk:

"Jien kont inġorr fuqi ċ-ċilizzju u meta kont nitkellem magħha fuq hekk, kienet tfakkarni li ċ-ċilizzju hu forma ta' penitenza korporali, waqt li l-forma penitenzjali li tħalli l-aktar frott hi meta waħda tkun kapaċi taċċetta fis-skiet ċanfira, meta waħda timpenja ruħha biex tosserva s-silenzju, tgħin lil min hu fil-bżonn, eċċ. [...] Waqt il-qari spiritwali kienet tħeġġiġna nagħmlu penitenza, inkunu kapaċi niċċaħdu, nirħbu lilna nfusna u npatti għad-dnubiet tagħna u ta' ħaddieħor. Hi stess kienet issum, imma ma kienet tħalli lil ħadd ikun jaf" (*Summarium*, p. 240).

*Qawwa*

Ix-xhieda jaffermaw li l-Qaddejja ta' Alla kellha atteġġjament ta' qawwa, fis-sens li kienet kapaċi tissaporti sitwazzjonijiet diffiċli, kumplessi, umiljanti, b'qawwa u bilanċ partikulari. Ngħidu aħna, Swor Feliċissma Cortis tirrakkonta ġrajja li seħħet meta akkumpanjat lill-Qaddejja ta' Alla fi żjara lill-komunità ta' Tas-Sliema:

"F'dak iż-żmien kienet drawwa li nerġgħu lura fil-kunvent mad-daqq tal-Ave Marija. Ħabat li kienet qorbot is-siegħa tal-Ave Marija u Madre Margerita rrealizzat li ma kienx possibbli tasal fil-ħin fid-Dar tal-Adorazzjoni tagħna fil-Belt Valletta. Għalhekk talbet lis-Superjura lokali ta' Tas-Sliema jekk stajniex nieqfu hemm għal-lejla. Imma s-Superjura ta' Tas-Sliema sabet ruħha

f'diffikultà, għax ma kellhiex post fejn traqqadna. Madre Margerita aċċettat din is-sitwazzjoni bil-kalma u erġajna lura l-Belt Valletta mingħajr ma wrejna b'xi mod li konna diżappuntati. Għall-kuntrarju, jien aġitajt ruħi tant li anki mid-dehra ta' wiċċi kont tintebaħ" (*Summarium*, pp. 192-193).

*Kastità*

Il-Qaddejja ta' Alla kienet iżżomm il-kastità tagħha intatta bit-talb u l-prudenza. Ix-xhieda jaffermaw li Madre Margerita kienet tgħix b'mod ċar il-virtù anġelika b'mod kostanti u kienet dejjem twissi lill-konsorelli biex jagħmlu l-istess u tistedinhom jgħixuha b'modestja (ara *Summarium*, p. 344).

Swor Luigina Meilak tgħid:

> "Skont Madre Margerita, il-virtù tas-safa setgħet tgħinna ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala reliġjużi, għarajjes ta' Kristu. Għalhekk kienet tinsisti spiss li napprezzaw din il-virtù għax Ġesù, l-Għarus, hu għajjur ħafna. Kienet tirrikmanda ħafna t-trażżin tas-sensi, speċjalment tal-għajnejn, kif ukoll li nagħmlu atti ta' penitenza" (*Summarium*, p. 297).

*Faqar*

Il-Qaddejja ta' Alla kienet tħobb u għexet b'mod konvint il-faqar, skont l-ispiritwalità ta' San Franġisk. Swor Aniċeta Briffa, konsorella, tgħid hekk:

> "Hawn hi ħeġġitna biex naħarbu l-vanità tad-dinja. Anki fil-mod kif nilbsu kienet tgħidilna biex ma nirfinawx iżżejjed u biex inħobbu l-faqar li hi kienet tosserva hekk skrupolożament" (*Summarium*, p. 455).

Anki x-xhieda l-oħra kollha jaffermaw li l-Qaddejja ta' Alla kienet "abitwalment" fqira, jiġifieri li ċ-ċaħda, li jkollha ftit, li taqsam kollox, li ma titlob xejn għaliha, dan kien sar parti mill-mod kif tgħix. Ix-xhieda imma jgħidulna li kienet dejjem nadifa fil-mod kif tilbes, minkejja li kienet tilbes ħwejjeġ imraqqgħa iżjed minn darba. Swor Colombina Bonnici tirrakkonta:

> "Madre Margerita kellha mħabba kbira għall-faqar, u din il-virtù għexitha sal-qiegħ nett. Kienet tassew fqira; qatt ma fittxet il-kumdità. Irridu nammettu li f'dak iż-żmien is-sorijiet kienu foqra, imma l-Madre, anki jekk kienet superjura, kemm lokali u kemm Ġenerali, qatt ma warrbet il-faqar. Il-mod kif kienet tilbes jixhed il-faqar tagħha: tunika mraqqgħa, eċċ." (*Summarium*, pp. 418-419).

*Ubbidjenza*

Anki jekk kienet il-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla kienet tobdi dritt lis-superjura li kien ikollha fuqha. Swor Lina Camilleri, li kienet taf lill-Qaddejja ta' Alla sa mill-1943, tirrakkonta:

> "Skont il-Madre aħna kellna nobdu b'għajnejna magħluqa, fis-sens li, sakemm din tkun ordni pożittiva, ma noqogħdux niddiskutu fuq dak li ġie ordnat lilna nagħmlu. Kellha spirtu kbir ta' sottomissjoni lejn is-superjuri, hekk li meta ġiet fid-dar 'San Ġużepp' fil-Ħamrun, kont ninnota li hi kienet titlob permess anki għall-affarijiet iż-żgħar. Irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna l-età veneranda tagħha" (*Summarium*, p. 361).

Il-Qaddejja ta' Alla kienet tosserva bi prontezza kbira r-regola tal-Kongregazzjoni. Swor Massimina Galea tirrakkonta:

> "Darba [kont għadni m'iniex soru] tlabtha nidħol fir-refettorju, imma l-Madre ma ħallitnix, u qaltli: 'Mhux għalissa… iktar 'il quddiem'. Naħseb li ma ħallitnix nidħol għax f'dak iż-żmien kienu josservaw il-klawsura, u hi ma kinitx it-tip li tikser l-osservanza tar-regola" (*Summarium*, p. 452).

*Umiltà*

L-umiltà tal-Qaddejja ta' Alla hi mfissra mix-xhieda bħala virtù li kellha għeruq fondi fiha. Kienet imdorrija ġġib ruħha b'mod umli, sempliċi. Swor Lucilla Caruana tirrakkonta:

"M'għandix l-iċken dubju dwar l-umiltà tal-Madre. Id-dehra tagħha, il-mixja tagħha, dawn kienu jixhdu l-umiltà li kellha. Ma kienet tippretendi xejn għaliha nfisha. Meta konna nitolbuha biex titlob għalina, il-Madre kienet iddur fuqna bil-kalma u kienet tfakkarna li minflok aħna kellna nitolbu għaliha għax kellha bżonn ħafna. Dan kienet ittennih għax kienet konvinta għal kollox mill-miżerja tagħha" (*Summarium,* p. 400).

Ta' min jinnota li l-Qaddejja ta' Alla sa mis-sena 1924 ma kinitx iżjed Superjura Ġenerali, billi fil-Kapitlu Ġenerali ġiet maħtura Madre Nazarena Gouder ta' Santa Tereża bħala Superjura Ġenerali. Il-Qaddejja ta' Alla qagħdet b'umiltà u ubbidjenza kbira għal din il-Madre Ġenerali l-ġdida. Araw ix-xhieda ta' Swor Battistina Camilleri:

"Tant kienet umli li darba qaltlina li hi kienet tirringrazzja lill-Mulej li ġabha kerha, biex ma tiġbidx lejha l-għajnejn tad-dinja.

Darba oħra, jien kont għand il-Madre Ġenerali, Madre Nazarena, u daħlet Madre Margerita bi skutella tal-kafè miksura. Madre Margerita b'sottomissjoni kbira talbet skuża lill-Madre Ġenerali, u qaltilha: 'Nitolbok tiskużani għax inqast fil-faqar', u Madre Nazarena ċanfritha. Madre Margerita aċċettat iċ-ċanfira: 'Noffrih għall-imħabba ta' Alla'. Madre Nazarena wara qaltli li indenjat tlissen xi kelma iebsa lil Madre Margerita biex turini l-għemil umli tagħha" (*Summarium,* p. 383).

*Doni mistiċi*

Ix-xhieda jfehmuna li l-Qaddejja ta' Alla ħaddnet anki profondità mistika notevoli, jiġifieri esperjenza profonda tal-ħwejjeġ sopranaturali, familjarità kbira mal-Mulej u sehem partikulari fl-għarfien ta' Alla.

Is-Sinjura Esther Sultana tirrakkonta ġrajja ta' dik li aktarx kienet esperjenza mistika tal-Qaddejja ta' Alla:

"Imbagħad emigrajna mill-ġdid fl-Awstralja. Niftakar li meta erġajna ġejna lura Malta, morna nsellmu lill-Qaddejja ta' Alla li kienet għadha x-Xagħra. Kienu xi t-tlieta ta' wara nofsinhar, konna jien u l-ġenituri tiegħi. Is-sorijiet laqgħuna fis-salott. Dakinhar il-Qaddejja ta' Alla ħadet gost ħafna tarana u ġiet tbusna. Niftakar li staqsietna kif konna morna l-Awstralja. Imbagħad f'daqqa waħda waqgħet fl-art. Missieri nkwieta ħafna għax ħaseb li ħasset xi uġigħ; imma immedjatament waslu żewġ sorijiet u waqt li għamlulna xi sinjali biex nibqgħu siekta, qalulna biex ma ninkwetaw xejn, mingħajr ma qalulna għaliex. Imma, skont huma, il-Madre kienet waqgħet f'estasi. Baqgħet hekk għal ftit ħin mhux ħażin, u aħna bqajna hemm sakemm għaddielha kollox. Imma ma għidnielha xejn. Imma l-għada morna mill-ġdid għandha u meta ġiet ħdejna, staqsietna għaliex il-jum ta' qabel konna tlaqna daqshekk malajr. Weġibnieha li ma ridniex intellfuha mit-talb. Dakinhar il-Qaddejja ta' Alla qaltilna li kienet rat il-Qalb ta' Ġesù" (*Summarium,* pp. 478-479).

Fit-tifkiriet ta' Madre Paċifika Xuereb li waslu għandna permezz tax-xhud nru 7, Patri Paolo Calliari, naqraw:

"Tant kienet kbira l-intimità li kellha ma' Alla, li darba hi stess qalet lil waħda ħabiba tal-qalb tagħha li kienet qed tikkontemplaw lill-Mulej waqt il-ħajja pubblika tiegħu. F'daqqa waħda rat lil Ġesù bħala żagħżugħ dieħel fiċ-ċella tagħha u stedinha għall-festa tat-tieġ, u hi, mitlufa minn sensiha, qalet li Ġesù tgħarras magħha mistikament u taha ċ-ċurkett tat-tieġ" (*Summarium,* p. 139).

Ħafna xhieda jirrakkuntaw li l-Qaddejja ta' Alla kellha l-ħila tintilef hekk profondament fit-talb ġol-kappella li kienet tinsa dak kollu li kien qed jiġri madwarha. Spiss fix-xhieda nsibu użata l-espressjoni li "il-Qaddejja ta' Alla kienet f'estasi". Xi drabi l-konsorelli kienu jsibuha fil-kamra mixħuta fit-talb b'dirgħajha miftuħin, u ma kinitx tintebaħ li daħal xi ħadd (*Summarium,* p. 437, 443, 366 u oħrajn).

Tant xhieda, b'mod partikulari tal-konsorelli, juruna li, minħabba f'dan l-ispirtu profond ta' talb li kellha l-Qaddejja ta' Alla, il-Mulej donnu kien idaħħalha tieħu sehem fl-għarfien tal-ħsibijiet tiegħU: xi xhieda jitkellmu wkoll dwar kif kellha l-ħila "taqra l-qlub" tal-persuni li jkollha quddiemha kif ukoll il-ħwejjeġ sopranaturali. Waħda soru tgħid:

> "Tlift lil missieri meta kont in-novizzjat u kont imħassba għall-fatt li hu ma kienx irċieva l-aħħar sagramenti qabel miet, billi l-mewt kienet ħasditlu ħajtu ħesrem. Ma kont urejt lil ħadd b'dan it-tħassib tiegħi, imma xi xhur wara mewtu sibt ruħi qrib il-Madre u staqsejtha jekk missieri kienx salva. Il-Madre, bi tbissima, weġbitni li hu kien salv, u għalhekk ma kellix għalfejn noqgħod ninkwieta" (*Summarium*, p. 369).

4. Fama ta' qdusija

Skont ix-xhieda ppreżentata bla dubju ta' xejn hi ppruvata l-fama ta' qdusija tal-Qaddejja ta' Alla. Araw din ix-xhieda ta' Swor Ildefonsa Cuschieri dwar il-fama ta' qdusija f'ħajjitha:

> "Ma kelli l-ebda ħsieb li niżvela lil xi ħadd il-ħwejjeġ intimi tiegħi, imma billi kont konvinta li Madre Margerita kienet persuna li kienet tispira l-qdusija, ħassejt li stajt nafda magħha. Ma nafx infisser sew ir-raġuni li wasslitni biex inżomm lil Madre b'mara qaddisa, imma ntenni li hi kienet tabilħaqq qaddisa" (*Summarium*, p. 369).

Ċertament, kif soltu jiġri f'każi ta' fundatriċi ta' ordnijiet reliġjużi, il-fama ta' qdusija hi aktar imxerrda fl-ordni reliġjuż tagħhom milli barra (affermat minn bosta xhieda, ngħidu aħna *Summarium*, p. 336). Imma fil-każ ta' Madre Margerita, ninnotaw li anki fost il-poplu, jiġifieri fost il-lajċi li qagħdu għall-mistoqsijiet, ukoll hi mifruxa l-fama ta' qdusija ta' Madre Margerita. Anki l-funeral bis-sehem ta' tant nies hu sinjal ta' dan.

Dwar hekk tirrakkonta Swor Guglielmina Zerafa:

> "Meta mietet il-Madre, jien kont fil-komunità tal-Birgu. Meta waslitilna l-aħbar, kollha ħassejna diqa kbira, għax konna nafu li tlifna qaddisa, imma wkoll persważi li l-Madre kienet marret dritt il-Ġenna. Wasalna għal din il-konklużjoni għax konna konvinti li hi fittxet dejjem li tgħix f'għaqda intima ma' Alla tagħha" (*Summarium*, p. 389).

Xhieda oħra jitkellmu f'termini simili u jgħidu:

> "Meta mietet Madre Margerita, is-sorijiet kollha rrepetew l-istess espressjoni: 'Tlifna ġawhra'" (*Summarium*, p. 438).

Araw ix-xhieda ta' Mons. Mikiel Azzopardi, fundatur tad-Dar tal-Providenza, li sar jaf lill-Qaddejja ta' Alla fi żmien il-gwerra. Swor Bartolo tirrakkonta:

> "Malli rani dieħla fil-kamra fejn kien rikoverat, Mons. Azzopardi laqagħni b'dawn il-kelmiet: 'Meta sa tagħmluha qaddisa lil Madre Margerita, il-fundatriċi tagħkom? Jien nista' ngħid kemm hi qaddisa dik is-soru'. Billi kien marid ħafna u dak il-ħin kien hemm żewġ sorijiet oħra fil-kamra tiegħu, ma ħassejtx li kelli nagħmillu mistoqsijiet oħra" (*Summarium*, p. 480).

Ix-xhieda miġbura u rrappurtati tal-grazzji maqlugħa jirrakkuntaw kif in-nies għadha titlob lill-Qaddejja ta' Alla anke llum biex tinterċedi għalihom quddiem Alla fid-diffikultajiet u t-tbatijiet tagħhom (ara *Summarium*, p. 90 u oħrajn). Għalhekk bla dubju ta' xejn nistgħu naffermaw li teżisti qawwa ta' interċessjoni min-naħa ta' Madre Margerita fost il-poplu li jħaddan il-fidi.

5. Konklużjoni

Il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat tal-Qalb ta' Ġesù hi ruħ li, diġà sa minn żgħożitha, ingħatat kollha kemm hi għall-Mulej. Għexet il-ħajja reliġjuża tagħha b'responsabbiltà kbira u abbandun għar-rieda ta' Alla. Ix-xhieda juruna b'mod ċar li l-Qaddejja ta' Alla laħqet grad għoli fit-tħaddim tal-virtujiet, li hi ħadet ħsieb jum wara jum fil-

forn kollu mħabba tat-talb quddiem Ġesù Sagramentat. B'mod partikulari jispikaw it-tħaddim erojku tal-prudenza, omm il-virtujiet kardinali, u t-tħaddim tal-ubbidjenza u tal-umiltà.

Dan kollu li għaddiet minnu l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita jista' jkun ta' eżempju fil-ħajja tagħna tal-lum għax jgħallimna li dak li jgħodd mhux li tkun fundatriċi jew li tiġi mfaħħra minn kulħadd, imma li tgħix ħajja kkonsagrata awtentika, jiġifieri tgħix l-għaqda ma' Alla, l-għotja sħiħa lilu, b'mod partikulari permezz ta' ħajja kostanti ta' talb u ta' servizz, anki jekk jaslu biex iwarrbuk għall-ġenb.

Għalhekk, għall-mistoqsija *an constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe et Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis, in gradu heroico, in casu et ad effectum de quo agitur*, inwieġbu *affirmative, s.m.i.*

Madankollu, nitolbu lill-Postulazzjoni tipproduċi vot fuq *re mistica*.

# Vot IX

## 1. Ħjiel bijografiku

Il-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat twieldet f'Kerċem, fil-gżira ta' Għawdex (Malta), fit-28 ta' Novembru 1862, minn Mikelanġ u Katarina Gauci.[1] Is-sitt waħda minn ħdax-il wild, ġiet mgħammda fl-istess jum bl-ismijiet: Virġinja, Ġużeppa, Marija u Giovanna.[2] Ftit nafu dwar tfulitha. Il-familja tagħha kienet sempliċi, profondament reliġjuża. Il-Qaddejja ta' Alla ffrekwentat b'regolarità l-iskejjel tal-gvern ta' żmienha fejn kisbet riżultati tajbin.

Fil-15 ta' April 1871, fl-età ta' disa' snin, irċiviet is-sagrament tal-Griżma.[3] Sa minn tfulitha kienet tqatta' sigħat twal titlob fil-knisja ta' Kerċem u spiss kienet tfittex li tinġabar waħidha. Ta' 14-il sena, fl-1876, bil-permess tal-konfessur tagħha, ħadet privatament il-vot tal-kastità.[4]

Fil-parroċċa tagħha, sadattant, bdiet tissawwar assoċjazzjoni msejħa "Tnax-il stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", ispirata mid-devozzjoni riparatriċi lill-Qalb ta' Ġesù skont il-proposta tas-saċerdot minn Genoa, Dun Gaspare Olmi, u ffurmata minn xebbiet mhux miżżewġa. Fit-8 ta' Diċembru 1877 il-Qaddejja ta' Alla daħlet tagħmel parti minn din l-assoċjazzjoni, l-ewwel taħt il-gwida tal-kappillan Dun Feliċ Refalo u mbagħad taħt dik tal-koadjutur tiegħu Dun Ġużepp Diacono.

Dun Diacono, li baqa' milqut minn xi wħud minn dawn ix-xebbiet, iddeċieda li jwaqqaf grupp ta' nisa kkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-proxxmu. Bl-approvazzjoni tal-Isqof, Mons. Pietru Pace, għażel tnax li sejħilhom "Maestri Terzjarji Franġiskani". Il-Qaddejja ta' Alla, anki jekk riedet tagħmel parti minn din il-komunità malli twaqqfet, kienet meqjusa żgħira wisq biex tiġi aċċettata f'dan l-ewwel grupp ta' kkonsagrati. Imma fil-15 ta' Awwissu 1881 ġiet milqugħa għall-vestizzjoni reliġjuża, li fiha ngħatalha l-isem ta' "Maestra Virġinja tal-Beata Margerita".

F'dan il-perjodu ħadet sehem b'mod attiv fil-missjoni ta' dawn l-ikkonsagrati, indirizzati prinċipalment lejn l-edukazzjoni ta' tfajliet foqra. Dun Diacono, sadattant, ra kif għamel biex il-komunità jkollha identità iżjed ċara, u aċċetta lil xi wħud minn dawn in-nisa biex jagħmlu l-professjoni tal-voti reliġjużi. Il-Qaddejja ta' Alla kienet fost dawn u fil-15 ta' Awwissu 1883, meta kienet għadha taħt l-età, tħalliet tipprofessa l-voti tal-kastità, il-faqar u l-ubbidjenza.

Dun Diacono għażilha bħala segretarja u vigarja tiegħu, inkarigata li tieħu ħsieb id-diffikultajiet ta' kuljum tal-Istitut il-ġdid. Dan ir-rwol kompla jikber bil-mod il-mod speċjalment wara l-promulgazzjoni tal-Kostituzzjonijiet, li seħħet mill-Isqof imsemmi fis-6 ta' Mejju 1886, anki minħabba li r-rwol primarju ta' Dun Diacono bil-mod beda jbatti. Malli seħħ dan, ġie milqugħ għall-professjoni perpetwa, skont ir-regoli l-ġodda, l-ewwel grupp ta' reliġjużi. L-istess Isqof ried jirriserva għalih l-ewwel ċelebrazzjoni ta' dan ir-rit biex jilqa' l-voti tal-Qaddejja ta' Alla separatament mill-oħrajn, fit-8 ta' Diċembru 1887. F'din iċ-ċirkustanza, il-Qaddejja ta' Alla ħadet l-isem ġdid ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù.

Minħabba f'xi problemi personali u ekonomiċi, Dun Diacono, f'Ottubru 1887, ittenta jagħlaq il-komunità mwaqqfa minu, imma l-intervent tal-Qaddejja ta' Alla, li ndaħlet biex tassumi hi

[1] *Biographia documentata*, p. 12.
[2] *Ibid.*
[3] *Ibid.*, p. 13.
[4] *Ibid.*, p. 10.

stess ir-responsabbiltà kollha tal-opra, għeleb kull periklu. Ta' 27 sena, allura, il-Qaddejja ta' Alla sabet ruħha trieġi, kif stabbilit mill-ewwel Kapitlu reġjonali fl-1889, il-Kongregazzjoni kollha, li sa dak iż-żmien diġà kienet tgħodd erba' komunitajiet imxerrda mal-gżejjer Maltin. Il-Qaddejja ta' Alla, ħlief għal xi interruzzjonijiet, wettqet dan il-mandat għal tletin sena. Taħt il-gwida tagħha, l-Istitut kompla jikber u ħareġ 'il barra mill-konfini nazzjonali biex wasal l-ewwel f'Korfù u mbagħad Sqallija, biex sa fl-aħħar mess ukoll l-Afrika. F'kull ħidma missjunarja ġdida li twaqqfet, il-Qaddejja ta' Alla kienet tmur hi qabel is-sorijiet, biex tinteressa ruħha personalment dwar l-għan u l-ambitu tal-opra li kienet qed titwieled. Fis-17 ta' Settembru 1921 approfittat minn udjenza mal-Qdusija Tiegħu Benedittu XV biex waqqfet komunità f'Ruma.

Fl-1940 intlaqtet minn attakk gravi ta' puplesija li ħalla effett ikrah darba għal dejjem fuq il-fiżiku tagħha. Għalhekk, qattgħet il-bqija ta' ħajjitha bħala pazjenta stabbli fl-infermerija tal-*Casa Madre*. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha rċiviet minn Ruma l-permess li titqarben anki mingħajr ma jkollha bżonn tagħmel is-sawma mitluba mil-liġijiet ta' dak iż-żmien. Il-Qaddejja ta' Alla mietet nhar it-22 ta' Jannar 1952 meta kellha 89 sena.

2. VALUTAZZJONI TAL-PROVI

Il-*Positio* jiftaħ bil-preżentazzjoni tar-Relatur Ġenerali, Patri Ambrogio Eszer OP, li jippreżenta b'mod konċiż u effikaċi l-imsemmija *Positio*. Wara nsibu l-*Informatio*, li fih sinstesi kemm tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla u kemm tax-xhieda tal-proċess. Hekk naslu għas-*Summarium*. Dan jiġbor ix-xhieda ta' 85 persuna li xehdu quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex (Malta) bejn l-1988 u l-1999. Minn dawn ix-xhieda, 61 ġew ippreżentati mill-Postulazzjoni u 24 ġew imsejħa wara. Il-parti l-kbira tagħhom (71) huma *de visu*. Imma hemm bżonn nagħmlu xi kummenti fuq is-*Summarium*. Tonqos lista tal-mistoqsijiet li saru lid-diversi xhieda: dan jikkawża ċerta diffikultà biex nistgħu nifhmu għal liema mistoqsija qed iwieġeb kull xhud. Barra dan, ħafna mix-xhieda (53) huma ta' reliġjużi li ġejjin mill-ordni mwaqqaf mill-Qaddejja ta' Alla u spiss huma ġeneriċi u ripetittivi. Fl-aħħar nett, mhux ftit xhieda kklassifikati bħala *de visu* fil-fatt jammettu li ltaqgħu mal-Qaddejja ta' Alla biss okkażjonalment u jirrakkuntaw episodji jew frażijiet li semgħu mingħand persuni oħra.

Wara s-*Summarium* insibu taqsima twila ta' *Documenta summario addita*, li fiha nsibu mdaħħlin żewġ testi: "Inħobbu l-Imħabba", ta' Patri Paolo Calliari, u "L-ispiritwalità tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat" ta' Patri George Aquilina. B'mod partikulari l-ewwel kitba jixirqilha ċerta attenzjoni, għax iġġib ġabra ta' ittri miktuba mill-Qaddejja ta' Alla li jgħinuna nifhmu aħjar il-ħsieb u l-ispiritwalità tagħha. Insibu, fl-istess taqsima, anki ittri ta' apprezzament min-naħa ta' bosta Isqfijiet imxerrda mad-dinja.

Il-*Positio* jkompli b'*Biographia documentata*. Din it-taqsima, anki jekk hi wiesgħa ħafna, mhix kompluta għax sostanzjalment hi biċċa meħuda mill-opra diġà msemmija "Inħobbu l-Imħabba" u, għalhekk, iktar ta' natura aġjografika milli xjentifika. Id-dokumenti huma ħafna, imma spiss superfluwi, xi kultant ippreżentati f'sinteżi.[5]

Wara l-*Biographia documentata* insibu r-*Relatio Commissionis Historicæ*, miktuba b'mod ċar u eżawrjenti. Il-parti li jmiss, *Positio super scriptis*, fiha l-ġudizzju ta' żewġ Teologi fuq il-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla: huma ittri li l-Qaddejja ta' Alla bagħet lid-diretturi spiritwali u

---

[5] Dwar dan, ara bħala eżempju l-"Ittra ta' Dun Ġużepp Diacono lil Madre Margerita" li nsibu fil-*Biographia documentata*, p. 64. Hawn ma tidher l-ebda ittra, imma biss l-aħħar kelmiet ta' dan is-saċerdot b'kumment ċkejken min-naħa tal-awtur.

konsorelli tagħha. Iż-żewġ Teologi jesprimu parir pożittiv ħafna, u jaslu biex isejħu dawn il-kitbiet edifikanti u stimulanti.[6] Fl-aħħar nett, il-*Positio* jagħlaq b'*Declaratio de non cultu,* li hi dikjarazzjoni tal-assenza ta' sinjali ta' kult, u xi *Tabulæ,* li jinkludu xi ritratti.

## 3. Valutazzjoni teoloġika

Mill-analiżi tax-xhieda u tad-dokumenti joħroġ ċar biżżejjed kif il-Qaddejja ta' Alla għexet ħajja mmarkata mill-virtù. La għandna xhieda u lanqas provi dokumentarji ta' xi elementi ta' kritika f'dan is-sens. Xhud waħda biss issemmi xi kritika li saret lill-Qaddejja ta' Alla min-naħa ta' żewġ konsorelli, imma l-istess xhud ma tagħtihomx wisq piż:

> "Fil-fatt kien hemm soru jew tnejn li ma kinux jagħtu valur lil din l-esperjenza mhux tas-soltu. Imma rrid niċċara li dawn is-sorijiet ma kinux serji fil-ħajja spiritwali tagħhom, tant li iktar tard waħda minnhom tilfet il-vokazzjoni".[7]

### 3.1 *Virtujiet teologali*

Ix-xhieda kollha jaqblu li l-Qaddejja ta' Alla kienet mara ta' fidi profonda, ta' grad għoli ta' mħabba lejn Alla li dehret fit-talb u fl-eżerċizzju tal-karità.

Dwar il-Fidi, ħafna xhieda jsemmu kif spiss il-Qaddejja ta' Alla kienet tidħol f'estasi quddiem is-Santissmu Sagrament. B'mod partikulari, kellha qima profonda lejn Ġesù Sagramentat:

> "Kellha mħabba kbira lejn l-Ewkaristija. Kienet mimlija ħeġġa għal Ġesù Ewkaristija. Il-faraġ tagħha kien li toqgħod qrib l-Ewkaristija. Kull intervall ta' ħin li kien ikollha, kienet tiġri lejn il-kappella. Qatt ma kienet taħli l-ħin tpaċpaċ".[8]

Mhumiex biss il-konsorelli tagħha li jagħtu xhieda tal-fidi tagħha, imma anki xhud lajka:

> "Qatt ma ltqajt ma' persuna oħra li kellha fidi f'Alla kif kellha l-Qaddejja ta' Alla. Kienet titlob b'devozzjoni kbira. Jien persważa li dan ma kinitx tagħmlu biex timpressjona lill-oħrajn, imma għax minn qalbha xtaqet tweġġaħ lil Alla. Fil-fatt stajt nosserva li meta kienet tkun waħidha fil-kappella, kienet tkun miġbura iżjed minn meta kont naraha mal-komunità. Kont nilmaħha tbus l-art, tbus il-ktieb tat-talb mimli xbihat li mbagħad kienet tagħfas ma' qalbha. Spiss ġara li rajt lill-Madre fil-kappella tibki u meta konna nistaqsuha l-għaliex, bi ħlewwa kienet tweġibna li l-nies kiefra, bi dnubiethom, iġġeddu l-uġigħ tal-kuruna tax-xewk li kellu mdawra Kristu ma' rasu, u għalhekk, min iħobb lil Kristu jrid jaqsam miegħu t-tbatija u jibki […] Nista' ngħid li Madre Margerita kienet tiddedika l-iżjed ħin possibbli għat-talb".[9]

Favur l-imġiba xejn komuni tagħha ta' Fidi tixhed ukoll il-ġibda kontinwa tagħha għall-missjoni u għat-tixrid tal-fidi. Kienet tobgħod verament id-dnub, li kienet tarah bħala offiża lill-Maestà divina:

> "Madre Margerita kellha biża' kbir mid-dnub. Kemm-il darba kienet tistedinna biex inkunu erwieħ riparatriċi, biex inpattu għan-nuqqasijiet tal-oħrajn".[10]
>
> "Niftakar tajjeb kemm kienet tieħu bis-serjetà l-preparazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Meta kienet tkun taf li ġej il-konfessur, kienet tmur fil-kappella siegħa jew tliet kwarti qabel. Wara l-qrara, kienet toħroġ b'għajnejha mfawra bid-dmugħ. Jien kont nibqa' mistagħġba b'dan il-fatt, għax jekk għalija kienet biżżejjed kwarta qabel, kont nistaqsi lili nnifsi, kif inhi din li l-Madre, soru ta' kwalità superjuri, kienet tieħu ħin hekk twil biex tħejji ruħha!".[11]

---

[6] Ara *Positio super scriptis*, p. 1.
[7] *Summarium,* II, p. 32 § 15.
[8] *Ibid.,* VIII, p. 167 § 270.
[9] *Ibid.,* XIX, p. 247 § 429.
[10] *Ibid.,* VIII, p. 168 § 271.
[11] *Ibid.,* XIII, p. 189 § 316.

Anki fit-tħaddim tat-Tama, l-imġiba tal-Qaddejja ta' Alla toħroġ bħala waħda eżemplari. B'mod partikulari, ta' min jinnota l-fiduċja sħiħa fil-Providenza divina, li jixhdu għaliha bosta; ngħidu aħna:

"Meta fil-komunità kienu jinqalgħu l-problemi, ngħidu aħna nuqqas ta' ikel jew ta' flus, hi kienet tistieden lis-sorijiet imorru jitolbu fil-kappella, għax kienet tgħid: 'Alla jaf kif jipprovdilna'. Din il-fiduċja fl-għajnuna ta' Alla wrietha anki meta xi soru kienet timrad [...] It-talba tagħha dejjem kienet tiġi maqlugħa u s-sorijiet kellhom provi ċari li Alla dejjem jipprovdi".[12]

L-istess fatt li, ta' età żagħżugħa, ħadet f'idejha t-tmexxija tal-komunità li kienet għadha titwieled fil-mument l-iżjed diffiċli, juri kemm il-Qaddejja ta' Alla kellha fiduċja sħiħa fil-Providenza divina. Fl-ambitu tal-Imħabba, kemm lejn Alla u kemm lejn il-proxxmu, il-Qaddejja ta' Alla kienet tispikka, skont bosta xhieda, għall-mod xejn komuni li bih għexet din il-virtù. Ħafna huma x-xhieda li jgħidu kif spiss kienet titkellem fuq l-imħabba ta' Alla u kemm kienet tħabrek biex din l-imħabba tgħaddiha lill-proxxmu:

"Fuqiex kienet tkellimna? Kienet tkellimna fuq l-imħabba ta' Alla, biss fuq l-imħabba ta' Alla u l-osservanza tar-Regola, li hi l-espressjoni l-iżjed prattika tal-imħabba ta' Alla [...] Kienet tinsisti li t-tfal jiġu edukati fl-imħabba ta' Alla u mhux fil-ħwejjeġ tad-dinja li jgħaddu".[13]

"Id-diskors tagħha kien kontinwament idur mal-imħabba ta' Alla u l-kobor tagħha. Kienet tieħu gost titkellem fuq dan is-suġġett il-ħin kollu, anki waqt ir-rikreazzjoni. Kellha xewqa u xenqa kbira li tarana nħabirku biex inħobbu lil Ġesù".[14]

Din l-Imħabba lejn Alla kienet tidher anki fis-sogħba għad-dnubiet u fis-sehem ħaj fit-tbatijiet tal-Passjoni:

"Meta kienet timmedita fuq il-Passjoni ta' Ġesù, kien spiss jiġrilha li tinfexx tolfoq. Kienet tieħu gost tagħmel il-*Via Crucis,* is-sena kollha, u mhux fir-Randan biss".[15]

L-Imħabba ta' Alla kienet tgħixha wkoll fl-Imħabba tal-proxxmu, b'mod partikulari lejn il-morda:

"Madre Margerita kienet maħbuba minn kulħadd għax dejjem kienet tfittex li taqsam din l-esperjenza ta' mħabba mal-proxxmu. Kienet turi attenzjoni partikulari lejn il-morda. Fix-xhur li qattajt magħha x-Xagħra ġie li kont immur magħha nżur lill-morda. Mhux biss kienet tfittex kif se tfarraġhom spiritwalment, imma dejjem kienet toffrilhom xi ħaġa, anki jekk spiss il-basket tagħha jkun kważi vojt. Il-morda kienu japprezzawhom ħafna ż-żjajjar tagħha, tant li kienu jistednuha tmur iżżurhom iżjed ta' spiss [...] Qatt ma smajt lil ħadd jgħid li l-Qaddejja ta' Alla tkellmet xi darba kontra l-proxxmu, imma dejjem fittxet li tgħin lil kulħadd bl-aħjar mod possibbli".[16]

Anki mal-foqra kellha għożża partikulari, speċjalment lejn it-tfal: spiss fil-fatt kienet tistieden lill-konsorelli jaċċettaw, fid-diversi skejjel li kienu jieħdu ħsieb is-sorijiet, it-tfal l-iżjed foqra u biex ma jagħmlux preferenzi jew, aħjar minn hekk, jippreferu t-tfal foqra. L-Imħabba lejn il-proxxmu l-Qaddejja ta' Alla għexitha fi grad mhux komuni, anki lejn il-konsorelli tagħha u l-ħajja komunitarja:

"L-għaqda fil-komunità dejjem kienet ix-xewqa ta' Madre Margerita. Meta kienet titlobna ngħixu l-għaqda tagħna ma' Alla, fl-istess waqt kienet tagħfas fuq il-ħtieġa tal-komunjoni u l-ftehim bejnietna. Qatt ma niftakar li kelli bżonn ta' xi ħaġa u ma kontx insib lil Madre Margerita qrib tiegħi [...] Minn fommha qatt ma smajt kliem li seta' jweġġa' persuni oħra [...] Kienet attenta li tkun materna fil-korrezzjonijiet tagħha [...] biex ma tumilja lil ħadd".[17]

---

[12] *Ibid.*, XXIX, p. 289 § 528.
[13] *Ibid.*, VII, p. 75 § 128.
[14] *Ibid.*, XLIV, p. 398 § 711.
[15] *Ibid.*, VIII, p. 167 § 270.
[16] *Ibid.*, XI, p. 180 § 298.
[17] *Ibid.*, XXVI, p. 276, §§ 495-496.

3.2 *Virtujiet kardinali*

Minn bosta xhieda nistgħu nifhmu kif il-Qaddejja ta' Alla kienet tipprattika l-virtù tal-prudenza fi grad xejn komuni. Ħafna, fil-fatt, huma x-xhieda li jaqblu fuq kemm kienet meqjusa fil-kliem li kienet tuża, kemm meta kienet tikkoreġi lill-konsorelli u kemm meta kienet tgħaddi l-ħin liberu magħhom waqt ir-rikreazzjoni:

> "Kienet persuna bbilanċjata fi kliemha u fi mġibtha. Ta' mara għarfa li kienet, kienet tagħmel kollox bi prudenza kbira. Meta kienet tissuġġerixxi xi ħaġa jew tagħmel xi korrezzjoni, mhux biss kienet turi sens ta' maturità u toqgħod attenta biex ma tweġġa' lil ħadd, imma fuq kollox kienet taġixxi b'kalma u serenità, hekk li mingħajr ma ried wieħed kien joqgħod għal dak li kienet tgħid għax kienet tikkonvinċih li kellha raġun".[18]
>
> "Qatt ma smajtha tiżbalja fi kliemha, jew tiċċajta fil-vojt. Anki waqt il-ħin tar-rikreazzjoni kienet dejjem edukata u qatt vulgari. Kienet ta' spirtu ferrieħi u dejjem kienet tibqa' magħna għar-rikreazzjoni kollha, mingħajr ma toqgħod lura, imma dejjem kienet serja u kollha mħabba lejn l-oħrajn".[19]

Anki fil-penitenzi li kienet tagħmel, skont xi xhieda, il-Qaddejja ta' Alla kienet turi prudenza kbira u tevita riġidità żejda jew superfiċjalità:

> "Kienet meqjusa u bilanċjata f'kollox. Dwar iċ-ċilizzju kienet tgħidli li ċ-ċilizzju hu forma ta' penitenza korporali, waqt li l-forma ta' penitenza li tħalli l-akbar frott hi meta nimpenjaw ruħna biex nosservaw is-silenzju, ngħinu lil min jinsab f'xi diffikultà, eċċ.".[20]

Dwar il-Ġustizzja, ftit huma x-xhieda li direttament jitkellmu dwarha (xi 10), imma mill-Bijografija u minn xhieda oħra naraw li l-Qaddejja ta' Alla fittxet dejjem li tgħix din il-virtù fil-konfront ta' Alla u tal-bnedmin b'mod mhux komuni. Ma' Alla l-Ġustizzja tagħha kienet tidher, kif diġà semmejna, meta laqgħet id-diversi karigi li kienu jafdawlha b'umiltà u sempliċità. Fl-imġiba tagħha mal-konsorelli, kellha atteġġjament ġust, fuq kollox hi u twissi:

> "Kienet twettaq id-dmirijiet tagħha b'eżattezza kbira u dan mhux biss bħala superjura, imma anki bħala suddita […] Jidhirli li hi wriet sens ta' ġustizzja ma' kulħadd, għalkemm kienet issib xi ħadd li jgergrilha xi ftit. Imma dan it-tgergir ma jfisser bl-ebda mod li l-Madre kienet żbaljat fid-deċiżjonijiet tagħha".[21]

Uriet ġustizzja anki fir-relazzjonijiet tagħha ma' dawk li kienu jiddipendu minnha, moħħha kif ħa tħallashom lura mill-ewwel,[22] u fl-edukazzjoni tas-sorijiet żgħażagħ lejn id-dmirijiet ta' ekwità morali u spiritwali lejn il-benefatturi:

> "Kienet rikonoxxenti ħafna lejn il-benefatturi u kienet twegħidhom it-talb tagħha u dak tas-sorijiet. Quddiem il-providenza kienet tlissen din l-espressjoni: 'Araw x'kapaċi jagħmel!'".[23]
>
> "Kellha rikonoxxenza kbira lejn dawk kollha li b'xi mod kienu jgħinu l-komunità. Spiss kienet tfakkarna li konna obbligati fil-kuxjenza li nitolbu għall-benefatturi tagħna, għax hekk biss stajna b'xi mod inħallsuhom lura".[24]

Iltqajna ma' xi diffikultajiet aħna u nippruvaw nibnu kwadru sħiħ dwar il-virtù tal-Qawwa, billi din ġiet ittrattata ftit li xejn tul l-interrogatorji (9 xhieda biss). Madankollu, nistgħu

---

[18] *Ibid.*, XXXVI, p. 359 § 643.
[19] *Ibid.*, V, pp. 56-57 § 79.
[20] *Ibid.*, XVIII, p. 240 § 420.
[21] *Ibid.*, XI, p. 180 § 299.
[22] *Biographia documentata*, p. 171.
[23] *Summarium*, IV, p. 52 § 64.
[24] *Ibid.*, XXXVI p. 267 § 644.

ngħidu, minn xi kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla u minn xi xhieda, li, f'mumenti ta' diffikultà, hi sabet il-qawwa fil-komunjoni tagħha ma' Alla:[25]

"…meta minn fost l-ewwel sorijiet li marru l-Abbissinja mietu tnejn, Madre Margerita ma qatgħetx qalbha quddiem din il-problema, imma qalet: 'Issa għandna l-konferma li Alla jridha din il-missjoni, għax qed jitlobna l-vittmi'. Anki meta fetħet id-dar ta' Troina, mietet soru, u l-Madre għamlet l-istess kumment".[26]

Fil-prattika tat-Temperanza, ma nsibux inkoerenza mal-bqija tal-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, kemm dwar ix-xewqa għall-pjaċir, u kemm dwar il-maħfra u l-ħlewwa tal-karattru:

"Kienet tidher li hi persuna kapaċi trażżan lilna nfisha […] Jien kont nieħu ħsieb id-dispensa […] u kont naf li hi l-iżjed li kienet tiekol bil-ħxejjex, jew inkella skutella ta' ċiċri jew ta' għads. Kienet tiekol il-ħobż iebes li kienu jħallu l-oħrajn".[27]

"Qatt ma kienet tiekol laħam, bajd jew ħalib, imma biss ħaxix u ħut ordinarji, u dan ftit li xejn. L-iskutella ċkejkna tagħha, qatt ma riditha mimlija, sa nofsha biss. Kienet tiekol ftit li xejn, dejjem kienet tfittex li tiekol ħobż iebes u mmuffat, u wara l-iskola tal-bniet hi kienet tinżel isfel fl-iskola u tmur tfittex taħt il-bankijiet il-loqom tal-ħobż li kienu jħallu t-tfal, kienet tqiegħdu fil-kexxun tagħha biex imbagħad tieklu fil-pranzu u meta kien jibbies u jimmoffa, kienet tpoġġih fl-iskutella biex jixxarrab bl-ilma sħun u mbagħad tieklu".[28]

"Kienet taħkem lilha nfisha. Qatt ma kienet tħalli li jidher fiha nuqqas ta' sabar jew l-iċken korla, imma ma' kulħadd kienet iġġib ruħha l-istess, kemm mas-sorijiet li kienu jqimuha, u kemm ma' dawk kollha li kienu jippersegwitawha […] għax kellha iżjed minn waħda li kienet teħodha kontra dak li tagħmel u tgħid; anzi, ma' dawn tal-aħħar, il-Madre kienet iġġib ruħha b'iżjed ħlewwa u meta kienet tirċievi xi offiża hi iżjed kienet tumilja ruħha u tfittex kif tiddefendi lil dik is-soru li tkun offendietha u titkellem tajjeb dwarha, tiskużaha u tikkumpatiha. Qatt ma kienet titlob xejn għaliha, u meta fi xjuħitha kienet tħoss il-bżonn ta' xi ħaġa, kienet iddur fuq is-superjura jew l-infermiera […] jekk kienet tkun tixtieq toħroġ xi ftit għall-arja, kienet tistaqsi lill-madre: 'Madre, int meta kont sejra…? Jekk ikollok post, nieħu gost', u kienet tibqa' disposta xorta waħda, kemm jekk teħodha magħha u kemm jekk le".[29]

Anki fil-kitbiet tagħha l-Qaddejja ta' Alla turi din ix-xewqa ta' mortifikazzjoni u ta' ħarba mid-dnub:

"Jeħtieġ nissieltu dejjem kontra n-natura ħażina tagħna; hemm bżonn dejjem nissagrifikaw ruħna, immutu dejjem għal dawk il-ħwejjeġ li jissodisfawna […] għat-tendenzi ħżiena tagħna. Qatt m'għandna nċedu quddiem ir-raġunar uman, lanqas għall-pretensjonijiet ta' ġisimna […], dejjem bi qlubna 'l fuq, bi ħsibijietna fi ħwejjeġ għolja u qatt fi ħwejjeġ baxxi […] Bil-grazzja divina li tgħinna, inħarsu dejjem lil hemm mill-Etna, iżjed fil-għoli, iżjed 'il fuq: hekk la nħossu ksieħ u lanqas sħana, imma arja friska u ħelwa…".[30]

### 3.3 *Kunsilli evanġeliċi*

Fl-osservanza tal-Kunsilli Evanġeliċi, il-Qaddejja ta' Alla, skont il-parti l-kbira tax-xhieda, laħqet grad xejn komuni ta' perfezzjoni. Bosta huma x-xhieda dwar l-osservanza kostanti tal-Kastità, li hi għexet, kif diġà semmejna fit-taqsima "Ħjiel bijografiku", fl-età ta' 14-il sena. Mix-xhieda ma jirriżulta l-ebda atteġġjament ambigwu; anzi, spiss il-Qaddejja ta' Alla tiġi mfissra bħala attenta anki għall-iċken ħwejjeġ li setgħu jkunu ta' periklu għas-safa tal-konsorelli tagħha:

"Skont Madre Margerita l-virtù tas-safa setgħet tgħinna ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala reliġjużi, għarajjes ta' Kristu. Għalhekk kienet tinsisti spiss fuq kemm għandna napprezzaw din il-virtù għax

---

[25] Ara Ittra 25 f'*Amiamo l'Amore*, p. 34.
[26] *Ibid.*, V, p. 58 § 85.
[27] *Ibid.*, IV, p. 52 § 65.
[28] *Ibid.*, VII, p. 118 § 199.
[29] *Ibid.*, VII, pp. 160-161 § 259.
[30] Ittra 71, f'*Amiamo l'Amore*, p. 68.

Ġesù, l-Għarus, hu għajjur ħafna. Kienet tirrikkmanda ħafna t-trażżin tas-sensi, speċjalment tal-għajnejn, kif ukoll li nagħmlu atti ta' penitenza. Mingħajr ebda ħjiel ta' esaġerazzjoni, spiss, Madre Margerita riditna nifhmu li l-użu żbaljat tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, kif huma r-radju u t-televiżjoni, jista' jagħmel ħsara lil din il-virtù. Dan nafu għax darba Madre Margerita osservat li fil-komunità kien daħal radju, u meta semgħet ħoss profan b'volum għoli, il-Madre wriet li ma ħaditx gost, għax dan mhux biss kien kuntrarju għall-ispirtu ta' silenzju, imma anki, kif diġà ntqal, seta' joħloq okkażjoni kuntrarja għall-virtù tas-safa".[31]

"Il-Madre mhux biss kienet tosserva l-virtù tas-safa, imma kienet tħeġġeġ lilna wkoll biex inkunu safja. Kienet issemmilna l-eżempju tax-Xebbiet li jimxu wara l-Ħaruf, kif insibu miktub fl-Apokalissi. Kienet twissina biex fl-imġiba esterna tagħna ma mmorrux kontra din il-virtù. Ġie li kienet tiġbdilna l-attenzjoni dwar il-kmiem imxammra waqt il-ħasil, barra li kienet tgħidilna wkoll kif għandna nġibu ruħna waqt ir-rikreazzjoni".[32]

Barra minn hekk, mix-xhieda u mill-kitbiet, ma joħorġux esperjenzi partikulari ta' taħbit u diffikultajiet li kellha l-Qaddejja ta' Alla dwar din il-virtù. Anki l-imġiba tagħha fil-Faqar ma kinitx b'inqas. Bi spirtu Franġiskan, bħall-Kongregazzjoni minnha mwaqqfa, il-Qaddejja ta' Alla għexet dan il-kunsill evanġeliku b'mod radikali, kif juru diversi xhieda. Kemm fil-mod kif tilbes, fl-ikel u fil-ġid materjali, dejjem kienet imrażżna:

"Madre Margerita kienet ruħ tabilħaqq Franġiskana, għax fiha l-virtù tal-faqar kienet għolja ħafna. Ma kinitx toqgħod tfittex x'ħa tilbes. Ma kellhiex u ma riditx li jkollha ħwejjeġ żejda. Xi drabi kien jiġrilha li jkollha titlob lil xi sorijiet jisilfuha xi ħwejjeġ biex tkun tista' tippreżenta ruħha quddiem in-nies. Meta ma kienx ikollna ħaxix fil-kunvent, spiss kienet tibgħatni niġbor il-ħurrieq u ngħallih, u kienet tieklu hi. Dan naħseb li kienet tagħmlu għall-mortifikazzjoni".[33]

"Madre Margerita kienet mudell ta' faqar. Kienet tgħix l-ispirtu ta' faqar anki waqt l-ikel. Kienet tagħmel penitenza. Kienet dejjem tilbes pulit u nadif, imma xejn ġdid. Kienet tgħidilna: 'Nodfa iva, imma mhux vanitużi. Il-libsa reliġjuża hi sinjal. Allura, għandna nilbsuha anki jekk imraqqgħa'".[34]

Ħafna xhieda oħra jitkellmu bl-istess mod. Ninnutaw kif, fuq din il-virtù, xhieda bħal dawn jgħaddu bil-kbir dawk li jitkellmu fuq virtujiet oħra. Fl-aħħar nett, l-Qaddejja ta' Alla għexet l-Ubbidjenza u l-Umiltà b'mod eżemplari. Diġà aċċennajna fil-Ħjiel Bijografiku fuq kif hi, għal xi żmien, ma kinitx tmexxi l-Istitut. F'dan il-perjodu, skont bosta xhieda, l-imġiba tagħha kienet ta' sottomissjoni sħiħa għas-superjuri, u taċċetta l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħhom. Anki lejn il-ġerarkija ekkleżjastika kellha rispett u dejjem lesta li tobdi, anki meta ma kinitx taqbel magħhom.

"Madre Margerita għallmitna l-ubbidjenza mhux biss bil-kliem imma bl-eżempju. Fil-fatt kellha qima kbira lejn is-superjuri fil-komunità u kienet sottomessa lejhom".[35]

"Il-Madre Ġenerali weġbitha li ma kinitx hi (jiġifieri Madre Margerita) li kienet qed titlob it-trasferiment tiegħi għax-Xagħra, imma kienet hi, bħala Superjura Ġenerali, li kienet qed tibgħatni, u għalhekk iz-zija obdiet u laqgħetni fil-komunità tagħha".[36]

[din ix-xhieda hi ta' neputija tal-Qaddejja ta' Alla u qed tirriferi għal trasferiment tagħha lejn il-komunità ta' Madre Margerita, li kienet kontra li qraba jkunu fl-istess komunità].

"Is-sottomissjoni lejn l-awtorità ekkleżjastika toħroġ mill-imġiba tal-Madre quddiem ix-xewqat u l-pariri tal-Isqof. L-Isqof Gonzi spiss kien jiġi jaraha x-Xagħra, kif diġà għidt, u xi drabi kienu jitkellmu fil-preżenza tagħna s-sorijiet. Kont ninnota kif il-Madre kienet dejjem lesta li ċċedi l-pożizzjoni tagħha meta l-Isqof kien ikun ta' fehma kuntrarja".[37]

[31] *Ibid.*, XXX, p. 297 § 543.
[32] *Ibid.*, XIII, p. 194 § 325.
[33] *Ibid.*, II, p. 33 § 17.
[34] *Ibid.*, IX, p. 168 § 273.
[35] *Ibid.*, V, p. 57 § 82.
[36] *Ibid.*, XI, p. 177 § 292.
[37] *Ibid.*, XIII, p. 194 § 326.

4. KONKLUŻJONI

L-iskrutinju kanoniku marbut mal-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat ma jippreżentax diffikultajiet partikulari. Minkejja l-limiti li semmejna li hemm fin-nisġa tal-*Positio*, mix-xhieda u mill-kitbiet ma joħorġux impedimenti li jmorru kontra l-għarfien tal-eżercizzju tal-virtujiet Insara b'mod erojku. Inżommu, għalhekk, li jista' jingħata parir pożittiv, imma nirrikkmandaw lill-Postulazzjoni biex, fid-dawl tal-beatifikazzjoni, terġa' tibni bijografija ġdida fuq il-Qaddejja ta' Alla, li jkollha valur xjentifiku, billi tnaqqas mit-tendenza aġjografika ta' dik li nsibu fil-*Positio*.

Għalhekk, għall-mistoqsija *an constet de virtutibus theologalibus Fide, Spe et Caritate tum in Deum tum in proximum, necnon de cardinalibus Prudentia, Iustitia, Temperantia et Fortitudine, iisque adnexis, in gradu heroico, in casu et ad effectum de quo agitur*, inwieġbu: *affirmative, s.m.j.*

## III – DISKUSSJONI TAL-KUNGRESS

Waqt il-Kungress Teoloġiku dwar il-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù (fi żmienha: Virġinja De Brincat), Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-"Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù", il-Konsulturi qabel xejn studjaw il-profil ta' din ir-reliġjuża sempliċi u umli.

Ħajjitha ġiet imfissra tajjeb ħafna mix-xhieda, fil-parti l-kbira tagħha *de visu*. Ġie osservat li jonqsu x-xhieda ta' Isqfijiet; 65% tax-xhieda ġejjin mill-Istitut imwaqqaf mill-Qaddejja ta' Alla. Imma Swor Margerita għexet marida għal iżjed minn 12-il sena fil-*Casa Madre*. Barra minn hekk, sa minn età żagħżugħa ħafna laħqet Superjura Ġenerali tal-Komunità, u refgħet fuqha r-responsabbiltajiet ta' din il-kariga; ġiet magħżula mill-ġdid għal sitt darbiet. Dan jiċċara r-rabta partikulari mal-Istitut u anki r-raġuni wara l-fama tal-qdusija prinċipalment ġewwa l-istess komunità reliġjuża mwaqqfa minnha. Rajna li l-*fama sanctitatis* kompliet tikber wara l-mewt tal-Qaddejja ta' Alla u xorta qabżet il-ħitan tal-kunvent, kif jirriżulta mix-xhieda ta' ħafna lajċi; sal-lum għadha ħajja fil-popolazzjoni lokali.

It-tħaddim erojku tal-virtujiet nistgħu nagħrfuh mir-rakkont ta' fatti konkreti. Mix-xhieda joħorġu x-xejriet ta' mara ta' fidi kbira u ta' ħajja intensa ta' talb, fuq kollox quddiem is-Santissmu, b'xi waqtiet ta' estasi.

Tagħha hi spiritwalità Kristoċentrika. Hi tidentifika l-ogħla grad ta' mħabba fi Kristu. Minn hawn titnissel il-fiduċja ikundizzjonata fil-Providenza Divina, meqjusa bħala espressjoni tal-imħabba immensa ta' Alla lejn il-ħlejjaq tiegħu. Ħafna huma l-episodji ta' abbandun totali fil-Providenza li nsibuhom mal-medda kollha ta' ħajjitha.

Saret enfasi fuq il-fatt li l-ispiritwalità profonda Ewkaristika ta' Madre De Brincat mhi qatt intimistika, indirizzata lejha nfisha, imma hi miftuħa għall-oħrajn li jduru għandha fuq kollox biex jitolbuha l-pariri. Ta' min jinnota l-kapaċità tagħha li tavviċina ż-żgħażagħ biex tiġbidhom lejn dak Alla-Mħabba li 'l quddiem, fl-età ta' erbatax-il sena, lilU kienet ingħatat bil-vot privat tal-kastità. Anki l-kitbiet tagħha, sempliċi ħafna imma profondi, għandhom l-għan li juffurmaw u jiggwidaw il-konsorelli u l-lajċi li jafdaw ruħhom f'idejha. Il-maturità spiritwali tal-Qaddejja ta' Alla, magħmula minn kostanza u perseveranza, tinbidel fi mħabba karitatevoli lejn l-iċken fis-soċjetà. Bosta huma l-inizjattivi appostoliċi li l-Qaddejja ta' Alla, flimkien mal-konsorelli, twettaq biex tiggarantixxi l-formazzjoni umana u Nisranija tal-morda, il-foqra, it-tfal subien u bniet abbandunati. L-għan hu dak li turihom min hu Alla mhux ġenerikament, imma bħala Misteru ta' Mħabba, u tgħinhom iġarrbu l-ħniena tiegħu. Mar-rigorożità u s-severità li kienet timponi fuqha nfisha, jikkuntrasta l-mod partikulari kif kienet lesta li tifhem lill-oħrajn. Dan l-aspett għandna xhieda tiegħu fl-attenzjoni partikulari li kienet turi għall-ħtiġijiet ta' kull waħda mis-sorijiet tagħha u tal-familji tagħhom.

Qalb il-virtujiet kardinali li għexet fi grad erojku jispikkaw it-temperanza u l-ġustizzja. Madankollu, l-umiltà hi l-virtù li togħla fuq l-oħrajn kollha, li tagħti nota ċertament Franġiskana lill-ispiritwalità ta' Madre Margerita. Għandna xhieda ta' kif hi, Fundatriċi u għal bosta snin Superjura Ġenerali tal-Istitut reliġjuż, qatt ma fittxet privileġġi għaliha nfisha. Anki l-mumenti ta' estasi għexithom bl-akbar sempliċità u riservatezza.

Dwar l-esperjenzi mistiċi, wieħed mill-Konsulturi ppropona li jintalab Vot *in re mystica,* sakemm espert ikun jista' jiggarantixxi l-awtentiċità tal-fenomeni. It-talba għaddiet għand il-Membri l-oħra tal-Kungress, li, b'mod unanimu, iġġudikawha superfluwa. B'mod partikulari, Konsultur osserva li hawn m'għandniex mistika oġġettiva, imma pjuttost

esperjenza personali, suġġettiva, limitata għal aspetti partikulari tar-relazzjoni bejn Alla u r-ruħ u indirizzata lejn l-edifikazzjoni tal-konsorelli.

Fi tmiem id-dibattitu, it-Teologi għarfu f'din ir-reliġjuża l-grad erojku fit-tħaddim tal-virtujiet Insara. Madre Margerita jixirqilha li tiġi pprezentata bħala mudell ta' ħajja kkonsagrata awtentika, li hi għexet fl-għaqda ma' Alla permezz tat-talb kostanti u l-abbandun għar-rieda Tiegħu. Barra dan, hi tista' tkun mudell attwali anki għal min jaħdem fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-formazzjoni taż-żgħażagħ.

## IV – KONKLUŻJONI

Fi tmiem id-dibatittu, it-Teologi Konsulturi kollha ħassew li setgħu jagħtu vot għal kollox *affermattiv* (9 minn 9).

Ir-Rev.[mi] Membri tal-Kungress, fl-għeluq, awguraw li l-Qaddejja ta' Alla Margerita tal-Qalb ta' Ġesù (fis-seklu, Virġinja De Brincat) ma ddumx ma tasal, jekk hekk jogħġob lill-Qdusija Tiegħu l-Papa, għall-Beatifikazzjoni mixtieqa.

Il-Belt tal-Vatikan, 12 ta' April 2013.

Mons. CARMELO PELLEGRINO
*Promotur tal-Fidi*

Dr ANNARITA RAGNI
*Attwarju*